Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/35

tal-10 ta' Ottubru 2014

li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/467 tat-30 ta' Settembru 2015	L 85	6	1.4.2016
►M2	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2283 tat-22 ta' Awwissu 2016	L 346	111	20.12.2016
►M3	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/669 tas-16 ta' Diċembru 2016	L 97	3	8.4.2017
►M4	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1542 tat-8 ta' Ġunju 2017	L 236	14	14.9.2017
►M5	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1221 tal-1 ta' Ġunju 2018	L 227	1	10.9.2018
►M6	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/981 tat-8 ta' Marzu 2019	L 161	1	18.6.2019
►M7	Regolament Delegat Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1865 tas-6 ta' Ġunju 2019	L 289	3	8.11.2019
►M8	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/442 tas-17 ta' Diċembru 2019	L 92	1	26.3.2020
►M9	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/988 tat-12 ta' Marzu 2020	L 221	3	10.7.2020

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 264, 13.10.2017, p. 24 (2017/1542)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 195, 1.8.2018, p. 27 (2015/35)
►C3 Emendi, Ġ.U. L 168, 25.6.2019, p. 16 (2019/981)

▼B

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/35

tal-10 ta' Ottubru 2014

li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

TITOLU I VALUTAZZJONI U REKWIŻITI KAPITALI BBAŻATI FUQ IR-RISKJI (PILASTRU I), GOVERNANZA MTEJBA (PILASTRU II) U TRASPARENZA AKBAR (PILASTRU III)

KAPITOLU I Dispożizzjonijiet ġenerali

TAQSIMA 1 Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

TAQSIMA 2 Evalwazzjonijiet esterni tal-kreditu

KAPITOLU II Valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet

KAPITOLU III Regoli dwar dispożizzjonijiet tekniċi

TAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali

TAQSIMA 2 Kwalità tad-dejta

TAQSIMA 3 Metodoloġiji għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi

SUBTAQSIMA 1 Suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi

SUBTAQSIMA 2 Informazzjoni sottostanti għall-kalkolu tal-aħjar stimi

SUBTAQSIMA 3 Projezzjonijiet tal-flussi tal-flus għall-kalkolu tal-aħjar stima

SUBTAQSIMA 4 Marġni tar-riskju

SUBTAQSIMA 5 Kalkolu tal-provvedimenti tekniċi bħala total

SUBTAQSIMA 6 Rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

TAQSIMA 4 Struttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju

SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali

SUBTAQSIMA 2 Struttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju

SUBTAQSIMA 3 Aġġustament għall-volatilità

SUBTAQSIMA 4 Aġġustament ta' korrispondenza

TAQSIMA 5 Linji ta' negozju

TAQSIMA 6 Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet

KAPITOLU IV Fondi proprji

TAQSIMA 1 Determinazzjoni tal-fondi proprji

SUBTAQSIMA 1 Approvazzjoni superviżorja ta' fondi proprji anċillari

SUBTAQSIMA 2 Trattament tal-parteċipazzjonijiet tal-fondi proprji

TAQSIMA 2 Klassifikazzjoni tal-fondi proprji

TAQSIMA 3 Eliġibbiltà tal-fondi proprji

SUBTAQSIMA 1 Fondi ring-fenced

SUBTAQSIMA 2 Limiti kwantitattivi

▼B

KAPITOLU V Formula standard tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza

TAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali

SUBTAQSIMA 1 Kalkoli bbażati fuq ix-xenarji

SUBTAQSIMA 2 Approċċ ta' trasparenza

SUBTAQSIMA 3 Gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali

SUBTAQSIMA 4 Riskju ta' bażi materjali

SUBTAQSIMA 5 Kalkolu tar-rekwiżit kapitali bażiku tas-solvenza

SUBTAQSIMA 6 Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet

SUBTAQSIMA 7 Kamp ta' applikazzjoni tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni

TAQSIMA 2 Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

TAQSIMA 3 riskju tal-modulu ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja

TAQSIMA 4 Modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa

TAQSIMA 5 Modulu tar-riskju tas-suq

SUBTAQSIMA 1 Koeffiċjenti ta' korrelazzjoni

SUBSEZZJONI 1a Investimenti infrastrutturali kwalifikanti

SUBTAQSIMA 2 Submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

SUBTAQSIMA 3 Submodulu ta' riskju tal-ekwità

SUBTAQSIMA 4 Submodulu ta' riskju fuq il-propjetà

SUBTAQSIMA 5 Submodulu ta' riskju tal-firxa

SUBTAQSIMA 6 Submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq

SUBTAQSIMA 7 Submodulu ta' riskju fuq il-valuta

TAQSIMA 6 Modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti

SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali

SUBTAQSIMA 2 Skoperturi tat-tip 1

SUBTAQSIMA 3 Skoperturi tat-tip 2

TAQSIMA 7 Modulu ta' assi intanġibbli

TAQSIMA 8 Riskju operazzjonali

TAQSIMA 9 aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tad-dispożizzjonijiet tekniċi u t-taxxi differiti

TAQSIMA 10 Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju

TAQSIMA 11 Fondi ring fenced

TAQSIMA 12 Parametri speċifiċi tas-sottoskrizzjoni

TAQSIMA 13 Proċedura biex jiġu aġġornati l-parametri ta' korrelazzjoni

KAPITOLU VI Rekwiżit kapitali tas-solvenza — mudelli interni sħaħ u parzjali

TAQSIMA 1 Definizzjonijiet

TAQSIMA 2 Test tal-użu

TAQSIMA 3 Standards tal-kwalità statistika

TAQSIMA 4 Standards tal-kalibrazzjoni

TAQSIMA 5 Integrazzjoni tal-mudelli interni parzjali

TAQSIMA 6 Attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

TAQSIMA 7 Standards tal-validazzjoni

TAQSIMA 8 Standards tad-dokumentazzjoni

▼B

TAQSIMA 9 Mudelli u dejta esterni

KAPITOLU VII Rekwiżit kapitali minimu

KAPITOLU VIII Investimenti f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

KAPITOLU IX Sistema ta' governanza

TAQSIMA 1 Elementi tas-sistema ta' governanza

TAQSIMA 2 Funzjonijiet

TAQSIMA 3 Rekwiżiti ta' idoneità

TAQSIMA 4 Esternalizzazzjoni

TAQSIMA 5 Politika ta' renumerazzjoni

KAPITOLU X Supplimentazzjoni kapitali

TAQSIMA 1 Ċirkustanzi biex tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali

TAQSIMA 2 Metodoloġiji għall-kalkolu ta' supplimentazzonijiet kapitali

KAPITOLU XI Estensjoni tal-perjodu ta' rkupru

KAPITOLU XII Divulgazzjoni pubblika

TAQSIMA 1 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja: struttura u kontenut

TAQSIMA 2 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp; nonżvelar ta' informazzjoni

TAQSIMA 3 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp; skadenzi, mezzi ta' divulgazzjoni u aġġornamenti

KAPITOLU XIII Rappurtar superviżorju regolari

TAQSIMA 1 Elementi u kontenut

TAQSIMA 2 Skadenzi u mezzi ta' komunikazzjoni

KAPITOLU XIV Trasparenza u responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji

KAPITOLU XV Veikoli bi skop speċjali

TAQSIMA 1 Awtorizzazzjoni

TAQSIMA 2 Kundizzjonijiet kuntrattwali mandatorji

TAQSIMA 3 Sistema ta' governanza

TAQSIMA 4 Rappurtar superviżorju

TAQSIMA 5 Rekwiżiti ta' solvenza

TITOLU II GRUPPI TAL-ASSIGURAZZJONI

KAPITOLU I Kalkolu tas-solvenza fil-livell tal-grupp

TAQSIMA 1 Solvenza tal-grupp għażla tal-metodu ta' kalkolu u prinċipji ġenerali

TAQSIMA 2 Solvenza tal-grupp metodi ta' kalkolu

KAPITOLU II Mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat

TAQSIMA 1 Mudellli interni sħaħ u parzjali użati biss għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp

TAQSIMA 2 Użu ta' mudell intern għall-grupp

KAPITOLU III Superviżjoni tas-solvenza tal-grupp għal gruppi b'immaniġġjar tar-riskju ċentralizzat

KAPITOLU IV Koordinazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp

▼B

TAQSIMA 1 Kulleġġi tas-superviżuri

TAQSIMA 2 Skambju ta' informazzjoni

TAQSIMA 3 Supervizzjoni nazzjonali jew reġjonali tas-sottogrupp

KAPITOLU V Divulgazzjoni pubblika

TAQSIMA 1 Rapport dwar is-solvenza tal-grupp u l-kundizzjoni finanzjarja

TAQSIMA 2 Rapport dwar is-solvenza unika u l-kundizzjoni finanzjarja

KAPITOLU I Rappurtar superviżorju regolari

TAQSIMA 1 Rappurtar regolari

TAQSIMA 2 Rappurtar dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju u tranżazzjonijiet bejn il-gruppi

TITOLU IIII EKWIVALENZA TA' PAJJIŻ TERZ U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU I Impriżi li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz

KAPITOLU II Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatati

KAPITOLU III Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għandhom l-impriżi prinċipali barra mill-unjoni

KAPITOLU IV Dispożizzjonijiet finali

▼B

TITOLU I

VALUTAZZJONI U REKWIŻITI KAPITALI BBAŻATI FUQ IR-RISKJI (PILASTRU I), GOVERNANZA MTEJBA (PILASTRU II) U TRASPARENZA AKBAR (PILASTRU III)

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA 1

Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "metodi alternattivi ta' valwazzjoni" tfisser metodi ta' valwazzjoni li huma konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, minbarra dawk li jużaw biss il-prezzijiet ikkwotati tas-suq għall-istess assi jew obbligazzjonijiet jew oħrajn simili;

2. "analiżi tax-xenarji" tfisser l-analiżi tal-impatt ta' taħlita ta' eventi avversi;

3. "obbligu tal-assigurazzjoni tas-saħħa" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (i) l-għoti ta' trattament jew kura medika inkluż trattament jew kura medika preventivi jew kurattivi minħabba mard, aċċidenti, diżabbiltà jew nuqqas ta' saħħa, jew kumpens finanzjarju għat-tali trattament jew kura,

   (ii) kumpens finanzjarju li jirriżulta minn mard, aċċidenti, diżabbiltà jew nuqqas ta' saħħa;

4. "obbligu tal-assigurazzjoni għall-ispejjeż mediċi" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-għoti jew il-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (3)(i);

5. "obbligu tal-assigurazzjoni għall-protezzjoni tad-dħul" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (3)(ii) barra mill-kumpens imsemmi fil-punt (3)(i);

6. "obbligu tal-assigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-għoti jew il-kumpens finanzjarju msemmi fil-punti (3)(i) u (ii) u li jirriżulta biss minn aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, korriment industrijali u mard okkupazzjonali;

7. "obbligu tar-riassigurazzjoni tas-saħħa" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa;

8. "obbligu tar-riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi;

▼B

9. “obbligu tar-riassigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul” tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul;

10. “obbligu tar-riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema” tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-asssigurazjoni tal-kumpens tal-ħaddiema;

11. “primjums kontabilizzati” tfisser, il-primjums dovuti lil impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni waqt perjodu ta' żmien speċifikat irrispettivament minn jekk it-tali primjums jistgħux ikunu marbutin, parzjalment jew kompletament, ma' kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mogħtija f'perjodu ta' żmien differenti;

12. “primjums iggwadanjati” tfisser, il-primjums marbutin mar-riskju kopert mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni matul perjodu ta' żmien speċifikat;

13. “ċediment” tfisser il-modi kollha possibbli biex polza tiġi tterminata kompletament jew parzjalment, inklużi:

   (i) terminazzjoni volontarja tal-polza bil-ħlas jew mingħajr il-ħlas ta' valur ta' ċediment;

   (ii) bidla f'impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mid-detentur ta' polza;

   (iii) terminazzjoni tal-polza li tirriżulta meta d-detentur ta' polza jirrifjuta milli jħallas il-primjum;

14. “diskontinwità” ta' polza tal-assigurazzjoni tfisser ċediment, skadenza mingħajr valur, il-ħlas ta' kuntratt, provvedimenti awtomatiċi ta' nuqqas ta' skwalifika jew l-eżerċitar ta' opzjonijiet oħrajn ta' diskontinwità jew in-nuqqas ta' eżerċitar ta' opzjonijiet ta' kontinwità;

15. “opzjonijiet ta' diskontinwità” tfisser id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detenturi ta' polza li jippermettu lil dawk id-detenturi ta' polza jitterminaw, iċedu, inaqqsu, jirrestringu jew jissospendu kompletament jew parzjalment il-kopertura tal-assigurazzjoni jew jippermettu l-politika tal-assigurazzjoni li tiskadi;

16. “opzjonijiet ta' kontinwità” tfisser id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detenturi ta' polza li jippermettu lil dawk id-detenturi ta' polza jistabbilixxu, iġeddu, iżidu, jestendu jew ikomplu kompletament jew parzjalment il-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

17. “kopertura ta' mudell intern” tfisser ir-riskji li huma riflessi fil-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li ssawwar il-mudell intern;

18. “ambitu ta' mudell intern” tfisser ir-riskji li l-mudell intern ikun approvat biex ikopri; l-ambitu ta' mudell intern jista' jinkludi riskji li huma u li mhumiex riflessi fil-formula standard għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

▼M5

18a. “titolizzazzjoni” tfisser tranżazzjoni jew skema kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 ([1]);

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

▼M5

18b. “titolizzazzjoni STS” tfisser titolizzazzjoni klassifikata bħala “sempliċi, trasparenti u standardizzata” jew “STS” f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

19. “pożizzjoni tat-titolizzazzjoni” tfisser pożizzjoni tat-titolizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

19a. “pożizzjoni tat-titolizzazzjoni superjuri” tfisser pożizzjoni tat-titolizzazzjoni superjuri fis-sens tal-Artikolu 242(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([1]);

20. “pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni” tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

21. “oriġinatur” tfisser oriġinatur fit-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

22. “sponsor” tfisser sponsor fit-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

23. “segment” tfisser segment fit-tifsira tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼B

24. “bank ċentrali” tfisser bank ċentrali fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(46) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

25. “riskju ta' bażi” tfisser ir-riskju li jirriżulta mis-sitwazzjoni li fiha l-iskopertura koperta mit-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma tikkorrispondix għall-iskopertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

26. “arranġamenti kollaterali” tfisser arranġamenti li skonthom il-fornitur ta' kollateral jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jittrasferixxi s-sjieda sħiħa tal-kollateral lir-riċevitur tal-kollateral għall-finijiet ta' garanzija jew kopertura b'xi mod ieħor tal-prestazzjoni ta' obbligu rilevanti;

(b) jipprovdi l-kollateral bħala mezz ta' titolu ta' sigurtà favur, jew lil, riċevitur tal-kollateral, u s-sjieda legali tal-kollateral tibqa' tal-fornitur tal-kollateral jew ta' kustodju meta d-dritt tas-sigurtà jiġi stabbilit;

27. b'rabta ma' sett ta' entrati, “it-taħlitiet kollha possibbli ta' żewġ” entrati bħal dawn tfisser il-pari tal-entrati ordnati kollha minn dak is-sett;

28. “arranġament ta' pula” tfisser arranġament li bih diversi impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jaqblu li jikkondividu riskji tal-assigurazzjoni identifikati fi proporzjonijiet definiti. Il-partijiet assigurati mill-membri tal-arranġament tal-pula ma jkunux membri tal-arranġament tal-pula huma stess.

29. “skopertura tal-pula tat-tip A” tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal arranġament tal-pula fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

▼B

30. “skopertura tal-pula tat-tip B” tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazjoni jew tar-riassigurazzjoni għal membru ieħor ta' arranġament tal-pula fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula;

31. “skopertura tal-pula tat-tip C” tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazjoni jew tar-riassigurazzjoni li tkun parti minn arranġament tal-pula għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni oħra li ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula.

32. “suq kbir” tfisser suq fejn tranżazzjonijiet li jinvolvu kwantità kbira ta' strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jsiru mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prezz tal-istrumenti.

33. “suq likwidu” tfisser suq fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu jistgħu jiġu kkonvertiti faċilment permezz ta' att ta' xiri jew bejgħ mingħajr ma jikkawżaw ċaqliq sinifikanti fil-prezz.

34. “suq trasparenti” tfisser suq li fih l-informazzjoni attwali dwar in-negozju u l-prezzijiet tkun disponibbli faċilment għall-pubbliku, partikolarment għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

35. “bonusijiet diskrezzjonali futuri” u “benefiċċji diskrezzjonali futuri” jfissru benefiċċji futuri li mhumiex benefiċċji tal-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni barra minn dawk li jkunu marbutin mal-indiċi jew mal-unitajiet u li jkollhom dawn il-karatteristiċi:

(a) dawn ikunu legalment jew kuntrattwalment imsejsin fuq wieħed jew iktar minn wieħed minn dawn ir-riżultati jew bosta minnhom:

(i) il-prestazzjoni ta' grupp speċifikat ta' kuntratti jew ta' tip speċifikat ta' kuntratt jew ta' kuntratt wieħed;

(ii) ir-redditu fuq l-investiment realizzat jew mhux realizzat fuq pula speċifikata ta' assi miżmumin mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(iii) il-profitt jew it-telf tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew il-fond korrispondenti għall-kuntratt;

(b) dawn ikunu bbażati fuq dikjarazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u t-twaqqit jew l-ammont tal-benefiċċji jkunu għad-diskrezzjoni totali jew parzjali tagħha;

36. “struttura tat-terminu bażika tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju” tfisser struttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju li tkun derivata bl-istess mod bħall-istruttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju li għandha tintuża biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE iżda mingħajr applikazzjoni ta' aġġustament ta' korrispondenza jew aġġustament ta' volatilità jew aġġustament tranżitorju għall-istruttura tar-rata mingħajr riskju rilevanti skont l-Artikolu 308c ta' dik id-Direttiva;

37. “portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza” tfisser portafoll ta' obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza u l-portafoll assenjat tal-assi kif imsemmi fl-Artikolu 77b(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼B

38. “obbligi tas-Saħħa SLT” tfisser obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jkunu assenjati għal-linji operatorji għall-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja skont l-Artikolu 55(1).

39. “obbligi tas-Saħħa NSLT” tfisser obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jkunu assenjati għal-linji operatorji għall-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont l-Artikolu 55(1).

40. “Impriża ta' investiment kollettiv” tfisser impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (undertaking for collective investment in transferable securities — UCITS) kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew fond ta' investiment alternattiv (alternative investment fund — AIF) kif inhu ddefinit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

41. b'rabta mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, “unità tan-negozju prinċipali” tfisser segment iddefinit tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jopera b'mod indipendenti minn partijiet oħrajn tal-impriża u li jkollu riżorsi u proċeduri ta' governanza ddedikati fl-impriża u li jinkludi riskji li jkunu materjali b'rabta man-negozju kollu tal-impriża;

42. b'rabta ma' grupp tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, “unità tan-negozju prinċipali” tfisser segment iddefinit tal-grupp li jopera b'mod indipendenti minn partijiet oħrajn tal-grupp u li jkollu riżorsi u proċeduri ta' governanza ddedikati fil-grupp u li jinkludi riskji li jkunu materjali b'rabta man-negozju kollu tal-grupp; kwalunkwe entità ġuridika li tappartjeni għall-grupp hija unità tan-negozju prinċipali jew tikkonsisti minn diversi unitajiet tan-negozju prinċipali;

43. “korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju” għandha tfisser, fejn fil-liġi nazzjonali tkun prevista sistema tal-bord b'żewġ livelli li tinkludi korp ta' ġestjoni u korp superviżorju, il-korp maniġerjali jew il-korp superviżorju jew dawn iż-żewġ korpi kif ikun speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew, meta ma jkunx speċifikat l-ebda wieħed fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-korp maniġerjali;

44. “skopertura għar-riskju massimu aggregat” tfisser it-total tal-pagamenti massimi, inklużi l-ispejjeż li l-veikoli bi skop speċjali jistgħu jġarrbu, esklużi l-ispejjeż li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-veikolu bi skop speċjali għandu d-dritt li jirrikjedi li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferiet ir-riskji fuq il-veikolu bi skop speċjali tħallas għall-ispiża;

([1]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)(ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([2]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

▼B

(b) il-veikolu bi skop speċjali mhuwiex meħtieġ iħallas l-ispejjeż sakemm qabel ma jkun riċevut ammont ekwivalenti għall-ispiża mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferiet ir-riskji fuq il-veikolu bi skop speċjali;

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferiet ir-riskji fuq il-veikolu bi skop speċjali ma tinkludix l-ispiża bħala ammont rekuperabbli mill-veikolu bi skop speċjali skont l-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament.

45. "kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni eżistenti" tfisser kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkunu ġew rikonoxxuti obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għalih;

46. "il-qligħ mistenni inkluż fil-primjums futuri" tfisser il-valur preżenti mistenni tal-flussi tal-flus futuri li jirriżultaw mill-inklużjoni fil-provvedimenti tekniċi ta' primjums relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni eżistenti li jkunu mistennija li jiġu riċevuti fil-ġejjieni, iżda li ma jistgħux jiġu riċevuti għal kwalunkwe raġuni, ħlief meta r-raġuni tkun li seħħ l-event assigurat, irrispettivament mid-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur ta' polza biex iwaqqaf il-polza.

47. "assigurazzjoni ipotekarja" tfisser assigurazzjoni tal-kreditu li tipprovdi kopertura lill-mutwanti f'każ ta' li s-self ipoketarju tagħhom jisfa inadempjenti.

48. "impriża sussidjarja" tfisser kwalunkwe impriża sussidjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 2013/34/UE, inklużi sussidjarji tagħha;

49. "impriża relatata" tfisser kwalunkwe impriża sussidjarja jew impriża oħra li fiha ssir parteċipazzjoni, jew impriża marbuta ma' impriża oħra permezz ta' relazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

50. "impriża regolata" tfisser "entità regolata" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

51. "impriża mhux regolata" tfisser kwalunkwe impriża barra minn dawk elenkati fl-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2002/87/KE;

52. "impriża mhux regolata li twettaq attivitajiet finanzjarji" tfisser impriża mhux irregolata li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fejn dawk l-attivitajiet jikkostitwixxu parti sinifikanti mill-attività totali tagħha;

([1]) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

▼B

53. “impriża ta' servizzi anċillari” tfisser impriża mhux regolata li l-attività ewlenija tagħha tikkonsisti f'li jkollha jew tamministra proprjetà, tamministra servizzi ta' pproċessar tad-dejta, servizzi tas-saħħa u tal-kura jew kwalunkwe attività oħra simili li hija anċillari għall-attività prinċipali ta' waħda jew aktar minn waħda mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

54. “kumpanija maniġerjali tal-UCITS” tfisser kumpanija maniġerjali fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE jew kumpanija ta' investiment awtorizzata skont l-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva sakemm din ma tkunx ħatret kumpanija maniġerjali skont dik id-Direttiva;

55. “maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv” tfisser maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE;

▼M4

55a. “assi ta' infrastruttura” tfisser assi, strutturi jew faċilitajiet fiżiċi, sistemi u netwerks li jipprovdu jew li jappoġġaw servizzi pubbliċi essenzjali;

55b. “entità infrastrutturali” tfisser entità jew grupp li, matul l-iktar sena finanzjarja riċenti ta' din l-entità jew grupp li għalihom jinsabu disponibbli ċifri jew fi proposta finanzjarja, jieħdu l-maġġoranza sostanzjali tad-dħul tagħhom mis-sjieda, finanzjament, żvilupp jew operat ta' assi infrastrutturali;

▼B

56. “istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali” tfisser istituzzjonijiet fit-tifsira tal-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

57. “impriża tal-assigurazzjoni domestika” tfisser impriża awtorizzata u ssorveljata minn awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi li tirrikjedi awtorizzazzjoni bħala impriża tal-assigurazzjoni skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/138/KE li kieku l-uffiċċju prinċipali tagħha kien jinsab fl-Unjoni;

58. “impriża tar-riassigurazzjoni domestika” tfisser impriża awtorizzata u ssorveljata minn awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li tirrikjedi awtorizzazzjoni bħala impriża tar-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/138/KE li kieku l-uffiċċji prinċipali tagħha kienu jinsabu fl-Unjoni;

▼M6

59. ‘CCP’ tfisser CCP kif iddefinit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parliament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

([1]) Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

▼M6

60. ‘falliment remot’, f'relazzjoni mal-assi tal-klijent, tfisser li jeżistu arranġamenti effettivi li jiżguraw li dawk l-assi mhux ser ikunu disponibbli għal krediturі ta' CCP jew ta' membru tal-ikklirjar fl-avveniment ta' insolvenza ta' dak is-CCP jew membru tal-ikklirjar rispettivament, jew li l-assi mhux ser ikunu disponibbli għall-membru tal-ikklirjar biex ikopru t-telf imġarrab wara inadempjenza ta' klijent jew klijenti minbarra dawk li pprovdew l-assi;

61. ‘klijent’ tfisser klijent kif iddefinit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew impriża li stabbiliet arranġamenti ta' ikklirjar indiretti ma' membru tal-ikklirjar f'konformità mal-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament.

62. ‘membru tal-ikklirjar’ tfisser membru tal-ikklirjar kif iddefinit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

63. ‘tranżazzjoni relatata mas-CCP’ tfisser kuntratt jew tranżazzjoni mniżżla fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 301 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bejn klijent u membru tal-ikklirjar li huwa direttament relatat ma' kuntratt jew tranżazzjoni mniżżla f'dak il-paragrafu bejn il-membru tal-ikklirjar u CCP.

▼B

Artikolu 2

Ġudizzju espert

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jagħmlu suppożizzjonijiet dwar regoli relatati mal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, il-fondi proprji, ir-rekwiżiti kapitali tas-solvenza, ir-rekwiżiti kapitali minimi u r-regoli tal-investiment, dawk is-suppożizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien espert tal-persuni bl-għarfien, l-esperjenza u l-fehim rilevanti tar-riskji inerenti fin-negozju tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tagħhom.

2. Filwaqt li jqisu kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li l-utenti interni tas-suppożizzjonijiet rilevanti jiġu mgħarrfin dwar il-kontenut rilevanti, il-livell ta' affidabbiltà u l-limitazzjonijiet tagħhom. Għal dak il-għan, il-forniturі tas-servizzi li jkunu ġew esternalizzati lilhom funzjonijiet jew attivitajiet jiġu kkunsidrati li huma utenti interni.

TAQSIMA 2

Valutazzjonijiet tal-kreditu esterni

Artikolu 3

Assoċjazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu mal-iskali tal-kwalità kreditizja

Il-livell tal-iskali tal-kwalità kreditizja msemmija fl-Artikolu 109a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludi l-iskali tal-kwalità kreditizja minn żero sa sitta.

▼B

Artikolu 4

Rekwiżiti ġenerali dwar l-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jużaw valutazzjoni tal-kreditu esterna għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-formula standard biss fejn din tkun inħarġet minn Istituzzjoni Esterna tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAI) jew approvata minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jinnominaw ECAI waħda jew aktar biex jintużaw għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-formula standard.

3. L-użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu jkun konsistenti u t-tali valutazzjonijiet ma jintużawx b'mod selettiv

4. Meta jużaw il-valutazzjonijiet tal-kreditu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu pprovduti minn ECAI nominata għal ċerta klassi ta' entrati, tuża dawk il-valutazzjonijiet tal-kreditu b'mod konsistenti għall-entrati kollha li jappartjenu għal dik il-klassi;

(b) meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu pprovduti minn ECAI nominata, tużahom b'mod konsistenti u kontinwu tul iż-żmien;

(c) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża biss valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAI nominata li jikkunsidraw l-ammonti kollha ta' prinċipal u ta' mgħax li jridu jingħataw lilha;

(d) meta jkun hemm disponibbli biss valtazzjoni tal-kreditu waħda minn ECAI nominata għal entrata kklassifikata, dik il-valutazzjoni tal-kreditu intuża biex tiddetermina r-rekwiżiti kapitali għal dik l-entrata;

(e) meta jkun hemm disponibbli żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati u dawn jikkorrispondu għal parametri differenti għal entrata kklassifikata, il-valutazzjoni li tiġġenera rekwiżit kapitali ogħla tintuża;

(f) meta jkun hemm disponibbli iktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati għal entrata kklassifikata, jintużaw iż-żewġ valutazzjonijiet li jiġġeneraw l-inqas żewġ rekwiżiti kapitali. Jekk l-inqas żewġ rekwiżiti kapitali jkunu differenti, tintuża l-valutazzjoni li tiġġenera l-ogħla rekwiżit kapitali minn dawk iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu. Jekk l-inqas żewġ rekwiżiti kapitali jkunu l-istess, intuża l-valutazzjoni li tiġġenera dak ir-rekwiżit kapitali;

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

▼B

(g) meta jkunu disponibbli, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw kemm valutazzjonijiet tal-kreditu mitlubin kif ukoll dawk mhux mitlubin.

5. Meta entrata tkun parti mill-iskoperturi l-kbar jew dawk aktar kumplessi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-impriża tipproduċi l-valutazzjoni tal-kreditu interna tagħha stess tal-entrata u tallokaha f'waħda mis-seba' livelli fl-iskala ta' valutazzjoni tal-kwalità kreditizja. Meta l-valutazzjoni tal-kreditu interna tagħha stess tiġġenera rekwiżit kapitali aktar baxx minn dak iġġenerat mill-valutazzjonijiet tal-kreditu disponibbli mill-ECAIs nominati, il-valutazzjoni tal-kreditu interna stess ma tiġix ikkunsidrata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

▼M5

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, l-iskoperturi l-kbar jew dawk aktar kumplessi ta' impriża għandhom jinkludu l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif inhu msemmi fl-Artikolu 178(8) u (9) u l-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni.

▼B

Artikolu 5

Valutazzjoni tal-kreditu tal-emittenti u tal-emissjoni

1. Meta tkun teżisti valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifiċi li għalihom tappartjeni l-entrata li tikkostitwixxi l-iskopertura, tintuża dik il-valutazzjoni tal-kreditu.

2. Meta ma jkunx hemm valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli għal ċerta entrata, iżda jkun hemm valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifiċi li ma tappartjenix għalihom l-entrata li tikkostitwixxi l-iskopertura jew ikun hemm valutazzjoni tal-kreditu ġenerali għall-emittent, dik il-valutazzjoni tal-kreditu tintuża f'wieħed minn dawn il-każijiet:

(a) tipproduċi l-istess rekwiżit kapitali jew wieħed ogħla milli kien ikun il-każ u l-iskopertura inkwistjoni tikklassifika *pari passu* jew f'livell infejuri fl-aspetti kollha bħall-programm jew il-faċilità emittenti speċifiċi jew għal skoperturi skoperta superjuri ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti;

(b) tipproduċi l-istess rekwiżit kapitali jew wieħed inqas milli kien ikun il-każ u l-iskopertura inkwistjoni tikklassifika *pari passu* jew f'livell superjuri fl-aspetti kollha bħall-programm jew il-faċilità emittenti speċifiċi jew għal skoperturi skoperti superjuri ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti.

Fil-każijiet kollha l-oħrajn, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jikkunsidraw li ma hemmx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata disponibbli għall-iskopertura.

3. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu għall-emittenti fi grupp korporattiv ma jintużawx bħala valutazzjoni tal-kreditu għal emittent ieħor fil-istess grupp korporattiv.

▼B

Artikolu 6

Żewġ gradazzjonijiet tal-kreditu għall-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(4)(d), fejn ikun hemm disponibbli valutazzjoni waħda biss tal-kreditu minn ECAI nominata għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, ma tintużax dik il-valutazzjoni tal-kreditu. Ir-rekwiżiti kapitali għal dik l-entrata jiġu dderivati bħallikieku ma hemmx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata disponibbli.

KAPITOLU II

VALUTAZZJONI TAL-ASSI U L-OBBLIGAZZJONIJIET

Artikolu 7

Suppożizzjonijiet ta' valutazzjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet abbażi tas-suppożizzjoni li l-impriża tkun se twettaq in-negozju tagħha bħala negozju avvjat.

Artikolu 8

Kamp ta' applikazzjoni

L-Artikoli 9 sa 16 japplikaw għar-rikonoxximent u l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, ħlief għall-provvedimenti tekniċi.

Artikolu 9

Metodoloġija ta' valutazzjoni — prinċipji ġenerali

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jirrikonoxxu l-assi u l-obbligazzjonijiet f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, diment li dawk l-istandards jinkludu metodi ta' valwazzjoni li jkunu konsistenti mal-approċċ ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. Meta dawk l-istandards jippermettu li jintużaw iktar minn metodu ta' valwazzjoni wieħed, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw biss il-metodi ta' valutazzjoni li jkunu konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Meta l-metodi ta' valwazzjoni inklużi fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Reglament (KE) Nru 1606/2002 ma jkunux konsistenti b'mod permanenti jew temporanju mal-approċċ ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw metodi ta' valwazzjoni oħrajn li jitqiesu konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼B

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, u partikolarment b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità stipulat fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-rissigurazzjoni jistgħu jirrikonoxxu u jivvalutaw l-assi jew l-obbligazzjoni fuq il-bażi tal-metodu ta' valwazzjoni li jintuża biex jitħejjew ir-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati tagħhom diment li:

(a) il-metodu ta' valwazzjoni jkun konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) il-metodu ta' valwazzjoni jkun proporzjonat fir-rigward tal-għamla, l-iskala u l-kumplessità inerenti tar-riskji fin-negozju tal-impriża;

(c) l-impriża ma tivvalutax dawk l-assi jew l-obbligazzjoni billi tuża standards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 fir-rapporti finanzjarji tagħha;

(d) il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet bl-użu ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà timponi kostijiet fuq l-impriża li jkunu sproporzjonati fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi totali.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi individwali b'mod separat.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-obbligazzjonijiet individwali b'mod separat.

Artikolu 10

Metodoloġija ta' valwazzjoni — il-ġerarkija tal-valwazzjoni

1. Meta jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 9 (1), (2) u (3) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jsegwu ġerarkija ta' valwazzjoni stipulata fil-paragrafi 2 sa 7, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi tal-assi jew tal-obbligazzjoni meta l-parteċipanti tas-suq jieħdu dawk il-karatteristiċi f'kunsiderazzjoni meta jkunu qed jipprezzaw l-assi jew l-obbligazzjoni fid-data tal-valutazzjoni, inklużi l-kundizzjoni u l-post tal-assi jew tal-obbligazzjoni u r-restrizzjonijiet, jekk ikun hemm, fuq il-bejgħ jew l-użu tal-assi.

2. Bħala l-metodu ta' valwazzjoni f'każ ta' inadempjenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet bl-użu ta' prezzijiet tas-suq kwotati fis-swieq attivi għall-istess assi jew obbligazzjonijiet.

3. Meta l-użu ta' prezzijiet tas-suq kwotati fis-swieq attivi għall-istess assi jew obbligazzjonijiet ma jkunx possibbli, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet li jużaw prezzijiet tas-suq kwotati fis-swieq attivi għal assi u obbligazzjonijiet simili b'aġġustamenti biex jirriflettu d-differenzi. Dawk l-aġġustamenti jirriflettu fatturi speċifiċi għall-assi jew l-obbligazzjonijiet inklużi dawn kollha li ġejjin:

▼B

(a) il-kundizzjoni jew il-post tal-assi jew l-obbligazzjoni;

(b) kemm l-inputs ikunu relatati mal-entrati li jkunu paragunabbli mal-assi jew l-obbligazzjoni; u

(c) il-volum jew il-livell tal-attività fis-swieq li fihom ikunu osservati l-inputs.

4. L-użu mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-prezzijiet ikkwotati fis-suq ikun imsejjes fuq il-kriterji għas-swieq attivi, kif inhu ddefinit fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

5. Meta ma jkunux issodisfati l-kriterji msemmijin fil-paragrafu 4, u sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni.

6. Meta jużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddependu bl-inqas mod possibbli fuq l-inputs speċifiċi għall-impriżi u jisfruttaw bis-sħiħ l-inputs tas-suq reievanti inklużi dawn li ġejjin:

(a) il-prezzijiet ikkwotati għal assi jew obbligazzjonijiet identiċi jew simili fi swieq li mhumiex attivi;

(b) l-inputs barra mill-prezzijiet ikkwotati li jkunu osservabbli għall-assi jew l-obbligazzjoni, inklużi rati tal-imgħax u kurvi tar-rendita osservabbli f'intervalli ġeneralment ikkwotati, volatilitajiet implikati u firxiet ta' kreditu;

(c) l-inputs ikkorroborati mis-suq, li jaf ma jkunux direttament osservabbli, iżda li jkunu msejsin jew sostnuti minn dejta tas-suq osservabbli.

Dawk l-inputs tas-suq kollha jiġu aġġustati għall-fatturi msemmija fil-paragrafu 3.

Sa fejn l-inputs osservabbli rilevanti ma jkunux disponibbli inklużi f'ċirkostanzi fejn ikun hemm attività tas-suq batuta, jekk ikun hemm affattu, għall-assi jew l-obbligazzjoni fid-data ta' valwazzjoni, l-impriżi jużaw inputs li ma jkunux osservabbli li jirriflettu s-suppożizzjonijiet li l-parteċipanti fis-suq jużaw meta jipprezzaw l-assi jew l-obbligazzjoni, inklużi s-suppożizzjonijiet dwar ir-riskju. Meta jintużaw inputs mhux osservabbli, l-impriżi jaġġustaw id-dejta li tkun speċifika għall-impriża jekk informazzjoni raġonevoli disponibbli tindika li parteċipanti fis-suq oħrajn kienu jużaw dejta differenti jew li jkun hemm xi ħaġa partikolari għall-impriża li ma tkunx disponibbli għal parteċipanti tas-suq oħrajn.

Meta jivvalutaw is-suppożizzjonijiet dwar ir-riskju msemmijin f'dan il-paragrafu, l-impriżi jqisu r-riskju inerenti fit-teknika ta' valwazzjoni speċifika użata biex jitkejjel il-valur ġust u r-riskju inerenti fl-inputs ta' dik it-teknika ta' valwazzjoni.

▼B

7. L-impriżi jużaw tekniki ta' valwazzjoni li huma konsistenti ma' wieħed jew aktar mill-approċċi li ġejjin meta jużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni:

(a) approċċ tas-suq, li juża prezzijiet u informazzjoni rilevanti oħra ġġenerati minn tranżazzjonijiet tas-suq li jinvolvu assi, obbligazzjonijiet jew gruppi ta' assi u obbligazzjonijiet simili jew identiċi. It-tekniki ta' valwazzjoni konsistenti mal-approċċ tas-suq jinkludu prezzar tal-matriċi.

(b) approċċ tal-introjtu, li jikkonverti l-ammonti futuri, bħall-flussi tal-flus jew l-introjtu jew l-ispejjeż, għal ammont kurrenti wieħed. Il-valur ġust jirrifletti l-aspettattivi attwali tas-suq dwar dawk l-ammonti futuri. It-tekniki ta' valwazzjoni konsistenti mal-approċċ tal-introjtu jinkludu tekniki ta' valur preżenti, mudelli ta' tal-ipprezzar tal-opzjonijiet u l-metodu ta' qligħ żejjed fuq għadd ta' perjodi;

(c) l-approċċ tal-kost jew l-approċċ tal-kost tas-sostituzzjoni kurrenti jirriflettu l-ammont li jkun meħtieġ attwalment biex jissostitwixxi l-kapaċità tas-servizz ta' assi. Mill-perspettiva ta' bejjiegħ li jkun parteċipant fis-suq, il-prezz li jingħata għal assi jkun imsejjes fuq il-kost għal bejjiegħ li jkun parteċipant tas-suq biex jakkwista jew jibni assi ta' sostituzzjoni ta' kwalità paragunabbli aġġustat għall-ħruġ mill-użu.

Artikolu 11

Rikonoxximent ta' obbligazzjonijiet kontinġenti

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni jirrikonoxxu l-obbligazzjonijiet kontinġenti, kif definit fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, li huma materjali, bħala obbligazzjonijiet.

2. L-obbligazzjonijiet kontinġenti jkunu materjali meta l-informazzjoni dwar id-daqs jew l-għamla attwali jew potenzjali ta' dawk l-obbligazzjonijiet tkun tista' tinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzjoni tal-utent maħsub ta' dik l-informazzjoni, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 12

Metodi ta' valwazzjoni għall-avvjament u assi intanġibbli

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi li ġejjin b'valur żero:

1. avvjament;

2. assi intanġibbli barra mill-avvjament, sakemm l-assi intanġibbli ma jkunx jista' jinbiegħ għalih u l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tkun tista' turi li hemm valur għall-istess assi jew għal assi simili derivat skont l-Artikolu 10(2), f'liema każ l-assi jiġi vvalutat skont l-Artikolu 10.

▼B

Artikolu 13

Metodi ta' valwazzjoni għal impriżi relatati

1. Għall-finijiet tal-valwazzjoni tal-assi ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw il-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati, skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE skont il-ġerarkija tal-metodi li ġejjin:

(a) bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni ta' inadempjenza stabbilit fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) bl-użu tal-metodu tal-ekwità aġġustata msemmi fil-paragrafu 3 fejn il-valwazzjoni skont il-punt (a) ma tkunx possibbli;

(c) bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament jew metodi ta' valwazzjoni alternattivi skont l-Artikolu 10(5) ta' dan ir-Regolament sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin kollha jintlaħqu:

(i) l-ebdavalwazzjoni skont il-punt (a) u lanqas (b) ma tkun possibbli;

(ii) l-impriża ma tkunx impriża sussidjarja, kif inhu ddefinit fl-Artikolu 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-finijiet tal-valwazzjoni tal-assi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni individwali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw il-parteċipazzjonijiet fl-impriżi li ġejjin bil-valur żero:

▼M1

(a) l-impriżi li jiġu esklużi mill-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) l-impriżi li jitnaqqsu mill-fondi proprji eliġibbli għas-solvenza tal-grupp skont l-Artikolu 229 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-metodu tal-ekwità aġġustata msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jirrikjedi lill-impriża parteċipanti biex tivvaluta l-parteċipazzjonijiet tagħha f'impriżi relatati abbażi tas-sehem tagħha ta' eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet tal-impriża relatata miżmuma mill-impriża parteċipanti.

4. Meta tikkalkula l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet għall-impriżi relatati, l-impriża parteċipanti tivvaluta l-assi u l-obbligazzjonijiet individwali tal-impriża skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u, meta l-impriża relatata tkun impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew veikolu bi skop speċjali kif inhu msemmi fl-Artikolu 211 ta' dik id-Direttiva, il-provvedimenti tekniċi skont l-Artikoli 76 sa 85 ta' dik id-Direttiva.

▼B

5. Meta tikkalkula l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet għall-impriżi relatati li ma jkunux impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-impriża parteċipanti tista' tikkunsidra l-metodu tal-ekwità kif inhu preskritt fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 bħala konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet individwali skont il-paragrafu 4 ma tkunx prattikabbli. F'każijiet bħal dawn, l-impriża parteċipanti tnaqqas mill-valur tal-impriża relatata il-valur tal-avvjament u assi intanġibbli oħrajn li kieku jkunu vvalutati żero skont l-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament.

▼M1

fil-punt (a) tal-Artikolu 123(6) tkun il-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' għargħar fiż-żona ta' riskju f'dak il-grupp bl-għola ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' għargħar mniżżla fl-Anness X.

4. Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw is-somma assigurata għal riskju ta' silġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 6, u fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 124 fuq il-bażi ta' gruppi ta' żoni tar-riskju. Kull waħda miż-żoni fi ħdan grupp għandha tkun tinsab fl-istess reġjun partikolari mniżżel fl-Anness VIII. Fejn is-somma assigurata għal riskju ta' silġ imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 124(6) tkun ikkalkulata fuq il-bażi ta' grupp ta' żoni ta' riskju, il-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' silġ msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 124(6) tkun il-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' silġ fiż-żona ta' riskju f'dak il-grupp bl-għola ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' silġ mniżżla fl-Anness X.

5. Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw is-somma assigurata ponderata għal riskju ta' ċediment imsemmija fl-Artikolu 125(2) fuq il-bażi ta' gruppi ta' żoni tar-riskju. Fejn is-somma ponderata assigurata msemmija fl-Artikolu 125(2) tkun ikkalkulata fuq il-bażi ta' grupp ta' żoni ta' riskju, il-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' ċediment imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 125(2) tkun il-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' ċediment fiż-żona ta' riskju f'dak il-grupp bl-għola ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' silġ mniżżla fl-Anness X.

Artikolu 90c

Kalkolu simplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' nirien

1. Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' nirien msemmi fl-Artikolu 132(1) kif ġej:

$$SCR_{fire} = \max(SCR_{firei}; SCR_{firec}; SCR_{firer})$$

fejn:

(a) SCR_{firei} tfisser l-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien industrijali;

(b) SCR_{firec} tfisser l-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien kummerċjali;

(c) SCR_{firer} tfisser l-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien residenzjali.

▼**M6**

2. L-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien industrijali għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun ugwali għal li ġej:

$$SCR_{firei} = \max(E_{1,i};\ E_{2,i};\ E_{3,i};\ E_{4,i};\ E_{5,i})$$

fejn $E_{k,i}$ tfisser l-iskopertura totali fi ħdan il-perimetru tal-ikbar skopertura għar-riskju ta' nirien industrijali *k-th*.

3. L-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien kummerċjali għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun ugwali għal li ġej:

$$SCR_{firec} = \max(E_{1,c};\ E_{2,c};\ E_{3,c};\ E_{4,c};\ E_{5,c})$$

fejn $E_{k,c}$ tfisser l-skopertura totali fi ħdan il-perimetru tal-k-th l-ikbar skopertura ta' nirien kummerċjali.

4. L-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien residenzjali għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun ugwali għal li ġej:

$$SCR_{firer} = \max(E_{1,r};\ E_{2,r};\ E_{3,r};\ E_{4,r};\ E_{5,r};\ \theta)$$

fejn:

(a) $E_{k,r}$ tfisser l-iskopertura totali fi ħdan il-perimetru tal-ikbar skopertura ta' nirien residenzjali *k-th*;

(b) θ tfisser l-skopertura ta' riskju ta' nirien residenzjali abbażi tas-sehem tas-suq.

5. Għall-iskop tal-paragrafi 2, 3 u 4, l-iskopertura totali fi ħdan il-perimetru tal-ikbar skopertura ta' nirien industrijali, kummerċjali jew residenzjali *k-th* ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fir-rigward għal sett ta' binjiet li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) f'relazzjoni ma' kull binja, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha obbligi fil-linji tan-negozju 7 u 19 imniżżlin fl-Anness I li jkopru ħsarat minħabba nirien jew splużjoni, inkluż bħala riżultat ta' attakki terroristiċi;

(b) kull binja tinsab parzjalment jew kompletament f'radjus ta' 200 metru madwar il-bini industrijali, kummerċjali jew residenzjali bl-akbar somma *k-th* assigurata wara t-tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-somma assigurata fir-rigward ta' bini, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom iqisu l-kuntratti tar-riassigurazzjoni u tal-veikoli bi skop speċjali li jiżborżjaw ħlas f'każ ta' pretenzjonijiet tal-assigurazzjoni relatati ma' dak il-bini. Kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali li huma soġġetti għal kundizzjonijiet mhux relatati ma' dak il-bini ma għandhomx jitqiesu.

▼M6

6. L-iskopertura ta' riskju ta' nirien residenzjali bbażat fuq is-sehem tas-suq għandha tkun ugwali għal li ġej:

$$\theta = SI_{av} \cdot 500 \cdot \max(0{,}05;\ \max_c(marketShare_c))$$

fejn:

(a) SI_{av} hija s-somma medja assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fir-rigward ta' propjetà residenzjali;

(b) c tfisser il-pajjiżi kollha fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha obbligi fil-linji tan-negozju 7 u 19 kif imniżżel fl-Anness I li jkopru propjetà residenzjali;

(c) $marketShare_c$ huwa s-sehem tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'pajjiż c relatat mal-obbligi f'dawk il-linji tan-negozju li jkopru propjetà residenzjali.

▼B

Artikolu 91

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-mortalità tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-mortalità tal-ħajja kif ġej:

▼M6

$$SCR_{mortality} = 0{,}15 \cdot q \cdot \sum_{k=1}^{n} CAR_k \cdot \frac{(1-q)^{k-1}}{(1+i_k)^{k-0{,}5}}$$

▼B

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

▼M6

(a) CAR_k tfisser il-kapital totali f'riskju fis-sena k, u dan ifisser is-somma fuq il-kuntratti kollha ogħla minn żero u d-differenza, fir-rigward ta' kull kuntratt, bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'sena k f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni ta' ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'sena k f'każ ta' mewt immedjata tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti f'sena k wara t-tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) q tfisser ir-rata tal-mortalità medja mistennija għall-persuni assigurati kollha u fuq is-snin kollha futuri ponderata skont is-somma assigurata;

▼B

(c) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet pagabbli mal-mewt inklużi fl-aħjar stima;

(d) i_k tirrappreżenta r-rata spot annwalizzata għall-maturità k tal-istruttura tat-terminu rilevanti mingħajr riskju kif imsemmi fl-Artikolu 43.

Artikolu 92

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' lonġevità tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' lonġevità tal-ħajja kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{longevity} = 0{,}2 \cdot q \cdot n \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot BE_{long}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz imsemmijin fl-Artikolu 138(2):

(a) q tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati matul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet lil benefiċjarji inklużi fl-aħjar stima;

(c) BE_{long} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' lonġevità.

Artikolu 93

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' diżabilità-morbidità fil-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{disability\text{-}morbidity} = \begin{cases} 0{,}35 \cdot CAR_1 \cdot d_1 \\ + 0{,}25 \cdot 1{,}1^{(n-3)/2} \cdot (n-1) \cdot CAR_2 \cdot d_2 \\ + 0{,}2 \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot t \cdot n \cdot BE_{dis} \end{cases}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) CAR_1 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, u dan ifisser li s-somma tal-kuntratti kollha tal-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

▼B

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas fil-ġejjieni fil-każ ta mewta jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) CAR_2 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju kif iddefinit fil-punt (a) wara 12-il xahar;

(c) d_1 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità tul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(d) d_2 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità fit-12-il xahar ta' wara t-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(e) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-ħlasijiet fuq id-diżabilità-morbidità inklużi fl-aħjar stima;

(f) t tirrappreżenta r-rati ta' terminazzjoni mistennija matul it-12-il xahar ta' wara;

(g) BE_{dis} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' diżabilità-morbidità.

Artikolu 94

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{expenses} = 0{,}1 \cdot EI \cdot n + EI \cdot \left(\left(\frac{1}{i + 0{,}01}\right) \cdot \left((1 + i + 0{,}01)^n - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1 + i)^n - 1\right)\right)$$

fejn:

(a) EI tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrbin fis-servizzj ta' obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa matul l-aħħar sena;

▼B

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fis-snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

(c) i tirrappreżenta r-rata ta' inflazzjoni medja ponderata fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, fejn il-piż huwa bbażat fuq il-valur preżenti tal-ispejjeż inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima għas-servizzj ta' obbligi tal-ħajja eżistenti.

Artikolu 95

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal bidliet permanenti fir-rati ta' skadenza

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza kif ġej:

$$Lapse_{up} = 0{,}5 \cdot l_{up} \cdot n_{up} \cdot S_{up}$$

fejn:

(a) l_{up} tirrappreżenta l-ogħla mir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment u s-67 %;

(b) n_{up} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{up} tirrappreżenta s-somma tad-differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza kif ġej:

$$Lapse_{down} = 0{,}5 \cdot l_{down} \cdot n_{down} \cdot S_{down}$$

fejn:

(a) l_{down} tirrappreżenta l-ogħla minn fost ir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment u l-40 %;

(b) n_{down} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{down} tirrappreżenta s-somma tad-differenza negattiva tal-valur ta' ċediment.

3. Id-differenza -tal-valur ta' ċediment ta' polza tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hija d-differenza bejn dawn li ġejjin:

▼B

(a) l-ammont li jrid jitħallas bħalissa mill-impriża tal-assigurazzjoni jekk id-detentur itemm il-polza, nett wara kwalunkwe ammont rekuperabbli minn detenturi ta' polza jew intermedjarji;

(b) l-ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju.

▼M6

Artikolu 95a

Kalkolu simplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskji fis-submodulu ta' riskju ta' skadenza tal-ħajja

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw kull wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin fuq il-bażi ta' gruppi ta' poloz, sakemm ir-raggruppament ikun konformi mar-rekwiżiti mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 35:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 142(2);

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 142(3);

(c) ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' skadenza tal-massa msemmi fl-Artikolu 142(6).

▼B

Artikolu 96

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' katastrofi tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' katastrofi tal-ħajja kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{life\text{-}catastrophe} = \sum_{i} 0{,}0015 \cdot CAR_i$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-poloz kollha b'kapital f'riskju pożittiv;

(b) CAR_i tirrappreżenta l-kapital f'riskju tal-polza i, jiġifieri l-ogħla miżżero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

▼B

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta' mewta f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

▼M6

Artikolu 96a

Kalkolu simplifikat għad-diskontinwità ta' poloz tal-assigurazzjoni fis-submodulu ta' riskju ta' skadenza tas-saħħa NSLT

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 150(1), fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiddeterminaw il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom id-diskontinwità tirriżulta f'żieda ta' provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġini tar-riskju fuq il-bażi ta' raggruppamenti ta' poloz, sakemm ir-raggruppament ikun konformi tar-rekwiżiti mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 35.

▼B

Artikolu 97

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa kif ġej:

▼M6

$$SCR_{health\text{-}mortality} = 0{,}15 \cdot q \cdot \sum_{k=1}^{n} CAR_k \cdot \frac{(1-q)^{k-1}}{(1+i_k)^{k-0{,}5}}$$

▼B

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

▼M6

(a) CAR_k tfisser il-kapital totali f'riskju fis-sena k, u dan ifisser is-somma fuq il-kuntratti kollha ogħla minn żero u d-differenza, fir-rigward ta' kull kuntratt, bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'sena k f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

▼M6

— il-valur preżenti mistenni ta' ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'sena k f'każ ta' mewt immedjata tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti f'sena k wara t-tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) q tfisser ir-rata ta' mortalità medja mistennija għall-persuni assigurati kollha u fuq is-snin kollha futuri ponderata skont is-somma assigurata;

▼B

(c) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet pagabbli mal-mewt inklużi fl-aħjar stima;

(d) i_k tirrappreżenta r-rata spot annwalizzata għall-maturità k tal-istruttura tat-terminu rilevanti mingħajr riskju kif imsemmi fl-Artikolu 43.

Artikolu 98

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa kif ġej:

$$SCR_{health\text{-}longevity} = 0{,}2 \cdot q \cdot n \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot BE_{long}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz imsemmijin fl-Artikolu 138(2):

(a) q tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati matul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet lil benefiċjarji inklużi fl-aħjar stima;

(c) BE_{long} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' longevità.

▼B

Artikolu 99

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità kif ġej:

$$SCR_{medical\ expense} = 0{,}05 \cdot MP \cdot n + MP \times \left(\left(\frac{1}{i + 0{,}01}\right)\left((1 + i + 0{,}01)^{n} - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1 + i)^{n} - 1\right)\right)$$

fejn:

(a) *MP* tirrappreżenta l-ammont ta' ħlasijiet mediċi matul l-aħħar sena fuq obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal spejjeż mediċi tul l-aħħar sena;

(b) *n* tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

(c) *i* tirrappreżenta r-rata medja tal-inflazzjoni fuq il-ħlasijiet mediċi inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, fejn il-piż huwa bbażat fuq il-valur preżenti tal-ħlasijiet mediċi inkluż fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi.

Artikolu 100

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' protezzjoni tad-dħul f'diżabilità-morbidità

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' protezzjoni tad-dħul f'diżabilità-morbidità kif ġej:

$$SCR_{income\text{-}protection\text{-}disability\text{-}morbidity} = \begin{cases} 0{,}35 \cdot CAR_1 \cdot d_1 \\ + 0{,}25 \cdot 1{,}1^{(n-3)/2} \cdot (n-1) \cdot CAR_2 \cdot d_2 \\ + 0{,}2 \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot t \cdot n \cdot BE_{dis} \end{cases}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) CAR_1 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, u dan ifisser li s-somma tal-kuntratti kollha tal-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

▼B

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża jkollha ħallas fil-ġejjieni f'każ ta mewt jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) CAR_2 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju kif iddefinit fil-punt (a) wara 12-il xahar;

(c) d_1 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità tul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(d) d_2 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità fit-12-il xahar ta' wara t-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(e) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-ħlasijiet fuq id-diżabilità-morbidità inklużi fl-aħjar stima;

(f) t tirrappreżenta r-rati ta' terminazzjoni mistennija matul it-12-il xahar ta' wara;

(g) BE_{dis} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' diżabilità-morbidità.

Artikolu 101

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa kif ġej:

$$SCR_{health\text{-}expense} = 0{,}1 \cdot EI \cdot n + EI \cdot \left(\left(\frac{1}{i + 0{,}01}\right) \cdot \left((1 + i + 0{,}01)^n - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1 + i)^n - 1\right)\right)$$

fejn:

(1) EI tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrbin fis-servizz tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa matul l-aħħar sena;

(2) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

▼B

(3) *i* tirrappreżenta r-rata ta' inflazzjoni medja ponderata inkluża fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, ppeżata skont il-valur preżenti tal-ispejjeż imġarrbin fil-kalkolu tal-aħjar stima għas-servizz ta' obbligi eżistenti tas-saħħa.

Artikolu 102

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza msemmijin fl-Artikolu 159(1)(a) kif ġej:

$$Lapse_{up} = 0{,}5 \cdot l_{up} \cdot n_{up} \cdot S_{up}$$

fejn:

(a) l_{up} tirrappreżenta l-ogħla mir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment u t-83 %;

(b) n_{up} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{up} tirrappreżenta s-somma tad-differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza msemmijin f'159(1)(b) kif ġej:

$$Lapse_{down} = 0{,}5 \cdot l_{down} \cdot n_{down} \cdot S_{down}$$

fejn:

(a) l_{down} tirrappreżenta r-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment;

(b) n_{down} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{down} tirrappreżenta s-somma tad-differenza negattiva tal-valur ta' ċediment.

3. Id-d-differenza tal-valur ta' ċediment ta' polza tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafi (1) u (2) hija d-differenza bejn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont li jrid jitħallas bħalissa mill-impriża tal-assigurazzjoni jekk id-detentur itemm il-polza, nett wara kwalunkwe ammont rekuperabbli minn detenturi ta' polza jew intermedjarji;

(b) l-ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju.

▼M6

Artikolu 102a

Kalkolu simplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskji fis-submodulu ta' riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw kull wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin fuq il-bażi ta' gruppi ta' poloz, sakemm ir-raggruppament ikun konformi mar-rekwiżiti mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 35:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti tar-rati tal-iskadenza tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 159(2);

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti tar-rati tal-iskadenza tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 159(3);

(c) ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT tal-massa msemmi fl-Artikolu 159(6).

▼B

Artikolu 103

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax msemmi fl-Artikolu 165 kif ġej:

(a) is-somma, għal kull valuta, ta' rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) is-somma, għal kull valuta, ta' rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jiġi kkalkulat hekk:

$$IR_{up} = \sum_{i} MVAL_i \cdot dur_i \cdot rate_i \cdot stress_{(i,up)} - \sum_{lob} BE_{lob} \cdot dur_{lob} \cdot rate_{lob} \cdot stress_{(lob,up)}$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-intervalli kollha ta' maturità i stipulati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(b) $MVAL_i$ tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE ta' assi meta mnaqqsa l-obbligazzjonijiet minbarra l-provvedimenti tekniċi għall-intervall ta' maturità i;

(c) dur_i tirrappreżenta d-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

▼B

(d) $rate_i$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

(e) $stress_{(i,up)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'il fuq tar-rata tal-imgħax għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

(f) it-tieni somma tkopri l-linji operatorji kollha stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(g) BE_{lob} tirrappreżenta l-aħjar stima għal-linja operatorja *lob*;

(h) dur_{lob} tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-aħjar stima fil-linja operatorja *lob*;

(i) $rate_{lob}$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata mmodifikata fil-linja operatorja *lob*;

(j) $stress_{(lob,up)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'il fuq tar-rata tal-imgħax għad-durata mmodifikata dur_{lob}.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jiġi kkalkulat kif ġej:

$$IR_{down} = \sum_{i} MVAL_i \cdot dur_i \cdot rate_i \cdot stress_{(i,down)} - \sum_{lob} BE_{lob} \cdot dur_{lob} \cdot rate_{lob} \cdot stress_{(lob,down)}$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-intervalli kollha ta' maturità *i* stipulati fil-paragrafu 4;

(b) $MVAL_i$ tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE ta' assi meta mnaqqsa l-obbligazzjonijiet minbarra l-provvedimenti tekniċi għall-intervall ta' maturità *i*;

(c) dur_i tirrappreżenta d-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(d) $rate_i$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(e) $stress_{(i,down)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'l isfel tar-rata tal-imgħax għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(f) it-tieni somma tkopri l-linji operatorji kollha stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(g) BE_{lob} tirrappreżenta l-aħjar stima għal-linja operatorja *lob*;

(h) dur_{lob} tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-aħjar stima fil-linja operatorja *lob*;

(i) $rate_{lob}$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata mmodifikata fil-linja operatorja *lob*;

(j) $stress_{(lob,\ down)}$ tirrappreżenta l-istress 'l isfel relattiv tar-rata tal-imgħax għad-durata mmodifikata $dur_{(lob)}$.

▼B

4. L-intervalli ta' maturità *i* u d-durata ssimplifikata dur_i imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 u fil-punt (a) u (c) tal-paragrafu 3 ikunu kif ġej:

(a) sal-maturità ta' sena, id-durata ssimplifikata tkun ta' 0,5 ta' sena;

(b) bejn maturitajiet ta' sena u tliet snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' sentejn;

(c) bejn maturitajiet ta' tlieta u ħames snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' erba' snin;

(d) bejn maturitajiet ta' ħames u 10 snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' seba' snin;

(e) minn maturità ta' 10 snin u iktar, id-durata ssimplifikata tkun ta' 12-il sena.

Artikolu 104

Kalkolu ssimplifikat għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa imsemmijin fl-Artikolu 176 ta' dan ir-Regolament kif ġej:

$$SCR_{bonds} = MV^{bonds} \cdot (\sum_i \%MV_i^{bonds} \cdot stress_i + \%MV_{norating}^{bonds} \cdot \min[dur_{norating} \cdot 0{,}03; 1]) + \Delta Liab_{ul}$$

fejn:

(a) SCR_{bonds} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self;

(b) MV^{bonds} tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-assi soġġetti għal rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' firxa fuq bonds u self;

(c) $\%MV_i^{bonds}$ tirrappreżenta s-sehem tal-portafoll tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja i, meta ECAI nominata tkun qiegħdet għad-dispożizzjoni valutazzjoni tal-kreditu għal dawk l-assi;

(d) $\%MV_{norating}^{bonds}$ tirrappreżenta s-sehem tal-portafoll tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self li għalihom ma tqiegħdet għad-dispożizzjoni ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata;

(e) dur_i u $dur_{norating}$ jirrappreżentaw id-durata mmodifikata denominata fis-snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds u self meta ma tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata;

▼B

(f) $stress_i$ tirrappreżenta funzjoni tal-iskala tal-kwalità kreditizja i u tad-durata mmodifikata denominata fi snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja i, kif stipulat fil-paragrafu 2;

(g) $\Delta Liab_{ul}$ tirrappreżenta ż-żieda fil-provvedimenti tekniċi meta mnaqqas il-marġni ta' riskju għal poloz meta d-detenturi tal-poloz iġarrbu r-riskju ta' investiment b'opzjonijiet u garanziji inkorporati li jirriżultaw minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds ta':

$$MV^{bonds} \cdot (\sum_i \%MV_i^{bonds} \cdot stress_i + \%MV_{norating}^{bonds} \cdot \min[dur_{norating} \cdot 0{,}03; 1]).$$

2. imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 1, għal kull skala tal-kwalità kreditizja i, għandu jiġi kkalkulat hekk: $dur_i\ b_i$, $dur_i \cdot b_i$fejn dur_i hija d-durata mmodifikata denominata fi snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja i, u b_i hija ddeterminata skont it-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja i	0	1	2	3	4	5	6
b_i	0,9 %	1,1 %	1,4 %	2,5 %	4,5 %	7,5 %	7,5 %

3. $dur_{norating}$ imsemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 u dur_i imsemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux inqas minn sena.

Artikolu 105

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jsejsu l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa imsemmi fl-Artikolu 176 fuq is-suppożizzjoni li l-assi kollha huma assenjati fl-iskala 3 tal-kwalità kreditizja.

▼M6

Artikolu 105a

Kalkolu simplifikat tal-fattur ta' riskju fis-submodulu ta' riskju tal-firxa u fis-submodulu ta' konċentrazzjoni ta' riskju tas-suq

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jassenjaw għal bond apparti dawk li jridu jiġu inklużi fil-kalkoli skont il-paragrafi (2) sa (16) tal-Artikolu 180 fattur ta' riskju $stress_i$ ekwivalenti għall-iskala tal-kwalità tal-kreditu 3 għall-finijiet tal-Artikoli 176(3) u jassenjaw dak il-bond għall-iskala tal-kwalità tal-kreditu 3 għall-għan li tiġi kkalkolata il-medja ponderata tal-iskala tal-kwalità tal-kreditu f'konformità ma' 182(4), sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

▼M6

(a) valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI nominata huma disponibbli għal tal-inqas 80 % tal-valur totali tal-bonds minbarra dawk li jridu jiġu inklużi fil-kalkoli skont il-paragrafi (2) sa (16) tal-Artikolu 180;

(b) valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata mhix disponibbli għall-bond inkwistjoni;

(c) il-bond inkwistjoni jipprovdi pagament ta' tifdija fiss fid-data tal-maturità jew qabilha, barra mill-pagamenti regolari bir-rata tal-imgħax fissa jew varjabbli;

(d) il-bond inkwistjoni mhwiex nota strutturata jew garanzija kollateralizzata kif imsemmi fl-Anness VI tal-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2450 ([1]);

(e) il-bond inkwistjoni ma jkoprix obbligi li jipprovdu arranġamenti ta' parteċipazzjoni fil-profitt, u lanqas ma jkopri obbligazzjonijiet marbutin ma' unitajiet jew marbutin ma' indiċi, u lanqas obbligazzjonijiet fejn aġġustament ta' korrispondenza huwa applikat.

▼B

Artikolu 106

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jużaw is-simplifikazzjonijiet kollha minn dawk li ġejjin għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni:

(1) arranġamenti tal-ippuljar ta' assi intragrupp tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jiġu eżentati mill-bażi ta' kalkolu msemmija fl-Artikolu 184(2) jekk ikun hemm termini kuntrattwali infurzabbli bil-liġi li jiżguraw li l-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive se jitpaċu bl-iskoperturi intragrupp li għandha kontra entitajiet oħra tal-grupp.

(2) il-livell limitu tal-iskopertura eċċessiva rilevanti msemmi fl-Artikolu 184(1)(c) ikun ta' 15 % għall-iskoperturi b'isem wieħed li ġejjin:

(a) skoperturi għal istituzzjonijiet tal-kreditu li ma jappartjenux fl-istess grupp u li ġew assenjati fl-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2450 tat-2 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347/1, 2.12.2015, p. 1214).

▼B

(b) skoperturi għal entitajiet tal-grupp li jieħu ħsieb il-flus tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive li ġew assenjati fl-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu.

Artikolu 107

Kalkolu ssimplifikat tal-effett li jimmitiga r-riskji għal titolizzazzjoni jew arranġamenti ta' riassigurazzjoni

1. ►M6 Meta jkun hemm konformità kemm mal-Artikolu 88 kif ukoll l-aħjar stima tal-ammonti rikoverabbli minn arranġament ta' riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni u d-debituri korrispondenti ma tkunx negattiva, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq riskju ta' sottoskrizzjoni ta' dak l-arranġment ta' riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 196 kif ġej: ◄

$$RM_{re,all} \cdot \frac{Recoverables_i}{Recoverables_{all}}$$

fejn

(a) $RM_{re,all}$ tirrappreżenta l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tat-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni għall-kontropartijiet kollha kkalkulat skont il-paragrafu 2,

(b) $Recoverables_i$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mit-titolizzazzjoni jew l-arranġament ta' riassigurazzjoni u d-debituri korrispondenti għall-kontroparti *i* u $Recoverables_{all}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mit-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni u d-debituri korrispondenti għall-kontropartijiet kollha.

2. L-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tat-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti ta' riassigurazzjoni għall-kontropartijiet kollha msemmijin fil-paragrafu 1 huwa d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jekk ma jeżisti ebda wieħed mit-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni;

(b) ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 108

Kalkolu ssimplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji għal arranġamenti tar-riassigurazzjoni proporzjonali

▼M6

Fejn ikun hemm konformità kemm mal-Artikolu 88 kif ukoll l-aħjar stima tal-ammonti rikoverabbli minn arranġament ta' riassigurazzjoni propozjonali u mid-debituri korrispondenti għal kontroparti i ma tkunx negattiva, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq riskju ta' sottoskrizzjoni j ta' dak l-arranġment ta' riassigurazzjoni proporzjonali għal kontroparti *i* msemmi fl-Artikolu 196 kif ġej:

▼B

$$\frac{\text{Recov}erables_i}{BE - \text{Recov}erables_{all}} \cdot SCR_j$$

fejn

(a) *BE* tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi gross mill-ammonti rekuperabbli,

(b) $Recoverables_i$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mill-arranġament tar-riassigurazzjoni proporzjonali u d-debituri korrispondenti għall-kontroparti *i*,

(c) $Recoverables_{all}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabli mill-arranġamenti tar-riassigurazzjoni proporzjonali u d-debituri korrispondenti għall-kontropartijiet kollha

(d) SCR_j tirrappreżenta r-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni *j* tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 109

Kalkoli ssimplifikati għall-arranġamenti tal-ippuljar

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jużaw il-kalkoli ssimplifikati li ġejjin għall-finijiet tal-Artikoli 193, 194 u 195:

(a) L-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 194(1)(d) tista' tiġi kkalkulata kif ġej:

$$BE_C = \frac{P_C}{P_U} \cdot BE_U$$

fejn BE_U tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-arranġament tal-ippuljar mill-impriża fl-arranġament tal-ippuljar, netta minn kwalunkwe ammont riassigurat ma' kontropartijiet li mhumiex fl-arranġament tal-ippuljar.

(b) L-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 195(c) tista' tiġi kkalkulata kif ġej:

$$BE_{CE} = \frac{1}{P_U} \cdot BE_{CEP}$$

fejn BE_{CEP} tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-kontroparti esterna mill-pula, fir-rigward tar-riskju ċedut lill-pula mill-impriża.

(c) L-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji msemmi fl-Artikolu 195(d) jista' jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\Delta RM_{CE} = \frac{BE_{CE}}{\sum_{CE} BE_{CE}} \cdot \Delta RM_{CEP}$$

▼B

fejn:

(i) BE_{CE} tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-kontroparti esterna mill-arranġament tal-ippuljar sħiħ;

(ii) ΔRM_{CEP} tirrappreżenta l-kontribut tal-kontropartijiet esterni kollha għall-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-arranġament tal-pula fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-impriża;

(d) Il-membri tal-pula kontroparti u l-kontropartijiet esterni għall-pula jistgħu jingabru fi grupp skont il-valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, diment li jkun hemm raggruppamenti separati għall-iskoperturi tal-pula tat-tip A, it-tip B u t-tip C.

▼M6

Artikolu 110

Kalkolu ssimplifikat — raggruppament ta' skoperturi b'isem wieħed

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw it-telf fil-każ ta' inadempjenza stipulat fl-Artikolu 192, inkluż l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq riskju ta' sottoskrizzjoni u tas-suq u l-valur tal-kollateral aġġustat skont ir-riskju, għal grupp ta' skoperturi b'isem wieħed. F'dak il-każ, il-grupp ta' skoperturi b'isem wieħed jiġi assenjat l-ogħla probabilità tal-inadempjenza assenjata lil skoperturi b'isem wieħed inklużi fil-grupp f'konformità mal-Artikolu 199.

▼B

Artikolu 111

Kalkolu ssimplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq ta' derivattiv, titolizzazzjoni u arranġament tar-riassigurazzjoni msemmijin fl-Artikolu 196 bħala d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

▼M6

(a) is-somma tar-rekwiżit kapitali ipotetiku għas-submoduli tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni affettwata mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskji, ikkalkulata f'konformità ma din it-Taqsima u mat-Taqsimiet 2 sa 5 ta' dan il-Kapitolu iżda bħallikieku l-arranġament tar-riassigurazzjoni, tat-titolizzazzjoni jew tad-derivattiv ma kinux jeżistu;

▼B

(b) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għas-submoduli tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni affettwata mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

▼**M6**

Artikolu 111a

Kalkolu simplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq riskju ta' sottoskrizzjoni

Għall-finijiet tal-Artikolu 196, fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88 u l-arranġament ta' riassigurazjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv ikopri obbligi minn wieħed biss mis-segmenti (segment *s*) imniżżla fl-Anness II jew, kif applikabbli, fl-Anness XIV, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effet tar-riskju ta' mitigazzjoni ta' dak l-arranġament ta' riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tagħhom kif ġej:

$$\sqrt{(SCR_{CAT}^{hyp} - SCR_{CAT}^{without})^2 + (3 \cdot \sigma_s \cdot (P_s^{hyp} - P_s^{without} + Recoverables))^2 + 1{,}5 \cdot \sigma_s \cdot (P_s^{hyp} - P_s^{without} + Recoverables) \cdot (SCR_{CAT}^{hyp} - SCR_{CAT}^{without})}$$

fejn:

(a) SCR_{CAT}^{hyp} tfisser ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għall-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni ta' katastrofi mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 119(2), jew, kif applikabbli, ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 160, li japplika jekk l-arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv ma kienx jeżistix;

(b) $SCR_{CAT}^{without}$ tfisser ir-rekwiżit kapitali għall-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni ta' katastrofi mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 119(2), jew, kif applikabbli, ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 160;

(c) σ_s tfisser id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum mhux tal-ħajja għas-segment *s* determinat f'konformità mal-Artikolu 117(3) jew, kif applikabbli, id-devjazzjoni standard tar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT għas-segment *s* determinat f'konformità mal-Artikolu 148(3);

(d) P_s^{hyp} tfisser il-kejl tal-volum ipotetiku għar-riskju tal-primjum tas-segment s determinat f'konformità mal-Artikolu 116(3) jew (4), jew, kif applikabbli, l-Artikolu 147(3) jew (4), li japplika jekk l-arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv ma kienx jeżsti;

(e) $P_s^{without}$ tfisser il-kejl tal-volum għar-riskju tal-primjum tas-segment *s* determinat f'konformità mal-Artikolu 116(3) jew (4), jew, kif applikabbli, l-Artikolu 147(3) jew (4);

(f) *Recoverables* tfisser l-aħjar stima tal-ammonti rikoverabbli mill-arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv u d-debituri korrispondenti.

▼B

Artikolu 112

Kalkolu ssimplifikat tal-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-effett ekonomiku tal-kollateral

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, u meta r-rekwiżit tal-kontroparti u r-rekwiżit tal-parti terza msemmija fl-Artikolu 197(1) it-tnejn li huma jkunu ssodisfati, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu, għall-għanijiet tal-Artikolu 197, jikkalkulaw il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), bħala 85 % tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 214 ta' dan ir-Regolament, u meta r-rekwiżit tal-kontroparti msemmi fl-Artikolu 197(1) ikun issodisfat u r-rekwiżit tal-parti terza msemmi fl-Artikolu 197(1) ma jkunx issodisfat, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu, għall-finijiet tal-Artikolu 197, jikkalkulaw il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), bħala 75 % tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼M6

Artikolu 112a

Kalkolu simplifikat għal telf fil-każ ta' inadempjenza għal riassigurazjoni

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88, impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw it-telf fil-każ ta' inadempjenza għal arranġament ta' riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni tal-assigurazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 192(2) kif ġej:

$$LGD = \max[90\ \% \cdot (Recoverables + 50\ \% \cdot RM_{re}) - F \cdot Collateral; 0]$$

fejn:

(a) *Recoverables* tfisser l-aħjar stima tal-ammonti rikoverabbli mill-arranġament tar-riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni tal-assigurazzjoni u d-debituri korrispondenti;

(b) RM_{re} tfisser l-effet ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni;

(c) *Collateral* tfisser il-valur aġġustat tar-riskju għal kollaterali fir-rigward tal-arranġament tar-riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni;

(d) *F* tfisser fattur li għandu jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament kollaterali fir-rigward tal-arranġament tar-riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni f'każ ta' avveniment kreditizju relatat mal-kontroparti.

▼M6

Artikolu 112b

Kalkolu simplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskji ta' inadempjenza tal-kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1

Fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 88 u d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1, kif determinat f'konformità mal-Artikolu 200(4), ikun inqas jew ugwali għal 20 % ta' telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-skoperturi tat-tip 1 kollha, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal inadempjenza tal-kontroparti msemmija fl-Artikolu 200(1) kif ġej:

$$SCR_{def,1} = 5 \cdot \sigma$$

fejn σ tfisser id-devjazzjoni standard ta' distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 kif determinat f'konformità mal-Artikolu 200(4).

▼B

Subtaqsima 7

Kamp ta' applikazzjoni tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni

Artikolu 113

Għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja, ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-ħajja u r-riskju tas-sottoskrizzjoni tas-saħħa, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:.

(a) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tas-saħħa;

(b) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-ħajja għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa

(c) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni tas-saħħa għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa;

TAQSIMA 2

Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

Artikolu 114

Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

1. Il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja jikkonsisti fis-submoduli li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja msemmi fil-punt (a) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 105(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja msemmi fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 105(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) il-modulu tar-riskju ta' skadenza mhux tal-ħajja.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{non\text{-}life} = \sqrt{\sum_{i,j} CorrNL_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (*i,j*) tas-submoduli stipulati fil-paragrafu 1;

(b) $CorrNL_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCR_i u SCR_j jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju *i* u *j* rispettivament.

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni $CorrNL_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 jirrappreżenta l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Primjum u riżerva mhux tal-ħajja	Katastrofi mhux tal-ħajja	Skadenza mhux tal-ħajja
Primjum u riżerva mhux tal-ħajja	1	0,25	0
Katastrofi mhux tal-ħajja	0,25	1	0
Skadenza mhux tal-ħajja	0	0	1

Artikolu 115

Submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{nl\ prem\ res} = 3 \cdot \sigma_{nl} \cdot V_{nl}$$

fejn:

(a) σ_{nl} tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja misjub b'konformità mal-Artikolu 117;

▼B

(b) V_{nl} tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja misjub b'konformità mal-Artikolu 116.

Artikolu 116

Daqs tal-volum għal riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja

1. Id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja ikun daqs is-somma tad-daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva tas-segmenti stabbiliti fl-Anness II.

2. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-daqs tal-volum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_s = (V_{(prem,s)} + V_{(res,s)}) \cdot (0{,}75 + 0{,}25 \cdot DIV_s)$$

fejn:

(a) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riskju tas-segment *s*;

(b) $V_{(res,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riserva tas-segment *s*;

(c) DIV_s tirrappreżenta l-fattur ta' diversifikazzjoni ġeografika tas-segment *s*.

3. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_{(prem,s)} = \max[P_s; P_{(last,s)}] + FP_{(existing,s)} + FP_{(future,s)}$$

fejn:

(a) P_s tirrappreżenta stima tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* matul it-12-il xahar ta' wara;

(b) $P_{(last,s)}$ tirrappreżenta l-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* tul l-aħħar 12-il xahar;

(c) $FP_{(existing,s)}$ tirrappreżenta l-valur preżenti mistenni tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment s wara t-12-il xahar ta' wara għall-kuntratti eżistenti;

▼M6

(d) $FP_{(future,s)}$ tfisser l-ammont li ġej fir-rigward ta' kuntratti fejn id-data ta' rikonoxximent inizjali taħbat fit-12-il xahar ta' wara:

(i) għal dawn il-kuntratti kollha li t-terminu inizjali tagħhom huwa sena jew inqas, il-valur preżenti mistenni tal-primjums li se jiġu ggwadanjati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'segment *s*, iżda eskluż l-primjums li se jiġu ggwadanjati matul it-12-il xahar wara d-data ta' rikonoxximent inizjali;

▼M6

(ii) għal dawn il-kuntratti kollha li t-terminu inizjali tagħhom huwa aktar minn sena, l-ammount ugwali għal 30 % tal-valur preżenti mistenni tal-primjums li se jiġu ggwadanjati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fis-segment *s* wara t-12-il xahar ta' wara.

▼B

4. Bħala alternattiva għall-kalkolu stipulat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jagħżlu li jikkalkulaw id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment partikolari s skont il-formuli li ġejjin:

$$V_{(prem,s)} = P_s + FP_{(existing,s)} + FP_{(future,s)}$$

diment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ddeċieda li l-primjums iggwadanjati tiegħu fis-segment s matul it-12-il xahar ta' wara mhumiex se jaqbżu P_s;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni stabbilixxiet mekkaniżmi effettivi ta' kontroll biex tiżgura li jintlaħqu l-limiti fuq primjums iggwadanjati msemmijin fil-punt (a);

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għarrfet lill-awtorità superviżorja tagħha dwar id-deċiżjoni msemmija fil-punt (a) u r-raġunijiet għaliha.

Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, it-termini P_s, $FP_{(existing,s)}$ u $FP_{(future,s)}$ ikunu rappreżentati skont il-punti (a), (c) u (d) tal-paragrafu 3.

5. Għall-finijiet tal-kalkoli stipulati fil-paragrafi 3 u 4, il-primjums ikunu netti, wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni. Il-primjums li ġejjin għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni ma jitnaqqsux:

(a) primjums relatati ma' eventi mhux ta' assigurazzjoni jew pretensjonijiet ta' assigurazzjoni ssettiljati li mhumiex meqjusin fil-flussi tal-flus imsemmija fl-Artikolu 41(3);

(b) primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213.

▼B

6. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva ta' segment partikolari għandu jiġi kkalkulat bħala l-aħjar stima tal-provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti għas-segment, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, diment li l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali jikkonformaw mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213. Id-daqs tal-volum ma jkunx ammont negattiv.

7. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, il-fattur prestabbilit għad-diversifikazzjoni ġeografika ta' segment partikolari jkun ta' 1 jew ikkalkulat skont l-Anness III.

Artikolu 117

Devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja

1. Id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma_{nl} = \frac{1}{V_{nl}} \cdot \sqrt{\sum_{s,t} CorrS_{(s,t)} \cdot \sigma_s \cdot V_s \cdot \sigma_t \cdot V_t}$$

fejn:

(a) V_{nl} tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja;

(b) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (s,t) tas-segmenti stabbiliti fl-Anness II;

(c) $CorrS_{(s,t)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja għas-segment s u s-segment t stabbiliti fl-Anness IV;

(d) σ_s u σ_t jirrappreżentaw devjazzjonijiet standard għar-riskju ta' primjum u tar-riżerva mhux tal-ħajja tas-segmenti s u t rispettivament;

(e) V_s u V_t jirrappreżentaw daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva tas-segmenti s u t, imsemmijin fl-Artikolu 116, rispettivament.

2. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja ta' segment partikolari s tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma_s = \frac{\sqrt{\sigma^2_{(prem,s)} \cdot V^2_{(prem,s)} + \sigma_{(prem,s)} \cdot V_{(prem,s)} \cdot \sigma_{(res,s)} \cdot V_{(res,s)} + \sigma^2_{(res,s)} \cdot V^2_{(res,s)}}}{V_{(prem,s)} + V_{(res,s)}}$$

fejn:

(a) $\sigma_{(prem,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum mhux tal-ħajja tas-segment s stabbilit skont il-paragrafu 3;

(b) $\sigma_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segment s kif speċifikat fl-Anness II;

(c) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment s imsemmi fl-Artikolu 116;

▼B

(d) $V_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva ta' segment s imsemmi fl-Artikolu 116.

3. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum mhux tal-ħajja ta' segment partikolari tkun daqs il-multipikazzjoni tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross mhux tal-ħajja tas-segment stipulat fl-Anness II u l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali. Għas-segmenti 1, 4 u 5 stipulati fl-Anness II il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ta' 80 %. Għas-segmenti kollha l-oħrajn stabbiliti fl-Anness, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ta' 100 %.

Artikolu 118

Submodulu tar-riskju ta' skadenza mhux tal-ħajja

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' skadenza mhux tal-ħajja msemmi f'114(1)(c) jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jirriżulta minn taħlita tal-eventi istantanji li ġejjin:

(a) it-terminazzjoni ta' 40 % tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom il-waqfien jirriżulta f'żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju;

(b) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, it-tnaqqis ta' 40 % fin-numru ta' dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ġejjieni użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. L-eventi imsemmijin fil-paragrafu 1 japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kollha kkonċernati. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.

3. Sabiex jinstab it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fl-event imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-impriża għandha ssejjes il-kalkolu fuq it-tip ta' terminazzjoni li l-iktar li jaffetta ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriża fuq il-bażi ta' kull polza.

Artikolu 119

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja

1. Is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja għandu jikkonsisti fis-submoduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu għar-riskju ta' katastrofi ta' riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi magħmula mill-bniedem;

(c) the man-made catastrophe risk sub-module;

▼B

(d) is-submodulu għal riskju ieħor ta' katastrofi mhux tal-ħajja.

2. The capital requirement for the non-life catastrophe underwriting risk module shall be equal to the following:

$$SCR_{nlCAT} = \sqrt{(SCR_{natCAT} + SCR_{npproperty})^2 + SCR_{mmCAT}^2 + SCR_{CATother}^2}$$

fejn:

(a) SCR_{natCAT} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi naturali;

(b) $SCR_{npproperty}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi ta' riassigurazzjoni ta' proprjetà mhux proporzjonali;

(c) SCR_{mmCAT} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi magħmul mill-bniedem;

(d) $SCR_{CATother}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għal riskju ieħor ta' katastrofi mhux tal-ħajja.

Artikolu 120

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi naturali

1. Is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi naturali jikkonsisti mis-submoduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' rwiefen;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' terremot;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' għargħar;

(d) is-submodulu tar-riskju ta' silġ;

(e) is-submodulu tar-riskju ta' sussistenza.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi naturali jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{natCAT} = \sqrt{\sum_i SCR_i^2}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet possibbli kollha tas-submoduli i stipulati fil-paragrafu 1;

(b) SCR_i tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għas-submodulu i.

Artikolu 121

Submodulu tar-riskju ta' rwiefen

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{windstorm} = \sqrt{(\sum_{(r,s)} CorrWS_{(r,s)} \cdot SCR_{(windstorm,r)} \cdot SCR_{(windstorm,s)}) + SCR_{(windstorm,other)}^2}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli (r,s) tar-reġjuni stipulati fl-Anness V;

▼B

(b) $CorrWS_{(r,s)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' rwiefen għar-reġjun *r* u r-reġjun *s* kif stipulat fl-Anness V;

(c) $SCR_{(windstorm,r)}$ u $SCR_{(windstorm,s)}$ jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' rwiefen fir-reġjun *r* u *s* rispettivament;

(d) $SCR_{(windstorm,other)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen f'reġjuni oħrajn u mhux dawk stipulati fl-Anness XIII.

2. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen f'reġjun partikolari *r* jkun l-ikbar wieħed minn dawn iż-żewġ rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen fir-reġjun *r* skont ix-xenarju A kif stipulat fil-paragrafu 3;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen fir-reġjun *r* skont ix-xenarju B kif stipulat fil-paragrafu 4.

3. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju A jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza ta' eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammont rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa ta' 80 % tat-telf speċifikat minħabba rwiefen fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, hija ta' 40 % tat-telf speċifikat minħabba rwiefen fir-reġjun *r*.

4. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju B jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza ta' eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammont rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa ta' 100 % tat-telf speċifikat minħabba rwiefen fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, hija ta' 20 % tat-telf speċifikat minħabba rwiefen fir-reġjun *r*.

5. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V, it-telf speċifikat minħabba rwiefen f'reġjun partikolari *r* jkun daqs l-ammont li ġej:

▼M6

$$L_{(windstorm,r)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(windstorm,r,i,j)} \cdot WSI_{(windstorm,r,i)} \cdot WSI_{(windstorm,r,j)}}$$

▼B

fejn:

▼M6

_____

▼B

(b) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i,j*) tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness IX;

(c) $Corr_{(windstorm,r,i,j)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' rwiefen fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness XXII;

(d) $WSI_{(windstorm,r,i)}$ u $WSI_{(windstorm,r,j)}$ jirrappreżentaw is-somom ponderati assigurati għar-riskju ta' rwiefen fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness IX.

6. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness XI, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' rwiefen f'żona ta' rwiefen partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

▼M6

$$WSI_{(windstorm,r,i)} = Q_{(windstorm,r)} \cdot W_{(windstorm,r,i)} \cdot SI_{(windstorm,r,i)}$$

▼B

fejn:

(a) $W_{(windstorm,r,i)}$ tirrappreżenta l-piż tar-riskju għar-riskju ta' rwiefen fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness X;

(b) $SI_{(windstorm,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata għar-riskju ta' rwiefen fiż-żona ta' rwiefen *i* tar-reġjun *r*;

▼M6

(c) $Q_{(windstorm,r)}$ tfisser il-fattur ta' riskju ta' rwiefen fir-reġjun *r* kif imniżżel fl-Anness V.

Fejn l-ammont determinat għal żona partikolari ta' riskju f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' rwiefen f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inkluż kwalunkwe limitu ta' pagament kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalku alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' rwiefen f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.

▼B

7. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness V u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness XI, is-somma assigurata għar-riskju ta' rwiefen f'żona ta' rwiefen partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$SI_{(windstorm,r,i)} = SI_{(property,r,i)} + SI_{(onshore\text{-}property,r,i)}$$

fejn:

(a) $SI_{(property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru riskju ta' rwiefen u fejn ir-riskju jkun jinsab f'żona tar-riskju *i* tar-reġjun *r*;

▼B

(b) $SI_{(onshore\text{-}property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 6 u 18 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn rwiefen u meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*.

8. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' rwiefen f'reġjuni li mhumiex fost dawk stipulati fl-Anness XIII ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa fir-rigward ta' kull kuntratt tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jkopri kwalunkwe wieħed mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) obbligi tal-linji operatorji 7 jew 19 stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' rwiefen u meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(b) obbligi tal-linji operatorji 6 jew 18 stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn rwiefen u meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII.

9. L-ammont tat-telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, imsemmi fil-paragrafu 8 jkun daqs l-ammont li ġej:

$$L_{(windstorm,other)} = 1{,}75 \cdot (0{,}5 \cdot DIV_{windstorm} + 0{,}5) \cdot P_{windstorm}$$

fejn:

(a) $DIV_{windstorm}$ hija kkalkulata skont l-Anness III, iżda fuq il-bażi tal-primjums marbutin mal-obbligi msemmijin fil-paragrafu 8 u ristretti għar-reġjuni 5 sa 18 stipulati fil-punt (8) tal-Anness III;

(b) $P_{windstorm}$ hija stima tal-primjums li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja għal kull kuntratt li jkopri l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 8 tul it-12-il xahar ta' wara: għal dan l-għan, il-primjums ikunu gross, mingħajr tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

Artikolu 122

Submodulu tar-riskju ta' terremot

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' terremot jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{earthquake} = \sqrt{(\sum_{(r,s)} CorrEQ_{(r,s)} \cdot SCR_{(earthquake,r)} \cdot SCR_{(earthquake,s)}) + SCR^2_{(earthquake,other)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli (*r,s*) tar-reġjuni stipulati fl-Anness VI;

▼B

(b) $CorrEQ_{(r,s)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' terremot għar-reġjun *r* u r-reġjun *s* kif stipulat fl-Anness VI;

(c) $SCR_{(earthquake,r)}$ u $SCR_{(earthquake,s)}$ jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' terremot fir-reġjun *r* u *s* rispettivament;

(d) $SCR_{(earthquake,other)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' terremot f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII.

2. ►**M6** Għar-reġjuni kollha mniżżla fl-Anness VI, ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' terremot f'reġjun partikolari *r* għandha tkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżultaw minn telf istantanju ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa ugwali għall-ammont li ġej: ◄

▼M6

$$L_{(earthquake,r)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(earthquake,r,i,j)} \cdot WSI_{(earthquake,r,i)} \cdot WSI_{(earthquake,r,j)}}$$

▼B

fejn:

▼M6

_____

▼B

(b) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i*,*j*) tar-reġjun *r* stipulata fl-Anness IX;

(c) $Corr_{(earthquake,r,i,j)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' rwiefen fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness XXIII;

(d) $WSI_{(earthquake,r,i)}$ u $WSI_{(earthquake,r,j)}$ jirrappreżentaw is-somom ponderati assigurati għar-riskju ta' terremot fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness IX.

3. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VI u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness IX, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' terremot f'żona ta' terremot partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

▼M6

$$WSI_{(earthquake,r,i)} = Q_{(earthquake,r)} \cdot W_{(earthquake,r,i)} \cdot SI_{(earthquake,r,i)}$$

▼B

fejn:

(a) $W_{(earthquake,r,i)}$ tirrappreżenta l-piż tar-riskju għar-riskju ta' terermot fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness X;

(b) $SI_{(earthquake,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata għar-riskju ta' terremot fiż-żona ta' terremot *i* tar-reġjun *r*;

▼M6

(c) $Q_{(earthquake,r)}$ tfisser il-fattur ta' riskju ta' terremot fir-reġjun *r* kif imniżżel fl-Anness VI.

▼M6

Fejn l-ammont determinat għal żona ta' riskju partikolari f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' terremot f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inkluż kwalunkwe limitu ta' pagament kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalkolu alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' terremot f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.

▼B

4. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VI u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness IX, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' terremot f'żona ta' terremot partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$SI_{(earthquake,r,i)} = SI_{(property,r,i)} + SI_{(onshore\text{-}property,r,i)}$$

fejn:

(a) $SI_{(property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru riskju ta' terremot u meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*;

(b) $SI_{(onshore\text{-}property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 6 u 18 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn terremot u meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*.

5. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' terremot f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa b'rabta ma' kull kuntratt tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jkopri wieħed mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) obbligi tal-linji operatorji 7 jew 19 kif stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' terremot, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(b) obbligi tal-linji operatorji 6 jew 18 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn terremot, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII.

▼B

6. L-ammont tat-telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, imsemmi fil-paragrafu 5 jkun daqs l-ammont li ġej:

$$L_{(earthquake,other)} = 1{,}2 \cdot (0{,}5 \cdot DIV_{earthquake} + 0{,}5) \cdot P_{earthquake}$$

fejn:

(a) $DIV_{earthquake}$ hija kkalkulata skont l-Anness III, iżda fuq il-bażi tal-primjums marbutin mal-obbligi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5 u ristretti għar-reġjuni 5 sa 18 stipulati fl-Anness III;

(b) $P_{earthquake}$ hija stima tal-primjums li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiggwadanjaw għal kull kuntratt li jkopri l-obbligi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5 tul it-12-il xahar ta' wara: għal dan l-għan, il-primjums ikunu gross, mingħajr tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

Artikolu 123

Submodulu tar-riskju ta' għargħar

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{flood} = \sqrt{(\sum_{(r,s)} CorrFL_{(r,s)} \cdot SCR_{(flood,r)} \cdot SCR_{(flood,s)}) + SCR^2_{(flood,other)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli (r,s) tar-reġjuni stipulati fl-Anness VII;

(b) $CorrFL_{(r,s)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' għargħar għar-reġjun r u r-reġjun s kif stipulat fl-Anness VII;

(c) $SCR_{(flood,r)}$ u $SCR_{(flood,s)}$jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' għargħar fir-reġjun r u s rispettivament;

(d) $SCR_{(flood,other)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għar-għar f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII.

2. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar f'reġjun partikolari r ikun l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar fir-reġjun r skont ix-xenarju A kif stipulat fil-paragrafu 3;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar fir-reġjun r skont ix-xenarju B kif stipulat fil-paragrafu 4.

▼B

3. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju A jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza ta' eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 65 % tat-telf speċifikat minħabba għargħar fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 45 % tat-telf speċifikat minħabba għargħar fir-reġjun *r*.

4. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju B għandu jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza ta' eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 100 % tat-telf speċifikat minħabba għargħar fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 10 % tat-telf speċifikat minħabba għargħar fir-reġjun *r*.

5. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VII, it-telf speċifikat minħabba għargħar f'reġjun partikolari *r* ikun daqs l-ammont li ġej:

▼M6

$$L_{(flood,r)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(flood,r,i,j)} \cdot WSI_{(flood,r,i)} \cdot WSI_{(flood,r,j)}}$$

▼B

fejn:

▼M6

_____

▼B

(b) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i*,*j*) tar-reġjun *r* stipulata fl-Anness IX;

(c) $Corr_{(flood,r,i,j)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' għargħar fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness XXI$SCR_{(\mathrm{flood,r})}$;

(d) $WSI_{(flood,r,i)}$ u $WSI_{(flood,r,j)}$ jirrappreżentaw is-somom ponderati assigurati għar-riskju ta' għargħar fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness IX.

▼B

6. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VII u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness IX, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' għargħar f'żona partikolari ta' għargħar *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

▼M6

$$WSI_{(flood,r,i)} = Q_{(flood,r)} \cdot W_{(flood,r,i)} \cdot SI_{(flood,r,i)}$$

▼B

fejn:

(a) $W_{(flood,r,i)}$ tirrappreżenta l-piż tar-riskju għar-riskju ta' għargħar fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness X;

(b) $SI_{(flood,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata għar-riskju ta' għargħar f'żona ta' għargħar *i* tar-reġjun *r*;

▼M6

(c) $Q_{(flood,r)}$ tfisser il-fattur ta' riskju ta' silġ għar-reġjun *r* kif stipulat fl-Anness VII.

Fejn l-ammont determinat għal żona ta' riskju partikolari f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' għargħar f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inklużikwalunkwe limitu ta' pagament kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalkolu alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' għargħar f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.

▼B

7. ►**M6** Għar-reġjuni kollha mniżżla fl-Anness VII u ż-żoni ta' riskju kollha ta' dawk ir-reġjuni mniżżla fl-Anness IX, is-somma assigurata għal riskju ta' għargħar għal żona ta' riskju partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* għandha tkun ugwali għal li ġej: ◄

$$SI_{(flood,r,i)} = SI_{(property,r,i)} + SI_{(onshore\text{-}property,r,i)} + 1{,}5 \cdot SI_{(motor,r,t)}$$

fejn:

(a) $SI_{(property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru r-riskju ta' għargħar, meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*;

(b) $SI_{(onshore\text{-}property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 6 u 18 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn għargħar u meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*.

▼B

(c) $SI_{(motor,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 5 u 17 kif stipulat fl-Anness I fir-rigward ta' kuntratti li jkopru r-riskju ta' għargħar, meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*;

8. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' għargħar f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII, ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa b'rabta ma' kull kuntratt tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jkopri kwalunkwe wieħed mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġejjin:

(a) obbligi tal-linji operatorji 7 jew 19 kif stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' għargħar, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(b) obbligi tal-linji operatorji 6 jew 18 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' ħsara fuq proprjetà fuq l-art minn għargħar, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(c) obbligi tal-linji operatorji 5 jew 17 kif stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' għargħar, meta r-riskju ma jknx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII.

9. L-ammont tat-telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, imsemmi fil-paragrafu 8 jkun daqs l-ammont li ġej:

$$L_{(flood,other)} = 1{,}1 \cdot (0{,}5 \cdot DIV_{flood} + 0{,}5) \cdot P_{flood}$$

fejn:

(a) DIVgħargħar hija kkalkulata skont l-Anness III, iżda fuq il-bażi tal-primjums marbutin mal-obbligi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 8 u ristretti għar-reġjuni 5 sa 18 stipulati fil-punt (8) tal-Anness III;

(b) P_{flood} hija stima tal-primjums li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiggwadanjaw għal kull kuntratt li jkopri l-obbligi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 8 tul it-12-il xahar ta' wara: għal dan l-għan, il-primjums ikunu gross, mingħajr tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni.

Artikolu 124

Submodulu tar-riskju ta' silġ

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{hail} = \sqrt{(\sum_{(r,s)} CorrHL_{(r,s)} \cdot SCR_{(hail,r)} \cdot SCR_{(hail,s)}) + SCR^2_{(hail,other)}}$$

▼B

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli (*r,s*) tar-reġjuni stipulati fl-Anness VIII;

(b) $CorrHL_{(r,s)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' silġ għar-reġjun *r* u r-reġjun *s* kif stipulat fl-Anness VIII;

(c) $SCR_{(hail,r)}$ u $SCR_{(hail,s)}$ jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' borra fir-reġjuni *r* u *s* rispettivament;

(d) $SCR_{(hail,other)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII.

2. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ f'reġjun partikolari *r* ikun l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ fir-reġjun *r* skont ix-xenarju A;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' borra fir-reġjun *r* skont ix-xenarju B.

3. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju A jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza tal-eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 70 % tat-telf speċifikat minħabba silġ fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 50 % tat-telf speċifikat minħabba silġ fir-reġjun *r*.

4. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' silġ f'reġjun partikolari *r* skont ix-xenarju B ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mis-sekwenza tal-eventi li ġejja:

(a) telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 100 % tat-telf speċifikat minħabba silġ fir-reġjun *r*;

(b) telf ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 20 % tat-telf speċifikat minħabba silġ fir-reġjun *r*.

▼B

5. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII, it-telf speċifikat minħabba silġ f'reġjun partikolari *r* ikun daqs l-ammont li ġej:

▼M6

$$L_{(hail,r)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(hail,r,i,j)} \cdot WSI_{(hail,r,i)} \cdot WSI_{(hail,r,j)}}$$

▼B

fejn:

▼M6

_____

▼B

(b) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i*,*j*) tar-reġjun *r* stipulata fl-Anness IX;

(c) $Corr_{(hail,r,i,j)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' silġ fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness XXV;

(d) $WSI_{(hail,r,i)}$ u $WSI_{(silġ,r,j)}$ jirrappreżentaw is-somom ippeżati assigurati għar-riskju ta' borra fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness IX.

6. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII u ż-żoni kollha ta' riskju ta' dawk ir-reġjuni stipulati fl-Anness IX, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' silġ f'żona ta' silġ partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

▼M6

$$WSI_{(hail,r,i)} = Q_{(hail,r)} \cdot W_{(hail,r,i)} \cdot SI_{(hail,r,i)}$$

▼B

fejn:

(a) $W_{(hail,r,i)}$ tirrappreżenta l-piż tar-riskju għar-riskju ta' silġ fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r* stipulat fl-Anness X;

(b) $SI_{(hail,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata għar-riskju ta' silġ fiż-żona ta' silġ *i* tar-reġjun *r*;

▼M6

(c) $Q_{(hail,r)}$ tfisser il-fattur ta' riskju ta' silġ fir-reġjun *r* kif imniżżel fl-Anness VIII.

Fejn l-ammont determinat għal żona ta' riskju partikolari f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' silġ f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inkluż kwalunkwe limitu ta' pagament kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalkolu alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' silġ f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.

▼B

7. Għar-reġjuni kollha stipulati fl-Anness VIII u ż-żoni kollha ta' silġ, is-somma assigurata għar-riskju ta' silġ f'żona ta' silġ partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$SI_{(hail,r,i)} = SI_{(property,r,i)} + SI_{(onshore-property,r,i)} + 5 \cdot SI_{(motor,r,t)}$$

fejn:

(a) $SI_{(property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' kuntratti li jkopru r-riskju ta' silġ, meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*;

(b) $SI_{(onshore-property,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 6 u 18 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' kuntratti li jkopru ħsara fuq proprjetà fuq l-art mir-riskju ta' silġ, meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*;

(c) $SI_{(motor,r,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għall-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 5 u 17 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' kuntratti li jkopru r-riskju ta' borra, meta r-riskju jkun jinsab fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r*.

8. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' borra f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness XIII, ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa b'rabta ma' kull kuntratt tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jkopri wieħed jew iktar mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġejjin:

(a) obbligi tal-linji operatorji 7 jew 19 kif stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' borra, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(b) obbligi tal-linji operatorji 6 jew 18 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' ħsara fuq proprjetà fuq l-art minħabba silġ, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII;

(c) obbligi tal-linji operatorji 5 jew 17 kif stipulat fl-Anness I li jkopru r-riskju ta' borra, meta r-riskju ma jkunx jinsab f'wieħed mir-reġjuni stipulati fl-Anness XIII.

9. L-ammont tat-telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, imsemmi fil-paragrafu 8 jkun daqs l-ammont li ġej:

▼B

$$L_{(hail,other)} = 0{,}3 \cdot (0{,}5 \cdot DIV_{hail} + 0{,}5) \cdot P_{hail}$$

fejn:

(a) DIV_{hail} hija kkalkulata skont l-Anness III, iżda bbażata fuq il-primjums marbutin mal-obbligi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 8 u ristretta għar-reġjuni 5 sa 18 stipulati fl-Anness III;

(b) P_{hail} hija stima tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja għal kull kuntratt li jkopri l-obbligi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 8 matul it-12-il xahar ta' wara: għal dan l-għan, il-primjums ikunu gross, mingħajr tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

Artikolu 125

Submodulu tar-riskju ta' sussistenza

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' sussistenza jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa kkalkulat kif ġej:

▼M6

$$L_{(subsidence)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(subsidence,i,j)} \cdot WSI_{(subsidence,i)} \cdot WSI_{(subsidence,j)}}$$

▼B

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i,j*) ta' Frnza stipulat fl-Anness IX;

(b) $Corr_{(subsidence,i,j)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' sussistenza fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* stipulati fl-Anness XXVI;

(c) $WSI_{(subsidence,i)}$ u $WSI_{(subsidence,j)}$ tirrappreżenta s-somom ponderati assigurati għar-riskju ta' sussistenza fiż-żoni ta' riskju i u j ta' Franza stipulati fl-Anness IX.

2. Għaż-żoni kollha ta' sussistenza, is-somma ppeżata assigurata għar-riskju ta' sussistenza f'żona ta' riskju partikolari *i* ta' Franza stipulata fl-Anness IX tiġi kkalkulata kif ġej:

▼M6

$$WSI_{(subsidence,i)} = 0{,}0005 \cdot W_{(subsidence,i)} \cdot SI_{(subsidence,i)}$$

▼B

fejn:

(a) $W_{(subsidence,i)}$ tirrappreżenta l-piż tar-riskju għar-riskju ta' sussistenza fiż-żona ta' riskju i stipulata fl-Anness X;

(b) $SI_{(subsidence,i)}$ tirrappreżenta s-somma assigurata tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stipulat fl-Anness I b'rabta ma' kuntratti li jkopru r-riskju ta' sussistenza ta' bini residenzjali fiż-żona ta' sussistenza *i*.

▼M6

Fejn l-ammont determinat għal żona ta' riskju partikolari f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' ċediment f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inkluż kwalunkwe limitu ta' pagament kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalkolu alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' ċediment f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.

▼B

Artikolu 126

Interpretazzjoni tax-xenarji ta' katastrofi

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 121(3) u (4), l-Artikolu 123(3) u (4) u l-Artikolu 124(3) u (4), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jsejsu l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żewġ eventi konsekuttivi msemmijin f'dawk l-Artikoli huma indipendenti;

(b) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jidħlux f'tekniki ġodda tal-assigurazzjoni għall-mitigazzjoni tar-riskji bejn iż-żewġ eventi.

2. Minkejja l-punt (d) tal-Artikolu 83(1), meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni attwali jippermettu r-ristabbilimenti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jieħdu f'kunsiderazzjoni azzjonijiet maniġerjali tal-ġejjieni marbutin mar-ristabbilimenti bejn l-ewwel u t-tieni event. Is-suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet ta' ġestjoni futuri jkunu realistiċi, oġġettivi u verifikabbli.

Artikolu 127

Submodulu għar-riskju ta' katastrofi ta' riassigurazzjoni ta' proprjetà mhux proporzjonali

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi ta' riassigurazzjoni ta' proprjetà mhux proporzjonali jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa b'rabta ma' kull kuntratt tar-riassigurazzjoni li jkopri l-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-linja operatorja 28 kif stipulat fl-Anness I minbarra obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali marbutin mal-obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linji operatorji 9 u 21 stipulat fl-Anness I.

2. L-ammont tat-telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, imsemmi fil-paragrafu 1 jiġi kkalkulat kif ġej:

$$L_{npproperty} = 2{,}5 \cdot (0{,}5 \cdot DIV_{npproperty} + 0{,}5) \cdot P_{npproperty}$$

▼B

fejn:

(a) $DIV_{npproperty}$ hija kkalkulata skont l-Anness III, iżda bbażata fuq il-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni iggwadanjat fil-linja operatorja 28 kif stipulat fl-Anness I, minbarra obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali marbutin mal-obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linja operatorja 9 u 21 kif stipulat fl-Anness I;

(b) $P_{property}$ hija stima tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja matul it-12-il xahar ta' wara għal kull kuntratt li jkopri l-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-linja operatorja 28 kif stipulat fl-Anness I minbarra obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali marbutin mal-obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linji operatorji 9 u 21 kif stipulat fl-Anness I; għal dan l-għan, il-primjums ikunu gross, mingħajr tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

Artikolu 128

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi magħmulin mill-bniedem

1. Is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi magħmula mill-bniedem jikkonsisti mis-submoduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' responsabbiltà tal-vetturi;

(b) is-submodulu tar-riskju marittimu;

(c) is-submodulu tar-riskju tal-avjazzjoni;

(d) is-submodulu tar-riskju ta' nirien;

(e) is-submodulu tar-riskju ta' responsabbiltà;

(f) is-submodulu tar-riskju ta' kreditu u garanzija.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi magħmulin mill-bniedem jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{mmCAT} = \sqrt{\sum_i SCR_i^2}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi s-submoduli kollha stipulati fil-paragrafu 1;

(b) SCR_i tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għas-submodulu *i*.

Artikolu 129

Submodulu tar-riskju ta' responsabbiltà tal-vetturi

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' responsabbiltà tal-vetturi jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa daqs l-ammont f'euro li ġej:

$$L_{motor} = \max(6\,000\,000; 50\,000 \cdot \sqrt{N_a + 0{,}05 \cdot N_b + 0{,}95 \cdot \min(N_b; 20\,000)})$$

▼B

fejn:

(a) N_a huwa n-numru ta' vetturi assigurati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fil-linji operatorji 4 u 16 kif stipulat fl-Anness I b'limitu tal-polza prežunt ogħla minn EUR 24 000 000;

(b) N_b huwa n-numru ta' vetturi assigurati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fil-linji operatorji 4 u 16 kif stipulat fl-Anness I b'limitu tal-polza prežunt ta' EUR 24 000 000 jew inqas.

In-numru ta' vetturi koperti mill-obbligi tar-riassigurazzjoni proporzjonali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkun ippežat mis-sehem relattiv tal-obbligi tal-impriża fir-rigward tas-somma assigurata tal-vetturi.

2. Il-limitu tal-polza prežunt imsemmi fil-paragrafu 1 ikun il-limitu ġenerali tal-polza tal-assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' vettura jew, meta ma jkun speċifikat ebda limitu ġenerali bħal dan fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza, is-somma tal-limiti għall-ħsara fuq il-proprjetà u korriment personali. Meta l-limitu tal-polza jkun speċifikat bħala massimu għal kull vittma, il-limitu tal-polza prežunt ikun imsejjes fuq is-suppożizzjoni ta' għaxar vittmi.

▼M6

Artikolu 130

Submodulu tar-riskju marittimu

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju marittimu għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$SCR_{marine} = \sqrt{SCR_{vessel}^2 + SCR_{platform}^2}$$

fejn:

(a) SCR_{vessel} hija r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' kolliżjoni ta' bastiment;

(b) $SCR_{platform}$ hija r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' splużjoni ta' pjattaforma.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' kolliżjoni ta' bastiment ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf istantanju ta' ammont li huwa ugwali għal li ġej:

$$L_{vessel} = \max_v(SI_{(hull,v)} + SI_{(liab,v)} + SI_{(pollution,v)})$$

fejn:

(a) il-massimu huwa marbut mal-bastiment tal-baħar, tal-lagi, tax-xmajjar u tal-kanali kollha assigurati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fir-rigward tal-kolliżjoni ta' bastiment fil-linji operatorji 6, 18 u 27 stipulat fl-Anness I fejn il-valur assigurat tal-bastiment huwa minn tal-inqas EUR 250 000;

▼M6

(b) $SI(hull,v)_{(hull,v)}$ hija s-somma assigurata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti li l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tista' tirkupra mill-kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni ta' buq marittimu fir-rigward ta' bastiment *v*;

i \ *j*	Mortalità tas-saħħa	Longevità tas-saħħa	Diżabilità-morbidità tas-saħħa	Spejjeż tas-saħħa	Reviżjoni tas-saħħa	Skadenza tas-saħħa SLT
Mortalità tas-saħħa	1	– 0,25	0,25	0,25	0	0
Longevità tas-saħħa	– 0,25	1	0	0,25	0,25	0,25
Diżabilità-morbidità tas-saħħa	0,25	0	1	0,5	0	0
Spejjeż tas-saħħa	0,25	0,25	0,5	1	0,5	0,5
Reviżjoni tas-saħħa	0	0,25	0	0,5	1	0
Skadenza tas-saħħa SLT	0	0,25	0	0,5	0	1

Artikolu 152

Submodulu tar-riskju tal-mortalità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 15 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

▼B

2. Iż-żieda fir-rati ta' mortalità msemmija fil-paragrafu 1 tapplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-identifikazzjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju tista' tkun imsejsa fuq dawn li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom jiżdiedu l-provvedimenti tekniċi skont żieda fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok il-poloz waħedhom, diment li dan jipprovdi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont żieda fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti u titwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 153

Submodulu tar-riskju ta' longevità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 20 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. It-tnaqqis fir-rati ta' mortalità msemmi fil-paragrafu 1 japplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-identifikazzjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju tista' tkun imsejsa fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok poloz waħedhom, diment li dan irendi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti biss u titwettaq skont il-paragrafu 2.

▼B

Artikolu 154

Submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità tas-saħħa jkun daqs is-somma li ġejja:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-ispejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għall-protezzjoni tad-dħul.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:

(a) ix-xenarji li jsawru l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-ispejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità biss għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi meta n-negozju sottostanti jsir fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

(b) ix-xenarji li jsawru l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għall-protezzjoni tad-dħul biss għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul meta n-negozju sottostanti jsir fuq bażi teknika simili bħal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja.

Artikolu 155

Rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità jkun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għaż-żieda fil-pagamenti mediċi;

(b) ir-rekwiżit kapitali għat-tnaqqis fil-pagamenti mediċi.

2. Ir-rekwiżit kapitali għaż-żieda fil-pagamenti mediċi jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 5 % fl-ammont ta' pagamenti mediċi meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċentwali fir-rata ta' inflazzjoni tal-pagamenti mediċi (mogħtija bħala perċentwal) użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

▼B

3. Ir-rekwiżit kapitali għat-tnaqqis fil-pagamenti mediċi jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) tnaqqis ta' 5 % fl-ammont ta' pagamenti mediċi meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) tnaqqis ta' punt perċentwali mir-rata tal-inflazzjoni tal-pagamenti mediċi (mogħtija bħala perċentwal) użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Artikolu 156

Rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għal protezzjoni tad-dħul

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għal protezzjoni tad-dħul ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 35 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi biex jiġu riflessi d-diżabilità u l-morbidità fit-12-il xahar ta' wara;

(b) żieda ta' 25 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi biex jiġu riflessi d-diżabilità u l-morbidità fis-snin ta' wara t-12-il xahar ta' wara;

(c) meta r-rati ta' diżabilità u morbidità użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkunu inqas minn 50 %, tnaqqis ta' 20 % f'dawk ir-rati

(d) meta r-rati ta' persistenza ta' diżabilità u morbidità użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkunu ta' 50 % jew inqas, żieda ta' 20 % f'dawk ir-rati;

Artikolu 157

Submodulu tar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 10 % fl-ammont ta' spejjeż meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċenwali fir-rata ta' inflazzjoni tal-ispejjeż (mogħtija bħala perċentwal) użata għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

▼B

Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw dawk il-bidliet għall-ispejjeż tagħhom stess u, fejn rilevanti, għall-ispejjeż tal-impriżi ċedenti.

Artikolu 158

Submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 4 % fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità, iżda biss fuq obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-annwalità meta l-benefiċċji pagabbli skont il-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti jistgħu jiżdiedu minħabba bidliet fl-inflazzjoni, l-ambjent legali jew l-istat tas-saħħa tal-persuna assigurata.

Artikolu 159

Submodulu tar-riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 151(1)(f) ikun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT;

(c) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa tas-saħħa SLT.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafi 4 u 5. Minkejja dan, ir-rati ikbar ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet ma jaqbżux il-100 % u ż-żieda fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet tapplika biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

3. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta' eżerċizzju ta' opzjonijiet tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafi 4 u 5. Minkejja dan, it-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet ma jaqbiżx l-20 punt perċentwali u t-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet japplika biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju jirriżulta fi tnaqqis tal-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

▼B

4. L-opzjonijiet rilevanti għall-fini tal-paragrafi 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur tal-polza li jtemm, iċedi, inaqqas, jillimita jew jissospendi b'mod parzjali jew sħiħ il-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew li jħalli l-polza tal-assigurazzjoni tiskadi;

(b) id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detentur tal-polza li jistabbilixxi, iġedded, iżid, jestendi jew ikompli bis-sħiħ jew b'mod parzjali l-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), il-bidla fir-rata ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tiġi applikata għar-rata li tirrifletti li l-opzjoni rilevanti mhijiex eżerċitata.

5. Fir-rigward tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-opzjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet imsemmijin fil-paragrafu 4 tad-detenturi ta' poloz tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(b) id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 4 tad-detenturi tal-poloz tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni li jsawru l-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(c) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, id-dritt tad-detenturi tal-polza potenzjali li ma jikkonkludux dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

6. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn taħlita tal-eventi f'daqqa li ġejjin:

(a) it-terminazzjoni ta' 40 % tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom il-waqfien jirriżulta f'żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju;

(b) meta l-kuntratt tar-riassigurazzjoni jkopri kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, it-tnaqqis ta' 40 % tan-numru ta' dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni futuri użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

L-eventi imsemmijin fl-ewwel subparagrafu japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kkonċernati kollha. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punt (a) japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.

▼B

Sabiex jiġi ddeterminat it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fl-event imsemmi fil-punt (a), l-impriża ssejjes il-kalkolu fuq it-tip ta' terminazzjoni li l-iktar li jaffettwa ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi fuq bażi ta' kull polza.

7. Meta l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ikbar wieħed minn fost ir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza msemmi fl-Artikolu 105(3)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 160

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{healthCAT} = \sqrt{SCR_{ma}^2 + SCR_{ac}^2 + SCR_p^2}$$

fejn:

(a) SCR_{ma} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa;

(b) SCR_{ac} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti;

(c) SCR_p tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju ta' pandemija.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' konċentrazzjoni ta' aċċidenti għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema u għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' protezzjoni tad-dħul tal-grupp;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' pandemija għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema.

▼B

Artikolu 161

Submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{ma} = \sqrt{\sum_{s} SCR_{(ma,s)}^{2}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI;

(b) $SCR_{(ma,s)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' aċċident tal-massa ta' pajjiż *s*.

2. Għall-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' aċċident tal-massa ta' pajjiż partikolari s ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_{(ma,s)} = r_s \cdot \sum_{e} x_e \cdot E_{(e,s)}$$

fejn:

(a) r_s tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni affettwati mill-aċċident tal-massa f'pajjiż *s* kif stipulat fl-Anness XVI;

(b) is-somma tinkludi t-tipi ta' eventi *e* stipulati fl-Anness XVI;

(c) x_e tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni li se jirċievu benefiċċji tat-tip ta' eventi *e* bħala riżultat tal-aċċident kif stipulat fl-Anness XVI;

(d) $E_{(e,s)}$ tirrappreżenta l-valur sħiħ tal-benefiċċji pagabbli mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għat-tip ta' eventi *e* fil-pajjiż *s*.

3. Għat-tipi ta' eventi kollha stipulati fl-Anness XVI u l-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI, is-somma assigurata ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal tip ta' event partikolari e f'pajjiż partikolari *s* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$E_{(e,s)} = \sum_{i} SI_{(e,i)}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha i tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li huma assigurati kontra kull tip ta' event *e* u huma abitanti tal-pajjiż *s*;

▼B

(b) $SI_{(e,i)}$ tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata *i* f'każ ta' tip ta' event *e*.

Il-valur tal-benefiċċji jkun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' event tat-tip *e*. Fejn il-benefiċċji ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jiddependu fuq in-natura u l-ambitu ta' kwalunkwe ħsara li tirriżulta minn event *e*, il-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq l-ogħla benefiċċji li jistgħu jinkisbu skont il-kuntratt li huma konsistenti ma' dan l-event. Għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, il-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq stima tal-ammonti medji mħallsin fil-każ ta' event *e*, filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli għad-durata speċifikata u jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-garanziji speċifiċi inklużi fl-obbligi.

4. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-benefiċċji pagabbli lill-persuna assigurata msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-bażi ta' grupp ta' riskji omoġenji, diment li r-raggruppament tal-poloz ikun konformi mal-Artikolu 35.

Artikolu 162

Submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{ac} = \sqrt{\sum_{c} SCR_{(ac,c)}^{2}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha *c*;

(b) $SCR_{(ac,c)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti ta' pajjiż *c*.

2. Għall-pajjiżi kollha r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti ta' pajjiż *c* jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_{(ac,c)} = C_c \cdot \sum_{e} x_e \cdot CE_{(e,c)}$$

fejn:

(a) C_c tirrappreżenta l-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'pajjiż *c*;

▼B

(b) is-somma tinkludi t-tipi ta' eventi *e* stipulati fl-Anness XVI;

(c) x_e tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni li se jirċievu benefiċċji tat-tip ta' event *e* bħala riżultat tal-aċċident kif stipulat fl-Anness XVI;

(d) $CE_{(e,c)}$ tirrappreżenta l-valur medju tal-benefiċċji li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jħallsu għat-tip ta' event *e* għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti f'pajjiż *c*.

3. Għall-pajjiżi kollha, l-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċident ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'pajjiż c tkun daqs l-ikbar numru ta' persuni li għalihom huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema jew obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' protezzjoni tad-dħul ta' grupp fir-rigward ta' kull waħda mill-persuni;

(b) l-obbligi marbutin ma' kull waħda mill-persuni jkopru tal-inqas wieħed mill-eventi stipulati fl-Anness XVI;

(c) il-persuni qed jaħdmu fl-istess bini li jinsab fil-pajjiż *c*.

4. Għat-tipi ta' eventi u l-pajjiżi kollha, is-somma medja ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għat-tip ta' event *e* għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti f'pajjiż *c* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$CE_{(e,c)} = \frac{1}{N_e} \sum_{i=1}^{N_e} SI_{(e,i)}$$

fejn:

(a) N_e tirrappreżenta n-numru ta' persuni assigurati tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li huma assigurati kontra tip ta' event *e* u li jappartjenu għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni
f'pajjiż *c*;

(b) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha msemmijin fil-punt (a);

(c) $SI_{(e,i)}$ tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata *i* f'każ ta' tip ta' event *e*.

▼B

Il-valur tal-benefiċċji msemmi fil-punt (c) ikun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' event tat-tip *e*. Fejn il-benefiċċji ta' polza tal-assigurazzjoni jiddependu fuq in-natura u l-ambitu tal-ħsara li tirriżulta minn event *e*, il-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq l-ogħla benefiċċji li jistgħu jinkisbu skont il-polza li huma konsistenti ma' dan l-event. Għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, il-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq stima tal-ammonti medji mħallsin fil-każ ta' event *e*, filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli għad-durata speċifikata u jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-garanzijispeċifiċi inklużi fl-obbligi.

5. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għall-persuna assigurata msemmija fil-paragrafu 4 fuq il-bażi ta' gruppi ta' riskji omoġenji, diment li r-raggruppament ta' poloz jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 35.

Artikolu 163

Submodulu tar-riskju ta' pandemija

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' pandemija jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_p = 0{,}000075 \cdot E + 0{,}4 \cdot \sum_c N_c \cdot M_c$$

fejn:

(a) E tirrappreżenta l-iskopertura ta' pandemija għal protezzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

(b) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha c;

(c) N_c tirrappreżenta n-numru ta' persuni assigurati tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-persuni assigurati huma abitanti ta' pajjiż c,

(ii) il-persuni assigurati huma koperti minn obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema, li jkopru spejjeż mediċi li jirriżultaw minn mard li jittieħed;

(d) M_c tirrappreżenta l-ammont medju mistenni li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal kull persuna assigurata ta' pajjiż c fil-każ ta' pandemija.

▼B

2. L-iskopertura ta' pandemija għal protezzjoni tad-dħul ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiġi kkalkulata kif ġej:

$$E = \sum_i E_i$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha i koperti mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal protezzjoni tad-dħul minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema;

(b) E_i tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata *i* fil-każ ta' diżabilità permanenti tax-xogħol ikkaġunata minn marda li tittieħed. Il-valur tal-benefiċċji jkun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' benefiċċji filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli b'mod permanenti u mhijiex se tirkupra.

3. Għall-pajjiżi kollha, l-ammont medju mistenni li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal kull persuna assigurata ta' pajjiż partikolari *c* fil-każ ta' pandemija jiġi kkalkulat kif ġej:

$$M_c = \sum_h H_h \cdot CH_{(h,c)}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-tipi ta' użu tal-kura tas-saħħa *h* stipulati fl-Anness XVI;

(b) H_h tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni assigurati b'sintomi kliniċi li jużaw il-kura tas-saħħa *h* kif stipulat fl-Anness XVI;

(c) $CH_{(h,c)}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal persuna assigurata f'pajjiż *c* b'rabta mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema, għal użu tal-kura tas-saħħa *h* fil-każ ta' pandemija.

TAQSIMA 5

Modulu tar-riskju tas-suq

Subtaqsima 1

Koeffiċjenti ta' korrelazzjoni

Artikolu 164

1. Il-modulu tar-riskju tas-suq jikkonsisti mis-sub-moduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju tar-rata tal-imgħax li hemm referenza għalih fil-punt (a) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) is-submodulu tar-riskju tal-ekwità li hemm referenza għalih fil-punt (b) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) is-submodulu tar-riskju tal-proprjetà li hemm referenza għalih fil-punt (c) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) is-submodulu tar-riskju mifrux li hemm referenza għalih fil-punt (d) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) is-submodulu tar-riskju tal-munita li hemm referenza għalih fil-punt (e) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) is-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq li hemm referenza għalih fil-punt (f) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq imsemmi fl-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{market} = \sqrt{\sum_{i,j} Corr_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli *i,j* tas-submoduli tal-modulu tar-riskju tas-suq;

(b) $Corr_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju tas-suq għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCRi u SCRj jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submoduli i u j rispettivament.

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 ikun daqs l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Rata tal-imgħax	Ekwità	Proprjetà	Firxa	Konċentrazzjoni	Valuta
Rata tal-imgħax	1	A	A	A	0	0,25
Ekwità	A	1	0,75	0,75	0	0,25
Proprjetà	A	0,75	1	0,5	0	0,25
Firxa	A	0,75	0,5	1	0	0,25
Konċentrazzjoni	0	0	0	0	1	0
Valuta	0,25	0,25	0,25	0,25	0	1

Il-parametru A jkun żero meta r-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax stipulat fl-Artikolu 165 huwa r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-parametru A jkun 0,5.

▼M1

Subsezzjoni 1a

Investimenti infrastrutturali kwalifikanti

Artikolu 164a

Investimenti infrastrutturali kwalifikanti

▼M4

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, investiment infrastrutturali kwalifikanti għandu jinkludi investiment f'entità infrastrutturali li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) il-flussi tal-flus ġenerati mill-assi infrastrutturali jippermettu li l-obbligi finanzjarji kollha jintlaħqu taħt stress sostnut li huwa rilevanti għar-riskji tal-proġett;

(b) il-flussi tal-flus li entità infrastrutturali tiġġenera għall-fornituri tad-dejn u għall-investituri azzjonarji huma prevedibbli;

(c) l-assi ta' infrastruttura u l-entità infrastrutturali huma rregolati minn qafas regolatorju jew kuntrattwali li jagħti lill-fornituri tad-dejn u lill-investituri azzjonarji grad għoli ta' protezzjoni li jinkludu dawn li ġejjin:

(a) Il-qafas kuntrattwali għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jipproteġu b'mod effettiv il-fornituri tad-dejn u l-investituri tal-ekwità kontra telf li jirriżulta minn terminazzjoni tal-proġett minn parti li taqbel li tixtri l-oġġetti jew is-servizzi provduti mill-proġett infrastrutturali, sakemm ma tintlaħaqx waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dħul tal-entità infrastrutturali huwa finanzjat minn pagamenti minn għadd kbir ta' utenti; jew

(ii) id-dħul ikun suġġett għal regolament tar-rata tar-redditu;

(b) l-entità infrastrutturali jkollha biżżejjed fondi ta' riżerva jew arranġamenti finanzjarji oħra sabiex tkopri l-finanzjament ta' kontinġenza u r-rekwiżiti ta' kapital ta' ħidma tal-proġett;

Meta l-investimenti jkunu f'bonds jew self, dan il-qafas kuntrattwali għandu jinkludi wkoll dawn li ġejjin:

(i) il-fornituri tad-dejn ikollhom sigurtà jew benefiċċju tas-sigurtà sa fejn tippermetti l-liġi applikabbli għall-assi u l-kuntratti kollha li huma kritiċi sabiex jitħaddem il-proġett;

(ii) l-użu ta' flussi ta' flus operatorji netti wara l-pagamenti obbligatorji għall-proġett għal skopijiet li mhumiex l-obbligi għall-ħlas tad-dejn huwa ristrett;

(iii) restrizzjonijiet fuq attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment lil fornituri tad-dejn, inkluż dejn ġdid li ma jistax jinħareġ mingħajr il-kunsens ta' fornituri tad-dejn eżistenti fl-għamla maqbula magħhom, sakemm ma jiġix permess ħruġ ta' dejn ġdid taħt id-dokumentazzjoni għal dejn eżistenti;

▼M4

Minkejja l-punt (i) tat-tieni subparagrafu, għal investimenti f'bonds jew self, meta impriżi jistgħu juru li s-sigurtà fl-assi u l-kuntratti kollha mhijiex essenzjali għall-forniturі tad-dejn biex jipproteġu jew jirkupraw b'mod effettiv l-maġġoranza vasta tal-investiment tagħhom, jistgħu jintużaw mekkaniżmi ta' sigurtà oħra. F'dan il-każ, il-mekkaniżmi ta' sigurtà l-oħra għandhom jinkludu tal-inqas wieħed milli ġejjin:

(i) garanzija ta' ishma;

(ii) drittijiet ta' involviment;

(iii) rahan fuq kontijiet bankarji;

(iv) kontroll fuq il-flussi tal-flus;

(v) dispożizzjonijiet għall-għotja ta' kuntratt;

(d) meta l-investimenti jkunu f'bonds jew self, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' turi lis-sorveljanti li hija kapaċi żżomm l-investiment sal-maturità tiegħu;

(e) meta l-investimenti jkunu f'bonds jew self li għalihom ma jkunx hemm disponibbli valuttazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, l-istrument tal-investiment u strumenti oħra *pari passu* jkollhom prijorità fuq kull pretensjoni oħra għajr il-pretensjonijiet statutorji u pretensjonijiet minn forniturі tal-faċilitajiet ta' likwidità, fiduċjarji u kontropartijiet tad-derivattivi;

(f) meta l-investimenti jkunu f'ekwitajiet jew f'bonds jew f'self li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata ma tkunx disponibbli, jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:

(i) l-assi ta' infrastruttura u l-entità infrastrutturali jkunu fiż-ŻEE jew fl-OECD;

(ii) meta l-proġett infrastrutturali tkun fil-fażi tal-kostruzzjoni, il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati minn investitur azzjonarju, jew meta jkun hemm aktar minn investitur azzjonarju wieħed, il-kriterji li ġejjin għandhom jintlaħqu mill-grupp kollu tal-investituri azzjonarji;

— l-investituri azzjonarji għandhom storja ta' suċċess marbuta mal-iskrutinju ta' proġetti infrastrutturali u mal-għarfien espert rilevanti;

— l-investituri azzjonarji għandhom riskju baxx ta' inadempjenza, jew hemm riskju baxx ta' telf materjali għall-entità infrastrutturali b'riżultat tal-inadempjenza tagħha;

— l-investituri azzjonarji huma inċentivati biex jipproteġu l-interessi tal-investituri;

(iii) meta jkun riskji ta' kostruzzjoni, salvagwardji biex tkun żgurata t-tlestija tal-proġett skont l-ispeċifikazzjoni, il-baġit jew id-data tat-tlestija miftiehma;

(iv) meta r-riskji operatorji fejn huma materjali, jkunu ġestiti kif suppost;

▼M4

(v) l-entità infrastrutturali tuża teknoloġija u disinn ittestjati;

(vi) l-istruttura kapitali tal-entità infrastrutturali tippermettilha li tirrispetta l-obbligi tad-dejn tagħha;

(vii) ir-riskju ta' rifinanzjament għall-entità infrastrutturali huwa baxx;

(viii) l-entità infrastrutturali tuża d-derivattivi għal skopijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju biss.

▼M1

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), il-flussi ta' flus iġġenerati għal fornituri tas-self u l-investituri azzjonarji ma għandhomx jitqiesu prevedibbli, dment li r-rikavati kollha, ħlief xi parti irrelevanti minnhom, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jintlaħaq wieħed minn dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) ir-rikavati jkunu abbażi ta' disponibilità;

(ii) ir-rikavati jkunu suġġett għal regolament tar-rata tar-redditu;

(iii) ir-rikavati jkunu suġġett għal kuntratt take-or-pay;

(iv) il-livell ta' produzzjoni jew tal-użu u l-prezz għandu b'mod indipendenti jissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

— ikun irregolat;

— ikun iffissat b'kuntratt;

— huwa suffiċjentement prevedibbli minħaba d-domanda baxxa tar-riskju;

(b) meta r-rikavati tal-entità għall-proġett infrastrutturali ma jkunux iffinanzjati mill-pagamenti ta' għadd kbir ta' utenti, il-parti li taqbel li tixtri l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti mill-entità għall-proġetti infrastrutturali tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) entità elenkata fl-Artikolu 180(2) ta' dan ir-Regolament;

(ii) awtorità lokali jew gvern reġjonali li jkunu elenkati fir-Regolament adottat skont l-Artikolu 109a(2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) entità bi klassifikazzjoni ECAI bi skala tal-kwalità tal-kreditu ta' mill-inqas tlieta (3);

(iv) entità li hija sostitwibbli mingħajr bidla sinifikanti fil-livell u fit-twaqqit tar-rikavat.

▼M4

l-Artikolu 164b

Investimenti korporattivi infrastrutturali kwalifikanti

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, investiment korporattiv infrastrutturali kwalifikanti għandu jinkludi investiment f'entità infrastrutturali li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

▼M4

(1) il-maġġoranza sostanzjali tad-dħul tal-entità infrastrutturali tiġi mis-sjieda, il-finanzjament, l-iżvilupp jew l-operat tal-assi infrastrutturali misjuba fiż-ŻEE jew fl-OECD;

(2) id-dħul ġenerat mill-assi tal-infrastruttura jissodisfa wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164a(2)(a);

(3) meta d-dħul tal-entità infrastrutturali ma jkunx iffinanzjat mill-pagamenti ta' għadd kbir ta' utenti, il-parti li taqbel li tixtri l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti mill-entità infrastrutturali għandha tkun waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 164a(2)(b);

(4) id-dħul għandu jiġi diversifikat f'termini ta' attivitajiet, post, jew pagaturi, sakemm id-dħul ma jkunx suġġett għal regolament rata tar-redditu skont l-Artikolu 164a(1)(c)(a)(ii) jew kuntratt take-or-pay jew id-dħul ikun ibbażat fuq id-disponibbiltà;

(5) meta l-investimenti jkunu f'bonds jew self, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' turi lis-sorveljanti li hija kapaċi żżomm l-investiment sal-maturità tiegħu;

(6) meta ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għall-entità infrastrutturali:

(a) l-istruttura kapitali tal-korporattiv infrastrutturali għandha tippermettilu li jagħmel servizz tad-dejn kollu tiegħu taħt suppożizzjonijiet konservattivi bbażati fuq analiżi tal-proporzjonijiet finanzjarji rilevanti;

(b) l-entità infrastrutturali għandha tkun ilha attiva għal tal-inqas tliet snin, jew, fil-każ ta' negozju akkwistat, għandu jkun ilu jopera għal mill-inqas tliet snin;

(7) meta tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għall-entità infrastrutturali, din il-valutazzjoni tal-kreditu jkollha skala tal-kwalità kreditizja bejn 0 u 3.

▼B

Subtaqsima 2

Submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

Artikolu 165

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs l-ikbar waħda minn dawn li ġejjin:

(a) is-somma, fuq il-valuti kollha, tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fl-Artikolu 166 ta' dan ir-Regolament;

▼B

(b) is-somma, fuq il-muniti kollha, tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fl-Artikolu 167 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-ikbar wieħed minn fost ir-rekwiżiti kapitali li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 u l-ikbar wieħed fost ir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għandu jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2).

Artikolu 166

Żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn żieda f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju għal dik il-munita f'maturitajiet differenti skont it-tabella li ġejja:

Maturità (fi snin)	Żieda
1	70 %
2	70 %
3	64 %
4	59 %
5	55 %
6	52 %
7	49 %
8	47 %
9	44 %
10	42 %
11	39 %
12	37 %
13	35 %
14	34 %
15	33 %
16	31 %
17	30 %
18	29 %
19	27 %
20	26 %
90	20 %

▼B

Għal maturitajiet mhux speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur taż-żieda jkun interpolat b'mod lineari. Għal maturitajiet ta' iqsar minn sena, iż-żieda tkun ta' 70 %. Għal maturitajiet itwal minn 90 sena, iż-żieda tkun ta' 20 %.

2. Fi kwalunkwe każ, iż-żieda tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju bi kwalunkwe maturità tkun tal-inqas ta' punt perċentwali.

3. L-impatt taż-żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE fl-istitutzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jitqies biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament. Il-parti mnaqqsa mill-fondi proprji tiġi kkunsidrata biss sa fejn it-tali impatt iżid il-fondi proprji bażiċi.

Artikolu 167

Tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari għandu jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiku mingħajr riskju għal dik il-munita b'maturitajiet differenti skont it-tabella li ġejja:

Maturità (fi snin)	Tnaqqis
1	75 %
2	65 %
3	56 %
4	50 %
5	46 %
6	42 %
7	39 %
8	36 %
9	33 %
10	31 %
11	30 %
12	29 %
13	28 %
14	28 %
15	27 %

▼B

Maturità (fi snin)	Tnaqqis
16	28 %
17	28 %
18	28 %
19	29 %
20	29 %
90	20 %

Għal maturitajiet mhux speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur tat-tnaqqis għandu jkun interpolat b'mod lineari. Għal maturitajiet ta' inqas minn sena, it-tnaqqis għandu jkun ta' 75 %. Għal maturitajiet itwal minn 90 sena, it-tnaqqis ikun ta' 20 %.

2. Minkejja l-paragrafu 1, għar-rati tal-imgħax bażiċi negattivi mingħajr riskju, it-tnaqqis ikun ta' żero.

3. L-impatt fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu tat-tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju jitqies biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament. Il-parti mnaqqsa mill-fondi proprji tiġi kkunsidrata biss sa fejn it-tali impatt iżid il-fondi proprji bażiċi.

Subtaqsima 3

Submodulu tar-riskju ta' ekwità

Artikolu 168

Dispożizzjonijiet ġenerali

▼M4

1. Is-submodulu tar-riskju tal-ekwità msemmi fil-punt (b) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE għandu jinkludi submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet tat-tip 1, submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet tat-tip 2, submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet tal-infrastruttura kwalifikanti u submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti.

▼M1

2. L-ekwitajiet tat-tip 1 jinkludu l-ekwitajiet elenkati fis-swieq irregolati fil-pajjiżi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), jew li huma negozjati f'faċilitajiet ta' negozjar multilaterali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(22) tad-Direttiva 2014/65/UE, li l-uffiċċju rreġistrat jew l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun fl-Istati Membri tal-UE.

▼M1

3. L-ekwitajiet tat-tip 2 jinvolvu ekwitajiet oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, komoditajiet u investimenti alternattivi oħrajn. Jinkludu wkoll l-assi kollha minbarra dawk koperti fis-submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, is-submodulu tar-riskju ta' proprjetà jew is-submodulu tar-riskju ta' firxa, inklużi l-assi u l-esponimenti indiretti msemmijin fl-Artikolu 84(1) u (2) meta approċċ ta' trasparenza mhuwiex possibbli u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tagħmilx użu mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 84(3).

3 a. L-ekwitajiet tal-infrastruttura kwalifikanti għandhom jinkludu investimenti ta' ekwità f'entitajiet għall-proġetti infrastrutturali li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164a.

▼M4

3b. L-ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti għandhom jinkludu investimenti ta' ekwità f'entitajiet infrastrutturali li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164b.

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ekwità jiġi kkalkulat kif ġej:

▼C1

$$SCR_{equity} = \sqrt{SCR_{equ1}^2 + 2 \cdot 0{,}75 \cdot SCR_{equ1} \cdot (SCR_{equ2} + SCR_{quinf} + SCR_{quinfc}) + (SCR_{equ2} + SCR_{quinf} + SCR_{quinfc})^2}$$

▼M4

fejn:

(a) SCR_{equ1} jiddenota r-rekwiżit ta' kapital għal ekwitajiet tat-tip 1;

(b) SCR_{equ2} jiddenota r-rekwiżit ta' kapital għal ekwitajiet tat-tip 2;

(c) SCR_{quinf} jiddenota r-rekwiżit ta' kapital għall-ekwitajiet infrastrutturali kwalifikanti;

(d) SCR_{quinfc} jiddenota r-rekwiżit ta' kapital għall-ekwitajiet korporattivi infrastrutturali kwalifikanti.

▼B

5. L-impatt tat-tnaqqisijiet f'daqqa stipulat fl-Artikoli 169 u 170 fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu għandu jiġi kkunsidrat biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin minn fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament.

6. L-ekwitajiet li ġejjin, fi kwalunkwe każ, jitqiesu tat-tip 1:

▼M4

(a) l-ekwitajiet, ħlief l-ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw jew ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti, miżmumin fl-impriżi ta' investiment kollettiv li huma fondi intraprenditorjali soċjali li jikkwalifikaw kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament, ikun possibbli għall-esponimenti kollha

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

▼M4

fl-impriża ta' investiment kollettiv, jew unitajiet jew ishma ta' dawk il-fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv;

(b) l-ekwitajiet, ħlief l-ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw jew ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti, miżmumin fl-impriżi ta' investiment kollettiv li huma fondi intraprenditorjali soċjali li jikkwalifikaw fondi kapitali ta' riskju kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament, ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv, jew unitajiet jew ishma ta' dawk il-fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-esponimenti kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv;

▼B

(c) ►M6 fir-rigward tal-fondi magħluqa ta' investiment alternattivi li huma stabbiliti fl-Unjoni jew, jekk mhumiex stabbiliti fl-Unjoni, li huma nnegozjati fl-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 35 jew 40 tad-Direttiva 2011/61/UE u li, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx ingranaġġ f'konformità mal-metodu ta' impenn stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 [2]. ◄

▼M4

(i) l-ekwitajiet, ħlief l-ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw jew ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti, miżmumin f'tali fondi meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fil-fond ta' investiment alternattiv;

▼B

(ii) unitajiet jew ishma tat-tali fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fil-fond ta' investiment alternattiv;

▼M4

(d) l-ekwitajiet, ħlief l-ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw jew ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti, miżmumin f' impriżi ta' investiment kollettiv li huma awtorizzati bħala fondi Ewropej ta' investiment ta' terminu twil skont ir-Regolament (UE) 2015/760 meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv, jew unitajiet jew ishma ta' dawk il-fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv;

▼M6

(e) portafolli ta' ekwità mhux ikkwotata kwalifikanti kif definit fl-Artikolu 168a.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital tar-riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1),

▼**M6**

Artikolu 168a

Portafolli ta' ekwità mhux ikkwotata kwalifikanti

1. Għall-finijiet ta' punt (e) tal-Artikolu 168(6), portafoll ta' ekwità mhux ikkwotata li jikkwalifika huwa sett ta' investimenti f'ekwità li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) is-sett ta' investimenti jikkonsisti biss f'investimenti f'ishma ordinarji ta' kumpaniji;

(b) l-ishma ordinarji ta' kull waħda mill-kumpaniji kkonċernati ma huma kkwotati fl-ebda suq irregolat;

(c) kull kumpanija għandha l-uffiċju prinċipali tagħha f'pajjiż li huwa membru taż-ŻEE;

(d) aktar minn 50 % tad-dħul annwali ta' kull kumpanija huwa ddenominat f'muniti ta' pajjiżi li huma membri taż-ŻEE jew tal-OECD;

(e) aktar minn 50 % tal-ħaddiema impjegati minn kull kumpanija għandhom il-post tal-xogħol prinċipali tagħhom f'pajjiżi li huma membri taż-ŻEE;

(f) kull kumpanija tissodisfa minn tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet għal kull waħda minn l-aħħar tliet snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li qed jiġi kkalkulat:

(i) il-fatturat annwali tal-kumpanija jaqbeż EUR 10 000 000;

(ii) it-total tal-karta bilanċjali tal-kumpanija jaqbeż EUR 10 000 000;

(iii) in-numru ta' persunal impjegat mill-kumpanija jaqbeż 50;

(g) il-valur tal-investiment f'kull kumpanija jirrappreżenta mhux aktar minn 10 % tal-valur totali tas-sett tal-investiment;

(h) l-ebda kumpanija ma hi impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, istituzzjoni tal-kreditu, ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, maniġer tal-fond tal-investiment alternattiv, kumpanija tal-ġestjoni UCITS, istituzzjoni għall-provvediment tal-irtirar okkupazzjonali jew impriża mhux regolata li qed twettaq attivitajiet finanzjarji;

(i) il-beta tas-sett tal-investimenti ma taqbiżx 0,796.

▼M6

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(i), il-beta tas-sett tal-investimenti hija l-medja tal-betas għal kull wieħed mill-investimenti f'dak is-sett ta' investimenti, ipponderata bil-valuri kontabbilistiċi ta' dawk l-investimenti. Il-beta ta' investiment f'kumpanija għandu jkun determinat kif ġej:

$$\beta = 0{,}9478 - 0{,}0034 \cdot GM + 0{,}0139 \cdot \frac{Debt}{CFO} - 0{,}0015 \cdot ROCE$$

fejn:

(a) β hija l-beta tal-investiment fl-ekwità tal-kumpanija;

(b) *GM* hija l-medja tal-marġini gross tal-kumpanija matul l-aħħar ħames snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li qed jiġi kkalkulat:

(c) *Debt* huwa d-dejn totali tal-kumpanija fit-tmiem tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti li għaliha hemm figuri disponibbli;

(d) *CFO* hija l-medja tal-fluss tal-flus netti tal-kumpanija mill-operazzjonijiet matul l-aħħar ħames snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li qed jiġi kkalkulat;

(e) *ROCE* hija l-medja tar-redditu fuq ekwità komuni tal-kumpanija matul l-aħħar ħames snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li qed jiġi kkalkulat. Ekwità komuni għandha tinftiehem bħala kapital u riżervi kif imsemmi fl-Anness III tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) eskluż ishma preferenzjali u l-kont tal-primjum azzjonarju relatat.

Artikolu 169

Submodulu tar-riskju ta' ekwità standard

1. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 1 imsemmija fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqisijiet istantanji li ġejjin:

(a) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità tat-tip 1 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' natura strateġika;

([1]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

▼M6

(b) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità tat-tip 1 li huma ttrattati bħala investiment f'ekwità fit-tul f'konformità mal-Artikolu 171a;

(c) tnaqqis istantanju ugwali għas-somma ta' 39 % u l-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1 minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a) u (b).

2. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 2 imsemmi fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis istantanju li ġej:

(a) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità tat-tip 2 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' natura strateġika;

(b) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità tat-tip 2 li huma ttrattati bħala investiment f'ekwità fit-tul f'konformità mal-Artikolu 171a;

(c) tnaqqis istantanju ugwali għas-somma ta' 49 % u l-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2 minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a) u (b).

3. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet infrastrutturali li jikkwalifikaw imsemmija fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis istantanju li ġej:

(a) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità kwalifikanti infrastrutturali f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 212(1) u l-Artikolu 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawk l-investimenti jkunu ta' natura strateġika;

(b) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwitajiet li huma ttrattati bħala investiment tal-ekwità fit-tul f'konformità mal-Artikolu 171a;

(c) tnaqqis istantanju ugwali għas-somma ta' 30 % u 77 % tal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-investimenti f'ekwità kwalifikanti infrastrutturali minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a) u (b).

4. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet korporattivi infrastrutturali li jikkwalifikaw imsemmija fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis istantanju li ġej:

▼M6

(a) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità kwalifikanti korporattiva infrastrutturali f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 212(1) u l-Artikolu 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawk l-investimenti jkunu ta' natura strateġika;

(b) tnaqqis istantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti f'ekwità korporattiva infrastrutturali li jikkwalifikaw li huma ttrattati bħala investimenti f'ekwità fit-tul f'konformità mal-Artikolu 171a;

(c) tnaqqis istantanju ugwali għas-somma ta' 36 % u 92 % tal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet korporattivi infrastrutturali li jikkwalifikaw minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a) u (b).

▼B

Artikolu 170

Submodulu tar-riskju ta' ekwità msejjes fuq id-durata

1. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċiviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għall-ekwitajiet tat-tip 1 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqisijiet instantanji li ġejjin:

▼M1

(a) tnaqqis f'daqqa ta' 22 % fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1 li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) tnaqqis istantanju tnaqqis instantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tat-tip 1 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(c) tnaqqis instantanju ugwali għat-total ta' 39 % mal-aġġustament simmetriku (SA) kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

2. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 2 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta':

▼M1

(a) ta' 22 % fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2 li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tat-tip 2 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

▼B

(c) l-għadd ta' 49 % mal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

▼M1

3. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta':

(a) 22 % fil-valur tal-ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwitajiet tal-infrastruttura li jikkwalifikaw f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(c) tas-somma ta' 30 % u ta' 77 % tal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur ta' ekwitajiet tal-infrastrutura kwalifikanti, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

▼M4

4. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura li jikkwalifikaw ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta':

(a) 22 % fil-valur tal-ekwità korporattiva tal-infrastruttura kwalifikanti li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura li jikkwalifikaw f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(c) somma ta' 36 % u ta' 92 % tal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur ta' ekwitajiet korporattivi tal-infrastrutura kwalifikanti, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

▼B

Artikolu 171

Investimenti strateġiċi ta' ekwità

▼M4

Għall-finijiet tal-Artikolu 169(1)(a), (2)(a), (3)(a) u (4)(a) u tal-Artikolu 170(1)(b), (2)(b), (3)(b) u (4)(b), l-investimenti ta' ekwità ta' għamla strateġika jfissru investimenti ta' ekwità li għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti turi dan li ġej:

▼B

(a) li l-valur tal-investiment ta' ekwità aktarx li jkun materjalment inqas volatili għat-12-il xahar ta' wara meta mqabbel mal-valur ta' ekwitajiet oħrajn tul l-istess perjodu bħala riżultat kemm tal-għamla tal-investiment kif ukoll tal-influwenza eżerċitata mill-impriża parteċipanti fl-impriża relatata;

(b) li l-għamla tal-investiment hija strateġika, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inklużi:

(i) l-eżistenza ta' strateġija deċiżiva ċara biex tkompli tinżamm il-parteċipazzjoni għal perjodu twil;

(ii) il-konsistenza tal-istrateġija msemmija fil-punt (a) mal-politiki ewlenin li jiggwidaw jew jillimitaw l-azzjonijiet tal-impriża;

(iii) il-ħila tal-impriża parteċipanti li żżomm il-parteċipazzjoni fl-impriża relatata;

(iv) l-eżistenza ta' rabta dejjiema;

(v) meta l-kumpanija tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni parteċipanti tkun parti minn grupp, il-konsistenza tat-tali strateġija mal-politiki ewlenin li jiggwidaw jew jillimitaw l-azzjonijiet tal-grupp.

▼M6

Artikolu 171a

Investimenti f'ekwità fit-tul

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, subsett ta' investiment f'ekwità ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jista' jiġi ttratat bħala investimenti f'ekwità fit-tul jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità superviżorja, li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:

(a) is-subsett ta' investiment f'ekwità kif ukoll il-perjodu ta' żamma ta' kull investiment f'ekwità fis-subsett huma identifikati b'mod ċar;

(b) is-subsett ta' investiment f'ekwità huwa inkluż f'portafoll tal-assi li huwa assenjat biex ikopri l-aħjar stima ta' portafoll ta' obbligi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jikkorrisondi ma' wieħed jew diversi negozji identifikati b'mod ċar, u l-impriża żżomm l-assenjazzjoni sakemm idumu jeżistu dawk l-obbligi;

(c) il-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-portafoll assenjat tal-assi msemmija fil-punt (b) huma identifikati, immaniġġjati u organizzati separatament minn attivitajiet oħra tal-impriżi, u l-portafoll assenjat tal-assi ma jistax jintuża biex ikopri telf li jirriżulta minn attivitajiet oħra tal-impriża;

▼**M6**

(d) id-dispożizzjonijiet tekniċi fil-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni msemmija fil-punt (b) jirrappreżentaw biss parti mit-total ta' dispożizzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(e) il-perjodu ta' żamma medju tal-investimenti f'ekwità fis-subsett jaqbeż il-ħames (5) snin, jew meta l-perjodu ta' żamma medju tas-subsett ikun inqas minn ħames (5) snin, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tbigħ l-ebda investiment f'ekwità fis-subsett sakemm il-perjodu ta' żamma medju jaqbeż il-ħames (5) snin;

(f) is-subsett ta' investimenti f'ekwità jikkonsisti biss f'ekwitajiet ikkwotati fiż-ŻEE jew f'ekwitajiet mhux ikkwotati tal-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiżi li huma membri taż-ŻEE;

(g) il-pożizzjoni ta' solvenza u ta' likwidità tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kif ukoll l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri tal-irrappurtar tagħha fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, huma tali li jiżguraw, fuq bażi kontinwa u taħt kundizzjonijiet ta' stress, li hija kapaċi tevita bejgħ forza ta' kull investiment f'ekwità fis-subsett għal mill-anqas 10 snin;

(h) il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tar-responsabbiltà tal-assi u l-politiki ta' investiment tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jirriflettu l-intenzjoni tal-impriża li żżomm subsett ta' investimenti f'ekwità għal perjodu li jkun kompatibbli mar-rekwiżit tal-punt (e) u l-abbiltà tagħha li tissodisfa l-punt (g).

2. Jekk l-ekwitajiet jinżammu fl-impriżi ta' investiment kollettiv jew fil-fondi ta' investiment alternattiv imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 168(6), il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu vvalutati fil-livell tal-fondi u mhux tal-assi sottostanti miżmuma f'dawk il-fondi.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jittrattaw subsett ta' investimenti f'ekwità bħala investimenti f'ekwità fit-tul f'konformità mal-paragrafu 1 ma għandhomx jerġgħu lura għal approċċ li ma jinkludix investimenti f'ekwità fit-tul. Jekk impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tittratta subsett ta' investimenti ta' ekwita bħala investimenti f'ekwità fit-tul mhijiex aktar f'pożizzjoni li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-awtorità superviżorja immedjatament u għandha tieqaf milli tapplika l-Artikolu 169(1)(b), (2)(b), (3)(b) and (4)(b) lil kwalunkwe waħda mill-investimenti f'ekwità tagħha għal perjodu ta' 36 xahar.

▼B

Artikolu 172

Aġġustament simmetriku tal-allokazzjoni ta' kapital ta' ekwità

1. L-indiċi tal-ekwità msemmi fl-Artikolu 106(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun konformi mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-indiċi tal-ekwità jkejjel il-prezz tas-suq ta' portafoll diversifikat ta' ekwitajiet li jirrappreżenta l-għamla tal-ekwitajiet tipikament miżmumin mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

(b) il-livell tal-indiċi tal-ekwità huwa disponibbli għall-pubbliku;

(c) il-frekwenza tal-livelli ppubblikati tal-indiċi tal-ekwità hija biżżejjed biex ikunu jistgħu jinstabu l-livell attwali tal-indiċi u l-valur medju tiegħu tul l-aħħar 36 xahar.

2. Soġġett għall-paragrafu 4, l-aġġustament simmetriku jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SA = \frac{1}{2} \cdot \left(\frac{CI - AI}{AI} - 8\%\right)$$

fejn:

(a) CI tirrappreżenta l-livell attwali tal-indiċi tal-ekwità;

(b) AI tirrappreżenta l-medja ponderata tal-livelli ta' kuljum tal-indiċi tal-ekwità tul l-aħħar 36 xahar.

3. Sabiex tiġi kkalkulata l-medja ponderata tal-livelli ta' kuljum tal-indiċi tal-ekwità, il-ponderazzjonijiet għal-livelli ta' kuljum kollha jkunu ndaqs. Il-jiem matul l-aħħar 36 xahar li fihom ma nstabx l-indiċi ma jkunux inklużi fil-medja.

4. L-aġġustament simmetriku ma jkunx inqas minn – 10 % jew iktar minn 10 %.

▼M1

Artikolu 173

Kriterji għall-użu ta' miżura tranżitorja għar-riskju ta' ekwità standard

1. Il-miżura ta' tranżizzjoni għar-riskju ta' ekwità standard stipulata fl-Artikolu 308b(13) tad-Direttiva 2009/138/KE tapplika biss għal ekwitajiet li nxtraw fl-1 ta' Jannar 2016 u li mhumiex suġġetti għar-riskju ta' ekwità bbażat fuq id-durata skont l-Artikolu 304 ta' dik id-Direttiva.

2. Meta l-ekwitajiet jinżammu f'impriża tal-investiment kollettiv jew f'investimenti oħra aggregati bħala fondi, meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli, il-miżura ta' tranżizzjoni stipulata fl-Artikolu 308b(13) tad-Direttiva 2009/138/KE għandha tapplika għal

▼M1

proporzjon tal-ekwitajiet miżmumin fl-impriża ta' investiment kollettiv jew fl-investimenti aggregati bħala fondi skont l-allokazzjoni fil-mira tal-assi sottostanti fl-1 ta' Jannar 2016, dejjem jekk l-allokazzjoni fil-mira tkun disponibbli għall-impriża. Il-proporzjon tal-ekwitajiet li għalihom tiġi applikata l-miżura tranżitorja għandhom jitnaqqsu ta' kull sena b'mod proporzjonat għall-proporzjon tal-fatturat tal-assi tal-impriża ta' investiment kollettiv jew għall-investimenti aggregati bħala fondi. Meta l-allokazzjoni fil-mira tal-investimenti tal-ekwità ta' impriża tal-investiment kollettiv jew tal-investimenti aggregati bħala fondi tiżdied, il-proporzjon tal-ekwitajiet li għalihom hija applikata l-miżura tranżitorja ma jiżdiedx.

▼B

Subtaqsima 4

Submodulu tar-riskju ta' proprjetà

Artikolu 174

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' proprjetà msemmi fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta' 25 % fil-valur tal-proprjetà immobbli.

Subtaqsima 5

Submodulu tar-riskju tal-firxa

Artikolu 175

Kamp ta' applikazzjoni tas-submodulu tar-riskju ta' firxa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa msemmi fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{spread} = SCR_{bonds} + SCR_{securitisation} + SCR_{cd}$$

fejn

(a) SCR_{bonds} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self;

(b) $SCR_{securitisation}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(c) SCR_{cd} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu.

Artikolu 176

Riskju tal-firxa fuq bonds u self

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self SCRbonds ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis relattiv f'daqqa ta' stressi fil-valur ta' kull bond jew self i minbarra self ipotekarju li jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 191, inklużi depożiti l-bank minbarra flus il-bank imsemmijin fl-Artikolu 189(2)(b).

▼B

2. Il-fattur tar-riskju $stress_i$ jiddependi fuq id-durata modifikata tal-bond jew self i denominata fi snin (dur_i). dur_i ma tkun qatt inqas minn 1. Għal bonds jew self b'rati tal-imgħax varjabbli, dur_i tkun daqs id-durata mmodifikata ta' bond jew self b'rata tal-imgħax fissa bl-istess maturità u b'pagamenti tal-kupun daqs ir-rata forward tal-imgħax.

▼M1

3. Bonds jew self li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata mmodifikata dur_i tal-bond jew tas-self i skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità tal-kreditu		0		1		2		3		4		5 u 6	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5 snin	$b_i \cdot dur_i$	—	0,9 %	—	1,1 %	—	1,4 %	—	2,5 %	—	4,5 %	—	7,5 %
Iktar minn 5 snin u sa 10 snin	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	4,5 %	0,5 %	5,5 %	0,6 %	7,0 %	0,7 %	12,5 %	1,5 %	22,5 %	2,5 %	37,5 %	4,2 %
Iktar minn 10 snin u sa 15-il sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	7,0 %	0,5 %	8,5 %	0,5 %	10,5 %	0,5 %	20,0 %	1,0 %	35,0 %	1,8 %	58,5 %	0,5 %
Iktar minn 15-il sena u sa 20 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	9,5 %	0,5 %	11 %	0,5 %	13,0 %	0,5 %	25,0 %	1,0 %	44,0 %	0,5 %	61,0 %	0,5 %
Iktar minn 20 sena	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	12,0 %	0,5 %	13,5 %	0,5 %	15,5 %	0,5 %	30,0 %	0,5 %	46,6 %	0,5 %	63,5 %	0,5 %

4. Bonds u self li għalihom ma jkunx hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li għaliha, id-debituri ma tawx kollateral li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 214, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont id-durata dur_i tal-bond jew tas-self i skont it-tabella li ġejja:

Durata (dur_i)	$stress_i$
sa 5 snin	$3\% \cdot dur_i$
Iktar minn 5 snin u sa 10 snin	$15\% + 1{,}7\% \cdot (dur_i - 5)$
Iktar minn 10 snin u sa 20 sena	$23{,}5\% + 1{,}2\% \cdot (dur_i - 10)$
Iktar minn 20 sena	$\min(35{,}5\% + 0{,}5\% \cdot (dur_i - 20); 1)$

▼M6

4a. Minkejja l-paragrafu 4, bonds u self li huma assenjati skala tal-kwalità kreditizja f'konformita mal-paragrafu 1 jew 2 tal-Artikolu 176a jew paragrafu 1 tal-Artikolu 176c għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata mmodifikata dur_i tal-bond jew self i skont it-tabella mniżżla fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

5. Bonds u self li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li għalihom, id-debituri jkunu taw garanzija, meta l-kollateral ta' dawk il-bonds u self jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 214, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont dan li ġej:

(a) meta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun ogħla mill-valur tal-bond jew self i jew daqsu, $stress_i$ jkun daqs nofs il-fattur ta' riskju li jinstab skont il-paragrafu 4;

(b) meta l-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ikun inqas mill-valur tal-bond jew self i, u meta l-fattur ta' riskju misjub skont il-paragrafu 4 jirriżulta f'valur tal-bond jew self i li jkun inqas mill-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral, $stress_i$ jkun daqs il-medja ta' dawn li ġejjin:

(i) il-fattur ta' riskju stipulat skont il-paragrafu 4,

(ii) id-differenza bejn il-valur tal-bond jew is-self i u l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral, maqsum bil-valur tal-bond jew is-self *i*;

(c) meta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun inqas mill-valur tal-bond jew is-self i, u meta l-fattur ta' riskju stipulat skont il-paragrafu 4 jirriżulta f'valur tal-bond jew self i li jkun ogħla mill-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral jew daqsu, $stress_i$ jinstab skont il-paragrafu 4.

Il-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun aġġustat skont l-Artikoli 112, 197 u 198.

6. L-impatt tat-tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-parteċipazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jiġi kkunsidrat biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament.

▼M6

Artikolu 176a

Valutazzjoni interna tal-iskala tal-kwalità kreditizja għal bonds u self

1. Għal bond jew self li għalih valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata mhix disponibbli u li għalih id-debituri ma ddepożitawx kollateral li tilħaq il-kriterji mniżżla fl-Artikolu 214 jista' jiġi assenjat skala tal-kwalità kreditizja 2 jekk il-kriterja kollha mniżżla fil-paragrafi 3 u 4 jiġu ssodisfati fir-rigward tal-bond jew is-self.

▼**M6**

2. Għal bond jew self li għalih valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata mhix disponibbli u li għalih id-debituri ma ddepożitawx kollateral li tilħaq il-kriterji mniżżla fl-Artikolu 214, apparti mill-bond jew self assenjat skala tal-kwalità kreditizja 2 taħt paragrafu 1, jista' jiġi assenjat skala tal-kwalità kreditizja 3 jekk il-kriterji kollha mniżżla fil-paragrafi 3 u 5 jiġu ssodisfati fir-rigward tal-bond jew is-self.

3. Il-kriterji f'dan il-paragrafu huma kif ġej:

(a) il-valutazzjoni tal-kreditu interna tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tal-assigurazzjoni stess għall-bond jew is-self tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 176b;

(b) bond jew self maħruġ minn kumpanija li ma jappartjenix għall-istess grupp korporat bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(c) bond jew self mhux maħruġ minn kumpanija li hija impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, istituzzjoni tal-kreditu, ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, AIFM, kumpanija tal-ġestjoni tal-investiment UCITS, istituzzjoni għall-provvediment tal-irtirar okkupazzjonali jew impriża mhux regolata li qed twettaq attivitajiet finanzjarji;

(d) l-ebda pretenzjoni fuq il-kumpanija emittenti tal-bond jew self ma tikklassifika bħala privileġġata fuq il-bond jew is-self, ħlief għall-pretensjonijiet li ġejjin:

(i) pretensjonijiet statutorji u pretensjonijiet minn fornituri ta' faċilità ta' likwidità sakemm dawk il-pretensjonijiet statutorji u pretensjonijiet minn fornituri ta' faċilità ta' likwidità, b'mod aggregat ma jkunux materjali meta mqabbla mad-dejn privileġġat kumplessiv tal-kumpanija emittenti;

(ii) pretensjonijiet minn fiduċarji;

(iii) pretensjonijiet minn kontropartijiet derivattivi;

(e) il-bond jew is-self jipprovdu pagament ta' tifdija fiss fid-data tal-maturità jew qabilha, barra mill-pagamenti regolari b'rata tal-imgħax fissa jew varjabbli;

(f) it-termini kuntrattwali u l-kundizzjonijiet tal-bond jew tas-self jipprovdu għal dan:

(i) il-mutwatarju huwa obbligat li jipprovdi *data* finanzjarja awditjata lill-mutwanti minn tal-inqas annwalment;

(ii) il-mutwatarju huwa obbligat li jinnotifika lill-mutwanti dwar kwalunkwe avvenitment li jista' materjalment jaffettwa r-riskju tal-kreditu tal-bond jew tas-self;

▼**M6**

(iii) il-mutwatarju mhuwiex intitolat li jibdel it-termini u l-kundizzjonijiet tal-bond jew tas-self unilateralment, u lanqas ma jagħmel tibdiliet oħra lin-negozju tiegħu li jista' materjalment jaffettwa r-riskju tal-kreditu tal-bond jew tas-self;

(iv) l-emittent huwa pprojbit milli joħroġ dejn ġdid mingħajr ftehim minn qabel mal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(v) dak li jikkostitwixxi avveniment ta' inadempjenza huwa definit b'mod li huwa speċifiku għall-ħruġ u għall-emittent;

(vi) dak li ser jiġri huwa bidla tal-kontroll;

(g) il-bond jew is-self maħruġ minn kumpanija li tissodisfa l-kriterja kollha li ġejjin:

(i) il-kumpanija hija kumpanija b'responsabbiltà limitata;

(ii) il-kumpanija għandha l-uffiċju prinċipali tagħha f'pajjiż li huwa membru taż-ŻEE;

(iii) aktar minn 50 % tad-dħul annwali tal-kumpanija huwa ddenominat f'muniti ta' pajjiżi li huma membri taż-ŻEE jew tal-OECD;

(iv) il-kumpanija operat mingħajr avveniment kreditizju matul tal-anqas dawn l-aħħar 10 snin;

(v) minn tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata fir-rigward ta' kull waħda minn l-aħħar tliet snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data li fiha jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

— il-fatturat annwali tal-kumpanija jaqbeż EUR 10 000 000;

— it-total tal-karta bilanċjali tal-kumpanija jaqbeż EUR 10 000 000;

— in-numru ta' persunal impjegat mill-kumpanija jaqbeż 50;

(vi) is-somma tal-qligħ annwali tal-kumpanija qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (“EBITDA”) matul l-aħħar ħames snin finanzjarji hija aktar minn 0;

(vii) id-dejn totali tal-kumpanija fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti li għaliha huma disponibbli figuri, mhuwiex għola minn 6,5 darbiet il-medja tal-flussi ta' flus ħielsa annwali tal-kumpanija matul l-aħħar ħames snin finanzjari;

▼**M6**

(viii) il-medja tal-EBITDA tal-kumpanija matul l-aħħar ħames snin finanzjari mhix aktar baxxa minn 6,5 darbiet l-ispiża tal-imgħax tal-kumpanija għas-sena finanzjarja l-aktar riċenti li għaliha huma disponibbli figuri;

(ix) id-dejn nett tal-kumpanija fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti li għaliha huma disponibbli figuri, mhuwiex għola minn 1,5 darba l-ekwità totali tal-kumpanija fl-aħħar tas-sena finanzjarja.

4. Ir-rendiment tal-bond jew tas-self, u r-rendiment fuq kwalunkwe bond jew self b'termini u kundizzjonijiet kuntrattwali simili maħruġa mill-istess kumpanija fit-tliet snin finanzjarji ta' qabel, mhux għola mill-għola mill-valuri li ġejjin:

(a) il-medja tar-rendiment fuq iż-żewġ indiċi determinati f'konformità mal-paragrafu 6;

(b) is-somma ta' 0,5 % u r-rendiment fuq l-indiċi tilħaq ir-rekwiżit fil-punt (d) ta' dak il-paragrafu.

5. Ir-rendiment tal-bond jew tas-self, u r-rendiment fuq bonds jew self b'termini u kundizzjonijiet kuntrattwali simili maħruġ mill-istess kumpanija fit-tliet snin finanzjarji ta' qabel, mhux ogħla mill-valuri li ġejjin:

(a) il-medja tar-rendiment fuq iż-żewġ indiċijiet determinati f'konformità mal-paragrafu 7;

(b) is-somma ta' 0,5 % u r-rendiment fuq l-indiċi li tilħaq ir-rekwiżit fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tiddetermina, għall-bond jew is-self imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rendiment, fil-ħin tal-ħruġ ta' dak il-bond jew is-self, fuq żewġ indiċijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) iż-żewġ indiċijiet huma indiċijiet wesgħin għal bonds innegozjati li għalihom valutazzjoni tal-kreditu esterna hija disponibbli;

(b) il-bonds negozjati kostitwenti fiż-żewġ indiċijiet huma denominati fl-istess munita bħall-bond jew is-self;

(c) il-bonds negozjati kostitwenti fiż-żewġ indiċijiet għandhom data ta' maturità simili bħal tal-bond jew is-self;

(d) wieħed miż-żewġ indiċijiet jikkonsisti f'bonds innegozjati tal-iskala tal-kwalità kreditizja 2;

(e) wieħed miż-żewġ indiċijiet jikkonsisti f'bonds innegozjati tal-iskala tal-kwalità kreditizja 4.

▼M6

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurzzjoni għandha tiddetermina, għall-bond jew is-self msemmi fil-paragrafu 2, ir-rendiment, fil-ħin tal-ħruġ ta' dak il-bond jew is-self, fuq żewġ indiċijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) iż-żewġ indiċijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 6;

(b) wieħed miż-żewġ indiċijiet jikkonsisti f'bonds innegozjati tal-iskala tal-kwalità kreditizja 3;

(c) wieħed miż-żewġ indiċijiet jikkonsisti f'bonds innegozjati tal-iskala tal-kwalità kreditizja 4.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, fejn il-bond jew self imsemmi fil-paragrafu 1 għandu karatteristiċi, minbarra dawk relatati mar-riskju tal-kreditu jew illikwidità, li materjalment huma differenti mill-karatteristiċi tal-bonds negozjati kostitwenti fiż-żewġ indiċijiet determinati f'konformità mal-paragrafu 6, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha taġġusta r-rendiment fuq il-bond jew is-self biex tirrifletti dawk id-differenzi.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, fejn il-bond jew self imsemmi fil-paragrafu 2 għandu karatteristiċi, minbarra dawk relatati mar-riskju tal-kreditu jew illikwidità, li materjalment huma differenti mill-karatteristiċi tal-bonds negozjati kostitwenti fiż-żewġ indiċijiet determinati f'konformità mal-paragrafu 7, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha taġġusta r-rendiment fuq il-bond jew is-self biex tirrifletti dawk id-differenzi.

Artikolu 176b

Rekwiżiti għal valutazzjoni kreditizja interna proprja tal-bonds u tas-self ta' impriża

Ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 176a(3) minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tal-valutazzjoni kreditizja interna proprja tal-bonds u tas-self għandhom ikunu kif ġej:

(a) il-bond jew is-self huwa allokat skala tal-kwalità kreditizja fuq il-bażi ta' valutazzjoni kreditizja interna proprja;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija kapaċi turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li l-valutazzjoni kreditizja interna proprja, u l-allokazzjoni ta' skala tal-kwalità kreditizija lill-bond jew lis-self fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, hija affidabbli u tirrifletti sew ir-riskju tal-firxa tal-bond jew tas-self li jinsab fis-submodulu speċifikat fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼**M6**

(c) il-valutazzjoni kreditizja interna proprja tqis il-fatturi kollha li jista' jkollhom effett materjali fuq ir-riskju kreditizju assoċjat mal-bond jew is-self, inklużi l-fatturi li ġejjin:

(i) il-pożizzjoni kompetittiva tal-emittent;

(ii) il-kwalità tal-ġestjoni tal-emittent;

(iii) il-politiki finanzjarji tal-emittent;

(iv) ir-riskju tal-pajjiż;

(v) l-effett ta' kwalunkwe patt li jkun fis-seħħ;

(vi) l-istorja tal-prestazzjoni finanzjarja tal-emittent, inkluż in-numru ta' snin li ilu jopera;

(vii) id-daqs u l-livell ta' diversità tal-attivitajiet tal-emittent;

(viii) l-impatt kwantitattiv fuq il-profil tar-riskju tal-emittent u l-proporzjonijiet finanzjarji tiegħu minħabba li jkun ħareġ il-bond jew is-self;

(ix) l-istruttura tas-sjieda tal-emittent;

(x) il-kumplessità tal-mudell ta' negozju tal-emittent;

(d) il-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja tuża l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva rilevanti kollha;

(e) il-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja, l-allokazzjoni tal-iskala tal-kwalità kreditizija fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni u l-informazzjoni użata biex tiġi appoġġjata l-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja hija dokumentata;

(f) il-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja tqis il-karatteristiċi tal-assi kumparabbli li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata hija disponibbli;

(g) il-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja tqis xejriet tal-prestazzjoni finanzjarja tal-emittent;

(h) il-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja hija proċeduralment indipendenti mid-deċiżjoni ta' sottoskrizzjoni;

(i) l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni regolarment tirrevedi l-valutazzjoni tal-kreditu interna proprja.';

Artikolu 176c

Valutazzjoni interna tal-iskala tal-kwalità kreditizja għal bonds u self ibbażata fuq mudell intern approvat

1. Dan l-Artikolu għandu japplika fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

▼M6

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun ikkonkludiet ftehim (“ftehim ta' koinvestiment”) biex tinvesti f'bonds u self b'mod konġunt ma' entità oħra;

(b) li l-entità l-oħra (‘il-koinvestitur’) tkun waħda minn dawn jew aktar:

(i) istituzzjoni kif definita fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li tuża l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni msemmi fl-Artikolu 143(1) ta' dak ir-Regolament;

(ii) impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tuża mudell intern f'konformità mal-Artikolu 100 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) skont il-ftehim ta' koinvestiment, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u l-koinvestitur jinvestu flimkien f'bonds u self li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata mhix disponibbli u li għalihom id-debituri ma jkunux iddepożitaw kollateral li jissodisfa l-kriterji mniżżla fl-Artikolu 214;

(d) il-ftehim tal-koinvestiment jipprovdi li l-koinvestitur jaqsam mal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni il-probabbiltajiet ta' inadempjenza prodotta mill-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni jew, kif applikabbli, l-iskala tal-kwalità kreditizja prodotta mill-mudell intern tiegħu għall-bonda u s-self imsemmi fil-punt (c) għall-għan li tiġi użata dik l-informazzjoni għall-kalkolazzjoni tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

2. Jekk il-kriterji kollha mniżżla fil-paragrafi 3 sa 6 jiġu ssodisfati, il-bonds u s-self imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati skala tal-kwalità kreditizja determinata kif ġej:

(a) f'każ fejn il-koinvestitur jaqa' taħt il-punt (i) tal-paragrafu 1(b), l-iskala tal-kwalità tal-kreditu għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-probabbiltajiet l-aktar riċenti ta' inadempjenza li l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni pproduċa;

(b) f'każ fejn il-koinvestitur jaqa' taħt il-punt (ii) tal-paragrafu 1(b), l-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tkun l-iskala tal-kwalità kreditizja prodotta mill-mudell intern.

3. Il-kriterji f'dan il-paragrafu huma kif ġej:

(a) l-emittent ta' kull bond jew self ma jappartjenix għall-istess grupp korporat bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) l-emittent mhuwiex impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, istituzzjoni tal-kreditu, ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, AIFM, kumpanija tal-ġestjoni tal-investiment UCITS, istituzzjoni għall-provvediment tal-irtirar okkupazzjonali jew impriża mhux regolata li qed twettaq attivitajiet finanzjarji;

▼**M6**

(c) l-emittent għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'pajjiż li huwa membru taż-ŻEE;

(d) aktar minn 50 % tad-dħul annwali tal-emittent huwa ddenominat f'muniti ta' pajjiżi li huma membri taż-ŻEE jew tal-OECD;

(e) minn tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata għal kull waħda minn l-aħħar tliet snin finanzjarji li jispiċċaw qabel id-data tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li qed jiġi kkalkulat:

— il-fatturat annwali tal-emittent jaqbeż EUR 10 000 000;

— it-total tal-karta bilanċjali tal-emittent jaqbeż EUR 10 000 000;

— in-numru ta' persunal impjegat mill-emittent jaqbeż 50;

4. Il-kriterji f'dan il-paragrafu huma kif ġej:

(a) il-ftehim ta' koinvestiment jiddefinixxi t-tipi ta' bonds u ta' self li jiġu sottoskritti, u l-kriterji ta' valutazzjoni applikabbli;

(b) il-koinvestitur jipprovdi lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'biżżejjed dettalji dwar il-proċess ta' sottoskrizzjoni, inklużi l-kriterji użati, l-istruttura organizzazzjonali tal-koinvestitur u l-kontrolli mwettqa mill-koinvestitur;

(c) il-koinvestitur jipprovdi lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bid-*data* dwar l-applikazzjonijiet kollha għall-bonds u s-self li jiġu sottoskritti;

(d) il-koinvestitur jipprovdi lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bid-dettalji tad-deċiżjonijiet kollha biex jiġu approvati jew irrifjutati l-applikazzjonijiet għall-bonds u s-self li se jiġu sottoskritti;

(e) il-koinvestitur iżomm skopertura ta' minn tal-inqas 20 % tal-valur nominali ta' kull bond u self;

(f) il-proċess ta' sottoskrizzjoni huwa l-istess bħall-proċess ta' sottoskrizzjoni segwit mill-koinvestitur għall-investimenti l-oħra tiegħu f'bonds jew self komparabbli;

(g) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinvesti f'bonds jew self tat-tipi msemmija fil-punt (a) li għalihom il-koinvestitur jiddeċiedi li japprova l-applikazzjoni għal bond jew self;

▼M6

(h) il-koinvestitur jipprovdi lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'informazzjoni li tippermetti lill-impriża biex tifhem l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni jew, kif applikabbli, il-mudell intern u l-limitazzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-adegwatezza u li tkun xierqa, b'mod partikolari:

(i) deskrizzjoni tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni jew, kif applikabbli, mudell intern, inklużi l-inputs u l-fatturi ta' riskju, il-kwantifikazzjoni ta' parametri ta' riskju u l-metodi sottostanti, u l-metodoloġija ġenerali applikata;

(ii) deskrizzjoni tal-iskop tal-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni jew, kif applikabbli, mudell intern;

(iii) deskrizzjoni tal-mudell tal-proċess tal-validazzjoni u ta' proċessi oħra li jippermettu li tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tal-mudell, li l-adegwatezza tal-ispeċifikazzjoni tiegħu tiġi rieżaminata matul iż-żmien, u r-riżultati tal-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni jew, kif applikabbli, mudell intern biex jitqabblu mal-esperjenza.

5. F'każ fejn il-koinvestitur jaqa' taħt il-punt (i) tal-paragrafu 1(b):

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddokumenta b'mod ċar għal liema skala tal-kwalità kreditizja l-probabbiltà tal-inadempjenza prodotta mill-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni tal-istituzzjoni tikkorrispondi;

(b) l-immappjar tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-iskali tal-kwalità kreditizja mwettaq mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jiżgura li, għall-bond jew self inkwistjoni, il-livell riżultanti tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa tas-submodulu msemmi fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE huwa xieraq;

(c) l-immappjar huwa bbażat fuq it-Tabella 1 fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 ([1]);

(d) aġġustamenti jsiru b'mod prudenti għall-probabbiltajiet ta' inadempjenza qabel isir l-immappjar, waqt li jitqiesu l-fatturi kwalitattivi mniżżla fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 tas-7 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' isituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għar-riskju tal-kreditu b'konformità mal-Artikoli 136(1) u 136(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 3)

▼M6

(e) isir aġġustament għall-probabbiltajiet ta' inadempjenza fi kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn it-tnejn li ġejjin:

(i) il-perjodu ta' żmien mill-Appoċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni jiddevja b'mod sinifikanti mill-perjodu ta' żmien ta' tliet (3) snin imniżżel fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799;

(ii) id-definizzjoni ta' inadempjenza użata fl-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni tiddevja b'mod sinifikanti minn dik imniżżla fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

6. F'każ fejn il-koinvestitur jaqa' taħt il-punt (ii) tal-paragrafu 1(b), il-mudell intern jiżgura li, għall-bond jew is-self inkwistjoni, il-livell riżultanti tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa tas-submodulu msemmi fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE huwa xieraq.

▼M5

Artikolu 178

Tixrid tar-riskju fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni: kalkolu tar-rekwiżit kapitali

1. Ir-rekwiżit kapitali $SCR_{securitisation}$ għar-riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandu jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis relattiv f'daqqa ta' $stress_i$ fil-valur ta' kull pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*.

2. Il-fattur tar-riskju $stress_i$ għandu jiddependi fuq it-tul ta' żmien modifikat denominat fi snin (dur_i). dur_i ma għandux ikun inqas minn sena.

3. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS superjuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u t-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5	$b_i \cdot dur_i$	—	1,0 %	—	1,2 %	—	1,6 %	—	2,8 %	—	5,6 %	—	9,4 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	5,0 %	0,6 %	6,0 %	0,7 %	8,0 %	0,8 %	14,0 %	1,7 %	28,0 %	3,1 %	47,0 %	5,3 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	8,0 %	0,6 %	9,5 %	0,5 %	12,0 %	0,6 %	22,5 %	1,1 %	43,5 %	2,2 %	73,5 %	0,6 %

▼M5

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	11,0 %	0,6 %	12,0 %	0,5 %	15,0 %	0,6 %	28,0 %	1,1 %	54,5 %	0,6 %	76,5 %	0,6 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	14,0 %	0,6 %	14,5 %	0,5 %	18,0 %	0,6 %	33,5 %	0,6 %	57,5 %	0,6 %	79,5 %	0,6 %

4. Pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni STS mhux superjuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u t-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni i, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5	$\min[b_i \cdot dur_i;1]$	—	2,8 %	—	3,4 %	—	4,6 %	—	7,9 %	—	15,8 %	—	26,7 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 5);1]$	14,0 %	1,6 %	17,0 %	1,9 %	23,0 %	2,3 %	39,5 %	4,7 %	79,0 %	8,8 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	22,0 %	1,6 %	26,5 %	1,5 %	34,5 %	1,6 %	63,0 %	3,2 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	30,0 %	1,6 %	34,0 %	1,5 %	42,5 %	1,6 %	79,0 %	3,2 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	38,0 %	1,6 %	41,5 %	1,5 %	50,5 %	1,6 %	95,0 %	1,6 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %

5. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS superjuri li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata disponibbli għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont it-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni i, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i
sa 5	$b_i \cdot dur_i$	—	4,6 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	23 %	2,5 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	35,5 %	1,8 %
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	44,5 %	0,5 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	47 %	0,5 %

6. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS mhux superjuri li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI

▼M5

nominat għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ekwivalenti għall-iskala 5 tal-kwalità kreditizja u skont it-tul ta' żmien tal-esponiment, kif stabbilit fit-tabella fil-paragrafu 3.

7. Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formola li ġejja:

$stress_i = \min(b_i \cdot dur_i;1)$

fejn b_i għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja ta' pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni i, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
b_i	33 %	40 %	51 %	91 %	100 %	100 %	100 %

8. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex koperti mill-paragrafi 3 sa 7 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formola li ġejja:

$stress_i = \min(b_i \cdot dur_i;1)$

fejn b_i għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni i, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
b_i	12,5 %	13,4 %	16,6 %	19,7 %	82 %	100 %	100 %

9. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex koperti mill-paragrafi 3 sa 8, għandhom jiġu assenjati fattur tar-riskju $stress_i$ ta' 100 %.

Artikolu 178a

Riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni: dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(2) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikolu 178(3), anke fejn dawk it-titolizzazzjonijiet ma jkunux titolizzazzjonijiet STS li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss f'ċirkostanzi fejn skoperturi sottostanti ġodda jkunu ġew miżjuda jew sostitwiti wara l-31 ta' Diċembru 2018.

3. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel it-18 ta' Jannar 2015 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(4) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikoli 177 u 178 fil-verżjonijiet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018.

▼M5

4. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(5) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2025, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikoli 177 u 178 fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018.

▼B

Artikolu 179

Riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu

1. ►M1 Ir-rekwiżit kapitali ${}_{dk}$RKS għar-riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikun daqs l-ogħla wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin: ◄

▼M1

(a) it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn żieda f'daqqa f'termini assoluti tal-firxiet tal-kreditu tal-istrumenti li jsawru d-derivati ta' kreditu;

▼B

(b) it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis relattiv f'daqqa tal-firxiet tal-kreditu tal-istrumenti li jsawru d-derivati ta' kreditu b'75 %.

Għall-finijiet tal-punt (a), iż-żieda f'daqqa tal-firxiet tal-kreditu tal-istrumenti li jsawru d-derivati ta' kreditu li għalihom hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tiġi kkalkulata skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
Żieda f'daqqa fil-firxa (f'punti perċentwali)	1,3	1,5	2,6	4,5	8,4	16,20	16,20

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, iż-żieda f'daqqa fil-firxa tal-kreditu tal-istrumenti li jsawru d-derivati ta' kreditu li ma hemmx disponibbli għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun ta' ħames punti perċentwali.

3. Id-derivati ta' kreditu li huma parti mill-politika ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-impriża ma jkunux soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju ta' firxiet, diment li l-impriża jkollha jew l-istrumenti li jsawru d-derivati ta' kreditu jew skopertura oħra li fir-rigward tagħha r-riskju ta' bażi bejn dik l-iskopertura u l-istrumenti li jsawru d-derivat ta' kreditu ma huwa materjali fl-ebda ċirkustanza.

4. Meta l-ikbar mir-rekwiżiti kapitali li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu (1), u l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-paragrafu 1 li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat skont l-Artikolu 206(2).

▼B

Artikolu 180

Skoperturi speċifiċi

1. Skoperturi fil-forma ta bonds imsemmijin fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE (bonds koperti) li ġew assenjati fl-iskala tal-kwalità kreditizja żero jew wieħed jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja / Durata (dur_i)	0	1
sa 5 snin	0,7 %. dur_i	0,9 %. dur_i
Iktar minn 5 snin	$\min(3{,}5\% + 0{,}5\% \cdot (dur_i - 5);\ 1)$	$\min(4{,}5\% + 0{,}5\% \cdot (dur_i - 5);\ 1)$

2. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal dawn li ġejjin jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 %:

(a) il-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) il-gvern ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri denominati u ffinanzjati fil-munita lokali ta' dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali;

(c) banek ta' żvilupp multilaterali msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 117 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

Skoperturi fil-forma ta' bonds u self li huma ggarantiti b'mod sħiħ, irrevokabbli u mingħajr kundizzjonijiet minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 215, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 % ukoll.

▼M6

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, skoperturi fil-forma ta' bonds u ta' self li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabilment garantiti minn gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2011 ([1]), fejn il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 215 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ttrattat bħala skoperturi għall-gvern ċentrali.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2011 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 295, 12.11.2015, p. 3)

▼B

3. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għall-banek ċentrali u l-banek ċentrali minbarra dawk imsemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 2, denominati u ffinanzjati fil-munita lokali ta' dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali, u li għalihom hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata jiġu assenjati fattur ta' riskju *stressi* skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata tal-iskopertura skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja		0 u 1		2		3		4		5 u 6	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5 snin	$b_i \cdot dur_i$	—	0,0 %	—	1,1 %	—	1,4 %	—	2,5 %	—	4,5 %
Iktar minn 5 u sa 10 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	0,0 %	0,0 %	5,5 %	0,6 %	7,0 %	0,7 %	12,5 %	1,5 %	22,5 %	2,5 %
Iktar minn 10 u sa 15 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	0,0 %	0,0 %	8,4 %	0,5 %	10,5 %	0,5 %	20,0 %	1,0 %	35,0 %	1,8 %
Iktar minn 15 u sa 20 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	0,0 %	0,0 %	10,9 %	0,5 %	13,0 %	0,5 %	25,0 %	1,0 %	44,0 %	0,5 %
Iktar minn 20 sena	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20); 1]$	0,0 %	0,0 %	13,4 %	0,5 %	15,5 %	0,5 %	30,0 %	0,5 %	46,5 %	0,5 %

▼M6

3a. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali ta' Stati Membri mhux elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$mit-tabella fil-paragrafu 3 korrispondenti għall-iskala tal-kwalità kreditizja 2.

3b. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabilment garantiti minn gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali tal-Istati Membri mhux elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011, fejn il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 215 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ mit-tabella fil-paragrafu 3 korrispondenti għall-iskala tal-kwalità kreditizja 2.

▼B

4. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u meta din l-impriża tissodisfa r-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ mit-tabella fl-Artikolu 176(3) skont il-proporzjon ta' solvenza tal-impriża, billi jintuża l-immappjar li ġej bejn il-proporzjonijiet ta' solvenza u l-iskali tal-kwalità kreditizja:

Proporzjon ta' solvenza	196 %	175 %	122 %	95 %	75 %	75 %
Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6

▼B

Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun jaqa' bejn il-proporzjonijiet ta' solvenza stipulati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur ta' $stress_i$ jiġi interpolat b'mod lineari mill-eqreb valuri ta' $stress_i$ li jikkorrispondu għall-eqreb proporzjonijiet ta' solvenza stipulati fit-tabella ta' hawn fuq. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun inqas minn 75 %, $stress_i$ jkun daqs il-fattur li jikkorrispondi għall-iskali tal-kwalità kreditizja 5 u 6. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun ogħla minn 196 %, $stress_i$ jkun l-istess bħall-fattur li jikkorrispondi għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "proporzjon ta' solvenza" tirrappreżenta l-proporzjon tal-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, billi jintużaw l-aħħar valuri disponibbli.

5. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ma jissodisfawx ir-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha jiġu assenjati fattur ta' riskju *stressi* skont it-tabella li ġejja:

Durata (dur_i)	fattur tar-riskju $stress_i$
sa 5 snin	7,5 %. dur_i
Iktar minn 5 u sa 10 sena	37,50 % + 4,20 %.(dur_i – 5)
Iktar minn 10 u sa 15 sena	58,50 % + 0,50 %.(dur_i – 10)
Iktar minn 15 u sa 20 sena	61 % + 0,50 %.(dur_i – 15)
Iktar minn 20 sena	$\min(63{,}5\% + 0{,}5\% \cdot (dur_i - 20))$; 1

6. Il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu japplikaw biss mill-ewwel data ta' divulgazzjoni pubblika, mill-impriża korrispondenti għall-iskopertura, tar-rapport fuq il-qagħda finanzjarja u tas-solvenza tagħha msemmija fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE. Qabel dik id-data, jekk tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għall-iskoperturi, jkun japplika l-Artikolu 176 ta' dan ir-Regolament, inkella l-iskoperturi jiġu assenjati l-istess fattur ta' riskju bħal dawk li jirriżultaw wara li jiġi applikat il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għall-iskoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li l-proporzjon ta' solvenza tagħha jkun ta' 100 %.

7. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, li tinsab f'pajjiż li r-reġim tas-solvenza tiegħu jitqies ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE, u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz, għandhom jiġu assenjati l-istess fattur ta' riskju bħal dawk li jirriżultaw wara li jiġi applikat il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi proporzjon ta' solvenza ta' 100 %.

▼B

8. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self għal istituzzjonijiet tal-kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji skont it-tifsira tal-punti (1) u (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' solvenza stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, li għalihom ma jkunx hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, jiġu assenjati l-istess fattur ta' riskju bħal dawk li jirriżultaw meta jiġi applikat il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi proporzjon ta' solvenza ta' 100 %.

9. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu meta l-istrument finanzjarju sottostanti jkun bond jew selfa għal xi skopertura elenkata fil-paragrafu 2 għandu jkun żero.

▼M5

10. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabbilment garantiti mill-Fond Ewropew tal-Investiment jew il-Bank Ewropew tal-Investiment, meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 215, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 %.

10a. Minkejja l-paragrafu 10, titolizzazzjonijiet maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont il-paragrafu 10, fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 % ukoll fil-każ fejn dawn it-titolizzazzjonijiet ma jkunux titolizzazzjonijiet STS li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

▼M1

11. Esponimenti fil-forma ta' bonds u self li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 12 għandhom jiġu assenjati il-fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata tal-esponiment skont it-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità tal-kreditu		0		1		2		3	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5 snin	$b_i \cdot dur_i$	—	0,64 %	—	0,78 %	—	1,0 %	—	1,67 %
Iktar minn 5 snin u sa 10 snin	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	3,2 %	0,36 %	3,9 %	0,43 %	5,0 %	0,5 %	8,35 %	1,0 %
Iktar minn 10 snin u sa 15-il sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	5,0 %	0,36 %	6,05 %	0,36 %	7,5 %	0,36 %	13,35 %	0,67 %
Iktar minn 15-il sena u sa 20 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	6,8 %	0,36 %	7,85 %	0,36 %	9,3 %	0,36 %	16,7 %	0,67 %
Iktar minn 20 sena	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	8,6 %	0,36 %	9,65 %	0,36 %	11,1 %	0,36 %	20,05 %	0,36 %

12. Il-kriterji għall-esponimenti li jiġu assenjati fattur ta' riskju skont il-paragrafu 11 ikunu li:

(a) l-esponiment ikollu x'jaqsam ma' investiment infrastrutturali kwalifikanti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164a;

▼M1

(b) l-esponiment ma huwiex assi li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ikun assenjat għal portafoll tal-aġġustament korrispondenti skont l-Artikolu 77b(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

— ikun ġie assenjat skala tal-kwalità kreditizja bejn 0 u 2.

(c) valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għall-esponiment;

(d) l-esponiment ikun ġie assenjat skala tal-kwalità kreditizja bejn 0 u 3.

13. Esponimenti fil-forma ta' bonds u self li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 12(a) u (b), li iżda ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 12(c), għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ekwivalenti għall-iskala 3 tal-kwalità kreditizja u durata tal-esponiment konformi mat-tabella li tidher fil-paragrafu 11.

▼M4

14. Esponimenti fil-forma ta' bonds u self li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 15 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata tal-iskoperturi skont it-tabella li ġejja:

Skala tal-Kwalità Kreditizja		0		1		2		3	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5	$b_i \cdot dur_i$	—	0,68 %	—	0,83 %	—	1,05 %	—	1,88 %
Iktar minn 5 u sa 10	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	3,38 %	0,38 %	4,13 %	0,45 %	5,25 %	0,53 %	9,38 %	1,13 %
Iktar minn 10 u sa 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	5,25 %	0,38 %	6,38 %	0,38 %	7,88 %	0,38 %	15,0 %	0,75 %
Iktar minn 15 u sa 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	7,13 %	0,38 %	8,25 %	0,38 %	9,75 %	0,38 %	18,75 %	0,75 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	9,0 %	0,38 %	10,13 %	0,38 %	11,63 %	0,38 %	22,50 %	0,38 %

15. Il-kriterji għall-iskoperturi li jiġu assenjati fattur ta' riskju skont il-paragrafu 14 għandhom ikunu:

(a) l-iskopertura jkollha x'taqsam ma' investiment korporattiv infrastrutturali kwalifikanti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164b;

(b) l-iskopertura mhijiex assi li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— tkun assenjata għal portafoll tal-aġġustament korrispondenti skont l-Artikolu 77b(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼M4

— tkun ġiet assenjata skala tal-kwalità kreditizja bejn 0 u 2;

(c) valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għall-entità infrastrutturali;

(d) l-iskopertura tkun ġiet assenjata skala tal-kwalità kreditizja bejn 0 u 3.

16. Skoperturi fil-forma ta' bonds u self li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 15(a) u (b), li iżda ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 15(c), għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju *stress*$_i$ ekwivalenti għall-iskala 3 tal-kwalità kreditizja u durata tal-esponiment konformi mat-tabella li tidher fil-paragrafu 14.

▼B

Artikolu 181

Applikazzjoni tax-xenarji ta' riskju tal-firxa għal portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni japplikaw l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, jistgħu jwettqu x-xenarju fuq il-bażi tal-kalkolu għar-riskju tal-firxa kif ġej:

(a) l-assi fil-portafoll assenjat jkun soġġett għat-tnaqqis f'daqqa fil-valur għar-riskju tal-firxa stipulat fl-Artikoli 176, 178 u 180 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-provvedimenti tekniċi jiġu kkalkulati mill-ġdid sabiex jitqies l-impatt fuq l-ammont tal-aġġustament ta' korrispondenza tat-tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-portafoll assenjat ta' assi. B'mod partikolari, il-firxa fundamentali tiżdied, b'ammont assolut li huwa kkalkulat bħala l-multiplikazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(i) iż-żieda assoluta fil-firxiet li, multiplikata bid-durata mmodifikata tal-assi rilevanti, tirriżulta fil-fattur ta' riskju rilevanti *stress*$_i$, imsemmi fl-Artikoli 176, 178 u 180 ta' dan ir-Regolament;

(ii) fattur ta' tnaqqis, skont il-kwalità kreditizja kif stipulat fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
Fattur ta' tnaqqis	45 %	50 %	60 %	75 %	100 %	100 %	100 %

▼M4

Għall-assi fil-portofoll assenjat li għalihom ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, u għal assi ta' infrastruttura kwalifikanti u għal assi korporattivi infrastrutturali kwalifikanti li jkunu ġew assenjati skala tal-kwalità kreditizja 3, il-fattur ta' tnaqqis għandu jkun ta' 100 %.

▼B

Subtaqsima 6

Submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq

Artikolu 182

Skopertura b'isem wieħed

1. Ir-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' skopertura b'isem wieħed. Għal dan l-għan, skoperturi għal impriżi li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv jiġu ttrattati bħala skopertura b'isem wieħed. B'mod simili, proprjetajiet immobbli li jinsabu fl-istess bini għandhom jitqiesu bħala proprjetà immobbli waħda.

2. L-iskopertura f'inadempjenza għal kontroparti tkun is-somma tal-iskoperturi għal din il-kontroparti.

3. L-iskoperturi f'inadempjenza għal skopertura b'isem wieħed ikunu s-somma tal-iskoperturi f'inadempjenza għall-kontropartijiet kollha li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed.

4. ►M3 L-iskala tal-kwalità kreditizja medja ponderata fuq skopertura b'isem wieħed tkun daqs il-medja mqarrba 'l fuq tal-iskali tal-kwalità kreditizja tal-iskoperturi kollha għall-kontropartijiet kollha li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed, ponderata skont il-valur ta' kull skopertura. ◄

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, skoperturi li għalihom hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, jiġu assenjati skala tal-kwalità kreditizja skont il-Kapitolu 1 Taqsima2 ta' dan it-Titlu. ►M6 ———— ◄

▼M6

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li għaliha valutazzjoni minn ECAI nnominata mhix disponibbli u fejn l-impriża tissodisfa r-Rekwiżit Kapitali Minimu għandhom jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja skont il-proporzjon tas-solvenza tal-impriża bl-użu tal-immappjar li ġej bejn proporzjonijiet tas-solvenza u l-iskali tal-kwalità kreditizja:

Proporzjon tas-Solvenza	196 %	175 %	122 %	100 %	95 %
Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	3,82	5

▼**M6**

Fejn il-proporzjon tas-solvenza jaqa' bejn il-proporzjonijiet tas-solvenza mniżżla fit-tabella ta' hawn fuq, l-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tkun interpolata b'mod lineari għall-eqreb skali tal-kwalità kreditizja korrispndenti mal-eqreb proporzjonijiet tas-solvenza mniżżla fit-tabella ta' hawn fuq. Fejn il-proporzjon tas-solvenza huwa anqas minn 95 % l-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tkun 5. Fejn il-proporzjon tas-solvenza huwa anqas minn 196 % l-iskala tal-kwalità kreditizja ser tkun 1.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, “proporzjon ta' solvenza” tfisser il-proporzjon tal-ammont eleġibbli mill-fondi proprji biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, bl-użu tal-aħħar valuri disponibbli.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li għaliha valutazzjoni minn ECAI nnominata mhix disponibbli u fejn l-impriża ma tissodisfax ir-Rekwiżit Kapitali Minimu għandhom jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 6.

8. Il-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss mill-ewwel data tad-divulgazzjoni pubblika, mill-impriża korrispondenti għall-iskopertura, tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħha msemmi fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE. Qabel dik id-data, l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 3,82.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni minn pajjiż terz li għalihom valutazzjoni minn ECAI nnominata mhix disponibbli, li tinsab f'pajjiż fejn ir-reġim tas-solvenza huwa meqjus ekwivalenti għal dak stipulat fid-Direttiva 2009/138/KE f'konformità mal-Artikolu 227 ta' dik id-Direttiva, u li huma konformi mar-rekwiżiti tas-solvenza ta' dak il-pajjiż terz, għandhom jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 3,82.

10. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, skoperturi għal istituzzjoni ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, skont it-tifsira fil-punti (1) u (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li huma konformi tar-rekwiżiti tas-solvenza stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata mhix disponibbli, għandhom jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 3,82.

11. Skoperturi oħra minbarra dawk li għalihom skala tal-kwalità kreditizja hija assenjata skont il-paragrafi 5 sa 10 għandhom, għall-finijiet tal-paragrafu 4, jiġu assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 5.

▼B

Artikolu 183

Kalkolu tar-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq

1. Ir-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq tiġi kkalkulata kif ġej:

$$SCR_{conc} = \sqrt{\sum_i Conc_i^2}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri l-iskoperturi b'isem wieħed *i* kollha;

(b) $Conc_i$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq fuq skopertura b'isem wieħed *i*.

2. Għal kull skopertura b'isem wieħed i, ir-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq $Conc_i$ jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-assi li jikkorrispondi għall-iskopertura b'isem wieħed i ugwali għal li ġej:

$$XS_i \cdot g_i$$

fejn:

(a) XS_i hija l-iskopertura eċċessiva msemmija fl-Artikolu 184;

(b) g_i hija l-fattur ta' riskju għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq imsemmi fl-Artikoli 186 u 187;

Artikolu 184

Skopertura eċċessiva

1. L-iskopertura eċċessiva fuq skopertura b'isem wieħed *i* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$XS_i = Max(0; E_i - CT_i \cdot Assets)$$

fejn:

(a) E_i tirrappreżenta l-iskopertura f'inadempjenza għal skopertura b'isem wieħed i li hija inkluża fil-bażi tal-kalkolu tas-submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq;

(b) *Assets* tirrappreżenta l-bażi tal-kalkolu tas-submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq;

(c) CT_i tirrappreżenta l-livell limitu tal-iskopertura eċċessiva relattiva msemmi fl-Artikolu 185.

▼B

2. Il-bażi tal-kalkolu tas-submodulu tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq *Assets* tkun daqs il-valur tal-assi kollha miżmumin minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, esklużi li ġejjin:

(a) assi miżmumin fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju ta' investiment jiġġarrab bis-sħiħ mid-detenturi tal-poloz;

(b) skoperturi għal kontroparti li tappartjeni fl-istess grupp bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, diment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-kontroparti hija impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jew impriża ta' servizzi anċillari;

(ii) il-kontroparti hija kkonsolidata bis-sħiħ skont l-Artikolu 335(1)(a);

(iii) il-kontroparti hija soġġetta għall-istess evalwazzjoni tar-riskju, proċeduri ta' kejl u kontroll bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(iv) il-kontroparti hija stabbilita fl-Unjoni;

(v) ma hemm ebda xkiel legali jew prattiku materjali attwali jew previst għat-trasferiment minnufih ta' fondi proprji jew ir-ripagament ta' obbligazzjonijiet mill-kontroparti lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(c) il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu li jitnaqqas mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament;

(d) skoperturi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti;

(e) assi tat-taxxa differiti;

(f) assi intanġibbli.

▼M6

3. L-iskopertura f'inadempjenza fuq skopertura b'isem wieħed *i* għandha titnaqqas bl-ammont tal-skopertura f'inadempjenza għal kontropartijiet li jappartjenu għal dik l-iskopertura b'isem wieħed u li għaliha l-fattur tar-riskju tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq imsemmija fl-Artikoli 186 u 187 hija 0 %.

▼B

Artikolu 185

Livell limitu tal-iskopertura eċċessiva relattiva

Kull skopertura b'isem wieħed *i* tiġi assenjata, skont it-tabella li ġejja, livell limitu tal-iskopertura eċċessiva relattiva skont l-iskala tal-kwalità kreditizja medja ponderata tal-iskopertura b'isem wieħed *i*, ikkalkulat skont l-Artikolu 182(4).

Skala medja ponderata tal-kwalità kreditizja ta' skopertura b'isem wieħed *i*	0	1	2	3	4	5	6
Eċċess relattiv tal-limitu minimu tal-iskopertura CT_i	3 %	3 %	3 %	1,5 %	1,5 %	1,5 %	1,5 %

Artikolu 186

Fattur ta' riskju għall-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq

1. Kull skopertura b'isem wieħed i tiġi assenjata, skont it-tabella li ġejja, fattur ta' riskju g_i għall-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq skont l-iskala tal-kwalità kreditizja medja ponderata tal-iskopertura b'isem wieħed i, ikkalkulat skont l-Artikolu 182(4).

Skala medja ponderata tal-kwalità kreditizja ta' skopertura b'isem wieħed *i*	0	1	2	3	4	5	6
Fattur ta' riskju g_i	12 %	12 %	21 %	27 %	73 %	73 %	73 %

▼M6

_____

▼B

Artikolu 187

Skoperturi speċifiċi

1. Skoperturi fil-forma ta' bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE (bonds koperti) jiġu assenjati livell limitu ta' skopertura eċċessiva relattiva CT_i ta' 15 %, diment li l-iskoperturi korrispondenti fil-forma ta' bonds koperti jkunu ġew assenjati skala ta' żero jew wieħed tal-kwalità kreditizja. Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti jitqiesu bħala skoperturi b'isem wieħed, indipendentement minn skoperturi oħrajn għall-istess kontroparti bħall-emittent tal-bonds koperti, li jikkostitwixxu skopertura differenti b'isem wieħed.

2. Skoperturi għal proprjetà immobbli waħda jiġu assenjati livell limitu ta' skopertura eċċessiva relattiva CT_i ta' 10 % u fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq ta' 12 %.

▼B

3. Skoperturi għal dawn li ġejjin jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq ta' 0 %:

(a) il-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) il-gvern ċentrali u banek ċentrali tal-Istati Membri denominati u ffinanzjata fil-munita domestika ta' dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali;

(c) banek ta' żvilupp multilaterali msemmijin fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

Skoperturi li huma ggarantiti bis-sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn waħda mill-kontropartijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 215, jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq ta' 0 %.

▼M6

Għall-finijiet tal-punt (b), skoperturi li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabilment garantiti minn gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali mniżżla fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011, fejn il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 215 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ttrattat bħala skoperturi għall-gvern ċentrali.

▼B

4. Skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali minbarra dawk imsemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 3, denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali, jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq skont l-iskali medji ponderati tal-kwalità kreditizja tagħhom, skont it-tabella li ġejja.

Skala medja ponderata tal-kwalità kreditizja ta' skopertura b'isem wieħed i	0	1	2	3	4	5	6
Fattur ta' riskju g_i	0 %	0 %	12 %	21 %	27 %	73 %	73 %

▼M6

4a. Skoperturi għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali ta' Stati Membri mhux elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i, għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq li jikkorrispondi għall-medja ponderata tal-iskala tal-kwalità kreditizja 2 f'konformità mal-paragrafu 4.

▼M6

4b. Skoperturi li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabilment garantiti minn gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali ta' Stati Membri li mhumiex elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011, fejn il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 215 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq li jikkorrispondi għall-medja ponderata tal-iskala tal-kwalità kreditizja 2 f'konformita mal-paragrafu 4.

▼B

5. Skoperturi fil-forma ta' depożiti l-bank jiġu assenjati fattur ta' riskju g_i għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq ta' 0 %, diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-valur sħiħ tal-iskopertura huwa kopert minn skema ta' garanzija tal-gvern fl-Unjoni;

(b) il-garanzija tkopri l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mingħajr ebda restrizzjoni;

(c) ma hemm ebda għadd doppju tat-tali garanzija fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

Subtaqsima 7

Submodulu tar-riskju tal-valuta

Artikolu 188

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-munita msemmi fil-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs is-somma tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tal-munita għal kull munita barranija. Investimenti f'ekwitajiet tat-tip 1 imsemmijin fl-Artikolu 168(2) u ekwitajiet tat-tip 2 imsemmijin fl-Artikolu 168(3) li huma elenkati f'boroż li joperaw b'muniti differenti jiġu supponuti bħala sensittivi għall-munita tal-elenkar ewlieni tagħhom. Ekwitajiet tat-tip 2 imsemmijin fl-Artikolu 168(3) li mhumiex elenkati jiġu supponuti bħala sensittivi għall-munita tal-pajjiż fejn l-emittent għandu l-operazzjonijiet ewlenin tiegħu. Proprjetà immobbli tiġi supponuta bħala sensittiva għall-munita tal-pajjiż fejn tinsab.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, muniti barranin ikunu muniti minbarra l-munita użata għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ('il-munita lokali').

2. Għal kull munita barranija, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-munita jkun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tisħiħ tal-valur tal-munita barranija kontra l-munita lokali;

▼B

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis tal-valur tal-munita barranija kontra l-munita lokali.

3. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tisħiħ fil-valur ta' munita barranija kontra l-munita lokali jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn żieda f'daqqa ta' 25 % fil-valur tal-munita barranija kontra l-munita lokali.

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fil-valur ta' munita barranija kontra l-munita lokali jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta' 25 % fil-valur tal-munita barranija kontra l-munita lokali.

5. Għal valuti ffissati mal-euro, il-fattur ta' 25 % imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi aġġustat skont l-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottat skont il-punt (d) tal-Artikolu 109a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, diment li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-arranġament ta' ffissar jiżgura li l-bidliet relattivi fir-rata tal-kambju fuq perjodu ta' sena ma jaqbżux l-aġġustamenti relattivi għall-fattur ta' 25 %, f'każ ta' eventi estremi fis-suq, li jikkorrispondu għal-livell ta' fiduċja stipulat fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) tinżamm konformità ma' wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) il-munita tipparteċipa fil-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rati tal-Kambju (ERM II);

(ii) teżisti deċiżjoni mill-Kunsill li tirrikonoxxi arranġamenti ta' ffissar bejn din il-munita u l-euro;

(iii) l-arranġament ta' ffissar huwa stipulat mil-liġi tal-pajjiż li jistabbilixxi l-munita tal-pajjiż.

Għall-finijiet tal-punt (a), jiġu kkunsidrati r-riżorsi finanzjarji tal-partijiet li jiggarantixxu l-iffissar.

6. L-impatt ta' tisħiħ jew tnaqqis fil-valur ta' munita barranija kontra l-munita lokali fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu, jiġi kkunsidrat biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li ma jitnaqqsux minn fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament. Is-sehem imnaqqas mill-fondi proprji jiġi kkunsidrat biss sa fejn it-tali impatt iżid il-fondi proprji bażiċi.

▼B

7. Fejn l-ikbar fost ir-rekwiżiti kapitali li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, meta l-ikbar wieħed fost dawk ir-rekwiżiti kapitali u l-ikbar wieħed fost ir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-munita fuq munita partikolari għandu jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 2 li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2).

TAQSIMA 6

Modulu tar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 189

Kamp ta' applikazzjoni

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{def} = \sqrt{SCR^2_{(def,1)} + 1{,}5 \cdot SCR_{(def,1)} \cdot SCR_{(def,2)} + SCR^2_{(def,2)}}$$

fejn:

(a) $SCR_{def,1}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 kif stipulat fil-paragrafu 2.

(b) $SCR_{def,2}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 2 kif stipulat fil-paragrafu 3.

2. Skoperturi tat-tip 1 ikunu jikkonsistu fi skoperturi marbutin ma' dawn li ġejjin:

▼M6

(a) Kuntratti ta' mitigazzjoni tar-riskju li jinkludu arranġamenti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u titolizzazzjonijiet tal-assigurazzjoni;

▼B

(b) Flus il-bank kif definiti fl-Artikolu 6, inċiż F tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE ([1]);

(c) Depożiti ma' impriżi ċedenti, li fihom in-numru ta' skoperturi b'isem wieħed ma jaqbiżx il-15;

([1]) Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni, ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7.

▼B

(d) Impenji riċevuti minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġew prelevati iżda li ma tħallsux, li fihom in-numru ta' skoperturi b'isem wieħed ma jaqbiżx il-15, inklużi ishma preferenzjali u kapital azzjonarju ordinarji prelevati iżda mhux imħallsin, impenji li jorbtu legalment prelevati iżda mhux imħallsin għassottoskrizzjoni u l-ħlas għal obbligazzjonijiet subordinati, fondi inizjali prelevati iżda mhux imħallsin, kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu, garanziji prelevati iżda mhux imħallsin, ittri ta' kreditu prelevati iżda mhux imħallsin, pretensjonijiet prelevati iżda mhux imħallsin li assoċjazzjonijiet mutwi jew tat-tip mutwu jista' jkollhom kontra l-membri tagħhom permezz ta' sejħa għal kontribuzzjonijiet supplementari;

(e) Impenji li jorbtu legalment li l-impriża pprovdiet jew fasslet u li jistgħu joħolqu obbligi ta' ħlas skont l-affidabbiltà kreditizja jew l-inadempjenza għal kontroparti inklużi garanziji, ittri ta' kreditu, ittri ta' konfort li l-impriża pprovdiet;

▼M6

(f) derivattivi minbarra derivattivi tal-kreditu koperti mis-submodulu tar-riskju tal-firxa.

▼B

3. Skoperturi tat-tip 2 jikkonsistu fl-iskoperturi ta' kreditu kollha li mhumiex koperti fis-submodulu ta' riskju tal-firxa u li mhumiex skoperturi tat-tip 1, inklużi dawn li ġejjin:

(a) Riċevibbli mingħand intermedjarji;

(b) Debituri ta' detenturi ta' polza;

(c) self ipotekarju li jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 191(2) sa (13);

(d) Depożiti ma' impriżi ċedenti, meta n-numru ta' skoperturi b'isem wieħed jaqbeż il-15;

(e) Impenji riċevuti minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ġew prelevati iżda mhumiex imħallsin kif imsemmi fil-paragrafu 2(d), meta n-numru ta' skoperturi b'isem wieħed jaqbeż il-15.

4. Bid-diskrezzjoni tagħhom, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jqisu l-iskoperturi kollha msemmijin fil-punti (d) u (e) tal-paragrafu 3 bħala skoperturi tat-tip 1, indipendentement min-numru ta' skoperturi b'isem wieħed.

▼B

5. Meta tkun ġiet ipprovduta ittra ta' kreditu, garanzija jew teknika ekwivalenti ta' mitigazzjoni tar-riskju sabiex tiġi ggarantita skopertura u din it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikoli 209 sa 215, f'dak il-każ il-fornitur tal-ittra ta' kreditu, garanzija jew teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ekwivalenti jista' jitqies bħala l-kontroparti fuq l-iskopertura ggarantita għall-finijiet ta' valutazzjoni tan-numru ta' skoperturi b'isem wieħed.

6. Ir-riskji ta' kreditu li ġejjin ma jkunux koperti fil-modulu tar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti:

(a) ir-riskju ta' kreditu ttrasferit minn derivat ta' kreditu;

(b) ir-riskju ta' kreditu mal-ħruġ tad-dejn minn veikoli bi skop speċjali, kemm jekk kif definit fl-Artikolu 13(26) tad-Direttiva 2009/138/KE jew le;

(c) ir-riskju ta' sottoskrizzjoni ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-kreditu u l-garanzija kif imsemmi fil-linji operatorji 9, 21 u 28 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(d) ir-riskju ta' kreditu fuq self ipotekarju li ma jissodisfax ir-rekwżiti fl-Artikolu 191(2) sa (9);

▼M6

(e) ir-riskju kreditizju fuq assi ddepożitati bħala kollateral għal CCP jew membru tal-ikklerjar li l-falliment tagħhom huwa remot.

▼B

7. Garanziji ta' investiment fuq kuntratti tal-assigurazzjoni pprovduti lil detenturi ta' polza minn parti terza u li għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun responsabbli jekk il-parti terza ssir inadempjenti għandhom jitqiesu bħala derivati fil-modulu tar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti.

Artikolu 190

Skoperturi b'isem wieħed

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-iskoperturi b'isem wieħed. Għal dak l-għan, skoperturi għal impriżi li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv jitqiesu bħala skopertura b'isem wieħed.

2. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tista' tikkunsidra skoperturi li jappartjenu għal membri differenti tal-istess arranġament tal-pula legali jew kuntrattwali bħal skoperturi b'isem wieħed differenti meta l-probabilità tal-inadempjenza tal-iskopertura b'isem wieħed tiġi kkalkulata b'konformità mal-Artikolu 199 u t-telf fil-każ ta'

▼B

inadempjenza jiġi kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 193 jekk hija skopertura tal-pula tat-tip A, b'konformità mal-Artikolu 194 jekk hija skopertura tal-pula tat-tip B u b'konformità mal-Artikolu 195 jekk hija skopertura tal-pula tat-tip C. Inkella, skoperturi għall-impriżi li jappartjenu għall-istess arranġament tal-ippuljar jitqiesu bħala skopertura b'isem wieħed.

Artikolu 191

Self ipotekarju

1. Self fil-livell tal-konsum iggarantit minn ipoteki fuq proprjetà residenzjali (self ipotekarju) jitqies bħala skoperturi tat-tip 2 skont ir-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti fil-paragrafi 2 sa 13.

2. L-iskopertura tkun jew għal persuna jew persuni fiżiċi jew għal impriża ta' daqs medju jew żgħira.

3. L-iskopertura tkun waħda minn numru importanti ta' skoperturi b'karatteristiċi simili b'tali mod li r-riskji assoċjati mat-tali self jitnaqqsu b'mod sostanzjali.

4. L-ammont sħiħ dovut lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u, fejn rilevanti, lill-impriżi relatati kollha skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża kwalunkwe skopertura f'inadempjenza, mill-kontroparti jew parti terza relatata oħra, ma jaqbiżx, sa fejn taf l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, il-EUR 1 miljun. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tieħu passi raġonevoli biex tikseb dan l-għarfien.

5. Il-proprjetà residenzjali hija jew sejra tkun okkupata jew tinkera mis-sid.

6. Il-valur tal-proprjetà ma jiddependix b'mod materjali fuq il-kwalità kreditizja tal-mutwatarju.

7. Ir-riskju tal-mutwatarju ma jiddependix b'mod materjali fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà sottostanti, iżda fuq il-ħila sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn min sorsi oħrajn, u bħala konsegwenza, ir-ripagament tal-faċilità ma jiddependix b'mod materjali fuq xi fluss tal-flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi ta' kollateral. Għal dawk is-sorsi l-oħrajn, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ssib il-proporzjon massimu tas-self għad-dħul bħala parti mill-politika ta' self tagħha u tikseb evidenza xierqa tad-dħul rilevanti meta tagħti s-self.

8. Ir-rekwiżiti fuq iċ-ċertezza legali li ġejjin kollha jiġu ssodisfati:

(a) ipoteka jew imposta hija infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fil-ħin tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu u tiġi ppreżentata kif xieraq fil-ħin;

(b) ġew issodisfati r-rekwiżiti legali kollha sabiex jiġi stabbilit ir-rahan;

▼B

(c) il-ftehim ta' protezzjoni u l-proċess legali li jsostnih jippermettu lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni sabiex tirrealizza l-valur tal-protezzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

9. Ir-rekwiżiti li ġejjin kollha fuq il-monitoraġġ tal-valuri tal-proprjetà u fuq il-valutazzjoni tal-proprjetà jiġu ssodisfati:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tissorvelja l-valur tal-proprjetà fuq bażi spissa u tal-inqas darba kull tliet snin. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni twettaq monitoraġġ iktar spiss meta s-suq ikun soġġett għal bidliet importanti fil-kundizzjonijiet;

(b) il-valutazzjoni tal-proprjetà hija riveduta meta t-tagħrif għad-dispożizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jindika li l-valur tal-proprjetà seta' naqas b'mod materjali b'rabta mal-prezzijiet ġenerali fis-suq u li r-rieżami huwa estern u indipendenti u mwettaq minn valutatur li għandu l-kwalifiki, il-ħila u l-esperjenza meħtieġa biex jeżegwixxi valutazzjoni u li huwa indipendenti mill-proċess ta' deċiżjonijiet fuq il-kreditu.

10. Għall-finijiet tal-paragrafu 9, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jużaw metodi statistiċi biex jissorveljaw il-valur tal-proprjetà u jidentifikaw proprjetà li teħtieġ rivalutazzjoni.

11. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiddokumentaw biċ-ċar it-tipi ta' proprjetà residenzajli li jaċċettaw bħala kollateral u l-politiki ta' self tagħhom f'dan ir-rigward. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni teħtieġ li l-valutatur indipendenti tal-valur tas-suq tal-proprjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 198(2), jiddokumenta dak il-valur tas-suq b'mod trasparenti u ċar.

12. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha fis-seħħ proċeduri biex tara li l-proprjetà meħuda bħala protezzjoni tal-kreditu hija assigurata b'mod adegwat kontra r-riskju ta' ħsara.

13. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tirrapporta d-dejta li ġejja kollha fuq telf li jirriżulta minn self ipotekarju lill-awtorità superviżorja:

(a) telf li jirriżulta minn self li ġie kklassifikat bħala skoperturi tat-tip 2 skont l-Artikolu 189(3) fi kwalunkwe sena;

(b) telf ġenerali fi kwalunkwe sena.

14. Darba fis-sena, l-awtoritajiet superviżorji jippubblikaw fuq bażi aggregata d-dejta speċifikata fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 13, flimkien ma' dejta storika, meta din tkun disponibbli. Fuq it-talba ta' awtorità superviżorja oħra fi Stat Membru, l-EBA jew l-EIPOA, l-awtorità superviżorja tipprovdi lil dik l-awtorità superviżorja, l-EBA jew l-EIOPA tagħrif iktar dettaljat fuq il-kundizzjoni tas-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali fl-Istat Membru.

▼B

Artikolu 192

Telf fil-każ ta' inadempjenza

1. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq skopertura b'isem wieħed jkun daqs is-somma tat-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq kull waħda mill-iskoperturi għall-kontropartijiet li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed. It-telf fil-każ ta' inadempjenza jkun nett wara l-obbligazzjonijiet lejn kontropartijiet li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed diment li dawk ir-responsabbiltajiet u l-iskoperturi jitpaċu fil-każ ta' inadempjenza tal-kontropartijiet u diment li tinżamm konformità mal-Artikoli 209 u 210 b'rabta ma' dak id-dritt ta' tpaċija. Ma titħalla ssir ebda tpaċija jekk l-obbligazzjonijiet huma mistennija li jiġu ssodisfati qabel ma tiġi approvata l-iskopertura ta' kreditu.

▼M6

Fejn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonkludew ftehimiet ta' kalkoli ta' valur nett kuntrattwali li jkopru diversi derivattivi li jirrappreżentaw l-iskopertura għall-kreditu tal-istess kontroparti, huma jistgħu jikkalkolaw it-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq dawk id-derivattivi, kif imniżżel fil-paragrafi minn 3 sa 3c fuq il-bażi tal-effett ekonomiku kkombinat ta' dawk id-derivattivi kollha li huma koperti mill-istess ftehim kuntrattwali, sakemm l-Artikoli 209 u 210 huma ssodisfati fir-rigward tal-kalkolu tal-valur nett.

▼B

2. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq ftehim ta' riassigurazzjoni jew titolizzazzjoni tal-assigurazzjoni jiġi kkalkulat kif ġej:

$$LGD = \max[50\% \cdot (RE\text{cov}erables + 50\% \cdot RM_{re}) - F \cdot Collateral; 0]$$

fejn:

(a) *Recoverables* tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mill-arranġament tar-riassigurazzjoni jew it-titolizzazzjoni tal-assigurazzjoni u d-debituri korrispondenti;

(b) RM_{re} tirrappreżenta l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-arranġament jew it-titolizzazzjoni tar-riassugurazzjoni;

(c) *Collateral* tirrappreżenta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral b'rabta mal-arranġament jew it-titolizzazzjoni tar-riassigurazzjoni;

(d) *F* tirrappreżenta fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament ta' kollateral b'rabta mal-arranġament jew it-titolizzazzjoni tar-riassigurazzjoni f'każ ta' xi event ta' kreditu marbut mal-kontroparti.

Meta l-arranġament tar-riassigurazzjoni jkun ma' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz u 60 % jew iktar tal-assi ta' dik il-kontroparti jkunu soġġetti għal arranġamenti kollaterali, it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat kif ġej:

▼M1

$$LGD = \max(90\% \cdot (Recoverables + 50\% \cdot RM_{re}) - F' \cdot Collateral; 0)$$

▼B

fejn:

F′ tirrappreżenta fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament ta' kollateral b'rabta mal-arranġament jew it-titolizzazzjoni tar-riassigurazzjoni f'każ ta' xi event ta' kreditu marbut mal-kontroparti.

▼M6

3. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattiv li jaqa' fi ħdan l-Artikolu 192a(1) għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$LGD = \max(18\ \% \cdot (Derivative + 50\ \% \cdot RM_{fin}) - 50\ \% \cdot F' \cdot Value;\ 0)$$

fejn:

(a) *Derivative* tfisser il-valur tad-derivattiv f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) RM_{fin} tfisser l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-suq tad-derivattiv;

(c) *Value* tfisser il-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) *F′* tfisser fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament kollaterali fir-rigward tad-derivattiv f'każ ta' avveniment kreditizju relatat mal-kontroparti.

3a. Minkejja l-paragrafu 3, it-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattiv li taqa' fi ħdan l-Artikolu 192a(2) għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$LGD = \max(16\ \% \cdot (Derivative + 50\ \% \cdot RM_{fin}) - 50\ \% \cdot F'' \cdot Value;\ 0)$$

fejn:

(a) *Derivative* tfisser il-valur tad-derivattiv f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) RM_{fin} tfisser l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-suq tad-derivattiv;

(c) *Value* tfisser il-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) *F″* tfisser fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament kollaterali fir-rigward tad-derivattiv f'każ ta' avveniment kreditizju relatat mal-kontroparti.

▼**M6**

3b. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattivi minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 3 u 3a għandu jkun ugwali għal li ġej, sakemm il-kuntratt tad-derivattiv jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012:

$$LGD = \max(90\ \% \cdot (Derivative + 50\ \% \cdot RM_{fin}) - 50\ \% \cdot F''' \cdot Value;\ 0)$$

fejn:

(a) *Derivative* tfisser il-valur tad-derivattiv f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) RM_{fin} tfisser l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-suq tad-derivattiv;

(c) *Value* tfisser il-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) F''' tfisser fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament kollaterali fir-rigward tad-derivattiv f'każ ta' avveniment kreditizju relatat mal-kontroparti.

3c. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattivi mhux koperti mill-paragrafi 3, 3a u 3b għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$LGD = \max(90\ \% \cdot (Derivative + RM_{fin}) - F''' \cdot Collateral;\ 0)$$

fejn:

(a) *Derivative* tfisser il-valur tad-derivattiv f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) RM_{fin} tfisser l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-suq tad-derivattiva;

(c) *Collateral* tfisser il-valur aġġustat tar-riskju għal kollateral fir-rigward tad-derivattiva;

(d) F''' tfisser fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament kollaterali fir-rigward tad-derivattiv f'każ ta' avveniment kreditizju relatat mal-kontroparti.

3d. Meta t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattivi jrid jiġi kkalkulat fuq il-bażi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-finijiet tal-paragrafi minn 3 sa 3c:

(a) il-valur tad-derivattiva għandu jkun is-somma tal-valuri tad-derivattivi koperti mill-ftehim tal-kalkolu ta-valur nett kuntrattwali;

(b) l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju għandu jiġi ddeterminat fuq livell ta' kombinazzjoni tad-derivattivi koperti mill-ftehim tal-kalkolu tal-valur nett kuntrattwali;

▼M6

(c) il-valur tar-riskju aġġustat tal-kollateral għandu jiġi ddeterminat fil-livell ta' kombinazzjoni tad-derivattivi koperti mill-ftehim tal-kalkolu tal-valur nett kuntrattwali.

4. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq self ipotekarju għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$LGD = \max(Loan - (80\ \% \times Mortgage + Guarantee);\ 0)$$

fejn:

(a) *Loan* tfisser il-valur tas-self ipotekarju f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *Mortgage* tfisser il-valur aġġustat għar-riskju tal-ipoteka;

(c) *Guarantee* tfisser l-ammont li l-garantur ikollu jħallas lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jekk l-obbligatur tas-self ipotekarju kellu jkun inadempjenti fi żmien meta l-valur tal-propjetà miżmuma bħala ipoteka jkun ugwali għal 80 % tal-valur aġġustat tar-riskju tal-ipoteka.

Għall-finijiet tal-punt (c), garanzija għandha tkun rikonoxxuta biss jekk tkun ipprovduta minn kontroparti msemmija fil-punti (a) sa (d) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 180(2) u tkun konformi mar-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli 209, 210 u l-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 215.

▼B

5. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq impenn li jorbot legalment kif imsemmi fl-Artikolu 189(2)(e) ta' dan ir-Regolament ikun daqs id-differenza bejn il-valur nominali tiegħu u l-valur tiegħu b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

6. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq flus il-bank kif definit fl-Artikolu 6, inċiż F tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE, ta' depożitu ma' impriża ċedenti, ta' entrata elenkata fl-Artikolu 189(2)(d) jew Artikolu 189(3)(e) ta' dan ir-Regolament, jew ta' riċevibbli minn intermedjarju jew debitur ta' detenturi ta' polza, kif ukoll kwalunkwe skopertura oħra mhux elenkati xi mkien ieħor f'dan l-Artikolu jkun daqs il-valur tiegħu b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼M6

Artikolu 192a

Skopertura għal membri tal-ikklirjar

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 192(3), derivattiva taqa' fi ħdan dan il-paragrafu jekk ir-rekwiżiti li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) id-derivattiva hija tranżazzjoni relatata mas-CCP li fiha l-impriża tal-assigurazzjoni jew tr-riassigurazzjoni hija l-klijent;

▼**M6**

(b) il-pożizzjonijiet u l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatati ma' dik it-trażazzjoni huma distinti u segregati, fil-livell kemm tal-membru tal-ikklerjar u tas-CCP, mill-pożizzjonijiet u l-assi kemm tal-membru tal-ikklerjar u ta' klijenti oħrajn ta' dak il-membru tal-ikklerjar u bħala riżultat ta' dik id-distinzjoni u s-segregazzjoni dawk il-pożizzjonijiet u l-assi huma f'pożizzjoni ta' falliment remot fl-avvenitment ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru tal-ikklerjar jew wieħed jew aktar mill-klijenti l-oħra tiegħu;

(c) il-liġijiet, ir-regolamenti, ir-regoli u l-arranġamenti kuntrattwali applikabbli għal l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew li jorbtuhom jew is-CCP jiffaċilitaw it-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent relatati ma' dik it-tranżazzjoni u tal-kollaterali korrispondenti għal membru tal-ikklerjar ieħor fi ħdan il-perjodu marġini applikabbli tar-riskju fl-avvenitment ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru tal-ikklerjar oriġinali. F'tali ċirkustanza, il-pożizzjonijiet tal-klijent u l-kollateral għandhom jiġu ttrasferiti bil-valur tas-suq, sakemm il-klijent ma jitlobx li jagħlaq il-pożizzjoni fil-valur tas-suq;

(d) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha disponibbli opinjoni indipendenti, miktuba u rraġunata li tikkonkludi li, f'avveniment ta' kontestazzjoni ġuridika, il-qrati u l-awtoritajiet rilevanti jsibu li l-klijent ma jġarrab l-ebda telf minħabba l-insolvenza tal-membru tal-ikklerjar jew ta' kwalunkwe klijent ta' dak il-membru tal-ikklerjar taħt kwalunkwe mil-liġi minn dawn:

(i) liġijiet tal-ġurisdizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-membri tal-ikklerjar tagħha jew tas-CCP;

(ii) il-liġi li tirregola t-tranżazzjoni;

(iii) il-liġi li tirregola l-kollateral;

(iv) il-liġi li tirregola kwalunkwe kuntratt jew ftehim neċessarju biex jintlaħaq ir-rekwiżit imniżżel fil-punt (b);

(e) is-CCP hija kontroparti ċentrali kwalifikanti.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 192(3a), derivattiva taqa' fi ħdan dan il-paragrafu jekk ir-rekwiżiti mniżżla fil-paragrafu 1 ikunu ssodisfati bl-eċċezzjoni li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mhix meħtieġa li tkun protetta minn telf fl-avveniment li l-membru tal-ikklerjar u klijent ieħor tal-membru tal-ikklerjar isiru inadempjenti b'mod konġunt.

▼B

Artikolu 193

Telf fil-każ ta' inadempjenza għal skoperturi tal-pula tat-tip A

1. Għal skoperturi tal-pula tat-tip A li l-impriża tqis bħala skoperturi separati b'isem wieħed skont l-Artikolu 190(2), meta kull membru jkun responsabbli biss tas-sehem rispettiv tiegħu mill-obbligu kopert mill-arranġament tal-ippuljar, it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 192.

Għal skoperturi tal-pula tat-tip A li l-impriża tqis bħala skoperturi b'isem wieħed separati skont l-Artikolu 190(2), meta kull membru jkun responsabbli sal-ammont sħiħ tal-obbligu kopert mill-arranġament tal-ippuljar, it-telf fil-każ ta' inadempjenza kkalkulat skont l-Artikolu 192 jiġi mmultiplikat bil-fattur ta' kondiviżjoni tar-riskju, ikkalkulat kif ġej:

$$risk\text{-}share_factor = e^{-0,15(\min(SR,196\%)-1)}$$

fejn:

(a) $SR = (1 - P) \cdot \frac{\sum_i EOF_i}{\sum_i (EOF_i / SR_i)} + \sum_j P_j \cdot SR_j$;

(b) *i* tirrappreżenta l-membri kollah tal-pula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/138/KE u *j* tirrappreżenta l-membri kollha tal-pula eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva;

(c) $P = \sum_j P_j$;

(d) P_j tirrappreżenta s-sehem tar-riskju totali tal-arranġament tal-pula li daħal fih membru tal-pula *j*;

(e) għal membri tal-pula li għalihom hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata,SR_i u SR_j jiġu assenjati skont it-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
SR_i	196 %	196 %	175 %	122 %	95 %	75 %	75 %

(f) għal membri tal-pula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE u li ma hemmx disponibbli għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, SR_i u SR_j ikunu l-aħjar proporzjon ta' solvenza disponibbli;

(g) għal membri tal-pula li jinsabu f'pajjiż terz u li għalihom ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata:

(i) SR_i u SR_j ikunu 100 % meta l-membru tal-pula jkun jinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti skont l-Artikolu 172 tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(ii) SR_i u SR_j ikunu 75 % meta l-membru tal-pula jkun jinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza li mhuwiex meqjus ekwivalenti skont l-Artikolu 172 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta l-impriża tkun qed iċċedi riskju għal arranġament tal-ippuljar mill-intermedjarju ta' impriża ċentrali, l-impriża ċentrali titqies li hija parti mill-arranġament tal-ippuljar u s-sehem tagħha tar-riskju jiġi kkalkulat kif xieraq.

Artikolu 194

Telf fil-każ ta' inadempjenza għal skoperturi tal-pula tat-tip B

1. Għal skoperturi tal-pula tat-tip B li l-impriża tqis bħala skoperturi b'isem wieħed separati skont l-Artikolu 190(2), meta kull membru jkun responsabbli sal-ammont sħiħ tal-obbligu kopert mill-arranġament tal-pula, it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat kif ġej:

$$LGD = \max\left(\left((1 - RR_C) \cdot \left(\frac{P_U}{(1 - P_C)} \cdot BE_C + \Delta RM_C\right) - F \cdot Collateral\right); 0\right)$$

fejn:

(a) P_U tirrappreżenta s-sehem mir-riskju tal-impriża skont it-termini tal-arranġament tal-ippuljar;

(b) P_C tirrappreżenta s-sehem mir-riskju tal-membru ta' kontroparti skont it-termini tal-arranġament tal-ippuljar;

(c) RR_C hija kkalkulata hekk:

(i) 10 % jekk 60 % jew iktar mill-assi tal-membri tal-kontroparti huma soġġetti għal arranġamenti kollaterali;

(ii) inkella 50 %;

(d) BE_C tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligazzjoni ċeduta lill-membri ta' kontroparti mill-impriża, netta minn kwalunkwe ammont riassigurat ma' kontropartijiet esterni għall-arranġament tal-ippuljar;

(e) ΔRM_C tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-membri tal-kontroparti għall-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-arranġament tal-ippuljar fuq ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-impriża;

(f) *Collateral* tirrappreżenta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti fl-arranġament tal-ippuljar;

(g) F tirrappreżenta l-fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti, ikkakulat b'konformità mal-Artikolu 197.

▼B

2. Għal skoperturi tal-pula tat-tip B li l-impriża tqis bħala skoperturi b'isem wieħed separati skont l-Artikolu 190(2), meta l-membri jkunu responsabbli biss sas-sehem rispettiv tagħhom mill-obbligu kopert mill-arranġament tal-ippuljar, it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat kif ġej:

$$LGD = \max\left(\left((1 - RR_C) \cdot (P_C \cdot BE_U + \Delta RM_C) - F \cdot Collateral\right); 0\right)$$

fejn:

(a) P_C tirrappreżenta s-sehem mir-riskju tal-membru ta' kontroparti skont it-termini tal-arranġament tal-ippuljar;

(b) RR_C hija kkalkulata hekk:

(i) 10 % jekk 60 % jew iktar mill-assi tal-membri tal-kontroparti huma soġġetti għal arranġamenti kollaterali;

(ii) inkella 50 %;

(c) BE_U tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligazzjoni ċeduta lill-arranġament tal-ippuljar mill-impriża fl-arranġament tal-ippuljar, netta minn kwalunkwe ammont riassigurat ma' kontropartijiet esterni għall-arranġament tal-ippuljar;

(d) ΔRM_C tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-membri tal-kontroparti għall-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-arranġament tal-ippuljar fuq ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-impriża;

(e) *Collateral* tirrappreżenta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti fl-arranġament tal-ippuljar;

(f) F tirrappreżenta l-fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti, ikkakulat b'konformità mal-Artikolu 197.

Artikolu 195

Telf fil-każ ta' inadempjenza għal skoperturi tal-ippuljar tat-tip C

Għal skoperturi tal-ippuljar tat-tip C li l-impriża tqis bħala skoperturi b'isem wieħed separati skont l-Artikolu 190(2), it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat kif ġej:

$$LGD = \max\left(\left((1 - RR_{CE}) \cdot (P_U \cdot BE_{CE} + \Delta RM_{CE}) - F \cdot Collateral\right); 0\right)$$

fejn:

(a) P_U tirrappreżenta s-sehem mir-riskju tal-impriża skont it-termini tal-arranġament tal-ippuljar;

▼B

(b) RR_{CE} hija kkalkulata hekk:

(i) 10 % jekk 60 % jew iktar mill-assi tal-kontroparti esterna huma soġġetti għal arranġamenti kollaterali;

(ii) inkella 50 %;

(c) BE_{CE} tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-kontroparti esterna mill-arranġament tal-ippuljar sħiħ;

(d) ΔRM_{CE} tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-kontroparti esterna għall-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-arranġament tal-ippuljar fuq ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-impriża;

(e) *Collateral* tirrappreżenta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti fl-arranġament tal-ippuljar;

(f) *F* tirrappreżenta l-fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-kollateral miżmum mill-membru ta' kontroparti, ikkakulat b'konformità mal-Artikolu 197.

▼M6

Artikolu 196

Effett tar-riskju ta' mitigazzjoni

L-effett tar-riskju ta' mitigazzjoni fuq sottoskrizzjoni jew riskji tas-suq ta' arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiva għandu jkun l-ikbar bejn żero u d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-sottoskrizzjoni jew tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, ikkalkulat f'konformità mat-Taqsimiet 1 sa 5 ta' dan il-Kapitolu, li kienu japplikaw kieku l-arranġament tar-riassigurazzjoni, tat-titolizzazzjoni jew tad-derivattiva ma kinux jeżistu;

(b) ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' sottoskrizzjoni jew tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

▼B

Artikolu 197

Valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral

1. ►M6 Meta l-kriterji mniżżla fl-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati, il-valur tar-riskju aġġustat tal-kollateral ipprovdut bħala mezz ta' sigurtà, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1(26), għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral, valwat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-aġġustament tar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, sakemm iż-żewġ rekwiżiti li ġejjin ikunu ssodisfati: ◄

▼B

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju ta' trust li fiha fiduċjarju għandu) id-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor marbut mal-kontroparti (ir-rekwiżit ta' kontroparti);

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju ta' trust li fiha fiduċjarju għandu) id-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor marbut mal-kustodju jew parti terza oħra li qed iżżomm il-kollateral f'isem il-kontroparti (ir-rekwiżit ta' parti terza).

2. Meta jkun issodisfat ir-rekwiżit tal-kontroparti u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament u ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit tal-parti terza, il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b) ta' dan ir-Regolament, ikun ta' 90 % tad-differenza bejn il-valur tal-assi miżmumin bħala kollateral b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit tal-kontroparti jew ma jkunux issodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 214, il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), ikun żero.

4. Il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral li tiġi ttrasferita s-sjieda sħiħa tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(a) ta' dan ir-Regolament, ikun daqs id-differenza bejn il-valur tal-assi miżmumin bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament.

5. L-aġġustament għar-riskju tas-suq huwa d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li kien japplika li kieku l-assi miżmumin bħala kollateral ma kinux inklużi fil-kalkolu;

(b) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li kien japplika li kieku l-assi miżmumin bħala kollateral kienu inklużi fil-kalkolu.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, ir-riskju tal-munita tal-assi miżmumin bħala kollateral jiġi kkalkulat billi titqabbel il-munita tal-assi miżmumin bħala kollateral kontra l-munita tal-iskopertura korrispondenti.

▼M6

7. Meta, fil-każ ta' insolvenza tal-kontroparti, id-determinazzjoni tas-sehem proporzjonali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tal-partimonju tal-insolvenza tal-kontroparti li jaqbeż il-kollateral ma jqisx li l-impriża tirċievi l-kollateral, il-fatturi F, F', F'' u F''' imsemmijin fl-Artikolu 192(2) sa (3c) għandhom ikunu 100 %. Fil-każijiet kollha l-oħrajn, dawn il-fatturi għandhom ikunu 50 %, 18 %, 16 % u 90 % rispettivament.

▼B

Artikolu 198

Valur aġġustat għar-riskju ta' ipoteka

1. Il-valur aġġustat għar-riskju ta' ipoteka jkun daqs id-differenza bejn il-valur tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka, ivvalutata skont il-paragrafu 2, u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 3.

2. Il-valur tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka jkun il-valur tas-suq imnaqqas kif xieraq biex ikunu riflessi r-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 191(9) u (10) ta' dan ir-Regolament u sabiex tingħata kunsiderazzjoni lil kwalunkwe pretensjoni preċedenti fuq il-proprjetà. Il-valutazzjoni esterna u indipendenti tal-proprjetà tkun daqs il-valur tas-suq jew inqas ikkalkulat b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-aġġustament għar-riskju tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1 ikun id-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkun japplika li kieku l-proprjetà residenzjali miżuma bħala ipoteka ma kinitx inkluża fil-kalkolu;

(b) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkun japplika li kieku l-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka kienet inkluża fil-kalkolu.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, ir-riskju tal-munita tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka għandu jiġi kkalkulat billi titqabbel il-munita tal-proprjetà residenzjali mal-munita tas-self korrispondenti.

Subtaqsima 2

Skoperturi tat-tip 1

Artikolu 199

Probabilità tal-inadempjenza

1. Il-probabilità tal-inadempjenza fuq skopertura b'isem wieħed tkun daqs il-medja tal-probabilitajiet tal-inadempjenza fuq kull waħda mill-iskoperturi għall-kontropartijiet li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed, ponderata skont it-telf fil-każ ta' inadempjenza fir-rigward ta' dawk l-iskoperturi.

▼B

2. Skopertura b'isem wieħed i li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tiġi assenjata probabilità tal-inadempjenza PD_i skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
Probabbiltà ta' inadempjenza PD_i	0,002 %	0,01 %	0,05 %	0,24 %	1,20 %	4,2 %	4,2 %

3. Skoperturi b'isem wieħed i għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u meta din l-impriża tissodisfa r-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza PD_i skont il-proporzjon ta' solvenza tal-impriża, skont it-tabella li ġejja:

Proporzjon ta' solvenza	196 %	175 %	150 %	125 %	122 %	100 %	95 %	75 %
Probabilità tal-inadempjenza	0,01 %	0,05 %	0,1 %	0,2 %	0,24 %	0,5 %	1,2 %	4,2 %

Meta l-proporzjon ta' solvenza jaqa' bejn il-proporzjoni ta' solvenza speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur tal-probabilità tal-inadempjenza jiġi interpolat b'mod lineari mill-eqreb valuri ta' probabbiltajiet ta' inadempjenza li jikkorrispondu għall-eqreb proporzjoni ta' solvenza speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun inqas minn 75 %, il-probabilità tal-inadempjenza tkun 4,2 %. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun ogħla minn 196 %, l-probabilità tal-inadempjenza tkun 0,01 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "proporzjon ta' solvenza" tirrappreżenta l-proporzjon tal-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, billi jintużaw l-aħħar valuri disponibbli.

4. Skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ma tissodisfax ir-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 4,2 %.

5. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu japplikaw biss mill-ewwel data ta' divulgazzjoni pubblika, mill-impriża korrispondenti għall-iskopertura, tar-rapport fuq il-qagħda finanzjarja u tas-solvenza tagħha msemmija fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE. Qabel dik id-data, jekk valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għall-iskoperturi, japplika l-paragrafu 2. Inkella, l-iskoperturi jiġu assenjati l-istess fattur ta' riskju bħal dawk li jirriżultaw meta jiġi applikat il-paragrafu 3 għal skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi proporzjon ta' solvenza ta' 100 %.

▼B

6. Skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, li tinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE, u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0,5 %.

7. Skoperturi għal istituzzjonijiet tal-kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji skont it-tifsira tal-punti (1) u (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' solvenza stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0,5 %.

8. Skoperturi għal kontropartijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 180(2) jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0 %.

9. Il-probabilità tal-inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed minbarra dawk identifikati fil-paragrafi 2 sa 8 tkun ta' 4,2 %.

10. Meta jiġu pprovduti ittra ta' kreditu, garanzija jew arranġament ekwivalenti biex jiggarantixxu bis-sħiħ skopertura u dan l-arranġament jikkonforma mal-Artikoli 209 sa 215, il-fornitur ta' dawk l-ittra ta' kreditu, garanzija jew arranġament ekwivalenti jista' jitqies bħala kontroparti fuq l-iskopertura ggarantita għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-probabilità tal-inadempjenza ta' skopertura b'isem wieħed.

11. Għall-finijiet tal-paragrafu 10, skoperturi ggarnatiti, b'mod sħiħ, irrevokabbli u mingħajr kundizzjonijiet minn kontropartijiet elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-punt a tal-Artikolu 109a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jitqiesu bħala skoperturi għall-gvern ċentrali.

▼M6

▼C3

12. Irrispettivament mill-paragrafu 2 sa 11, l-iskoperturi msemmijin fl-Artikolu 192(3) għandhom jiġu assenjati probabbiltà ta' inadempjenza ugwali għal 0,002 %.

13. Irrispettivament mill-paragrafu 2 sa 12, l-iskoperturi msemmijin fl-Artikolu 192(3a) għandhom jiġu assenjati probabbiltà ta' inadempjenza ugwali għal 0,01 %.

▼B

Artikolu 200

Skoperturi tat-tip 1

1. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ta' 7 % jew inqas tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{def,1} = 3 \cdot \sigma$$

fejn σ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1, kif iddefinit fil-paragrafu 4.

2. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ogħla minn 7 % tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1 u tkun 20 % jew inqas tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{def,1} = 5 \cdot \sigma$$

fejn σ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf tal-iskoperturi tat-tip 1.

3. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ogħla minn 20 % tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 ikun daqs l-inadempjenza totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1.

4. Id-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma = \sqrt{V}$$

fejn V tirrappreżenta l-varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf tal-iskoperturi tat-tip 1.

Artikolu 201

Varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1

1. Il-varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 kif imsemmi fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 200 tkun daqs is-somma ta' V_{inter} u V_{intra}.

2. V_{inter} tiġi kkalkulata kif ġej:

$$V_{inter} = \sum_{(j,k)} \frac{PD_k \cdot (1 - PD_k) \cdot PD_j \cdot (1 - PD_j)}{1{,}25 \cdot (PD_k + PD_j) - PD_k \cdot PD_j} \cdot TLGD_j \cdot TLGD_k$$

fejn:

▼M6

(a) is-somma tkopri l-kombinazzjonijiet kollha possibbli *(j,k)* ta' probabblitajiet ta' inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed f'konformità mal-Artikolu 199;

▼B

(b) $TLGD_j$ u $TLGD_k$ jirrappreżentaw is-somma ta' telf fil-każ ta' inadempjenza fuq skoperturi tat-tip 1 minn kontropartijiet bi probabilità tal-inadempjenza PD_j u PD_k rispettivament.

3. V_{intra}. tiġi kkalkulata kif ġej:

$$V_{intra} = \sum_j \frac{1{,}5 \cdot PD_j \cdot (1 - PD_j)}{2{,}5 - PD_j} \cdot \sum_{PD_j} LGD_i^2$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-probabilitajiet differenti kollha ta' inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed b'konformità mal-Artikolu 199;

(b) it-tieni somma tkopri l-iskoperturi kollha b'isem wieħed bi probabilità tal-inadempjenza ta' PD_j;

(c) LGD_i. tirrappreżenta t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskopertura b'isem wieħed *i*.

Subtaqsima 3

Skoperturi tat-tip 2

Artikolu 202

Skoperturi tat-tip 2

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 2 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-iskoperturi tat-tip 2 bl-ammont li ġej:

$$90\% \cdot LGD_{receivables>3months} + \sum_i 15\% \cdot LGD_i$$

fejn:

(a) $LGD_{receivables\ >\ 3months}$ tirrappreżenta t-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq ir-riċevibbli kollha minn intermedjarji li ilhom dovuti iktar minn tliet xhur

(b) is-somma tittieħed fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 2 minbarra riċevibbli minn intermedjarji li ilhom dovuti iktar minn tliet xhur;

(c) LGD_i tirrappreżenta t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskopertura tat-tip 2 *i*.

TAQSIMA 7

Modulu ta' assi intanġibbli

Artikolu 203

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{intangible} = 0{,}8 \cdot V_{intangible}$$

fejn $V_{intangibles}$ tirrappreżenta l-ammont ta' assi intanġibbli kif rikonoxxuti u vvalutati skont il-punt 2 tal-Artikolu 12.

▼B

TAQSIMA 8

Riskju operazzjonali

Artikolu 204

1. Ir-rekwiżit kapitali għall-modulu tar-riskju operazzjonali jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{Operational} = \min(0{,}3 \cdot BSCR; Op) + 0{,}25 \cdot Exp_{ul}$$

fejn:

(a) *BSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza;

(b) *Op* tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali bażiku għall-imposta għar-riskju operazzjonali;

(c) Exp_{ul} tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrba tul it-12-il xahar ta' qabel fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja li fihom ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza.

2. Ir-rekwiżit kapitali bażiku għar-riskju operazzjonali jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op = \max(Op_{premiums}; Op_{provisions})$$

fejn:

(a) $Op_{premiums}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskji operazzjonali msejsin fuq primjums iggwadanjati;

(b) $Op_{provisions}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskji operazzjonali msejsin fuq provvedimenti tekniċi.

3. Ir-rekwiżit kapitali għal riskji operazzjonali msejsin fuq primjums iggwadanjati jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op_{premiums} = \begin{cases} 0{,}04 \cdot (Earn_{life} - Earn_{life-ul}) + 0{,}03 \cdot Earn_{non-life} \\ + \max(0; 0{,}04 \cdot (Earn_{life} - 1{,}2 \cdot pEarn_{life} - (Earn_{life-ul} - 1{,}2 \cdot pEarn_{life-ul}))) \\ + \max(0; 0{,}03 \cdot (Earn_{non-life} - 1{,}2 \cdot pEarn_{non-life})) \end{cases}$$

fejn:

(a) $Earn_{life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(b) $Earn_{life\text{-}ul}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati matul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(c) $Earn_{non\text{-}life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

▼B

(d) $pEarn_{life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(e) $pEarn_{life\text{-}ul}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(f) $pEarn_{non\text{-}life}$ tirrappreżenta l-primjum iggwadanjat matul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-primjums iggwadanjati Jkunu gross, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni.

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali msejjes fuq provvedimenti tekniċi jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op_{provisions} = 0{,}0045 \cdot \max\left(0; TP_{life} - TP_{life-ul}\right) + 0{,}03 \cdot \max\left(0; TP_{non-life}\right)$$

fejn:

(a) TP_{life} tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $TP_{life\text{-}ul}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza;

(c) $TP_{non\text{-}life}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-provvedimenti tekniċi ma jinkludux il-marġni ta' riskju, u jiġu kkalkulati mingħajr it-tnaqqis tar-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

TAQSIMA 9

Adjustment for the loss-absorbing capacity of technical provisions and deferred taxes

Artikolu 205

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 103(c) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u taxxi differiti jkun is-somma tal-entrati li ġejjin:

(a) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi;

(b) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

▼B

Artikolu 206

Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tal-kapaċità tal-provvedimenti tekniċi

1. L-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Adj_{TP} = -\max(\min(BSCR - nBSCR; FDB); 0)$$

fejn:

(a) *BSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 103(a) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *nBSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza kif imemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) *FDB* tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta mal-benefiċċji diskrezzjonali futuri

2. Ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza jiġi kkalkulat skont it-Taqsima 1, Subtaqsima 1 sa 7 tal-Kapitolu V bil-modifiki li ġejjin kollha:

(a) meta l-kalkolu ta' modulu jew submodulu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, ix-xenarju jista' jibdel il-valur tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi;

(b) il-kalkoli bbażati fuq ix-xenarju tal-modulu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT, is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa, il-modulu tar-riskju tas-suq u l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti kif ukoll il-kalkolu msejjes fuq ix-xenarju stipulat fil-punti (c) u (d) iqis l-impatt tax-xenarju fuq benefiċċji diskrezzjonali futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi; dan isir fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni li jikkonformaw mal-Arikolu 23;

(c) minflok ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 imsemmi fl-Artikolu 189(1), il-kalkolu jkun imsejjes fuq ir-rekwiżit kapitali li huwa daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn telf f'daqqa, minħabba event ta' inadempjenza marbutin ma' skoperturi tat-tip 1, tal-ammont tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 imsemmi fl-Artikolu 189(1);

(d) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw kalkolu ssimplifikat għal rekwiżit kapitali speċifiku kif stipulat fl-Artikoli 91, 92, 93, 94, 95(1), 95(2), 96, 101, 103(1)(a), 103(1)(b) jew 104 l-impriżi jsejsu l-kalkolu fuq ir-rekwiżit kapitali li huwa daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn telf f'daqqa tal-ammont tar-rekwiżit kapitali msemmi fl-Artikolu rilevanti u jassumu li t-telf f'daqqa huwa dovut għar-riskju kopert mir-rekwiżit kapitali msemmi f'dak l-Artikolu;

▼B

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jqisu kwalunkwe restrizzjoni legali, regolatorja jew kuntrattwali fid-distribuzzjoni ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri.

Artikolu 207

Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti

1. L-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti jkun daqs il-bidla fil-valur tat-taxxi differiti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li huwa daqs is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 103(a) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi msemmi fl-Artikolu 206 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali msemmi fl-Artikolu 103(b) tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼M6

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, taxxi differiti għandhom jiġu valwati f'konformità mal-Artikolu 15(1) u (2), mingħajr preġudizzjoni għal paragrafi 2a, 2b u 2c ta' dan l-Artikolu.

2a. Fejn it-telf imsemmi fil-paragrafu 1 jirriżulta minn żieda fl-ammont ta' assi ta' taxxi differiti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx jutilizzaw dik iż-żieda għall-finijiet tal-aġġustament msemmi f'dak il-paragrafu sakemm ma jkunux kapaċi juru għas-sodisfazzjoni tal-awtorità superviżorja li huwa probabbli li se jkun disponibbli profitt taxxabbli futur li dik iż-żieda tista' tkun tintuża miegħu, filwaqt li jitqies dan kollu li ġej:

(a) kwalunkwe rekwiżit legali jew regolatorju dwar il-limiti taż-żmien relatati mar-riport ta' telfiet tat-taxxa mhux użati jew riport ta' krediti tat-taxxa mhux użati;

(b) id-daqs tat-telf imsemmi fil-paragrafu 1 u l-impatt tiegħu fuq is-sitwazzjoni finanzjarja kurrenti u futura tal-impriża u fuq l-ipprezzar tal-prodott tal-assigurazzjoni, il-profittabbilità tas-suq, it-talba għall-assigurazzjoni u l-kopertura tar-riassigurazzjoni u varjabbli makroekonomiċi oħrajn;

(c) l-inċertezza miżjuda dwar il-profitt futur wara t-telf imsemmi fil-paragrafu 1, kif ukoll il-grad ta' inċertezza li jiżdied relatat mal-profitt taxxabbli futur wara dak it-telf, kif l-orizzont tal-projezzjoni jitwal.

2b. Għall-finijiet li jiġi dimostrat li huwa probabbli li profitt taxxabbli futur ser ikun disponibbli, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx japplikaw suppożizzjonijiet li huma aktar favoribbli minn dawk użati għall-valwazzjoni u l-użu tal-assi ta' taxxi differiti f'konformità mal-Artikolu 15.

▼M6

2c. Għall-finijiet li jiġi dimostrat li huwa probabbli li profitt taxxabbli futur ser ikun disponibbli, is-suppożizzjonijiet applikati mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) bejgħ ta' negozju ġdid f'eċċess ta' dak projettat għall-finijiet tal-ippjanar tan-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma għandux jiġi supponut;

(b) bejgħ ta' negozju ġdid lil hinn mill-orrizont tal-ippjanar tan-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u lil hinn minn massimu ta' ħames snin ma għandux jiġi supponut;

(c) ir-rati tar-redditu fuq l-investimenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni wara t-telf imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġu supponut li huma ugwali għar-redditi impliċiti tar-rati forward derivati mill-istruttua tat-termini tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti miksuba wara dak it-telf, sakemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun kapaċi tipprovdi provi kredibbli ta' redditi probabbli f'eċċess ta' dawk ir-redditi impliċiti;

(d) meta, mingħajr preġudizzji għall-punt (a), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistipula projezzjoni ta' orizzjont għall-profitti minn negozju ġdid li hija itwal mill-orizzont tal-ippjanar tan-negozju tagħha, projezzjoni ta' orizzont finit għandha tiġi stipulata u telf impost xieraq għandu jiġi applikat għall-profitti projettati minn negozju ġdid lil hinn mill-orizzont tal-ippjanar tan-negozju tal-impriża. Tali telf impost għandu jiġi supponut li jkompli jiżdied aktar mal-profitti jiġu pprojettati fil-futur.

2d. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri wara t-telf imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23 ikunu ssodisfati.

▼B

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tat-taxxa differita jew żieda fl-assi tat-taxxa differita jirriżultaw f'aġġustament negattiv għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

4. Meta l-kalkolu tal-aġġustament skont il-paragrafu 1 jirriżulta f'bidla pożittiva tat-taxxi differiti, l-aġġustament ikun żero.

5. Meta jkun hemm bżonn li jiġi allokat it-telf imsemmi fil-paragrafu 1 għall-kawżi tiegħu sabiex jiġi kkalkulat l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jallokaw it-telf lir-riskju li huma koperti mir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza u r-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali. L-allokazzjoni tkun konsistenti mal-kontribuzzjoni tal-moduli u s-submoduli tal-formula standard għar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża mudell intern parzjali li fih l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti

▼B

tekniċi u taxxi differiti ma jkunx fl-ambitu tal-mudell, l-allokazzjoni tkun konsistenti mal-kontribuzzjoni tal-moduli u s-submoduli tal-formula standard li jaqgħu barra l-ambitu tal-mudell għar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

TAQSIMA 10

Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju

Artikolu 208

Metodi u Suppożizzjonijiet

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni billi jużaw kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 209, 211 u 213, u meta dawn l-arranġamenti jipprovdu għall-protezzjoni f'diversi kalkoli msejsin fuq xenarju stipulati fit-Titolu I, Kapitolu V, Taqsima 2, 3 u 4, l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' dawn l-arranġamenti kuntrattwali jiġu allokati għall-istess kalkoli msejsin fuq xenarju b'tali mod li, mingħajr għadd doppju, ikopri l-effett ekonomiku tal-protezzjonijiet ipprovduti. B'mod partikolari, l-effett ekonomiku tal-protezzjonijiet ipprovduti jkun kopert meta jiġi biex jinstab it-telf f'fondi proprji bażiċi fil-kalkoli msejsin fuq xenarju.

▼M6

2. Meta impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji bl-użu ta' kuntratti ta' riassigurazzjoni finiti, kif definit fl-Artikolu 210(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 209, 211 u 213 ta' dan ir-Regolament, dawk il-kuntratti għandhom jiġu rikonoxxuti fil-kalkoli bbażati fuq xenarju stipulati fit-Titolu I, il-Kapitolu V, it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament biss sal-limitu li fih ir-riskju tas-sottoskrizzjoni jkun ittrasferit għand il-kontroparti tal-kuntratt. Irrispettivament mis-sentenza ta' qabel, riassigurazzjoni finita, jew arranġamenti simili, fejn it-trasferiment tar-riskju effettiv huwa komparabbli ma' dak ta' riassigurazzjoni finita, ma għandhiex titqies għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kejl tal-volum tar-riskju tal-primjum u tar-riżerva f'konformità mal-Artikoli 116 u 147 ta' dan ir-Regolament, jew għall-finijiet li jiġu kkalkulati parametri speċifiċi għall-impriża f'konformità mat-Taqsima 13 ta' dan il-Kapitolu.

▼B

Artikolu 209

Kriterji Kwalitattivi

1. Meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jqisu biss tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva 2009/138/KE meta jkunu ssodisfati l-kriterji kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) l-arranġamenti kuntrattwali u t-trasferiment ta' riskju huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha;

▼B

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ħadet il-passi xierqa kollha biex tiżgura l-effettività tal-arranġament u biex tindirizza r-riskji marbutin ma' dak l-arranġament;

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni kapaċi tissorvelja l-effettività tal-arranġament u r-riskji relatati fuq bażi kontinwa;

(d) fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment ta' kontroparti jew event tal-kreditu ieħor stipulat fid-dokument tat-tranżazzjoni għall-arranġament, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha pretensjoni diretta fuq dik il-kontroparti;

(e) ma hemm ebda għadd doppju tal-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju f'fondi proprji u fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

2. Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma fis-seħħ għal tal-inqas it-12-il xahar li jmiss u li jissodisfaw il-kriterji kwalitattivi stipulati f'din it-Taqsima biss jittieħdu f'kunsiderazzjoni bis-sħiħ fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza. Fil-każijiet kollha l-oħrajn, l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma fis-seħħ għal perjodu iqsar minn 12-il xahar u li jissodisfaw il-kriterji kwalitattivi stipulati f'din it-Taqsima jittieħdu f'kunsiderazzjoni fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza b'mod proporzjonat għat-tul ta' żmien involut għall-iqsar wieħed mit-terminu sħiħ tal-iskopertura għar-riskju jew il-perjodu li fih hija fis-seħħ it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M6

3. Meta l-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju jkunu fis-seħħ għal perjodu iqsar mit-12-il xahar li jmiss u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun beħsiebha tissostitwixxi dik it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju meta tiskadi b'arranġament simili jew fejn it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju tkun soġġetta għall-aġġustament biex tirrifletti l-bidliet fl-iskopertura li tkopri, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju għandha titqies bis-sħiħ fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza dment li l-kriterji kwalitattivi kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha politika miktuba dwar is-sostituzzjoni jew l-aġġustament ta' dik it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju, li tkopri sitwazzjonijiet fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża diversi arranġamenti kuntrattwali f'kombinazzjoni biex tittrasferixxi r-riskju msemmi fl-Artikolu 210(5);

(b) is-sostituzzjoni jew l-aġġustament tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju sseħħ aktar ta' spiss minn darba fil-ġimgħa biss f'każijiet fejn, mingħajr is-sostituzzjoni jew l-aġġustament, avveniment ikollu impatt ħażin materjali fuq is-solvenza tal-pożizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

▼M6

(c) fejn is-sostituzzjoni jew l-aġġustament tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma jkunx kondizzjonali fuq xi avveniment futur li huwa fil-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u fejn is-sostituzzjoni jew l-aġġustament tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ikun kondizzjonali fuq xi avveniment futur li huwa fil-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kundizzjonijiet għal tali sostituzzjoni jew aġġustament ikunu dokumentati b'mod ċar fil-politika miktuba msemmija fil-punt (a);

(d) is-sostituzzjoni jew l-aġġustament tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju jkun realment ibbażat fuq is-sostituzzjonijiet u l-aġġustamenti li jkunu saru qabel mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew konsistenti mal-prattika tan-negozju u mal-istrateġija tan-negozju attwali tal-impriża;

(e) ma hemm l-ebda r-riskju materjali li t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tistax tiġi sostitwita jew aġġustata minħabba nuqqas ta' likwidità fis-suq;

(f) ir-riskju li l-kost tas-sostituzzjoni jew tal-aġġustament tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tiżdied matul it-12-il xahar ta' wara huwa rifless fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) is-sostituzzjoni jew l-aġġustament tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma jkunx kontrarju għar-rekwiżiti li japplikaw għal azzjonijiet ta' ġestjoni futuri mniżżla fl-Artikolu 23(5);

(h) il-maturità kuntrattwali inizjali mhix iqsar minn xahar f'każijiet fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tittrasferixxi r-riskji permezz tax-xiri jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji;

(i) il-maturità kuntrattwali inizjali mhix iqsar minn tliet xhur f'każijiet fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tittrasferixxi r-riskji tas-sottoskrizzjoni billi tuża' kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali

▼B

Artikolu 210

Trasferiment Effettiv tar-Riskju

1. L-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jiżguraw li l-firxa tal-kopertura pprovduta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju u t-trasferiment tar-riskju huwa ddefinit b'mod ċar u inkontrovertibbli.

2. L-arranġament kuntrattwali ma jirriżultax f'riskju ta' bażi materjali jew il-ħolqien ta' riskji oħrajn, sakemm dan ma jkunx rifless fil-kalkolu tar-rekwiżit Kapitali ta' Solvenza.

3. Riskju ta' bażi huwa materjali jekk iwassal għal dikjarazzjoni skorretta tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jista' jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utent fil-mira ta' dik l-informazzjoni, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

▼B

4. Id-determinazzjoni li l-arranġamenti kuntrattwali u t-trasferiment ta' riskju huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha b'konformità mal-Artikolu 209(1)(a) tkun imsejsa fuq dawn li ġejjin:

(a) jekk l-arranġament kuntrattwali huwiex soġġett għal xi kundizzjoni li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju, li t-twettiq tiegħu jaqa' barra l-kontroll dirett tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) jekk hemmx xi tranżazzjoni assoċjata li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju.

▼M6

5. Fejn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkombina diversi arranġamenti kuntrattwali f'kombinazzjoni biex tittrasferixxi r-riskju, kull wieħed mill-arranġamenti kuntrattwali għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 u l-arranġamenti kuntrattwali f'kombinazzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

▼B

Artikolu 211

Tekniki tal-Mitigazzjoni tar-Riskju permezz ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni billi jużaw kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali, sabiex jkkunsdiraw it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, għandhom ikunu sodisfatti l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209 u 210 u dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Fil-każ tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, il-kontroparti tkun kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(b) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz, li tinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti jew temporanjament ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 172 ta' dik id-Direttiva u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz; jew

▼M6

(c) impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, li ma tinsabx f'pajjiż li r-reġim tas-solvenza tiegħu jitqies ekwivalenti jew temporanjament ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 172 tad-Direttiva 2009/138/KE bi kwalità kreditizja li ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar f'konformita mal-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu.

▼M6

3. Fejn kontroparti għal kuntratt tar-riassigurazzjoni tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tibqax konformi mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza wara li tkun daħlet f'kuntratt tar-riassigurazzjoni, il-protezzjoni offruta mit-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju tista' tkun parzjalment rikonoxxuta għal perjodu mhux itwal minn sitt xhur qabel il-kontroparti tieqaf tkun konformi mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. F'dak il-każ, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju għandha titnaqqas bil-persentaġġ li bih ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jiġi miksur. Kif kontroparti tkun irristawrat il-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma għandux jibqa' mnaqqas. Fejn il-kontroparti tonqos milli tirristawra l-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, fi żmien dak il-perjodu ta' sitt xhur, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma għandux jibqa' jkun rikonoxxut. Meta, qabel tmiem is-sitt xhur, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ssir konxja li huwa improbabbli li l-kontroparti ser tkun tista' tirrestawra l-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fi ħdan dak il-perjodu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma għandhiex tibqa' tagħraf l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

3a. Irrispettivament mill-paragrafu 3, fejn kontroparti għal kuntratt tar-riassigurazzjoni tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tibqax konformi mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara li tkun daħlet f'kuntratt tar-riassigurazzjoni, l-effett tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma għandux jibqa' jiġi rikonoxxut fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

▼B

4. Meta riskju jiġi ttrasferit lejn veikolu bi skop speċjali, ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu ssodisfati sabiex it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza; meta r-rekwiżiti għal veikolu bi skop speċjali li jrid jiġi ffinanzjat bis-sħiħ ma jibqgħux issodisfati bis-sħiħ wara li jkun daħal fis-seħħ l-arranġament, il-protezzjoni offruta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta b'mod parzjali, diment li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tista' turi li l-konformità mar-rekwiżit iffinanzjat bis-sħiħ se terġa' tiġi stabbilita fi żmien tliet xhur; għal dan l-għan, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jitnaqqas bil-perċentwal tal-iskopertura għar-riskju massima aggregata tal-veikolu bi skop speċjali, imsemmi fl-Artikolu 326 ta' dak ir-Regolament mhux koperta mill-assi tal-veikolu bi skop speċjali jew minn ammont ekwivalenti meta jkun japplika l-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

5. Meta r-riskju jiġi ttrasferit f'veikolu bi skop speċjali msemmi fl-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni biss fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza meta l-liġi tal-Istat Membru tkun ekwivalenti għal dik stipulata fl-Artikolu 211(2) ta' dik id-Direttiva u li l-veikolu bi skop speċjali jikkonforma ma' dik il-liġi.

▼B

6. Meta r-riskju jiġi ttrasferit lejn veikolu bi skop speċjali rregolat minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju titħieħed f'kunsiderazzjoni biss fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza meta l-veikolu bi skop speċjali jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 212

Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-Riskju Finanzjaru

▼M6

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jittrasferixxu r-riskju, sabiex it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju titqies fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, minbarra fil-każijiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 211(1), inkluži trasferimenti permezz tax-xiri jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji, il-kriterji kwalitattivi previsti fil-paragrafi 2 sa 5 għandhom jiġu ssodisfati, flimkien mal-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikolu 209 u 210.

▼B

2. It-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun konsistenti mal-politika miktuba tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fuq l-immaniġġjar tar-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun kapaċi tivvaluta assi, obbligazzjonijiet li huma soġġetti għat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju u, meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tinkludi l-użu ta' strumenti finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, b'mod affidabbli b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tinkludi l-użu ta' strumenti finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji jkollhom kwalità kreditizja li ġiet assenjata fl-iskala 3 jew aħjar tal-kwalità kreditizja skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu.

5. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tkunx strument finanzjarju, il-kontropartijiet għat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jkollhom kwalità kreditizja assenjata fl-iskala 3 jew aħjar tal-kwalità kreditizja skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu.

Artikolu 213

Status tal-kontropartijiet

▼M6

1. Fl-avveniment li l-kriterji kwalitattivi fl-Artikolu 211(1) jew tal-Artikolu 212(4) jew (5) ma jiġux issodisfati, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ser iqisu biss it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza fejn wieħed mill-kriterji li ġejjin jiġi ssodisfat:

(a) it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tissodisfa l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209, 210 u l-Artikolu 212(2) u (3) u jeżistu arranġamenti kollaterali li jissodisfaw il-kriterji pprovduti fl-Artikolu 214;

▼M6

(b) it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju hija akkumpanjata minn teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju oħra li, fejn it-teknika l-oħra meta meqjusa flimkien mal-ewwel teknika tilħaq il-kriterji kwalitattivi mniżżla fl-Artikoli 209 u 210 u l-Artikolu 212(2) u (3), flimkien mal-kontropartijiet għal dik it-teknika l-oħra li jissodisfaw il-kriterji pprovduti fl-Artikoli 211(1) u l-Artikolu 212(4) u (5).

▼B

2. B'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-valur tal-kollateral ikun inqas mill-iskopertura totali tar-riskju, l-arranġament kollateral jittieħed f'kunsiderazzjoni biss sa fejn dak il-kollateral ikopri l-iskopertura għar-riskju.

Artikolu 214

Arranġamenti kollaterali

1. Fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, l-arranġamenti kollaterali jiġu rikonoxxuti biss meta, minbarra l-kriterji kwalitattivi fl-Artikoli 209 u 210, ikunu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tittrasferixxi r-riskju jkollha d-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor tal-kontroparti;

(b) hemm biżżejjed ċertezza dwar il-protezzjoni miksuba mill-kollateral minħabba waħda minn dawn li ġejjin:

(i) huwa ta' kwalità kreditizja suffiċjenti, ta' likwidità suffiċjenti u huwa stabbli biżżejjed fil-valur;

(ii) huwa ggarantit minn kontroparti, mhux il-kontroparti msemmija fl-Artikolu 187(5) u 184(2), li ġiet assenjata fattur ta' riskju għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' 0 %;

(c) ma hemm ebda korrelazzjoni pożittiva materjali bejn il-kwalità kreditizja tal-kontroparti u l-valur tal-kollateral;

(d) il-kollateral mhuwiex titoli maħruġin mill-kontroparti jew impriża relatata ta' dik il-kontroparti.

2. Meta l-arranġament kollaterali jissodisfa d-definizzjoni fl-Artikolu 1(26)(b) u jinvolvi kollateral miżmum minn kustodju jew parti terza oħra, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tara li jkunu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-kustodju jew parti terza oħra rilevanti tissegrega l-assi miżmumin bħala kollateral mill-assi proprji tagħha;

(b) l-assi segregati jinżammu minn istituzzjoni li tilqa' depożiti bi kwalità kreditizja li ġiet assenjata fl-iskala 3 tal-kwalità kreditizja jew aħjar skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu;

▼B

(c) l-assi segregati huma identifikabbli b'mod individwali u jistgħu jinbidlu jew jiġu sostitwiti biss bil-kunsens tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew persuna li taġixxi bħala fiduċjarju b'rabta mal-interess tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fit-tali assi;

(d) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju skont trust fejn il-fiduċjrju għandu) d-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, l-assi segregati fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor relatat mal-kustodju jew parti terza oħra li jkollha l-kollateral f'isem il-kontroparti;

(e) l-assi segregati ma jintużawx biex titħallas, jew biex jipprovdu kollateral favur, xi persuna oħra li mhijiex l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew kif ordnat mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 215

Garanziji

Fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, il-garanziji jiġu rikonoxxuti biss meta dan ikun stipulat b'mod espliċitu f'dan il-Kapitolu, u meta minbarra l-kriterji kwalitattivi fl-Artikoli 209 u 210, ikunu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin ukoll:

(a) il-protezzjoni ta' kreditu pprovduta mill-garanzija hija diretta;

(b) il-firxa tal-protezzjoni ta' kreditu hija ddefinita b'mod ċar u inkontrovertibbli;

(c) il-garanzija ma fiha ebda klawżola, li l-issodisfar tagħha jaqa' barra l-kontroll dirett tal-mutwanti, li:

(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni sabiex jikkanċella l-protezzjoni b'mod unilaterali;

(ii) iżżid il-kost effettiv tal-protezzjoni minħabba deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskopertura protetta;

(iii) tista' tipprevjeni lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat iħallas b'mod tempestiv f'każ li l-obbligant oriġinali jonqos milli jagħmel xi ħlas dovut;

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni ta' kreditu titnaqqas mill-fornitur tal-protezzjoni;

(d) mal-inadempjenza, l-insolvenza jew il-falliment jew event ta' kreditu ieħor tal-kontroparti, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha d-dritt li b'mod tempestiv tfittex lill-garanti għal kwalunkwe ammont ta' flus dovut skont il-pretensjoni li fir-rigward tagħha hija pprovduta l-protezzjoni u l-ħlas mill-garanti ma jkunx soġġett għall-fatt li l-ewwel l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tfittex lill-obbligant;

▼B

(e) il-garanzija hija obbligu ddokumentat b'mod espliċitu supponut mill-garanti;

(f) il-garanzija tkopri bis-sħiħ it-tipi kollha ta' ħlasijiet regolari li l-obbligant huwa mistenni jagħmel fir-rigward tal-pretensjoni.

TAQSIMA 11

Fondi ring-fenced

Artikolu 216

Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-każ ta' fondi ring-fenced u portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. Fil-każ ta' fondi ring-fenced determinati b'konformità mal-Artikolu 81(1) ta' dan ir-Regolament jew f'każ li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkunu rċievew approvazzjoni sabiex japplikaw aġġustament ta' korrispondenza għall-istruttura tat-terminu tal-imgħax mingħajr riskju b'konformità mal-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jagħmlu aġġustament fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza billi jsegwu l-metodu stipulat fl-Artikolu 217 ta' dan ir-Regolament.

2. Madankollu, meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE għal fondi ring-fenced, ma taġġustax il-kalkolu b'konformità mal-Artikolu 217 ta' dan ir-Regolament, iżda ssejjes il-kalkolu tas-suppożizzjoni ta' diversifikazzjoni sħiħa bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi ring-fenced u l-bqija tal-impriża.

Artikolu 217

Metodu għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għal fondi ring-fenced u portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza, kif ukoll għall-parti li jifdal tal-impriża, bl-istess mod daqslikieku dawk il-fondi ring-fenced u l-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża kienu impriżi separati.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom bħala s-somma tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull wieħed mill-fondi ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u għall-parti li jifdal tal-impriża.

3. Meta l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għal modulu jew is-submodulu tar-riskju tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, jiġi kkalkulat l-impatt tax-xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced u l-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża.

▼B

4. Il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced jew il-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jkunu dawk l-entrati ta' fondi proprji ristretti li jaqblu mad-definizzjoni ta' fondi proprji bażiċi stipulati fl-Artikolu 88 tad-Direttiva 2009/138/KE.

5. Meta jkunu jeżistu arranġamenti ta' parteċipazzjoni tal-profitt fil-fond ring-fenced, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw l-approċċ li ġej meta jaġġustaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

(a) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta f'żieda fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi tiġi aġġustata sabiex tirrifletti l-eżistenza ta' arranġamenti ta' parteċipazzjoni tal-profitt fil-fond ring-fenced; f'dan il-każ, l-aġġustament għall-bidla fil-fondi proprji bażiċi tal-fond ring-fenced ikun l-ammont li bih il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu minħabba d-distribuzzjoni mistennija fil-ġejjieni lid-detenturi ta' polza jew il-benefiċjarji ta' dak il-fond ring-fenced;

(b) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta fi tnaqqis fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza, kif imsemmi fl-Artikolu 206(2), tiġi aġġustata biex tirrifletti t-tnaqqis fil-benefiċċji diskrezzjonali futuri pagabbli lid-detenturi ta' poloz jew benefiċjarji ta' dak il-fond ring-fenced; l-aġġustament ma jaqbiżx l-ammont ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri fil-fond ring-fenced.

6. Minkejja l-paragrafu 1, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jiġi kkalkulat billi jintużaw il-kalkoli bbażati fuq xenarju li bihom il-fondi proprji bażiċi għall-impriża sħiħa jkunu affettwati ħażin l-iktar.

7. Sabiex jinstab ix-xenarju li bih il-fondi proprji bażiċi huma affettwati ħażin l-iktar għall-impriża sħiħa, l-impriża l-ewwel tikkalkula s-somma tar-riżultati tal-impatti tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell ta' kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza, skont il-paragrafi 3 u 5. It-totali fil-livell ta' kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jiżdiedu ma' xulxin u mar-riżultati tal-impatt tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

8. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jinstab billi jiġu aggregati r-rekwiżiti kapitali għal kull submodulu u modulu tar-riskju tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

▼B

9. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jassumu li ma hemm ebda diversifikazzjoni tar-riskji bejn kull wieħed mill-fondi ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

TAQSIMA 12

Parametri speċifiċi għall-impriża

Artikolu 218

Subsett ta' parametri standard li jistgħu jiġu sostitwiti ma' parametri speċifiċi għall-impriża

1. Is-subsett ta' parametri standard li jistgħu jiġu sostitwiti ma' parametri speċifiċi għall-impriża kif stipulat fl-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludi l-parametri li ġejjin:

(a) fis-submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja, għal kull segment stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament:

(i) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(2)(a) ta' dan ir-Regolament;

(ii) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(3) ta' dan ir-Regolament;

▼M6

(iii) il-fattur tal-aġġustament tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmi fl-Artikolu 117(3) ta' dan ir-Regolament, dment li jkun hemm eċċess rikonoxxibbli ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni tat-telf jew kuntratt tar-riassigurazzjoni tal-waqfien tat-telf rikonoxxibbli għal dak is-segment kif imniżżel fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

▼B

(iv) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżeva mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(2)(b) ta' dan ir-Regolament;

(b) fis-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tal-ħajja, iż-żieda fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità msemmi fl-Artikolu 141 ta' dan ir-Regolament, huwa stipulat li annwalitajiet li jaqgħu taħt dak is-submodulu mhumiex soġġetti għar-riskju ta' inflazzjoni materjali;

(c) fis-submodulu tar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT, għal kull segment stipulat fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament:

(i) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(2)(a) ta' dan ir-Regolament;

(ii) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(3) ta' dan ir-Regolament;

▼M6

(iii) il-fattur tal-aġġustament tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmi fl-Artikolu 148(3) ta' dan ir-Regolament, dment li jkun hemm eċċess rikonoxxibbli ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni tat-telf jew kuntratt tar-riassigurazzjoni tal-waqfien tat-telf rikonoxxibbli għal dak is-segment kif imniżżel fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

▼B

(iv) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(2)(b) ta' dan ir-Regolament;

(d) fis-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa, iż-żieda fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità msemmija fl-Artikolu 158 ta' dan ir-Regolament, huwa stipulat li l-annwalitajiet li jaqgħu taħt dak is-submodulu mhumiex soġġetti għar-riskju ta' inflazzjoni materjali.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jissostitwixxux iż-żewġ il-parametri standard imsemmijin fil-punt (a)(ii) u (iii) tal-istess segment jew iż-żewġ parametri standard imsemmijin fil-punt (c)(ii) u (iii) tal-istess segment.

2. ►M6 Kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf jew kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf għal segment għandu jitqies rikonoxxibbli dment li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: ◄

▼M6

(a) meta kuntratt ikun kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf, huwa jipprevedi kumpens sħiħ sa limitu speċifikat jew mingħajr limitu għat-telf tal-impriża ċedenti marbut jew mal-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni individwali, jew għall-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni kollha fl-istess polza matul perjodu ta' żmien speċifikat, u li jkun ikbar minn ritensjoni speċifikata;

(aa) fejn kuntratt ikun kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien tat-telf, huwa jipprevedi kumpens sħiħ sa limitu speċifikat jew mingħajr limitu għat-telf aggregat tal-impriża ċedenti marbut mal-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni kollha fis-segment jew fi gruppi ta' riskju omoġeni fi ħdan is-segment matul perjodu ta' żmien speċifikat u li jkun ikbar minn ritensjoni speċifikata, kumpens sħiħ għat-tali telf sa limitu speċifikat jew mingħajr limitu;

▼B

(b) ikopri l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni kollha li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tista' ġġarrab fis-segment jew il-gruppi tar-riskji omoġenji fis-segment matul it-12-il xahar ta' wara;

(c) jippermetti għal numru suffiċjenti ta' ristabbilimenti sabiex jiġi żgurat li jkunu koperti l-pretensjonijiet kollha ta' eventi multipli mġarrbin matul it-12-il xahar ta' wara;

(d) jikkonforma mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213.

▼M6

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'kuntratt ta' riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf' għandha tfisser ukoll arranġamenti b'veikoli bi skop speċjali li jipprovdu trasferiment tar-riskju ekwivalenti għal dak ta' kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf u 'kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf' għandha tfisser ukoll arranġamenti b'veikoli bi skop speċjali li jipprovdu trasferiment tar-riskju ekwivalenti għal dak ta' kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf.

3. Fejn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun ikkonkludiet diversi kuntratti tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf, jew diversi kuntratti tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf, li individwalment jissodisfaw ir-rekwiżit imniżżla fil-punt (d) tal-paragrafu 2, u flimkien jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) ta' dak il-paragrafu, il-kombinazzjoni tagħhom għandha titqies bħala kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf wieħed rikonoxxibbli jew, kif applikabbli, kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf wieħed.

▼B

4. Għall-finijiet tal-punti (b) u (d) tal-paragrafu 1, ir-riskju ta' inflazzjoni jitqies li huwa materjali meta t-twarrib tiegħu fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' reviżjoni jista' jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dak it-tagħrif, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 219

Kriterji tad-dejta

1. Dejta użata għall-kalkolu ta' parametri speċifiċi għall-impriża titqies kompluta, preċiża u xierqa biss meta tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) id-dejta tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19(1), (2) u (3), u l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tikkonforma fir-rigward ta' dik id-dejta mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 19(4), fejn kwalunkwe referenza għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi tinftiehem bħala referenza għall-kalkolu tal-parametru speċifiku għall-impriża;

(b) id-dejta tista' tiġi inkorporata fil-metodi standardizzati;

(c) id-dejta ma tipprevjenix l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/13/KE;

(d) id-dejta tissodisfa kwalunkwe rekwiżit tad-dejta addizzjonali meħtieġ biex jintuża kull metodu standardizzat.

(e) id-dejta u l-proċess ta' produzzjoni tagħha huma ddokumentati sew, inklużi:

▼B

(i) il-ġbir tad-dejta u l-analiżi tal-kwalità tagħha, fejn id-dokumentazzjoni meħtieġa tinkludi direttorju tad-dejta, li jispeċifika s-sors tagħhom, il-karatteristiċi tagħhom u l-użu tagħhom għall-ġbir, ipproċessar u l-applikazzjoni tad-dejta;

(ii) l-għażla tas-suppożizzjonijiet użati fil-produzzjoni u l-aġġustament tad-dejta, inklużi aġġustamenti fir-rigward ta' pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni u ta' katastrofi u dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż; fejn id-dokumentazzjoni meħtieġa tinkludi direttorju tas-suppożizzjonijiet kollha rilevanti li l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwa bbażat fuqhom u ġustifikazzjoni għall-għażla tal-kalkolu;

(iii) l-għażla u l-applikazzjoni ta' metodi attwarji u statistiċi għall-produzzjoni u l-aġġustament tad-dejta;

(iv) il-validazzjoni tad-dejta.

2. Meta tintuża dejta esterna, din tissodisfa l-kriterji addizzjonali li ġejjin:

(a) il-proċess għall-ġbir tad-dejta huwa trasparenti, jista' jiġi awditjat u huwa magħruf mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tuża d-dejta biex tikkalkula parametri speċifiċi għall-impriżi fuq il-bażi tagħha;

(b) meta d-dejta tkun ġejja minn sorsi differenti, is-suppożizzjonijiet li saru fil-ġbir, l-ipproċessar u l-applikazzjoni tad-dejta jiżguraw li d-dejta hija paragunabbli;

(c) id-dejta tirriżulta mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li l-profil kummerċjali u tar-riskju tagħhom huwa simili għal dak tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li l-parametru speċifiku għall-obbligu tagħhom huwa kkalkulat fuq il-bażi ta' dik id-dejta;

(d) impriżi li jużaw dejta esterna jistgħu jivverifikaw li hemm biżżejjed evidenza statistika li d-distribuzzjonijiet tal-probabilità li jsostnu d-dejta proprja tagħhom u d-dejta esterna sottostanti għandhom grad għoli ta' similarità, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' volatilità li jirriflettu;

(e) dejta esterna tinvolvi biss dejta minn impriżi bi profil tar-riskju simili u dan il-profil tar-riskju huwa simili għall-profil tar-riskju tal-impriża li tuża d-dejta, b'mod partikolari li d-dejta esterna tinvolvi dejta minn impriżi li l-għamla kummerċjali u l-profil tar-riskju tagħhom fir-rigward tad-dejta esterna u li għaliha hemm biżżejjed evidenza statistika li d-distribuzzjonijiet tal-probabilità li jsostnu d-dejta esterna se juru grad għoli ta' volatilità.

▼B

Artikolu 220

Metodi standardizzati għall-kalkolu tal-parametri speċifiċi għall-impriża

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw parametri speċifiċi għall-impriża, għal kull parametru jużaw il-metodi standardizzati stipulati fl-Anness XVII kif ġej:

(a) il-metodu tar-riskju ta' primjum għal parametri speċifiċi għall-impriża li jieħdu post il-parametri standard imsemmijin fl-Artikolu 218(1)(a)(i), (a)(ii), (c)(i) u (c)(ii);

(b) il-metodu tar-riskju ta' riżerva 1 jew il-metodu tar-riskju ta' riżerva 2 għal parametri speċifiċi għall-impriża li jieħdu post il-parametri standard imsemmijin fl-Artikolu 218(1)(a)(iv), u (c)(iv);

▼M6

(c) fejn hemm kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf rikonoxxibbli, il-metodu tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali 1, jew fejn hemm kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' waqfien ta' telf, il-metodu tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali 2 għal parametri speċifiċi għall-impriża li jieħdu post il-parametri standard imsemmijin fl-Artikolu 218(1)(a)(iii) u (c)(iii);

▼B

(d) il-metodu tar-riskju ta' reviżjoni għal parametri speċifiċi għall-impriża li jieħdu post il-parametri standard imsemmijin fl-Artikolu 218(1)(b) u (d).

2. Meta l-impriża tkun kapaċi tuża iktar minn metodu standardizzat wieħed, jintuża l-metodu li jipprovdi l-iktar riżultat preċiż sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kalibrar inklużi fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Madankollu, meta impriża ma tkunx tista' turi l-akkurtezza akbar tar-riżultati ta' metodu standardizzat minnhom fuq il-metodi standardizzati l-oħrajn biex tikkalkula parametru speċifiku għall-impriża, jintuża l-metodu li jipprovdi l-iktar riżultat konservattiv.

TAQSIMA 13

Proċedura biex jiġu aġġornati l-parametri ta' korrelazzjoni

Artikolu 221

1. L-awtoritajiet superviżorji jiġbru d-dejta kwantitattiva speċifika għall-impriża li hija meħtieġa sabiex jinstabu d-dipendenzi bejn ir-riskji msemmijin fl-Artikolu 309(8) u jipprovduhom fuq bażi annwali lill-EIOPA sabiex jiġu aġġornati l-parametri ta' korrelazzjoni.

▼B

2. L-EIOPA tista' tanalizza d-dejta msemmija fil-paragrafu 1 bil-għan li tagħti opinjoni fuq l-aġġornament tal-parametri ta' korrelazzjoni.

KAPITOLU VI

REKWIŻIT KAPITALI TAS-SOLVENZA — MUDELLI INTERNI SHAH U PARZJALI

TAQSIMA 1

Definizzjonijiet

Artikolu 222

Materjalità

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, bidliet jew żbalji fl-eżiti tal-mudell intern, inkluż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, jew fid-dejta użata fil-mudell intern jitqiesu materjali meta jkunu jistgħu jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dak it-tagħrif, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

TAQSIMA 2

Test tal-użu

Artikolu 223

Użu tal-mudell intern

Fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jispjegaw l-użu differenti tal-mudell intern tagħhom u kif jiżguraw konsistenza bejn l-eżiti differenti meta l-mudell intern jintuża għal skopijiet differenti. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddeċiedu li ma jużawx il-mudell intern għal sehem mis-sistema ta' governanza, b'mod partikolari fil-kopertura ta' kwalunkwe riskju materjali, jispjegaw dik id-deċiżjoni.

Artikolu 224

Tajjeb għan-negozju

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jaraw li t-tfassil tal-mudell intern hija allinjata mal-attivitajiet tagħhom bil-mod li ġej:

(a) l-approċċi ta' mmudellar jirriflettu l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fl-attivitajiet tal-impriża li jaqgħu fl-ambitu tal-mudell intern;

(b) l-eżiti tal-mudell intern u l-kontenut tar-rapportar intern u estern tal-impriża huma konsistenti;

▼B

(c) il-mudell intern kapaċi jipproduċi eżiti li huma granulari biżżejjed biex ikollhom rwol importanti fid-deċiżjonijiet rilevanti tal-immaniġġjar tal-impriża; tal-inqas, l-eżiti tal-mudell intern jagħmlu distinzjoni bejn linji operatorji, bejn kategoriji ta' riskju u bejn unitajiet ewlenin tan-negozju;

(d) il-politika għall-bidla tal-mudell intern tistipula li l-mudell intern irid jiġi aġġustat għal bidliet fl-ambitu jew l-għamla tal-attivitajiet tal-impriża.

Artikolu 225

Fehim tal-mudell intern

1. Fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji, il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-persuni l-oħrajn li effettivament imexxu l-impriża jkunu kapaċi juru li għandhom fehim ġenerali tal-mudell intern li jinkludi għarfien fuq dawn kollha li ġejjin:

(a) l-istruttura tal-mudell intern u l-mod kif il-mudell jaqbel man-negozju u huwa integrat fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) l-ambitu u l-finijiet tal-mudell intern u r-riskji li huma jew li mhumiex koperti mill-mudell intern;

(c) il-metodoloġija ġenerali applikata fil-kalkoli tal-mudell intern;

(d) il-limitazzjonijiet tal-mudell intern;

(e) l-effetti ta' diversifikazzjoni meħudin f'kunsiderazzjoni fil-mudell intern.

2. Il-persuni li effettivament imexxu l-impriża jkunu kapaċi juru fehim dettaljat biżżejjed tal-partijiet tal-mudell intern użat fil-qasam li huma responsabbli għalih.

Artikolu 226

Appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-integrazzjoni mal-immaniġġjar tar-riskju

Mudell intern jitqies li jintuża b'mod komuni u li għandu rwol importanti fis-sistema ta' governanza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biss meta jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-mudell intern isostni l-proċessi rilevanti ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-impriża, inkluż it-twaqqif ta' strateġija tan-negozju;

▼B

(b) il-mudell intern u r-riżultati tiegħu huma mitħaddta u riveduti b'mod regolari fil-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(c) ir-riskji materjali kwantifikabbli kollha identifikati mis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju li jaqgħu fl-ambitu tal-mudell intern huma koperti mill-mudell intern;

(d) l-impriża tuża l-mudell intern biex tivvaluta l-impatt, fejn ikun materjali, fuq il-profil tar-riskju ta' deċiżjonijiet potenzjali tagħha, inkluż l-impatt fuq profitt jew telf mistenni u l-varjabbiltà tal-profitt u t-telf li jirriżultaw minn dawk id-deċiżjonijiet;

(e) l-eżiti tal-mudell intern, inkluż il-kejl tal-effetti tad-diversifikazzjoni, jittieħdu f'kunsiderazzjoni fit-tiswir ta' strateġiji tar-riskji, inkluż l-iżvilupp ta' limiti ta' tolleranza tar-riskju u strateġiji tal-mitigazzjoni tar-riskji;

(f) l-eżiti rilevanti tal-mudell intern huma koperti mill-proċeduri ta' rapportar interni tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju;

(g) il-kwantifikazzjonijiet tar-riskji u l-klassifikazzjoni tar-riskji prodotti mill-azzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskji skattaturi tal-mudell intern fejn rilevanti;

(h) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija meħtieġa li tibdel il-mudell intern b'konformità mal-Artikolu 115 tad-Direttiva 2009/138/KE malajr kemm jista' jkun meta r-riżultati tal-proċess ta' validazzjoni tal-mudell b'konformità mal-Artikolu 124 ta' dik id-Direttiva juru li l-mudell intern ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 101, 113, 120 sa 125 ta' dik id-Direttiva, biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti;

(i) il-politika għat-tibdil tal-mudell intern tistipula li l-mudell intern jinbidel, fejn rilevanti, biex jirrifletti bidliet fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju.

Artikolu 227

Kalkolu ssimplifikat

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw kalkolu ssimplifikat tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biex jissodisfaw ir-rekwiżit ħalli jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza b'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 120 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Sabiex jipproduċu kalkolu ssimplifikat tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza msemmi fil-paragrafu 1, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jagħmlu biss parti mill-kalkoli li normalment ikunu meħtieġa biex jinstab ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. Għall-parti li jifdal tal-kalkolu, jintużaw ir-riżultati mill-kalkolu ta' qabel tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

▼B

3. Fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw l-approċċ stabbilit fil-paragrafu 2 diment li kapaċi juru li r-riżultati meħudin mill-kalkolu ta' qabel tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza mhux se jkunu materjalment differenti mir-riżultati ta' kalkolu ġdid.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jużawx kalkolu ssimplifikat tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza b'konformità mal-Artikolu 102 tad-Direttiva 2009/138/KE.

TAQSIMA 3

Standards tal-kwalità statistika

Artikolu 228

Previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità

1. Il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità li hija l-bażi tal-mudell intern tassenja probabilitajiet għal bidliet jew fl-ammont tal-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew f'ammonti monetarji oħrajn, bħal profitt u telf, diment li dawk l-ammonti monetarji jistgħu jintużaw biex jiġu ddeterminati l-bidliet fil-fondi proprji bażiċi. Is-sett eżawstiv ta' eventi reċiprokament esklussivi fil-ġejjieni, imsemmijin fl-Artikolu 13(38) tad-Direttiva 2009/138/KE, jinkludu numru suffiċjenti ta' eventi biex jirriflettu l-profil tar-riskju tal-impriża.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità ta' mudell intern parzjali fl-ogħla livell ta' aggregazzjoni tal-komponenti tal-mudell intern parzjali. Jekk mudell intern parzjali jikkonsisti f'komponenti differenti li huma kkalkulati b'mod separat u mhumiex aggregati fil-mudell parzjali intern, il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità tiġi kkalkulata għal kull komponent.

Artikolu 229

Tekniki attwarji adegwati, applikabbli u rilevanti

Tekniki attwarji u statistiċi jitqiesu adegwati, applikabbli u rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 121(2) tad-Direttiva 2009/138/KE biss meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tekniki huma msejsin fuq tagħrif aġġornat u progress fix-xjenza attwarja u tittieħed f'kunsiderazzjoni prattika tas-suq aċċettata jitqiesu b'mod ġenerali fl-għażla tat-tekniki;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha fehim dettaljat tat-teorija ekonomika u attwarja u s-suppożizzjonijiet li jsostnuha.

(c) l-eżiti tal-mudell intern jindikaw bidliet rilevanti fil-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

▼B

(d) l-eżiti tal-mudell intern huma stabbli b'rabta mal-bidliet fid-dejta input li ma tikkorrispondix għal bidla rilevanti tal-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(e) il-mudell intern ikopri l-karatteristiċi rilevanti kollha tal-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(f) it-tekniki huma adattati għad-dejta użata għall-mudell intern;

(g) l-eżiti tal-mudell intern ma jinkludux żball fil-mudell jew żball fl-istima materjali; kull meta dan ikun possibbli, il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tiġi aġġustata biex jiġu kkunsidrati żbalji tal-mudell u fl-istima;

(h) il-kalkolu tal-eżiti tal-mudell intern jista' jiġi stabbilit b'mod trasparenti.

Artikolu 230

Tagħrif u suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità

1. It-tagħrif jitqies kredibbli biss għall-finijiet tal-Artikolu 121(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jipprovdu evidenza tal-konsistenza u l-oġġettività ta' dak it-tagħrif, l-affidabbiltà tas-sors tat-tagħrif u t-trasparenza tal-metodu li bih dak it-tagħrif jiġi ġġenerat u pproċessat.

2. Is-suppożizzjonijiet jitqiesu realistiċi għall-finijiet tal-Artikolu 121(2) tad-Direttiva 2009/138/KE biss meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kapaċi jispjegaw u jiġġustifikaw kull waħda mis-suppożizzjonijiet, filwaqt li jqisu s-sinifikanza tas-suppożizzjoni, l-inċertezza involuta fis-suppożizzjoni u għaliex ma jintużawx is-suppożizzjonijiet alternattivi rilevanti;

(b) iċ-ċirkustanzi li fihom is-suppożizzjonijiet jitqiesu li mhumiex veri jistgħu jiġu identifikati biċ-ċar;

(c) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu u jżommu aġġornata spjegazzjoni bil-miktub dwar il-metodoloġija użata għat-tfassil ta' dawk is-suppożizzjonijiet.

Artikolu 231

Dejta użata fil-mudell intern

1. Id-dejta użata fil-mudell intern tiġi kkunsidrata biss għall-finijiet tal-Artikolu 121(3) tad-Direttiva 2009/138/KE meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼B

(a) id-dejta hija ħielsa minn żbalji materjali;

(b) dejta minn perjodi ta' żmien differenti użati għall-istess stima hija konsistenti;

(c) id-dejta hija rreġistrata b'mod tempestiv u b'mod konsistenti maż-żmien.

2. Id-dejta użata fil-mudell intern titqies kompluta biss għall-finijiet tal-Artikolu 121(3) tad-Direttiva 2009/138/KE meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-dejta tinkludi biżżejjed tagħrif storiku biex jiġu vvalutati l-karatteristiċi tar-riskju sottostanti, b'mod partikolari sabiex jiġu identifikati xejriet fir-riskji;

(b) dejta li tikkonforma mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu tkun disponibbli għall-parametri kollha rilevanti tal-mudell u ebda dejta rilevanti bħal din ma hija eskluża mill-użu fil-mudell intern mingħajr ġustifikazzjoni.

3. Id-dejta użata fil-mudell intern titqies xierqa biss għall-finijiet tal-Artikolu 121(3) tad-Direttiva 2009/138/KE meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-dejta hija konsistenti mal-iskopijiet li għandha tintuża għalihom;

(b) l-ammont u l-għamla tad-dejta jiżguraw li l-istimi li jsiru fil-mudell intern fuq il-bażi tad-dejta ma jinkludux żball materjali fl-istima;

(c) id-dejta hija konsistenti mas-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tat-tekniki attwarji u statistiċi li huma applikati għalihom fil-mudell intern;

(d) id-dejta tirrifletti r-riskji rilevanti li għalihom hija skoperta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(e) id-dejta tinġabar, tiġi pproċessata u applikata b'mod trasparenti u strutturat, fuq il-bażi ta' speċifikazzjoni ta' tal-inqas l-oqsma li ġejjin:

(i) id-definizzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta, inklużi standards kwalitattivi u kwantitattivi speċifiċi għal settijiet ta' dejta differenti;

(ii) l-użu u t-tfassil ta' suppożizzjonijiet li jsiru fil-ġbir, l-ipproċessar u l-applikazzjoni ta' dejta;

(iii) il-proċess għat-twettiq ta' aġġornamenti tad-dejta, inkluża l-frekwenza tal-aġġornamenti regolari u ċ-ċirkustanzi li jniedu aġġornamenti addizzjonali.

▼B

Artikolu 232

Ħila ta' klassifikazzjoni tar-riskju

1. Għall-finijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 121(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-mudell intern ikun kapaċi jikklassifika r-riskji materjali kollha koperti mill-mudell intern.

2. Il-ħila li jikklassifika riskji tkun konsistenti mal-klassifikazzjoni tar-riskji użata fil-mudell intern u l-klassifikazzjoni tar-riskji użata fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju.

3. Riskji simili jiġu kklassifikati b'mod konsistenti fl-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u jiġu kklassifikati b'mod konsistenti maż-żmien.

4. Il-klassifikazzjoni tar-riskji tkun konsistenti mal-allokazzjoni ta' kapital imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 120 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 233

Kopertura tar-riskji materjali kollha

1. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 121(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw tal-inqas darba kull tliet xhur jekk il-mudell intern ikoprix ir-riskji kwantifikabbli materjali kollha fl-ambitu tiegħu. Il-valutazzjoni tieħu f'kunsiderazzjoni sett xieraq ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi.

2. L-indikaturi kwalitattivi msemmijin fil-paragrafu 1 jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni fil-valutazzjoni tas-solvenza u r-riskju proprji oħrajn li mhumiex dawk li huma koperti mill-mudell intern;

(b) l-eżistenza ta' proċess tal-immaniġġjar tar-riskju ddedikat għal riskji oħrajn li mhumiex dawk li huma koperti mill-mudell intern;

(c) l-eżistenza ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ddedikati għal riskji oħrajn li mhumiex dawk li huma koperti mill-mudell intern.

3. L-indikaturi kwantitattivi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-allokazzjoni ta' kapital b'konformità mal-Artikolu 120 tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) l-ammont ta' profitti u telf li ma jistax jiġi spjegat mir-riskji koperti mill-mudell intern;

(c) ir-riżultati tat-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarju u kwalunkwe għodda użata fil-proċess ta' validazzjoni tal-mudell.

Artikolu 234

Effetti ta' diversifikazzjoni

Is-sistema użata għall-kejl tal-effetti ta' diversifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 121(5) tad-Direttiva 2009/138/KE titqies adegwata biss meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sistema użata għall-kejl tal-effetti ta' diversifikazzjoni tidentifika l-varjabbli ewlenin li jixprunaw id-dipendenzi;

(b) is-sistema użata għall-kejl tal-effetti ta' diversifikazzjoni tqis dawn kollha li ġejjin:

(i) kull dipendenza mhux lineari u nuqqas ta' diversifikazzjoni f'xenarji estremi;

(ii) kull restrizzjoni tad-diversifikazzjoni mnissla mill-eżistenza ta' fond ring-fenced jew portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza;

(iii) il-karatteristiċi tal-kejl tar-riskju użat fil-mudell intern;

(c) is-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tas-sistema użata għall-kejl tad-diversifikazzjoni tal-effetti huma ġġustifikati fuq bażi empirika.

Artikolu 235

Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju

1. Ir-riskji li huma riflessi kif xieraq fil-mudell intern, kif imsemmi fl-Artikolu 121(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jinkludux riskji li jfeġġu minn kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni rilevanti, l-arranġamenti kuntrattwali marbutin mat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju mhumiex legalment effettivi u infurzabbli jew ma jiżgurawx li t-trasferiment tar-riskju huwa ddefinit b'mod ċar u inkontrovertibbli;

▼B

(b) fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment tal-kontroparti jew event ta' kreditu ieħor stipulat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni għall-arranġamenti marbutin mat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx pretensjoni diretta fuq il-kontroparti;

(c) l-arranġamenti legali li huma l-bażi tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma fihomx referenza espliċita għal skopertura għar-riskju speċifika li tiddefinixxi biċ-ċar il-firxa tal-kopertura pprovduta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

2. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 1(c) ma tkoprix l-iskopertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fil-każijiet kollha, il-mudell intern ma jitqiesx li jirrifletti kif xieraq ir-riskju mnissel mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju b'konformità mal-Artikolu 121(6) tad-Direttiva 2009/138/KE sakemm ma jqisx l-effettività mnaqqsa tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju mnissla minn din id-devjazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju.

3. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun soġġetta għal kundizzjoni, li l-issodisfar tagħha jaqa' barra l-kontroll dirett tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju, il-mudell intern ma jitqiesx li jirrifletti kif xieraq ir-riskju li jfeġġ mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju b'konformità mal-Artikolu 121(6) tad-Direttiva 2009/138/KE sakemm ma jiħux f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' dawk il-kundizzjonijiet u kwalunkwe effettività mnaqqsa ta' dik it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

Artikolu 236

Azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni

1. Azzjonijiet tal-immaniġġjar fi-ġejjieni jitqiesu raġonevolment mistennija li se jitwettqu għall-finijiet tal-Artikolu 121(8) tad-Direttiva 2009/138/KE biss meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-suppożizzjonijiet fuq l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni użati fil-kalkoli għall-mudell intern huma ddeterminati b'mod oġġettiv;

(b) l-azzjonijiet tal-immaniġġjar supponuti fil-ġejjieni huma realistiċi u konsistenti mal-prattika kummerċjali u l-istrateġija tan-negozju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, inkluż l-użu ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju u meta jkun hemm evidenza suffiċjenti li l-impriża se tibdel il-prattiki jew l-istrateġija tagħha, l-azzjonijiet supponuti tal-immaniġġjar huma konsistenti mal-prattiki jew l-istrateġija mibdulin;

(c) l-azzjonijiet tal-immaniġġjar supponuti fil-ġejjieni huma konsistenti ma' xulxin;

(d) l-azzjonijiet tal-immaniġġjar supponuti fil-ġejjieni ma jmorrux kontra kwalunkwe obbligi fir-rigward tal-benefiċjarji u d-detenturi ta' polza jew fir-rigward tad-dispożizzjonijiet legali;

▼B

(e) l-azzjonijiet tal-immaniġġjar supponuti fil-ġejjieni jqisu kwalunkwe informazzjoni jew komunikazzjoni pubblika mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet li tkun qed tistenna li tieħu jew li ma tiħux;

2. Is-suppożizjonijiet dwar l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni jkunu realistiċi u jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) tqabbil tal-azzjonijiet tal-immaniġġjar supponuti fil-ġejjieni mal-azzjonijiet tal-immaniġġjar meħudin fl-imgħoddi mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) tqabbil tal-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni meħudin f'kunsiderazzjoni fil-kalkoli attwali u mgħoddjia tal-mudell intern;

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu kapaċi jispjegaw kwalunkwe devjazzjoni rilevanti fir-rigward tal-punti (a) u (b).

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu pjan komprensiv tal-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni, approvat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li tipprovdi għal dawn kollha li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni implimentati fil-mudell intern;

(b) l-identifikazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun qed tistenna b'mod raġonevoli li se twettaq l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni identifikati skont il-punt (a);

(c) l-identifikazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma tistax twettaq l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni identifikata skont il-punt (a), u deskrizzjoni ta' kif dawk iċ-ċirkustanzi huma riflessi fil-mudell intern;

(d) l-ordni li fiha jkunu se jitwettqu l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni u r-rekwiżiti ta' governanza applikabbli għal dawk l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni;

(e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe ħidma kurrenti meħtieġa biex jiġi żgurat li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni hija f'pożizzjoni li twettaq l-azzjonjiiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni identifikata skont il-punt (a);

(f) deskrizzjoni ta' kif l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni ġew riflessi fil-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità;

(g) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' rapportar interni applikabbli li tal-inqas għandhom jinkludu komunikazzjoni annwali lill-korp amminstrattiv, superviżorju jew maniġerjali, li jkopru azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni implimentati fil-mudell intern.

4. Suppożizzjonijiet dwar l-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni jieħdu f'kunsiderazzjoni ż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-azzjonijiet tal-immaniġġjar u kwalunkwe spiża kkaġunata minnhom.

▼B

Artikolu 237

Fehim tad-dejta u l-mudelli esterni

Partijiet mill-mudell intern miksubin minn parti terza jkunu soġġetti għall-istess testijiet u standards kollha bħall-partijiet żviluppati mill-impriża. Barra minn hekk, il-partijiet miksuba minn parti terza ma jitqiesux li huma adegwati sakemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma tkunx kapaċi turi li għandha fehim dettaljat ta' dawk il-partijiet, inklużi l-limitazzjonijiet tagħhom.

Id-dejta użata fil-mudell intern miksuba minn parti terza ma titqiesx li hija xierqa sakemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma tkunx kapaċi turi li għandha fehim dettaljat ta' dik id-dejta, inklużi l-limitazzjonijiet tagħha.

TAQSIMA 4

Standards tal-kalibrazzjoni

Artikolu 238

1. L-għażla msemmija fl-Artikolu 122 tad-Direttiva 2009/138/KE li jintuża perjodu ta' żmien jew kejl tar-riskju differenti minn dak stipulat fl-Artikolu 101(3) ta' dik id-Direttiva tapplika kemm għall-mudell intern sħiħ kif ukoll għal kategoriji tar-riskju differenti jew unitajiet tan-negozju ewlenin f'dak il-mudell intern.

2. Ir-rekwiżit ta' wiri tad-dispożizzjoni ta' protezzjoni għad-detenturi ta' polza msemmi fl-Artikolu 122(3) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludi evidenza li l-approssimazzjonijiet imsemmijin f'dak l-Artikolu ma jintroduċux żball materjali fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew ma jwasslux għal Rekwiżit Kapitali inqas tas-Solvenza minn dak li huwa kkalkulat skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 101(1) ta' dik id-Direttiva.

Meta l-approssimazzjonijiet ikunu msejsin fuq l-iskalar mill-ġdid tar-riskji mmudellati, l-impriżi msemmijin fl-Artikolu 122(3) tad-Direttiva 2009/138/KE juru li l-iskalar mill-ġdid ma jxekkilx l-eżitu tal-approssimazzjonijiet.

Meta l-perjodu ta' żmien tal-kejl tar-riskju użat ikun differenti minn dak ipprovdut fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi msemmijin fl-Artikolu 122(3) ta' dik id-Direttiva Jqisu dawn kollha li ġejjin:

(a) jekk l-eventi humiex imqassmin indaqs maż-żmien u jekk le, kif dan huwa rifless fl-approssimazzjonijiet;

(b) jekk ir-riskji sinifikanti kollha fuq perjodu ta' sena humiex ġestiti kif suppost;

▼B

(c) meta l-perjodu ta' żmien użat ikun itwal minn dak ipprovdut fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, jekk l-impriża ħaditx f'kunsiderazzjoni xierqa l-pożizzjoni ta' solvenza matul dak il-perjodu ta' żmien;

(d) jekk il-perjodu ta' żmien użat huwiex xieraq filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-durata medja tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, in-negozju tal-impriża u, fejn rilevanti, l-inċertezzi marbutin mal-perjodi twal ta' żmien;

(e) kwalunkwe suppożizzjoni li ssir fl-approssimazzjonijiet dwar id-dipendenzi bejn ir-riskji tul perjodi konsekuttivi ta' żmien.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni juru l-livell ta' protezzjoni meħtieġ mill-Artikolu 122(3) tad-Direttiva 2009/138/KE darba fis-sena u kull darba li jinbidel b'mod sinifikanti l-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. L-approssimazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 122(3) tad-Direttiva 2009/138/KE jitqiesu li huma parti mill-mudell intern.

TAQSIMA 5

Integrazzjoni tal-mudelli interni parzjali

Artikolu 239

1. Sabiex jiġi integrat bis-sħiħ mudell intern parzjali fil-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw bħala teknika prestabbilita ta' integrazzjoni l-matriċi u l-formuli ta' korrelazzjoni tal-formula standard stabbilita fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE u t-Titolu I, l-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni turi lill-awtoritajiet superviżorji li ma jkunx xieraq li tintuża t-teknika ta' integrazzjoni prestabbilita msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 5, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw l-iktar teknika ta' integrazzjoni xierqa stipulata fl-Anness XVIII. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni juru kemm hija adegwata t-teknika ta' integrazzjoni proposta.

3. Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkompli turi lill-awtoritajiet superviżorji li ma jkunx xieraq li tintuża xi waħda mit-tekniki ta' integrazzjoni stipulati fl-Anness XVIII għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 5, l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tista' tuża teknika ta' integrazzjoni alternattiva. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni turi l-adegwatezza tat-teknika ta' integrazzjoni proposta.

▼B

4. It-teknika ta' integrazzjoni alternattiva użata tirriżulta f'Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jikkonforma mal-prinċipji stipulati fit-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, subtaqsimajiet 1 u 3 tad-Direttiva 2009/138/KE u li jirrifletti b'mod iktar xieraq il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

5. Teknika ta' integrazzjoni ma tkunx xierqa meta tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta ma jikkonformax mal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta ma jirriflettix kif xieraq il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(c) it-tfassil tal-mudell intern parzjali hija konsistenti mal-prinċipji stipulati fl-Artikoli 101 u 102 tad-Direttiva 2009/138/KE iżda ma tippermettix l-integrazzjoni tiegħu fil-formula standard tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza.

TAQSIMA 6

Attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

Artikolu 240

1. Għall-fini tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf b'konformità mal-Artikolu 123 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jispeċifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-profitt u t-telf;

(b) l-unitajiet ewlenin tan-negozju tal-impriża;

(c) il-kategorizzazzjoni tar-riskji magħżulin fil-mudell intern;

(d) l-attribuzzjoni tal-profitt jew it-telf ġenerali għall-kategoriji ta' riskju u l-unitajiet ewlenin tan-negozju.

2. L-ispeċifikazzjoni tal-profitt u t-telf tkun konsistenti maż-żieda u t-tnaqqis tal-ammont monetarju li huwa l-bażi tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità msemmija fl-Artikolu 228(1).

3. Il-kategorizzazzjoni tar-riskju magħżulin fil-mudell intern tkun adegwata, granulari biżżejjed, għall-fini tal-immaniġġjar tar-riskju u t-teħid tad-deċiżjonijiet b'konformità mal-Artikolu 120 tad-Direttiva 2009/138/KE. Il-kategorizzazzjoni tar-riskju tagħmel distinzjoni bejn riskji koperti mill-mudell intern u riskji mhux koperti mill-mudell intern.

4. L-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf issir b'mod oġġettiv u trasparenti u tkun konsistenti maż-żmien.

▼B

TAQSIMA 7

Standards ta' validazzjoni

Artikolu 241

Proċess ta' validazzjoni tal-mudell

1. Il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell japplika għall-partijiet kollha tal-mudell intern u jkopri r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikoli 101, l-Artikolu 112(5), l-Artikoli 120 sa 123 u l-Artikolu 125 tad-Direttiva 2009/138/KE. Fil-każ ta' mudell intern parzjali, il-proċess ta' validazzjoni għandu jkopri wkoll ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 113 ta' dik id-Direttiva.

2. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni tal-mudell mill-iżvilupp u t-tħaddim tal-mudell intern, il-persuni jew l-unità organizzattiva, meta jwettqu l-proċess ta' validazzjoni tal-mudell, ikunu ħielsa minn kull influwenza minn dawk responsabbli għall-iżvilupp u l-operazzjoni tal-mudell intern. Din il-valutazzjoni tkun skont il-paragrafu 4.

3. Għall-fini tal-proċess ta' validazzjoni tal-mudell, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jispeċifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-proċessi u l-metodi użati biex jivvalidaw il-mudell intern u l-iskopijiet tagħhom;

(b) għal kull parti mill-mudell intern, il-frekwenza tal-validazzjonijiet regolari u ċ-ċirkustanzi li jiskattaw validazzjoni addizzjonali;

(c) il-persuni li huma responsabbli għal kull kompitu ta' validazzjoni;

(d) il-proċedura li tiġi segwita f'każ li l-proċess ta' validazzjoni tal-mudell isib problemi fl-affidabbiltà tal-mudell intern u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex jindirizzaw dawk l-intoppi;

4. Bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-mudell, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw il-kwalità u l-indipendenza tal-validazzjoni. Fil-valutazzjoni tal-indipendenza, l-impriżi jikkunsidraw dawn kollha li ġejjin:

(a) fil-każ ta' proċess intern ta' validazzjoni, ir-responsabbiltajiet u l-istruttura tar-rapportar tal-persuni involuti fil-proċess,

(b) fil-każ ta' proċess estern ta' validazzjoni, l-istruttura ta' remunerazzjoni tal-persuni, inklużi fejn applikabbli l-impjegati tagħhom jew persuni oħrajn li jaġixxu f'isimhom, li huma involuti fil-proċess u kwalunkwe mandat ieħor ta' dawn il-persuni marbut mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

▼B

Artikolu 242

Għodod ta' validazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jittestjaw ir-riżultati u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell intern tal-inqas darba fis-sena kontra l-esperjenza u dejta xierqa oħra sa fejn id-dejta tkun raġonevolment disponibbli. Dawn it-testijiet jiġu applikati fil-livell tal-eżiti waħedhom kif ukoll fil-livell tar-riżultati aggregati. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidentifikaw ir-raġuni għal kwalunkwe diverġenza sinifikanti bejn suppożizzjonijiet u dejta u bejn riżultati u dejta.

2. Bħala parti mit-testijiet tar-riżultati tal-mudell intern meta mqabblin mal-esperjenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jqabblu r-riżultati tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf imsemmija fl-Artikolu 123 tad-Direttiva 2009/138/KE mar-riskji mmudellati fil-mudell intern.

3. Il-proċess statistiku għall-validazzjoni tal-mudell intern, imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 124 tad-Direttiva 2009/138/KE, ikun imsejjes fuq dawn kollha li ġejjin:

(a) tagħrif attwali, filwaqt li fejn ikun rilevanti u xieraq, żviluppi f'tekniki attwarji u l-prattika tas-suq aċċettata b'mod ġenerali;

(b) fehim dettaljat tat-teorija ekonomika u attwarja u s-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tal-metodi għall-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabilità tal-mudell intern.

4. Meta, b'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 124 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jinnotaw li bidliet f'suppożizzjoni sottostanti importanti għandhom impatt sinifikanti fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikunu kapaċi jispjegaw ir-raġunijiet għal din is-sensittività u kif is-sensittività hija meħuda f'kunsiderazzjoni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom. Għall-finijiet tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 124 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-suppożizzjonijiet ewlenin jinkludu suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni.

5. Il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell jinkludi analiżi tal-istabbiltà tal-eżiti tal-mudell intern għal kalkoli differenti tal-mudell intern billi tintuża l-istess dejta tal-input.

6. Bħala parti mill-wiri li r-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-mudell intern huma xierqa, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jqabblu l-kopertura u l-ambitu tal-mudell intern. Għal dan l-għan, il-proċess statistiku għall-validazzjoni tal-mudell intern jinkludi test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi, li jidentifika l-iktar stressijiet probabbli li jkunu ta' theddida għall-vijabbiltà tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

▼B

TAQSIMA 8

Standards tad-dokumentazzjoni

Artikolu 243

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Id-dokumentazzjoni dwar it-tfassil u d-dettalji operazzjonali tal-mudell intern kif meħtieġ mill-Artikolu 125 tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu biżżejjed biex jiġi żgurat li kwalunkwe parti terza indipendenti b'għarfien fuq is-suġġett tkun tista' tifhem it-tfassil u d-dettalji operazzjonali tal-mudell intern u ssawwar ġudizzju sod dwar il-konformità tiegħu mal-Artikolu 101 u l-Artikoli 120 sa 124 tad-Direttiva.

2. Fil-każ ta' mudell intern parzjali, id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkopri wkoll il-konformità mal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2009/138/KE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-ambitu limitat tal-mudell u t-teknika ta' integrazzjoni użata biex jiġi integrat il-mudell intern parzjali fil-formula standard.

3. Id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun strutturata kif xieraq, dettaljata u kompluta u tinżamm aġġornata. L-eżiti tal-mudell intern ikunu kapaċi jiġu riprodotti billi tintuża d-dokumentazzjoni tal-mudell intern u l-inputs kollha fil-mudell intern.

Artikolu 244

Kontenut minimu tad-dokumentazzjoni

Id-dokumentazzjoni tal-mudell intern tinkludi t-tagħrif kollu li ġej:

(a) inventarju tad-dokumenti kollha li jagħmlu parti mid-dokumentazzjoni;

(b) il-politika għat-tibdil tal-mudell intern kif imsemmi fl-Artikolu 115 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) deskrizzjoni tal-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-mudell intern, inklużi responsabbiltajiet assenjati lil membri tal-persunal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(d) deskrizzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni użata fil-mudell intern, inkluż kwalunkwe pjan ta' kontinġenza marbut mat-teknoloġija tal-informazzjoni użata;

(e) is-suppożizzjonijiet rilevanti kollha li fuqhom huwa msejjes il-mudell intern u l-ġustifikazzjoni tagħhom b'konformità mal-Artikolu 230(2);

(f) l-ispjegazzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti suppożizzjonijiet imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 230(2) li jkopru dawn li ġejjin:

(i) l-inputs li fuqhom hija bbażata l-għażla tas-suppożizzjonijiet;

▼B

(ii) l-objettivi tal-għażla ta' suppożizzjonijiet u l-kriterji użati sabiex jiġi stabbilit kemm hija adegwata l-għażla;

(iii) kwalunkwe limitazzjoni fl-għażla ta' suppożizzjonijiet li jsiru;

(g) direttorju tad-dejta użata fil-mudell intern, li jispeċifika is-sors, il-karatteristiċi u l-użu tagħha;

(h) l-ispeċifikazzjoni għall-ġbir, l-ipproċessar u l-applikazzjoni tad-dejta msemmija fl-Artikolu 231(3)(e);

(i) meta d-dejta ma tintużax b'mod konsistenti maż-żmien fil-mudell intern, deskrizzjoni tal-użu inkonsistenti u l-ġustifikazzjoni tiegħu;

(j) l-ispeċifikazzjoni tal-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għall-kopertura tar-riskji msemmija fl-Artikolu 233;

(k) deskrizzjoni tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju kkunsidrati fil-mudell intern kif imsemmi fl-Artikolu 235 u spjegazzjoni ta' kif ir-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju huma riflessi f'dak il-mudell intern;

(l) deskrizzjoni tal-azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni kkunsidrati fil-mudell intern kif imsemmi fl-Artikolu 236 u deskrizzjoni tad-devjazzjonijiet rilevanti msemmijin fl-Artikolu 236(2);

(m) l-ispeċifikazzjonijiet għall-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf imsemmija fl-Artikolu 240(1);

(n) l-ispeċifikazzjonijiet għall-proċess ta' validazzjoni tal-mudell imsemmi fl-Artikolu 241(3);

(o) ir-riżultati tal-validazzjoni fir-rigward tal-konformità mal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(p) fir-rigward ta' mudelli u dejta esterni:

(i) ir-rwol ta' mudelli u dejta esterni fil-mudell intern;

(ii) ir-raġunijiet għaliex huma ppreferiti mudelli esterni iktar minn mudelli żviluppati b'mod intern u dejta esterna iktar minn dejta interna;

(iii) l-alternattivi għall-użu ta' mudelli u dejta esterni kkunsidrati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u spjegazzjoni tad-deċiżjoni favur mudell estern partikolari jew sett ta' dejta esterna.

▼B

Artikolu 245

Ċirkustanzi li fihom il-mudell intern ma jaħdimx b'mod effettiv

Meta jivvalutaw u jiddokumentaw ċirkustanzi li fihom il-mudell intern ma jaħdimx b'mod effettiv, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni iqisu dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-riskji li mhumiex koperti mill-mudell intern;

(b) il-limitazzjonijiet fl-immudellar tar-riskju użat fil-mudell intern;

(c) l-għamla, il-grad u s-sorsi ta' inċertezza marbutin mar-riżultati tal-mudell intern inkluża s-sensittività tar-riżultati għas-suppożizzjonijiet ewlenin li huma l-bażi tal-mudell intern;

(d) in-nuqqasijiet fid-dejta użata fil-mudell intern u n-nuqqas ta' dejta għall-kalkolu tal-mudell intern;

(e) ir-riskji li jfeġġu mill-użu ta' mudelli esterni u dejta esterna fil-mudell intern;

(f) il-limitazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni użata fil-mudell intern;

(g) il-limitazzjonijiet tal-governanza tal-mudell intern.

Artikolu 246

Bidliet fil-mudell intern

Id-dokumentazzjoni tal-mudell intern tinkludi rekord tal-bidliet żgħar u kbar fil-mudell intern, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-ħsieb wara l-bidliet żgħar u kbar;

(b) deskrizzjoni tal-implikazzjonijiet tal-bidliet il-kbar għat-tfassil u l-operazzjonijiet tal-mudell intern;

(c) meta bidla kbira jew taħlita ta' bidliet żgħar ikollha impatt materjali fuq l-eżiti tal-mudell intern, tqabbil kwantitattiv u kwalitattiv tal-eżiti ta' qabel u wara l-bidla marbut mal-istess data tal-valutazzjoni.

TAQSIMA 9

Mudelli u dejta esterni

Artikolu 247

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissorveljaw kwalunkwe limitazzjoni potenzjali li tirriżulta mill-użu ta' mudelli esterni jew dejta esterna fil-mudell intern għall-issodisfar issoktat tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoliu 101 u l-Artikoli 120 sa 125 tad-Direttiva 2009/138/KE, u anki fl-Artikolu 113 ta' dik id-Direttiva għal mudelli interni parzjali.

▼B

KAPITOLU VII

REKWIŻIT KAPITALI MINIMU

Artikolu 248

Rekwiżit Kapitali Minimu

1. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR = \max(MCR_{combined}; AMCR)$$

fejn:

(a) $MCR_{combined}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat;

(b) $AMCR$ tirrappreżenta l-minimu assolut imsemmi fl-Artikolu 129(1)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE u fl-Artikolu 253 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR_{combined} = \min(\max(MCR_{linear};\ 0{,}25 \cdot SCR);\ 0{,}45 \cdot SCR)$$

fejn:

(a) MCR_{linear} tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari, ikkalkulat skont l-Artikoli 249 sa 251;

(b) SCR tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikkalkulat skont il-Kapitolu V jew skont il-Kapitolu VI fejn tkun ingħatat approvazzjoni għall-użu tal-mudell intern parzjali jew sħiħ.

Artikolu 249

Rekwiżit Kapitali Minimu Lineari

Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR_{linear} = MCR_{(linear,nl)} + MCR_{(linear,l)}$$

fejn:

(a) $MCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(b) $MCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja.

Artikolu 250

Komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja

1. Il-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR_{(linear,nl)} = \sum_{s} \alpha_s \cdot TP_{(nl,s)} + \beta_s \cdot P_s$$

fejn:

(a) is-somma tkopri s-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIX;

▼B

(b) $TP_{(nl,s)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja fis-segment s wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(c) P_s tirrappreżenta l-primjums kontabilizzati għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fis-segment s tul l-aħħar 12-il xahar, wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero;

(d) il-fatturi α_s u β_s huma stipulati fl-Anness XIX.

2. Il-provvedimenti tekniċi msemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu (1) ma jinkludu l-ebda wieħed minn dawn l-ammonti:

(a) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jistgħux jitqiesu skont l-Artikolu 41(3) u (5);

(b) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali, li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213 jew mal-Artikolu 235.

3. Fil-kalkolu tal-primjums kontabilizzati wara t-tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu (1), il-primjums li ġejjin għal kuntratt ta' riassigurazzjoni ma jiġux esklużi:

(a) primjums relatati ma' eventi mhux ta' assigurazzjoni jew pretensjonijiet ta' assigurazzjoni ssettiljati li mhumiex meqjusin fil-flussi tal-flus imsemmija fl-Artikolu 41(3);

(b) primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213 jew mal-Artikolu 235.

Artikolu 251

Komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja

1. Il-komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR_{linear,l} = 0{,}037 \cdot TP_{(life,1)} - 0{,}052 \cdot TP_{(life,2)} + 0{,}007 \cdot TP_{(life,3)} + 0{,}021 \cdot TP_{(life,4)} + 0{,}0007 \cdot CAR$$

fejn:

(a) $TP_{(life,1)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskjufir-rigward ta' benefiċċji ggarantiti għall-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni tal-profitt, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, u provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-obbligi tar-riassigurazzjoni meta l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja sottostanti jinkludu parteċipazzjoni tal-profitt, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

▼B

(b) $TP_{(life,2)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta ma' benefiċċji diskrezzjonali fil-ġejjieni għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni tal-profitti, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(c) $TP_{(life,3)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni tal-ħajja marbuta mal-indiċi u mal-unità relatati ma' tali obbligi tal-assigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(d) $TP_{(life,4)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi l-oħra kollha tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni tal-ħajja, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(e) *CAR* tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, li huwa s-somma, b'rabta ma' kull kuntratt li jwassal għall-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja, tal-kapital f'riskju tal-kuntratti, fejn il-kapital f'riskju ta' kuntratt tfisser l-ogħla miż-żero u d-differenza bejn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta' dawn kollha li ġejjin:

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta mewt jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

2. Il-provvedimenti tekniċi msemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu (1), ma jinkludu l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jistgħux jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu 41(3) u (5);

(b) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209 sa 215 jew l-Artikolu 235.

▼B

Artikolu 252

Rekwiżit Kapitali Minimu: impriżi tal-assigurazzjoni komposti

1. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali tal-ħajja u r-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali mhux tal-ħajja msemmijin fl-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu kkalkulati skont il-paragrafi 2 sa 11 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{nl} = \max(NMCR_{(combined,nl)}; AMCR_{nl})$$

fejn:

(a) $NMCR_{(combined,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat nozzjonali mhux tal-ħajja;

(b) $AMCR_{nl}$ tirrappreżenta l-minimu assolut preskritt fl-Artikolu 129 (1)(d)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE u fl-Artikolu 253 ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat nozzjonali mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(combined,nl)} = \min(\max(NMCR_{(linear,nl)}; 0{,}25 \cdot (NSCR_{nl} + Addon_{nl})); 0{,}45 \cdot (NSCR_{nl} + Addon_{nl}))$$

fejn:

(a) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(b) $NSCR_{nl}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $Addon_{nl}$ tirrappreżenta l-parti tas-supplimentazzjonijiet kapitali, stabbiliti mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/138/KE, li ġiet allokata minn dik l-awtorità superviżorja għall-attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(linear,nl)} = MCR_{(nl,nl)} + MCR_{(l,nl)}$$

fejn:

(a) $MCR_{(nl,nl)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja marbutin ma' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(b) $MCR_{(l,nl)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja.

▼B

5. $MCR_{(nl,nl)}$ u $MCR_{(l,nl)}$ jiġu kkalkulati bl-istess mod bħal $MCR_{(linear,nl)}$ u $MCR_{(linear,l)}$ imsemmijin fl-Artikoli 250 u 251 ta' dan ir-Regolament rispettivament, iżda l-provvedimenti tekniċi jew il-primjums kontabilizzati użati fil-kalkolu jkunu marbutin biss mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja fil-klassijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE.

6. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NSCR_{nl} = \frac{NMCR_{(linear,nl)}}{NMCR_{(linear,nl)} + NMCR_{(linear,l)}} \cdot SCR$$

fejn:

(a) SCR tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 2 tad-Direttiva 2009/138/KE jew skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 3 tad-Direttiva 2009/138/KE, li għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jeskludi kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali imposta b'konformità mal-Artikolu 37 ta' dik id-Direttiva;

(b) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali mhux tal-ħajja għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

7. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_l = \max(NMCR_{(combined,l)}; AMCR_l)$$

fejn:

(a) $NMCR_{(combined,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali kombinat tal-ħajja;

(b) $AMCR_l$ tirrappreżenta l-minimu assolut preskritt fl-Artikolu 129(1)(d)(ii) tad-Direttiva 2009/138/KE.

8. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali kombinat tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(combined,l)} = \min(\max(NMCR_{(linear,l)}; 0{,}25 \cdot (NSCR_l + Addon_l)); 0{,}45 \cdot (NSCR_l + Addon_l))$$

fejn:

(a) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $NSCR_l$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

▼B

(c) $Addon_l$ tirrappreżenta l-parti tas-supplimentazzjonijiet kapitali, stabbiliti mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/138/KE, li ġiet allokata minn dik l-awtorità superviżorja għall-attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

9. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(linear,l)} = MCR_{(nl,l)} + MCR_{(l,l)}$$

fejn:

(a) $MCR_{(nl,l)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja marbutin ma' attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $MCR_{(l,l)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

10. $MCR_{(nl,l)}$ u $MCR_{(l,l)}$ jiġu kkalkulati bl-istess mod bħal $MCR_{(linear,nl)}$ u $MCR_{(linear,l)}$ imsemmijin fl-Artikoli 250 u 251 ta' dan ir-Regolament rispettivament, iżda l-provvedimenti tekniċi jew il-primjums kontabilizzati użati fil-kalkolu jkunu marbutin biss mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2009/138/KE.

11. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NSCR_l = \frac{NMCR_{(linear,l)}}{NMCR_{(linear,nl)} + NMCR_{(linear,l)}} \cdot SCR$$

fejn:

(a) *SCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 2 tad-Direttiva 2009/138/KE jew skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 3 tad-Direttiva 2009/138/KE, li għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jeskludi kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali imposta b'konformità mal-Artikolu 37 ta' dik id-Direttiva;

(b) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali mhux tal-ħajja għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

▼B

Artikolu 253

Minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu

1. Il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu għal impriżi tal-assigurazzjoni li kisbu l-awtorizzazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 73(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun is-somma tal-ammonti stipulati fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 129(1)(d) ta' dik id-Direttiva.

2. Meta l-primjums grossi kontabilizzati għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja elenkati fil-klassijiet 1 u 2 fil-Parti A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2009/138/KE ma jaqbżux l-10 % tal-primjums grossi kontabilizzati totali tal-impriża sħiħa, il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu jkun daqs l-ammont stipulat fil-punt (ii) tal-Artikolu 129(1) (d) ta' dik id-Direttiva.

3. Meta l-primjums grossi kontabilizzati għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja ma jaqbżux l-10 % tal-primjums gross kontabilizzati totali tal-impriża sħiħa, il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu jkun daqs l-ammont stipulat fil-punt (ii) tal-Artikolu 129(1) (d) ta' dik id-Direttiva.

KAPITOLU VIII

INVESTIMENTI F'POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI

▼M5

_____

▼B

Artikolu 257

Rekwiżiti għal investimenti f'titolizzazzjoni li ma għandhomx jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ritensjoni tar-riskju u kwalitattivi

▼M5

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jsiru jafu li l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jkunu naqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402, jew l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkunu saru jafu li ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1), (2) u (3) ta' dak ir-Regolament, għandhom jgħarrfu lill-awtorità superviżorja minnufih.

2. Meta r-rekwiżiti fl-Artikolu 5(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 ma jkunux issodisfati bi kwalunkwe mod minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, l-awtorità superviżorja għandha timponi żieda proporzjonata mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

3. Meta l-formula standard tintuża għall-kalkolu tar-riskju tal-firxa kif imsemmi fl-Artikolu 178 għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza miżjud imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxatal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jkun imsejjes fuq fatturi ta' riskju kif imsemmi fl-Artikolu 178, iżda jiżdied b'mhux inqas minn 250 % ta' dawk il-fatturi ta' riskju.

▼M5

4. Il-fatturi ta' riskju għandhom jiġu miżjuda b'mod progressiv ma' kull ksur sussegwenti tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

5. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jonqsu milli jikkonformaw ma' xi rekwiżit stipulat fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jivvalutaw jekk dak in-nuqqas jenħtieġx li jitqies bħala devjazzjoni importanti mis-sistema ta' governanza tal-impriża kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼B

KAPITOLU IX

SISTEMA TA' GOVERNANZA

TAQSIMA 1

Elementi tas-sistema ta' governanza

Artikolu 258

Rekwiżiti ta' governanza ġenerali

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu kooperazzjoni effettiva, rapportar intern u komunikazzjoni tat-tagħrif fil-livelli rilevanti kollha tal-impriża;

(b) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu aġġornati proċeduri effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u struttura organizzazzjonali li tispeċifika biċ-ċar il-linji tar-rapportar, talloka funzjonijiet u responsabbiltajiet, u tqis l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju ta' dik l-impriża;

(c) jiżguraw li l-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju għandhom b'mod kollettiv il-kwalifiki, il-kompetenza, il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa fl-oqsma rilevanti tan-negozju sabiex jamministraw u jissorveljaw l-impriża b'mod effettiv u professjonali;

(d) jiżguraw li kull membru individwali tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju għandu l-kwalifiki, il-kompetenza, il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa biex iwettaq il-kompiti assenjati;

(e) iħaddmu persunal bil-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa biex jaqdi r-responsabbiltajiet allokati lilu kif xieraq;

(f) jiżguraw li l-persunal kollu jaf bil-proċeduri għat-twettiq xieraq tar-responsabbilatjiet tiegħu;

(g) jiżguraw li l-assenjazzjoni ta' diversi kompiti lil individwi u unitajiet organizzazzjonali ma jżommx jew ma għandux probabbiltà li jżomm lill-persuni kkonċernati milli jwettqu xi funzjoni partikolari b'mod xieraq, onest u oġġettiv;

▼B

(h) jistabbilixxu sistemi tal-informazzjoni li jipproduċu tagħrif komplut, affidabbli, ċar, konsistenti, fil-ħin u rilevanti dwar l-attivitajiet tan-negozju, l-impenji supponuti u r-riskji li għalihom hija esposta l-impriża;

(i) iżommu rekords adegwati u ordinati tan-negozju u l-organizzazzjoni interna tal-impriża;

(j) jissalvagwardjaw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tat-tagħrif, filwaqt li jqisu l-għamla tat-tagħrif inkwistjoni;

(k) jintroduċu linji ta' rapportar ċari li jiżguraw it-trasferiment minnufih ta' tagħrif lill-persuni kollha li jkollhom bżonnu b'mod li jippermettilhom jagħrfu l-importanza tiegħu fir-rigward tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom;

(l) jadottaw politika bil-miktub dwar ir-remunerazzjoni.

2. Politiki dwar l-immaniġġjar tar-riskju, il-kontroll intern, l-awditjar intern u, fejn rilevanti, l-esternalizzazzjoni jistipulaw biċ-ċar ir-responsabbiltajiet, l-objettivi, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar rilevanti li jridu jiġu applikati, u kollha kemm huma jkunu konsistenti mal-istrateġija tan-negozju ġenerali tal-impriża.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika dwar il-kontinwità tan-negozju bl-għan li jiżguraw, fil-każ ta' waqfien fis-sistemi u l-proċeduri tagħhom, il-preservazzjoni tad-dejta u l-funzjonijiet essenzjali u ż-żamma ta' attivitajiet tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, jew, meta dan ma jkunx possibbli, l-irkupru fil-ħin tat-tali dejta u l-funzjonijiet u l-issoktar fil-ħin tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tagħhom.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li effettivament tal-inqas ikun hemm żewġ persuni jmexxu l-impriża.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri effettivi biex jevitaw kunflitti ta' interess u li huma identifikati sorsi potenzjali ta' kunflitti tal-interess u li hemm proċeduri stabbiliti sabiex jiżguraw li dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki tal-impriża jifhmu fejn jistgħu jqumu kunflitti ta' interess u kif iridu jiġu indirizzati t-tali kunflitti.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissorveljaw, u jevalwaw fuq bażi regolari, kemm hija adegwata u effettiva s-sistema ta' governanza tagħhom u jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas.

Artikolu 259

Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw u jmantnu sistema ta' ġestjoni tar-riskji li tinkludi dawn li ġejjin:

(a) strateġija tal-ġestjoni tar-riskji ddefinita biċ-ċar li hija konsistenti mal-istrateġija tan-negozju ġenerali tal-impriża. L-objettivi u l-prinċipji ewlenin tal-istrateġija, il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati u l-assenjament tar-responsabbiltajiet fost l-attivitajiet kollha tal-impriża jkunu ddokumentati;

▼B

(b) proċedura ddefinita biċ-ċar fuq il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

(c) politiki bil-miktub li effettivament jiżguraw id-definizzjoni u l-kategorizzazzjoni tar-riskji materjali skont it-tip li għalih hija esposta l-impriża, u l-limiti tat-tolleranza tar-riskju approvati għal kull tip ta' riskju. Tali politiki jimplimentaw l-istrateġija tar-riskju tal-impriża, jiffaċilitaw il-mekkaniżmi ta' kontroll u jqisu l-għamla, l-ambitu u l-perjodi ta' żmien tan-negozju u r-riskji assoċjati;

(d) proċeduri ta' rapportar u proċessi li jiżguraw li t-tagħrif fuq ir-riskji materjali affaċċjati mill-impriża u l-effettività tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju huma ssorveljati u analizzati b'mod attiv u li fejn dan ikun meħtieġ isiru l-modifiki xierqa fis-sistema.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn jqisu t-tagħrif irrapportat bħala parti mis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

3. Fejn xieraq, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinkludu t-twettiq ta' testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji fir-rigward tar-riskji rilevanti kollha affaċċjati mill-impriża, fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tagħhom.

4. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 44(4a) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-finijiet tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-metodoloġiji tal-immaniġġjar tar-riskju interni ma jiddependux biss jew b'mod awtomatiku fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni. Meta l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jew tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jkun imsejjes fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni minn ECAI jew ibbażati fuq il-fatt li skopertura mhijiex ikklassifikata, dak ma jeżentax lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni milli jqisu wkoll tagħrif rilevanti ieħor.

Artikolu 260

Oqsma tal-immaniġġjar tar-riskju

1. L-oqsma msemmijin fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludu l-politiki kollha li ġejjin:

(a) Sottoskrizzjoni u riżervar:

(i) azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jiġi vvalutat u ġestit ir-riskju ta' telf jew ta' bidla avversa fil-valuri tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, li jirriżultaw minn ipprezzar inadegwat u l-proviżjonament ta' suppożizzjonijiet;

(ii) is-suffiċjenza u l-kwalità tad-dejta rilevanti li jridu jiġu kkunsidrati fil-proċessi ta' sottoskrizzjoni u riżervar, kif stipulat fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, u l-konsistenza tagħhom mal-istandards tas-suffiċjenza u l-kwalità;

▼B

(iii) l-adegwatezza tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet, inkluż kemm ikopru ċ-ċiklu ġenerali tal-pretensjonijiet.

(b) Ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet:

(i) l-isparigġ strutturali bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet u b'mod partikolari l-isparigġ fid-durata ta' dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet;

(ii) kwalunkwe dipendenza bejn ir-riskji ta' klassijiet ta' assi u obbligazzjonijiet differenti;

(iii) kwalunkwe dipendenza bejn ir-riskji ta' obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni differenti;

(iv) kwalunkwe skopertura tal-impriża li ma tidhirx fuq il-karta bilanċjali;

(v) l-effett tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji rilevanti fuq il-ġestjoni tal-assi-obbligazzjonijiet.

(c) Immaniġġjar tar-riskju tal-investiment:

(i) azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jiżguraw li l-investimenti tal-impriża jikkonformaw mal-prinċipju ta' persuna prudenti stipulat fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex tiżgura li l-investimenti tal-impriża jieħdu f'kunsiderazzjoni l-għamla tan-negozju tal-impriża, il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati, il-pożizzjoni ta' solvenza tagħha u l-iskopertura għar-riskju fit-tul tagħha;

(iii) il-valutazzjoni interna mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet tal-investiment, inkluż meta l-kontropartijiet ikunu gvernijiet ċentrali;

(iv) meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża derivati jew xi strument finanzjarju ieħor b'karatteristiċi jew effetti simili, l-objettivi ta', u l-istrateġija li hija l-bażi tal-użu tagħhom u l-mod li bih iħaffu l-ġestjoni tal-portafoll effiċjenti jew jikkontribwixxu għal tnaqqis fir-riskji, kif ukoll proċeduri biex jiġi vvalutat ir-riskju tat-tali strumenti u l-prinċipji tal-immaniġġjar tar-riskju li jridu jiġu applikati għalihom;

(v) meta dan ikun xieraq, sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tar-riskju, il-limiti kwantitattivi interni fuq l-assi u l-iskoperturi, inklużi skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali.

(d) Immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità:

(i) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tieħu f'kunsiderazzjoni kemm lir-riskju tal-likwidità ta' terminu qasir kif ukoll dak fit-tul;

▼B

(ii) l-adegwatezza tal-kompożizzjoni tal-assi f'termini tal-għamla, id-durata u l-likwidità tagħhom sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-impriża malli jsiru dovuti;

(iii) pjan biex jiġu indirizzati bidliet fi flussi ta' dħul u ta' ħruġ tal-flus mistennija.

(e) Immaniġġjar tar-riskju tal-konċentrazzjoni: azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tidentifika sorsi rilevanti tar-riskju tal-konċentrazzjoni ħalli tiżgura li l-konċentrazzjonijiet tar-riskju jibqgħu fil-limiti stabbiliti u azzjonijiet biex tanalizza riskji possibbli li skoperturi kkonċentrati jittieħdu minn xulxin.

(f) Immaniġġjar tar-riskju operazzjonali: azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tassenja responsabbiltajiet ċari ħalli tidentifika, tiddokumenta u tissorvelja b'mod regolari skoperturi rilevanti għar-riskju operazzjonali.

(g) Riassigurazzjoni u tekniki oħrajn tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni:

(i) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tiżgura l-għażla ta' riassigurazzjoni xierqa u tekniki oħrajn tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(ii) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tivvaluta liema tipi ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju huma xierqa skont l-għamla tar-riskji supponuti u l-ħiliet tal-impriża sabiex tamministra u tikkontrolla r-riskji assoċjati ma' dawk it-tekniki;

(iii) il-valutazzjoni interna mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tar-riskju ta' kreditu tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M6

(h) Taxxi differiti:

(i) azzjonijiet relatati mal-għażla tal-metodi u tas-suppożizzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex jintwera l-ammont u r-rekuperabbiltà tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti;

(ii) involviment tal-funzjonijiet prinċipali rilevanti fil-metodi tal-għażla u tal-valutazzjoni u tas-suppożizzjonijiet biex juru l-ammont u r-rekuperabbilità tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni huwa rrappurtat lill-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew superviżorju, inkluż il-valutazzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti applikati għall-projezzjoni ta' profitt taxxabbli futur għall-finijiet tal-Artikoli 15 u 207, u spjegazzjonijiet ta' kwalunkwe tħassib dwar dawn is-suppożizzjonijiet, li se jitwettqu għal kull każ jew minn funzjoni attwarjali jew mill-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju;

▼M6

(iii) riskji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija jew tista' tkun skoperta għalihom, waqt li jiġu meqjusa bidliet potenzjali futuri fil-profil ta' riskju tagħha minħabba l-istrateġija tan-negozju jew l-ambjent ekonomiku jew finanzjarju tagħha, inkluż ir-riskju operazzjonali u bidliet potenzjali fil-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tagħha tat-taxxi differiti. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi d-dipendenza kumplessiva tal-kundizzjoni tas-solvenza u finanzjarja fuq it-taxxi differiti u l-konsistenza tagħha mal-politika tal-ġestjoni tar-riskju.

▼B

2. Il-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju kkalkulata b'konformità mal-Artikolu 77 ta' dik id-Direttiva u kalkolu tal-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju bis-suppożizzjoni li l-primjums marbutin mal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni eżistenti li huma mistennija jiġu riċevuti fil-ġejjieni ma jkunux riċevuti għal xi raġuni ħlief jekk ikun seħħ l-event assigurat, indipendentement mid-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur ta' polza li jwaqqaf il-polza.

3. Il-kalkolu tal-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni jsir b'mod separat għall-gruppi ta' riskji omoġenji użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, diment li l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jkunu omoġenji wkoll fir-rigward tal-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni.

4. Poloz li jagħmlu t-telf jistgħu jitpaċu biss kontra poloz li jagħmlu l-profitt fi grupp ta' riskji omoġenji.

Artikolu 261

Immaniġġjar tar-riskju f'impriżi li jipprovdu assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' ipoteki u/jew self

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidħlu fl-attività li jfornu self, ikollhom politiki miktubin li jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) li l-għoti ta' kreditu huwa msejjes fuq kriterji solidi u ddefiniti sew u li l-proċess għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament ta' krediti huwa stabbilit biċ-ċar;

(b) li impriżi li għandhom metodoloġiji interni li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi lil obbliganti individwali u fil-livell tal-portafoll;

▼B

(c) lil-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-portafolli tas-self, inkluż għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' krediti problematiċi, u biex isiru aġġustamenti fil-valur adegwati, huma operati permezz ta' sistemi effettivi;

(d) li d-diversifikazzjoni tal-portafolli tas-self hija adegwata fid-dawl tas-swieq fil-mira u l-istrateġija ta' investiment ġenerali tal-impriża.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidħlu f'assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' ipoteka, jibbażaw is-sottoskrizzjoni tagħhom fuq kriterji solidi u ddefiniti sew u jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 fir-rigward tas-self ipotekarju li huwa l-bażi tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħhom.

▼M4

Artikolu 261a

Ġestjoni tar-riskju għal investimenti infrastrutturali kwalifikanti jew investimenti korporattivi infrastrutturali kwalifikanti

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom joperaw bid-diliġenza dovuta qabel ma jagħmlu investiment infrastrutturali kwalifikanti jew investiment korporattiv infrastrutturali kwalifikanti, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) valutazzjoni ddokumentata dwar kif l-entità infrastrutturali tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 164a jew l-Artikolu 164b, li kienet suġġetta għal proċess ta' validazzjoni, imwettaq minn persuni li huma ħielsa mill-influwenza ta' dawk il-persuni responsabbli mill-valutazzjoni tal-kriterji, u li ma għandhom l-ebda kunflitt ta' interess potenzjali ma' dawn il-persuni;

(b) konferma li kwalunkwe mudell finanzjarju dwar il-flussi tal-flus tal-entità infrastrutturali kien suġġett għall-proċess ta' validazzjoni li twettqet minn persuni li huma ħielsa mill-influwenza ta' dawk il-persuni responsabbli mill-iżvilupp tal-mudell finanzjarju, u li ma għandhom l-ebda kunflitt ta' interess potenzjali ma' dawn il-persuni.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'investiment infrastrutturali kwalifikanti jew investiment korporattiv infrastrutturali kwalifikanti għandhom regolarment jimmonitorjaw u jwettqu testijiet tal-istress fuq il-flussi tal-flus u l-valuri tal-kollateral li jappoġġjaw l-entità infrastrutturali. Kwalunkwe test tal-istress ikun proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskju inerenti fil-proġett infrastrutturali.

3. L-istress test għandu jqis riskji li jirriżultaw minn attivitajiet mhux infrastrutturali, iżda d-dħul ġenerat minn attivitajiet bħal dawn ma għandux jitqies meta jiġi determinat jekk l-entità infrastrutturali hijiex kapaċi tilħaq l-obbligi finanzjarji tagħha.

▼M4

4. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollhom investimenti infrastrutturali materjali kwalifikanti jew investimenti korporattivi infrastrutturali kwalifikanti, huma għandhom, meta jiġu stabbiliti l-proċeduri bil-miktub msemmija fl-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, jinkludu d-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ attiv ta' dawn l-investimenti matul il-fażi ta' kostruzzjoni, u sabiex jiġi mmassimizzat l-ammont kopert minn dawn l-investimenti f'xenarju ta' twettiq ta' ħidma.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'investiment infrastrutturali kwalifikanti jew investiment korporattiv infrastrutturali kwalifikanti f'bonds jew f'self għandhom jistabbilixxu l-ġestjoni tal-attiv u tal-passiv sabiex jiżguraw, li fuq bażi kontinwa għandhom il-kapaċità li jżommu l-investiment sal-maturità.

▼B

Artikolu 262

Ħtiġijiet ġenerali ta' solvenza

1. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġenerali ta' solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 45(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun tħares 'il quddiem u tinkludi l-elementi kollha li ġejjin:

(a) riskji li l-impriża hija esposta jew tista' tkun esposta għalihom, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni bidliet futuri potenzjali fil-profil tar-riskju tagħha minħabba l-istrateġija tan-negozju tal-impriża jew l-ambjent ekonomiku u finanzjarju, inklużi riskji operazzjonali;

(b) l-għamla u l-kwalità ta' entrati ta' fondi proprji jew riżorsi oħrajn xierqa biex ikopru r-riskji identifikati fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. L-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 iqisu dawn li ġejjin:

(a) il-perjodi ta' żmien li huma rilevanti għat-teħid f'kunsiderazzjoni tar-riskji li l-impriża taffaċċja fit-tul;

(b) il-bażijiet ta' valwazzjoni u rikonoxximent li huma xierqa għan-negozju u l-profil tar-riskju tal-impriża;

(c) is-sistemi ta' kontroll intern u immaniġġjar tar-riskju tal-impriża u limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati.

Artikolu 263

Metodi alternattivi għal valwazzjoni

Meta jintużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10(5), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:

(a) jidentifikaw l-assi u l-obbligazzjonijiet li għalihom japplika l-approċċ ta' valwazzjoni;

(b) jiġġustifikaw l-użu ta' dak l-approċċ ta' valwazzjoni għall-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a);

(c) jiddokumentaw is-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tal-approċċ ta' valwazzjoni;

▼B

(d) jivvalutaw l-inċertezza ta' valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a);

(e) iqabblu b'mod regolari kemm hija adegwata l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a) mal-esperjenza.

Artikolu 264

Valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi — validazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalidaw il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, b'mod partikolari b'paragun mal-esperjenza kif imsemmi fl-Artikolu 83 tad-Direttiva 2009/138/KE, tal-inqas darba fis-sena u meta jkun hemm indikazzjonijiet li d-dejta, is-suppożizzjonijiet jew il-metodi użati fil-kalkolu jew il-livell tal-provvedimenti tekniċi ma għadhomx xierqa. Il-validazzjoni tkopri dan li ġej:

(a) l-adegwatezza, il-kompletezza u l-preċiżjoni tad-dejta użata fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif stipulat fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-adegwatezza ta' kwalunkwe raggruppament ta' politiki b'konformità mal-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-rimedji għal-limitazzjonijiet tad-dejta msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-adegwatezza tal-approssimazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament għall-finijiet ta' kalkolu tal-aħjar stima;

(e) l-adegwatezza u r-realiżmu tas-suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 22 sa 26 ta' dan ir-Regolament;

(f) l-adegwatezza, l-applikabbiltà u r-relevanza tal-metodi attwarji u statistiċi applikati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(g) l-adegwatezza tal-livell tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 84 tad-Direttiva 2009/138/KE meħtieġa biex tinżamm konformità mal-Artikolu 76 ta' dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fuq il-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi. Meta bidliet f'suppożizzjoni fuq azzjoni tal-ġestjoni futura jkollhom impatt qawwi fuq il-provvedimenti tekniċi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu kapaċi jispjegaw ir-raġunijiet għal dan l-impatt u kif l-impatt jittieħed f'kunsiderazzjoni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

3. Il-validazzjoni ssir b'mod separat għall-gruppi ta' riskji omoġenji. Din issir b'mod separat għall-aħjar stima, il-marġni ta' riskju u l-provvedimenti tekniċi kkalkulati skont il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji li jirreplikaw b'mod affidabbli flussi tal-flus futuri b'konformità mal-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament. Issir b'mod separat għal provvedimenti tekniċi meta jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE. Fir-rigward tal-aħjar stima, issir b'mod separat għall-aħjar stima gross u l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali. Fir-rigward ta' obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, issir b'mod separat għal provvedimenti tal-primjum u provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti.

▼B

Artikolu 265

Valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi — dokumentazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddokumentaw il-proċessi li ġejjin:

(a) il-ġbir ta' dejta u l-analiżi tal-kwalità tagħha u tagħrif ieħor relatat mal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) l-għażla ta' suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, b'mod partikolari l-għażla ta' suppożizzjonijiet rilevanti dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż;

(c) l-għażla u l-applikazzjoni ta' metodi attwarji u statistiċi għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(d) il-validazzjoni tal-provvedimenti tekniċi.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) direttorju tad-dejta użata fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, li jispeċifika s-sors, il-karatteristiċi u l-użu tagħha;

(b) l-ispeċifikazzjoni għall-ġbir, l-ipproċessar u l-applikazzjoni tad-dejta msemmija fl-Artikolu 19(3)(e);

(c) meta d-dejta ma tintużax b'mod konsistenti maż-żmien fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, deskrizzjoni tal-użu inkonsistenti u l-ġustifikazzjoni għal dan.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) direttorju tas-suppożizzjonijiet rilevanti kollha li fuqhom huwa msejjes il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi; dan jinkludi suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni;

(b) ġustifikazzjoni għall-għażla tas-suppożizzjoni skont is-Subtaqsima 1 tas-Taqsima 3 tal-Kapitolu III;

(c) deskrizzjoni tal-inputs li fuqhom hija msejsa l-għażla;

(d) l-objettivi tal-għażla u l-kriterji użati għas-sejbien tal-adegwatezza ta' din l-għażla;

(e) kwalunkwe limitazzjoni materjali fl-għażla li ssir;

(f) deskrizzjoni tal-proċessi fis-seħħ għar-rieżami tal-għażla tas-suppożizzjonijiet;

(g) ġustifikazzjoni għall-bidliet tas-suppożizzjonijiet minn perjodu għal ieħor u stima tal-impatt ta' bidliet materjali;

(h) id-devjazzjonijiet rilevanti msemmijin fl-Artikolu 23(2).

▼B

Artikolu 266

Sistema ta' kontroll intern

Is-sistema ta' kontroll intern tiżgura l-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mal-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli u l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-impriża fid-dawl tal-objettivi tagħha kif ukoll tiżgura d-disponibbiltà u l-affidabbiltà tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja.

Artikolu 267

Kontroll intern tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom sistemi u kontrolli effettivi biex jiżguraw li l-istimi tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom huma affidabbli u xierqa biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u jkollhom proċess għall-verifika regolari li l-prezzijiet tas-suq jew l-inputs tal-mudell ta' valwazzjoni huma xierqa u affidabbli.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw, iżommu aġġornati u jiddokumentaw politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għall-proċess ta' valwazzjoni, inklużi d-deskrizzjoni u d-definizzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet tal-persunal involut fil-valwazzjoni, il-mudelli rilevanti, u s-sorsi ta informazzjoni li se jintużaw.

3. Fuq it-talba tal-awtoritajiet superviżorji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jwettqu valwazzjoni jew verifika esterna indipendenti tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet materjali.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jipprovdu biżżejjed riżorsi, kemm f'termini ta' kwalità u kwantità, biex jiżviluppaw, jikkalibraw, japprovaw u jirrevedu approċċi ta' valwazzjoni użati għal finijiet ta' solvenza;

(b) jistabbilixxu proċessi ta' kontroll interni li jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(i) rieżami u verifika indipendenti fuq bażi regolari tal-informazzjoni, id-dejta u s-suppożizzjonijiet li jintużaw fl-approċċ ta' valwazzjoni, ir-riżultati tiegħu, u l-adegwatezza tal-approċċ ta' valwazzjoni fir-rigward tal-valwazzjoni tal-entrati msemijin fil-punt (a) tal-Artikolu 263;

(ii) sorveljanza mill-persuni li effettivament imexxu l-impriża tal-proċessi interni għal approvazzjoni ta' dawk il-valwazzjonijiet u l-proċess fis-seħħ biex iqisu kwalunkwe valwazzjoni jew verifika esterna u indipendenti tal-valur tal-assi jew l-obbligazzjonijiet materjali.

▼B

TAQSIMA 2

Funzjonijiet

Artikolu 268

Dispożizzjonijiet speċifiċi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinkorporaw il-funzjonijiet u l-linji ta' rapportar assoċjati fl-istruttura organizzazzjonali b'tali mod li jiżguraw li kull funzjoni tkun ħielsa minn influwenzi li jistgħu jxekklu l-ħila tal-funzjoni sabiex twettaq dmirijietha b'mod oġġettiv, ġust u indipendenti. Kull funzjoni topera taħt ir-responsabbiltà aħħarija tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u tirrapporta għand dan il-korp u, fejn xieraq, tikkoopera mal-funzjonijiet l-oħrajn fit-twettiq tar-rwoli tagħhom.

2. Il-persuni li jwettqu funzjoni jkunu kapaċi jikkomunikaw fuq inizjattiva tagħhom stess ma' kwalunkwe membru tal-persunal u jkollhom l-awtorità, ir-riżorsi u l-kompetenza meħtieġa kif ukoll aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

3. Il-persuni li jwettqu funzjoni jirrapportaw minnufih kwalunkwe problema kbira fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

Artikolu 269

Funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju

1. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tinkludi l-kompiti kolha li ġejjin:

(a) l-assistenza lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u funzjonijiet oħra fil-ħidma effettiva tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju;

(b) il-monitoraġġ tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju;

(c) il-monitoraġġ tal-profil tar-riskju ġenerali tal-impriża sħiħa;

(d) ir-rapportar dettaljat dwar l-iskoperturi għar-riskju u l-għoti ta' pariri lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fuq kwistjonijiet tal-immaniġġjar tar-riskju, inkluż fir-rigward ta' affarijiet strateġiċi bħall-istrateġija korporattiva, fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet u proġetti u investimenti kbar;

(e) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji emerġenti.

2. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 44(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) tikkoopera mill-qrib mal-utenti tal-eżiti tal-mudell intern;

(c) tikkoopera mill-qrib mal-funzjoni attwarja.

▼B

Artikolu 270

Funzjoni ta' verifika tal-konformità

1. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi politika dwar il-konformità u pjan dwar il-konformità. Il-politika dwar il-konformità tiddefinixxi r-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u l-obbligi ta' rapportar tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità. Il-pjan dwar il-konformità jistabbilixxi l-attivitajiet ippjanati tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità li jqisu l-oqsma rilevanti kollha tal-attivitajiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-iskopertura tagħhom għar-riskju ta' konformità.

2. Id-dmirijiet tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità jinkludu l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri adottati mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jipprevjenu nuqqas ta' konformità.

Artikolu 271

Uffiċċju tal-awditjar intern

1. Il-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar interna ma jassumu l-ebda responsabbiltà għal xi funzjoni oħra.

2. Minkejja l-paragrafu 1, u b'mod partikolari billi jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità stipulat fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern jistgħu jwettqu wkoll funzjonijiet ewlenin oħrajn, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dan ikun xieraq fir-rigward tal-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-impriża;

(b) ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess għall-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern;

(c) il-kostijiet għaż-żamma ta' persuni għall-funzjoni tal-awditjar intern li ma jwettqux funzjonijiet ewlenin oħrajn jimponu kostijiet fuq l-impriża li jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-ispejjeż amministrattivi totali.

3. L-uffiċċju tal-awditjar intern jinkludi l-kompiti kollha li ġejjin:

(a) jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm aġġornat pjan tal-awditjar li jistabbilixxi l-ħidma tal-awditjar li għandha ssir fis-snin li ġejjin, filwaqt li jqis l-attivitajiet kollha u s-sistema sħiħa ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) jieħu approċċ imsejjes fuq ir-riskju meta jiddeċiedi fuq il-prijoritajiet tiegħu;

(c) jirrapporta l-pjan tal-awditu lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju;

▼B

(d) joħroġ rakkomandazzjonijiet imesjsin fuq ir-riżultat tal-ħidma mwettqa skont il-punt (a) u jippreżenta rapport bil-miktub fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-inqas darba fis-sena;

(e) jivverifika l-konformità mad-deċiżjonijiet meħuda mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fuq il-bażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet imsemmijin fil-punt (d).

Fejn meħtieġ, l-uffiċċju tal-awditjar intern jista' jagħmel verifiki li mhumiex inklużi fil-pjan tal-awditu.

Artikolu 272

Funzjoni attwarja

1. Fil-koordinazzjoni tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, il-funzjoni attwarja tinkludi l-kompiti kollha li ġejjin:

(a) tapplika metodoloġiji u proċeduri biex tivvaluta s-suffiċjenza tal-provvedimenti tekniċi u biex tiżgura li l-kalkolu tagħhom ikun konsistenti mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) tivvaluta l-inċertezza assoċjata mal-istimi li saru fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(c) tiżgura li kwalunkwe limitazzjoni fid-dejta użata biex jiġu kkalkulati l-provvedimenti tekniċi tiġi indirizzata kif suppost;

(d) tiżgura li l-iktar approssimazzjonijiet xierqa għall-finijiet tal-kalkolu tal-aħjar stima jintużaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) tiżgura li gruppi ta' riskju omoġenji tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jiġu identifikati għal valutazzjoni xierqa tar-riskji sottostanti;

(f) tikkunsidra informazzjoni rilevanti pprovduta mis-swieq finanzjarji u dejta ġeneralment disponibbli dwar ir-riskji tas-sottoskrizzjoni u tiżgura li tkun integrata fil-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi;

(g) tqabbel u tiġġustifika kwalunkwe differenza materjali fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi minn sena għal sena;

(h) tiżgura li tiġi pprovduta valutazzjoni xierqa tal-opzjonijiet u l-garanziji inklużi fil-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

2. Il-funzjoni attwarja tivvaluta jekk il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi humiex xierqa għal-linji operazzjonali speċifiċi tal-impriża u għall-mod kif huwa mmexxi n-negozju, b'kont meħud tad-dejta disponibbli.

▼B

3. Il-funzjoni attwarja tivvaluta jekk is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jsostnux biżżejjed il-proċeduri attwarji u statistiċi.

4. Meta tqabbel l-aħjar stimi skont l-esperjenza, il-funzjoni attwarja tagħmel rieżami tal-kwalità tal-aħjar stimi tal-imgħoddi u tuża l-għarfien miksub minn din il-valutazzjoni biex ittejjeb il-kwalità tal-kalkoli kurrenti. Il-paragun tal-aħjar stimi mal-esperjenza jinkludi paraguni bejn valuri osservati u l-istimi li jsawru l-kalkolu tal-aħjar stima, sabiex jinħarġu konklużjonijiet fuq l-adegwatezza, il-preċiżjoni u l-kompletezza tad-dejta u s-suppożizzjonijiet użati kif ukoll fuq il-metodoloġiji applikati fil-kalkolu tagħhom.

5. L-informazzjoni ppreżentata lill-korp amministrattiv, maniġerjali u superviżorju dwar il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi tinkludi tal-inqas analiżi motivata fuq l-affidabbiltà u s-suffiċjenza tal-kalkolu tagħhom u dwar is-sorsi u l-grad ta' inċertezza tal-istima tal-provvedimenti tekniċi. Din l-analiżi motivata tkun sostnuta minn analiżi tas-sensittività li tinkludi investigazzjoni tas-sensittività tal-provvedimenti tekniċi għal kull wieħed mir-riskji ewlenin li jsawru l-obbligi li huma koperti fil-provvedimenti tekniċi. Il-funzjoni attwarja tiddikjara biċ-ċar u tispjega kull tħassib li jista' jkollha fuq l-adegwatezza tal-provvedimenti tekniċi.

6. Rigward il-politika ta' sottoskrizzjoni, l-opinjoni li tiġi espressa mill-funzjoni attwarja skont l-Artikolu 48(1)(g) tad-Direttiva 2009/138/KE mill-inqas tinkludi l-konklużjonijiet fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) suffiċjenza tal-primjums li jiġu iggwadanjati biex ikopru pretensjonijiet u spejjeż futuri, b'mod partikolari billi jitqiesu r-riskji sottostanti (inklużi riskji tas-sottoskrizzjoni), u l-impatt tal-opzjonijiet u l-garanziji inklużi fil-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fuq is-suffiċjenza tal-primjums;

(b) l-effett tal-inflazzjoni, ir-riskju legali, il-bidla fil-kompożizzjoni tal-portafoll tal-impriża, u tas-sistemi li jaġġustaw il-primjums li d-detenturi ta' polza jħallsu billi jnaqqsuhom jew iżiduhom skont l-imgħoddi tal-pretensjonijiet tagħhom (sistemi ta' bonus-malus) jew sistemi simili, implimentati fi gruppi ta' riskju omoġenji speċifiċi;

(c) it-tendenza progressiva ta' portafoll ta' kuntratti tal-assigurazzjoni li jattiraw jew iżommu lil persuni assigurati bi profil tar-riskju ogħla (antiselezzjoni).

7. Rigward l-arranġamenti globali tar-riassigurazzjoni, l-opinjoni li tinħareġ mill-funzjoni attwarja skont l-Artikolu 48(1)(h) tad-Direttiva 2009/138/KE tinkludi analiżi dwar l-adegwatezza ta' dawn li ġejjin:

(a) il-profil tar-riskju u l-politika ta' sottoskrizzjoni tal-impriża;

(b) il-forniturі tar-riassigurazzjoni b'kunsiderazzjoni għall-affidabbiltà kreditizja tagħhom;

▼B

(c) il-kopertura mistennija f'xenarji ta' stress fir-rigward tal-politika ta' sottoskrizzjoni;

(d) il-kalkolu tal-ammonti rekuprabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

8. Il-funzjoni attwarja tipproduċi rapport bil-miktub li jiġi ppreżentat lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, tal-inqas darba fis-sena. Ir-rapport jiddokumenta l-kompiti kollha li jkunu twettqu mill-funzjoni attwarja u r-riżultati tagħhom, u jidentifika biċ-ċar kwalunkwe nuqqas u joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar kif dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu rrimedjati.

TAQSIMA 3

Rekwiżiti ta' idoneità

Artikolu 273

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politiki ddokumentati u proċeduri adegwati biex jiżguraw li l-persuni kollha li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn huma kompetenti u idonei f'kull ħin skont it-tifsira tal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Il-valutazzjoni ta' jekk persuna hijiex kompetenti tinkludi valutazzjoni tal-kwalifiki professjonali u formali tal-persuna, għarfien u esperjenza rilevanti fis-settur tal-assigurazzjoni, setturi finanzjarji oħra jew negozji oħra u tikkunsidra d-dmirijiet rispettivi allokati lil dik il-persuna u, fejn rilevanti, il-ħiliet ta' assigurazzjoni, finanzjarji, ta' kontabilità, attwarji u maniġerjali tal-persuna.

3. Il-valutazzjoni ta' jekk il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju humiex kompetenti tikkunsidra d-dmirijiet rispettivi allokati lill-membri individwali sabiex tiżgura diversità xierqa ta' kwalifiki, għarfien u esperjenza rilevanti biex jiġi żgurat li l-impriża titmexxa u tkun issorveljata b'mod professjonali.

4. Il-valutazzjoni ta' jekk persuna hijiex idonea tinkludi valutazzjoni tal-onestà u s-soliditá finanzjarja ta' dik il-persuna fuq il-bażi ta' evidenza rigward il-karattru, l-imġiba personali u l-kondotta tal-operazzjonijiet tagħha inklużi kwalunkwe aspett kriminali, finanzjarju u superviżorju rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni.

TAQSIMA 4

Esternalizzazzjoni

Artikolu 274

1. Kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li testernalizza jew tipproponi li jiġu esternalizzati funzjonijiet jew attivitajiet tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni lil fornitur tas-servizzi tistabbilixxi politika ta' esternalizzazzjoni bil-miktub li tqis l-impatt tal-esternalizzazzjoni fuq in-negozju tagħha u l-arranġamenti tar-rapportar u

▼B

l-monitoraġġ li jridu jiġu implimentati f'każijiet ta' esternalizzazzjoni. L-impriża tiżgura li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni jkunu konsistenti mal-obbligi tal-impriża kif stabbilit fl-Artikolu 49 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-fornitur tas-servizz ikunu membri tal-istess grupp, fl-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operattivi kritiċi jew importanti l-impriża tqis kemm l-impriża tikkontrolla lill-fornitur tas-servizz jew ikollha l-ħila li tinfluwenza l-azzjonijiet tiegħu.

3. Meta jintgħażel il-fornitur tas-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti, il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jiżgura li:

(a) isir eżami dettaljat biex jiġi żgurat li l-fornitur potenzjali tas-servizz ikollu l-ħila u l-kapaċità u kwalunkwe awtorizzazzjoni meħtieġa bil-liġi li jipprovdi l-funzjonijiet jew l-attivitajiet meħtieġa b'mod sodisfaċenti, f'kunsiderazzjoni tal-objettivi u l-bżonnijiet tal-impriża;

(b) il-fornitur tas-servizz ikun adotta l-mezzi kollha biex jiżgura li l-ebda kunflitt ta' interessi espliċitu jew potenzjali ma jxekkel l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-impriża li testernalizza;

(c) jintlaħaq ftehim bil-miktub bejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-fornitur tas-servizz li jiddefinixxi biċ-ċar id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-impriża u l-fornitur tas-servizz;

(d) it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-ftehim tal-esternalizzazzjoni jiġu spjegati b'mod ċar lill korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u awtorizzati minnhom;

(e) l-esternalizzazzjoni ma tinvolvix il-ksur ta' xi liġi, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta;

(f) il-fornitur tas-servizz huwa soġġett għall-istess dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni relatata mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew il-benefiċjarji jew id-detenturi ta' polza tagħha li huma applikabbli għall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. B'mod partikolari, il-ftehim bil-miktub imsemmi fil-paragrafu 3(c) li għandu jiġi konkluż bejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-fornitur tas-servizz jiddikjara b'mod ċar ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet involuti;

(b) l-impenn tal-fornitur tas-servizz li jikkonforma mal-liġijiet applikabbli, ir-rekwiżiti regolatorji u l-linji gwida kollha kif ukoll il-politiki approvati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u li jikkoopera mal-awtorità superviżorja tal-impriża rigward il-funzjoni jew l-attività esternalizzata;

(c) l-obbligu tal-fornitur tas-servizz li jiżvela kwalunkwe żvilupp li jista' jħalli impatt materjali fuq il-ħila tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet u l-attivitajiet esternalizzati b'mod effettiv u f'konformità mal-liġijiet applikabbli u r-rekwiżiti regolatorji;

▼B

(d) perjodu ta' avviż għat-terminazzjoni tal-kuntratt mill-fornitur tas-servizz li jagħti żmien biżżejjed biex lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun tista' ssib soluzzjoni alternattiva;

(e) li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun tista' ttemm l-arranġament għall-esternalizzazzjoni meta jkun hemm bżonn mingħajr ħsara għall-kontinwità u l-kwalità tal-forniment tas-servizzi tagħha lid-detenturi ta' polza;

(f) li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tirriżerva d-dritt li tkun mgħarrfa dwar il-funzjonijiet u l-attivitajiet esternalizzati u t-twettiq tagħhom mill-fornitur tas-servizz kif ukoll id-dritt li toħroġ linji gwida ġenerali u struzzjonijiet individwali indirizzati lill-fornitur tas-servizz dwar xi jrid jikkunsidra meta jwettaq il-funzjonijiet jew l-attivitajiet esternalizzati;

(g) li l-fornitur tas-servizz jipproteġi kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u d-deteneturi ta' polza, il-benefiċjarji, l-impjegati, il-partijiet kontraenti tagħha u kull persuna oħra;

(h) li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-awditur estern tagħha u l-awtorità superviżorja jkollhom aċċess effettiv għall-informazzjoni kollha marbuta mal-funzjonijiet u l-attivitajiet esternalizzati inkluż it-twettiq ta' spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tan-negozju tal-fornitur tas-servizz;

(i) li, fejn xieraq u meħtieġ għall-finijiet ta' superviżjoni, l-awtorità superviżorja tista' tagħmel mistoqsijiet direttament lill-fornitur tas-servizz li l-fornitur tas-servizz irid iwieġeb;

(j) li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tista' tikseb informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati u tista' toħroġ struzzjonijiet dwar l-attivitajiet u l-funzjonijiet esternalizzati;

(k) it-termini u l-kundizzjonijiet, fejn applikabbli, li bihom il-fornitur tas-servizz jista' jagħti b'subesternalizzazzjoni kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet u l-attivitajiet esternalizzati;

(l) li d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-fornitur tas-servizz li jirriżultaw mill-ftehim tiegħu mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jibqgħu mhux affettwati minn kwalunkwe subesternalizzazzjoni li sseħħ skont il-punt (k).

5. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li testernalizza funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tiżgura li l-aspetti rilevanti tas-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju u kontroll intern tal-fornitur tas-servizz ikunu adegwati biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 49(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(b) tqis b'mod adegwat l-attivitajiet esternalizzati fis-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju u kontroll intern tagħha biex tiżgura li tinżamm konformità mal-Artikolu 49(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) tivverifika li l-fornitur tas-servizz ikollu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex iwettaq il-kompiti addizzjonali b'mod xieraq u affidabbli, u li l-persunal tal-fornitur tas-servizz li se jkun involut fil-forniment tal-funzjonijiet jew l-attivitajiet esternalizzati ikun ikkwalifikat u affidabbli biżżejjed;

(d) tiżgura li l-fornitur tas-servizz ikollu pjanijiet ta' kontinġenza adegwati fis-seħħ biex jilqa' għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew tqallib tal-operat u perjodikament jittestja faċilitajiet ta' riżerva meta jkun hemm bżonn, filwaqt li jqis il-funzjonijiet u attivitajiet esternalizzati.

TAQSIMA 5

Politika tar-remunerazzjoni

Artikolu 275

1. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politika tar-remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 258(1) (l), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkonformaw mal-prinċipji kollha li ġejjin:

(a) il-politika tar-remunerazzjoni u l-prattiki tar-remunerazzjoni jiġu stabbiliti, implimentati u jinżammu f'konformità mal-istrateġija tan-negozju u tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża, il-profil tar-riskju, l-objettivi, il-prattiki tal-immaniġġjar tar-riskju u l-interessi fit-tul tagħha u l-prestazzjoni tal-impriża sħiħa u jinkorporaw miżuri bl-għan li jevitaw kunflitti ta' interess;

(b) il-politika tar-remunerazzjoni tippromwovi ġestjoni soda u effettiva tar-riskju u ma tinkoraġġix teħid tar-riskji li jaqbeż il-limiti ta' tolleranza tar-riskju tal-impriża;

(c) il-politika tar-remunerazzjoni tapplika għall-impriża sħiħa, u fiha arranġamenti speċifiċi li jqisu l-kompiti u l-prestazzjoni tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn u kategoriji oħra ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża;

(d) il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-politika tar-remunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha;

▼B

(e) ikun hemm governanza ċara, trasparenti u effettiva rigward ir-remunerazzjoni, inkluża s-sorveljanza tal-politika tar-remunerazzjoni;

(f) jinħoloq kumitat tar-remunerazzjoni indipendenti, jekk xieraq, fir-rigward tas-sinifikat tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'termini tad-daqs u l-organizzazzjoni interna, sabiex jappoġġja perjodikament lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fis-sorveljanza tat-tfassil tal-politika tar-remunerazzjoni u l-prattiki tar-remunerazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tagħhom;

(g) il-politika tar-remunerazzjoni tiġi żvelata lil kull membru tal-persunal tal-impriża.

2. L-arranġamenti speċifiċi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1c jikkonformaw mal-prinċipji kollha li ġejjin:

(a) meta l-iskemi tar-remunerazzjoni jinkludu kemm komponenti fissi kif ukoll varjabbli, dawk il-komponenti jkunu bbilanċjati sabiex il-komponent fiss jew iggarantit jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-remunerazzjoni totali sabiex jevitaw milli l-impjegati jkunu dipendenti wisq fuq il-komponenti varjabbli u jippermettu lill-impriża tħaddem politika ta' bonus kompletament flessibbli, inkluża l-possibilità tal-ħlas ta' ebda komponent varjabbli;

(b) meta r-remunerazzjoni varjabbli tkun relatata mal-prestazzjoni, l-ammont totali tar-remunerazzjoni varjabbli jkun ibbażat fuq taħlita tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju kkonċernata u tar-riżultat globali tal-impriża jew tal-grupp li l-impriża tkun parti minnu;

(c) il-ħlas ta' porzjon sostanzjali tal-komponent ta' remunerazzjoni varjabbli, tkun xi tkun il-forma li biha għandu jitħallas, ikun fih komponent flessibbli u differit li jqis l-għamla u l-medda ta' żmien tan-negozju tal-impriża: dak il-perjodu ta' differiment ma jkunx inqas minn tliet snin u l-perjodu jkun allinjat kif suppost mal-għamla tan-negozju, ir-riskji tiegħu, u l-attivitajiet tal-impjegati kkonċernati;

(d) il-kriterji finanzjarji u anki dawk mhux finanzjarji jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata prestazzjoni ta' individwu;

(e) il-kejl ta' prestazzjoni, bħala bażi għal rimunerazzjoni varjabbli, jinkludi aġġustament 'l isfel għall-iskopertura għar-riskji attwali u futuri, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-profil tar-riskju tal-impriża u l-kost tal-kapital;

(f) il-pagamenti ta' terminazzjoni jkunu marbutin mal-prestazzjoni miksuba tul il-perjodu sħiħ ta' attività u jitfasslu b'mod li ma jippremjawx il-falliment;

(g) persuni soġġetti għall-politika tar-remunerazzjoni jieħdu impenn sabiex ma jużawx xi strateġija personali ta' ħħeġġjar jew assigurazzjoni relatata mar-remunerazzjoni u r-responsabbiltà li tkun ta' xkiel għall-effetti tal-allinjament tar-riskji inkorporati fl-arranġament tar-remunerazzjoni tagħhom.

▼B

(h) Il-parti varjabbli tar-remunerazzjoni tal-persunal attiv fil-funzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 269 sa 272 tkun tiddependi fuq il-prestazzjoni tal-unitajiet operazzjonali u l-oqsma li huma sottomessi għall-kontroll tagħhom;

3. Il-politika tar-remunerazzjoni titfassal b'tali mod li tqis l-organizzazzjoni interna tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, u l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tagħha.

KAPITOLU X

SUPPLIMENTAZZJONI KAPITALI

TAQSIMA 1

Ċirkustanzi biex tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali

Artikolu 276

Valutazzjoni ta' devjazzjoni sinifikanti rigward ir-RKS

Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, fil-konklużjoni li l-profil tar-riskju ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiddevja b'mod konsiderevoli mis-suppożizzjonijiet li jsawru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (RKS) kif ikkalkulat bl-użu ta' formula standard jew mudell intern, l-awtoritajiet superviżorji iqisu l-fatturi rilevanti kollha inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-għamla, it-tip u d-daqs tad-devjazzjoni;

(b) il-probabbiltà u s-severità ta' kwalunkwe impatt avvers fuq detenturi ta' polza u benefiċjarji;

(c) il-livell ta' sensittività tas-suppożizzjonijiet li d-devjazzjoni hija relatata magħhom;

(d) it-tul antiċipat u l-volatilità tad-devjazzjoni tul il-perjodu tad-devjazzjoni.

Artikolu 277

Valutazzjoni ta' devjazzjoni sinifikanti rigward il-governanza

Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE, fil-konklużjoni li s-sistema ta' governanza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiddevja b'mod sinifikanti mill-istandards stipulati fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-fatturi rilevanti kollha inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-effett tad-devjazzjoni mill-istandards ta' governanza kif stabbiliti fit-Titolu I, fil-Kapitolu IV, Taqsima 2 tad-Direttiva 2009/138/KE fuq il-ġestjoni soda u prudenti tan-negozju u jekk id-devjazzjoni tirriżultax minn implimentazzjoni inadegwata ta' rekwiżit relatat mas-sistema ta' governanza jew nuqqas ta' implimentazzjoni ta' rekwiżit tali;

▼B

(b) il-probabbiltà u s-severità ta' kwalunkwe impatt avvers fuq detenturi ta' polza u benefiċjarji;

(c) il-modi differenti ta' organizzazzjoni ta' sistema effettiva ta' governanza li tkun proporzjonali għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-impriża;

(d) it-telf finanzjarju probabbli li tista' ġġarrab l-impriża bħala konsegwenza tad-devjazzjoni;

(e) it-tul antiċipat tad-devjazzjoni.

Artikolu 278

Valutazzjoni ta' devjazzjoni sinifikanti rigward aġġustamenti fir-rata rilevanti mingħajr riskju u miżuri ta' tranżizzjoni

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE, fil-konklużjoni li l-profil tar-riskju ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiddevja b'mod konsiderevoli mis-suppożizzjonijiet sottostanti l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b ta' dik id-Direttiva, l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d ta' dik id-Direttiva jew il-miżuri ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 308c u 308d ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-fatturi rilevanti kollha inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-għamla, it-tip u d-daqs tad-devjazzjoni;

(b) il-probabbiltà u s-severità ta' kwalunkwe impatt avvers fuq detenturi ta' polza u benefiċjarji;

(c) il-livell ta' sensittività tas-suppożizzjonijiet li d-devjazzjoni hija relatata magħhom;

(d) id-durata antiċipata u l-volatilità tad-devjazzjoni tul id-durata tad-devjazzjoni;

(e) l-impatt tad-devjazzjoni fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji tal-impriża.

2. Rigward l-aġġustament ta' korrispondenza u l-miżuri ta' tranżizzjoni u fir-rigward tal-aġġustament tal-volatilità, meta l-Istati Membri jitolbu approvazzjoni minn qabel għal dan l-aġġustament, meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza jkunu ppermettew lil impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża waħda minn dawn l-aġġustamenti jew miżuri ta' tranżizzjoni, jistgħu jimponu supplimentazzjoni kapitali skont l-Artikolu 37 paragrafu (1)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE biss f'ċirkostanzi li fihom id-devjazzjoni mis-suppożizzjonijiet sottostanti tal-aġġustamenti jew il-miżuri ta' tranżizzjoni tkun waħda ta' xorta temporanja u ma tiġġustifikax ir-revoka tal-approvazzjoni superviżorja għall-użu tal-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni.

▼B

Artikolu 279

Supplimentazzjonijiet relatati ma' devjazzjonijiet minn suppożizzjonijiet tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

1. Meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza mmodifikat kif ikkalkulat skont l-Artikolu 282(a) jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif ikkalkulat f'282(b) b'10 fil-mija jew aktar, l-awtoritajiet superviżorji jikkonkludu li l-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiddevja b'mod konsiderevoli mis-suppożizzjonijiet sottostanti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont it-tifsira tal-Artikolu 37(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, sakemm ma jkollhomx evidenza qawwija li dan mhuwiex il-każ fuq il-bażi tal-fatturi stipulati fl-Artikolu 276.

2. Meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza mmodifikat kif ikkalkulat fl-Artikolu 282(a) jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif ikkalkulat f'282(b) bi 15 fil-mija jew aktar, l-awtoritajiet superviżorji jikkonkludu li l-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiddevja b'mod konsiderevoli mis-suppożizzjonijiet sottostanti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont it-tifsira tal-Artikolu 37(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 280

Valutazzjoni tar-rekwiżit għall-użu ta' mudell intern

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE, iċ-ċirkostanzi li fihom ir-rekwiżit li jintuża mudell intern ma jkunx xieraq jinkludu dawk meta r-riżorsi finanzjarji u oħrajn stmati meħtieġa biex jiġi żviluppat il-mudell intern ikunu sproporzjonati meta mqabblin mad-daqs tad-devjazzjoni tal-profil tar-riskju tal-impriża mis-suppożizzjonijiet sottostanti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit biex jintuża mudell intern ma jkunx effettiv meta ma jkun ġie żviluppat ebda mudell intern jew meta l-mudell intern żviluppat jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni tal-mudelli interni sħaħ u parzjali kif stipulat fit-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsimajiet 1 u 3 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 281

Perjodu ta' żmien xieraq għall-adattament tal-mudell intern

Għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2009/138/KE rispettivament, fil-konklużjoni li l-adattament tal-mudell intern biex jiġi rifless aħjar il-profil tar-riskju partikolari ma rnexxiex jew li l-applikazzjoni ta' miżuri oħrajn x'aktarx mhux se ttejjeb in-nuqqasijiet, l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-fatturi rilevanti kollha meta jagħżlu perjodu ta' żmien xieraq, inklużi l-probabbiltà u s-severità ta' kwalunkwe impatt negattiv fuq id-detenturi ta' polza u l-benefiċjarji. Dak il-perjodu ta' żmien ma jaqbiżx is-sitt xhur.

▼B

TAQSIMA 2

Metodoloġiji għall-kalkolu ta' supplimentazzonijiet kapitali

Artikolu 282

Kalkolu ta' supplimentazzjonijiet relatati ma' devjazzjonijiet minn suppożizzjonijiet tar-RKS

Għall-finijiet ta' impożizzjoni ta' supplimentazzjoni kapitali skont l-Artikolu 37(1)(a) jew (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji jikkalkulaw is-supplimentazzjoni kapitali bħala d-differenza, fi żmien partikolari, bejn dawn li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, eskluża kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali preċedenti jew simultanja, li jkun ikkalkulat li kieku l-formula standard jew mudell intern, kif xieraq, ġew modifikati biex jirriflettu l-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u biex tiġi żgurata konformità mal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, eskluża kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali preċedenti jew simultanja.

Artikolu 283

Kamp ta' applikazzjoni u approċċ ta' modifiki rigward devjazzjoni minn suppożizzjonijiet tar-RKS

1. Meta jikkalkulaw l-ammont imsemmi fl-Artikolu 282(a), l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-aspetti tal-formula standard jew il-mudell intern li wasslu għad-devjazzjoni tal-profil tar-riskju supponut bil-formula standard jew il-mudell intern mill-profil tar-riskju attwali tal-impriża inklużi, fejn rilevanti, riskji kwantifikabbli li ma ttiħdux f'kunsiderazzjoni mill-formula standard jew il-mudell intern, l-istruttura tal-formula jew il-mudell, il-metodi ta' aggregazzjoni, il-parametri, u s-suppożizzjonijiet.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji jimmodifikaw is-suppożizzjonijiet u l-parametri sottostanti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif ikkalkulat permezz tal-formula standard jew il-mudell intern, sabiex dawk is-suppożizzjonijiet jew il-parametri jirriflettu kif xieraq il-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Meta l-modifiki msemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux biżżejjed jew adegwati biex jiġi kkalkulat l-ammont imsemmi fl-Artikolu 282(a), jintużaw metodoloġiji alternattivi li jmorru lil hinn mill-modifika ta' suppożizzjonijiet jew parametri għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 282(a).

▼B

4. Kwalunkwe modifika msemmija fil-paragrafu 2 jew metodoloġija alternattiva msemmija fil-paragrafu 3 tuża tekniki attwarji u statistiċi xierqa, applikabbli u rilevanti u tkun imsejsa fuq dejta preċiża, kompluta u xierqa tal-impriża, jew meta din ma tkunx disponibbli, dejta li hija direttament rilevanti għall-operazzjonijiet ta' dik l-impriża.

5. Meta l-metodoloġiji alternattivi msemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux biżżejjed jew xierqa, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għall-finijiet tal-Artikolu 282(a) billi jqabblu r-Rekwiżiti Kapital tas-Solvenza ta' impriżi ma' profili tar-riskju simili.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 4 u 5, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jużaw informazzjoni relatata ma' impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni oħrajn bi profili tar-riskju simili sakemm l-awtoritajiet superviżorji jiżguraw li r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom biex jistabbilixxu supplimentazzjoni kapitali jkunu ddikjarati skont l-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u sakemm din id-dikjarazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali fl-Artikolu 64 ta' dik id-Direttiva.

7. L-awtoritajiet superviżorji ma jqabblux aspetti tad-devjazzjoni tal-profil tar-riskju, li jindikaw li Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza inqas jirrifletti aħjar il-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, mal-aspetti l-oħrajn li jindikaw li Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ogħla huwa xieraq, sakemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) teżisti modifika jew metodoloġija li tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 4 biex tikkwantifika l-impatt fuq l-ammont imsemmi fl-Artikolu 282(a) tal-aspetti li jindika Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza inqas;

(b) ma jkunx xieraq li jiġu indirizzati l-aspetti li jindikaw Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza inqas billi jinbidlu parametri standard ma' parametri speċifiċi għall-impriża skont l-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE jew bl-użu ta' mudell intern skont l-Artikolu 112 ta' dik id-Direttiva;

(c) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kumplessiv li jirriżulta wara t-tqabbil tad-devjazzjonijiet tal-profil tar-riskju ma' xulxin jikkonforma mal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 284

Kalkolu ta' supplimentazzjonijiet relatati ma' aġġustamenti fir-rata rilevanti mingħajr riskju jew miżuri ta' tranżizzjoni

Sabiex tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali skont l-Artikoli 37(1)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji jikkalkulaw is-supplimentazzjoni kapitali bħala t-total, fi żmien partikolari, tal-ammonti li ġejjin:

▼B

(a) in-negattiv tal-ammont ta' fondi proprji eliġibbli li jkun ikkalkulat jekk l-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni tkun ġiet modifikata b'tali mod li s-suppożizzjonijiet li jsawru l-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni jkunu adattati għall-assi, l-obbligazzjonijiet u l-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) l-ammont ta' Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, eskluż supplimentazzjoni kapitali preċedenti jew simultanja, li tkun ikkalkulata jekk l-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni tkun ġiet immodifikata b'tali mod li s-suppożizzjonijiet sottostanti tal-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni jkunu adattati għall-assi, l-obbligazzjonijiet u l-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, u jiżguraw konformità mal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) l-ammont ta' fondi proprji eliġibbli;

(d) in-negattiv tal-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, eskluża kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali preċedenti jew simultanja, tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 285

Kamp ta' applikazzjoni u approċċ tal-modifiki rigward aġġustamenti għar-rata rilevanti bla riskju u miżuri ta' tranżizzjoni

1. Meta jikkalkulaw l-ammonti msemmijin fl-Artikolu 284(a) u (b), l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-karatteristiċi tal-assi, l-obbligazzjonijiet jew il-profil tar-riskju tal-impriża li taw lok għad-devjazzjoni mis-suppożizzjonijiet sottostanti għall-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji jimmodifikaw l-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni u l-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza b'tali mod li s-suppożizzjonijiet sottostanti tal-aġġustament jew il-miżura ta' tranżizzjoni jkunu adattati għall-assi, l-obbligazzjonijiet u l-profil tar-riskju attwali tal-impriża tal-assigurazjoni jew tar-riassigurazzjoni, u jiżguraw konformità mal-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

3. Kwalunkwe modifika msemmija fil-paragrafu 2 tuża tekniki attwarji u statistiċi xierqa, applikabbli u rilevanti u tkun imsejsa fuq dejta preċiża, kompluta u xierqa tal-impriża, jew meta din ma tkunx disponibbli, dejta li hija direttament rilevanti għall-operazzjonijiet ta' dik l-impriża.

Artikolu 286

Kalkolu ta' supplimentazzjonijiet relatati ma' devjazzjonijiet minn standards ta' governanza

Għall-finijiet tal-kalkolu ta' supplimentazzjoni kapitali kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji jqisu l-fatturi rilevanti kollha inklużi dawn kollha li ġejjin:

▼B

(a) fejn xieraq, il-fatturi msemmija fl-Artikolu 277;

(b) fejn xieraq, supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti preċedentement għal devjazzjonijiet paragunabbli ta' impriżi oħra tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi profili tar-riskju simili diment li l-awtoritajiet superviżorji jiżguraw li r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom li jistabbilixxu supplimentazzjoni kapitali jkunu ddikjarati skont l-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u din id-dikjarazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali stipulati fl-Artikolu 64 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 287

Tqassim tas-supplimentazzjonijiet għal impriżi li fl-istess ħin iwettqu attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja

1. Meta jikkalkulaw is-supplimentazzjoni kapitali marbuta ma' impriża tal-assigurazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 73(2) jew (5) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji jikkalkulaw supplimentazzjoni kapitali nozzjonali tal-assigurazzjoni tal-ħajja u supplimentazzjoni kapitali nozzjonali tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

2. Meta l-kawżi tad-devjazzjonijiet rilevanti jistgħu jitqassmu b'mod oġġettiv bejn l-attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja u l-attività tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-awtoritajiet superviżorji jikkalkulaw is-supplimentazzjoni kapitali nozzjonali tal-ħajja u s-supplimentazzjoni kapitali nozzjonali mhux tal-ħajja skont l-istess tqassim.

3. Meta ma jkunx possibbli tqassim skont il-paragrafu 2, l-awtoritajiet superviżorji jikkalkulaw is-supplimentazzjoni kapitali nozzjonali tal-ħajja u s-supplimentazzjoni kapitali nozzjonali mhux tal-ħajja bl-istess mod bħat-tqassim bejn ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali tal-ħajja u Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali mhux tal-ħajja kif imsemmi fl-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

KAPITOLU XI

ESTENSJONI TAL-PERJODU TA' RKUPRU

Artikolu 288

Valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet avversi eċċezzjonali

Għall-finijiet ta' dikjarazzjoni tal-eżistenza ta' sitwazzjoni avversa eċċezzjonali li taffettwa impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw sehem sinifikanti mis-suq jew il-linji operazzjonali affettwati, kif imsemmi fl-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-EIOPA tqis il-fatturi u l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-impatt ta' deċiżjonijiet sussegwenti possibbli mill-awtoritajiet superviżorji biex jestendu l-perjodu ta' rkupru, fuq is-swieq finanzjarji, fuq id-disponibbiltà ta' prodotti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni u fuq detenturi ta' polza u benefiċjarji;

▼B

(b) in-numru, id-daqs u s-sehem mis-suq tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni milqutin mis-sitwazzjoni avversa eċċezzjonali u jekk id-daqs u l-għamla ta' dawk l-impriżi setgħux, meta jitqiesu flimkien, ikollhom effett negattiv fuq is-swieq finanzjarji jew fuq is-swieq tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni;

(c) effetti proċikliċi possibbli tal-istabbiliment mill-ġdid tal-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, inkluż il-bejgħ ta' assi f'diffikultà fis-swieq finanzjarji;

(d) il-possibbiltà għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jiġbru fondi proprji addizzjonali fis-swieq finanzjarji;

(e) id-disponibbiltà ta' suq attiv għal assi miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-likwidità ta' dak is-suq;

(f) il-kapaċità tas-suq tar-riassigurazzjoni sabiex jipprovdi kopertura tar-riassigurazzjoni jew ir-retroċessjoni;

(g) id-disponibbiltà fis-swieq finanzjarji ta' tekniki adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju, inklużi strumenti finanzjarji;

(h) id-disponibbiltà fis-swieq finanzjarji ta' mezzi oħra biex inaqqsu l-iskopertura għar-riskju ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Artikolu 289

Fatturi u kriterji biex tinstab l-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru

Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE u jiġi ddeterminat it-tul tiegħu għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni partikolari, l-awtorità superviżorja għandha tqis il-fatturi u l-kriterji msemmija fil-punti (c) sa (h) tal-Artikolu 288 ta' dan ir-Regolament u l-fatturi u l-kriterji li ġejjin li huma speċifiċi għall-impriża:

(a) l-impatt ta' estensjoni fuq id-detenturi ta' polza u benefiċjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni;

(b) kemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiġi milquta mis-sitwazzjoni avversa eċċezzjonali;

(c) il-mezzi disponibbli għall-impriża biex tistabbilixxi mill-ġdid il-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-eżistenza ta' pjan ta' rkupru realistiku;

(d) il-kawżi u l-grad ta' nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) il-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

▼B

(f) il-kompożizzjoni tal-assi miżmuma mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(g) l-għamla u t-tul tal-provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħrajn tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(h) fejn applikabbli, id-disponibbiltà tal-appoġġ finanzjarju minn impriżi oħra tal-grupp li fih tappartjeni l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(i) kwalunkwe miżura meħuda mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex tillimita l-fluss ta' ħruġ ta' kapital u d-deterjorament tal-pożizzjoni tas-solvenza tagħha.

KAPITOLU XII

DIVULGAZZJONI PUBBLIKA

TAQSIMA 1

Rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza: struttura u kontenut

Artikolu 290

Struttura

1. Ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza jsegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness XX u jiżvela l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 292 sa 298 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport ikun fih informazzjoni narrattiva f'forma kwantitattiva u kwalitattiva ssupplimentata, fejn xieraq, b'mudelli kwantitattivi.

Artikolu 291

Materjalità

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata fir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza titqies bħala materjali jekk l-ommissjoni jew id-dikjarazzjoni skorretta tagħha tista' tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dak id-dokument, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 292

Sommarju

1. Ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza jinkludi sommarju ċar u konċiż. Is-sommarju tar-rapport ikun jinftiehem mid-detenturi ta' polza u l-benefiċjarji.

2. Is-sommarju tar-rapport jixħet dawl fuq kwalunkwe bidla materjali fin-negozju u l-prestazzjoni, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-valutazzjoni għal skopijiet ta' solvenza u l-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni matul il-perjodu tar-rapportar.

▼B

Artikolu 293

Negozju u prestazzjoni

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward in-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) l-isem u l-forma ġuridika tal-impriża;

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni finanzjarja tal-impriża u, fejn applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tas-superviżur tal-grupp li l-impriża tappartjeni fih;

(c) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awditur estern tal-impriża;

(d) deskrizzjoni tad-detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fl-impriża;

(e) meta l-impriża tappartjeni fi grupp, id-dettalji tal-pożizzjoni tal-impriża fl-istruttura legali tal-grupp;

(f) il-linji operazzjonali materjali tal-impriża u ż-żoni ġeografiċi materjali fejn twettaq in-negozju;

(g) kwalunkwe negozju sinifikanti jew event ieħor li seħħ matul il-perjodu tar-rapportar li ħalla impatt materjali fuq l-impriża.

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, fuq livell aggregat u skont il-linja operatorja materjali u ż-żoni ġeografiċi materjali fejn twettaq negozju matul il-perjodu tar-rapportar, flimkien ma' tqabbil tal-informazzjoni ma' dik irrapportata tul il-perjodu tar-rapportar ta' qabel, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża.

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva kollha li ġejja dwar il-prestazzjoni tal-investiment tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni matul il-perjodu tar-rapportar flimkien ma' paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata tul il-perjodu tar-rapportar ta' qabel, kif muri fir-rapporti finanzjarji ta' dik l-impriża:

(a) informazzjoni dwar dħul u spejjeż li jirriżultaw minn investimenti minn klassi ta' assi u, fejn meħtieġ għal fehim xieraq tad-dħul u l-ispejjeż, il-komponenti tat-tali dħul u spejjeż;

(b) informazzjoni dwar kwalunkwe qligħ u telf rikonoxxuti direttament fl-ekwità;

(c) informazzjoni dwar kwalunkwe investiment fit-titolizzazzjoni.

▼B

4. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jiddeskrivi d-dħul materjali l-ieħor tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-ispejjeż li ġarrbu matul il-perjodu tar-rapportar flimkien ma' paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel, kif muri fir-rapporti finanzjarji ta' dik l-impriża.

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra fuq in-negozju u l-prestazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 294

Sistema ta' governanza

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) l-istruttura tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, filwaqt li tiġi pprovduta deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu u deskrizzjoni fil-qosor tas-segregazzjoni tar-responsabbiltajiet f'dawn il-korpi, b'mod partikolari jekk jeżistux kumitati rilevanti fi ħdanhom, kif ukoll deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-funzjonijiet ewlenin;

(b) kwalunkwe bidla materjali fis-sistema ta' governanza li seħħet matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) informazzjoni dwar il-politika u l-prattiki ta' remunerazzjoni rigward il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, l-impjegati, inklużi:

(i) il-prinċipji tal-politika tar-remunerazzjoni, bi spjegazzjoni tal-importanza relattiva tal-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni;

(ii) informazzjoni dwar il-kriterji individwali u kollettivi tal-prestazzjoni li fuqhom ikun imsejjes kwalunkwe intitolament għal opzjonijiet fuq l-azzjonijiet, ishma jew komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni;

(iii) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin ta' pensjoni supplimentari jew skemi ta' rtirar bikri għall-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u persuni f'karigi b'funzjonijiet ewlenin oħrajn;

(d) informazzjoni dwar tranżazzjonijiet materjali matul il-perjodu tar-rapportar ma' azzjonisti, ma' persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-impriża, u ma' membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

▼B

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja dwar il-politika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fuq il-“kompetenza u idoneità”:

(a) deskrizzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-impriża fir-rigward ta' ħiliet, għarfien u kompetenza applikabbli għall-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li huma f'karigi b'funzjonijiet ewlenin oħrajn;

(b) deskrizzjoni tal-proċess tal-impriża għall-valutazzjoni tal-kompetenza u x-xerqien tal-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li huma f'karigi b'funzjonijiet ewlenin oħrajn.

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni li ġejja rigward is-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża li tinkludi l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar, u kif din hija kapaċi tidentifika, tkejjel, tissorvelja, tiġġestixxi u tirrapporta, b'mod effettiv u fuq bażi kontinwa, ir-riskji fuq livell individwali jew aggregat, li l-impriża hija jew tista' tkun skoperta għalihom;

(b) deskrizzjoni ta' kif is-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju inkluża l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju huma implimentati u integrati fl-istruttura organizzazzjonali u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża.

4. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja dwar il-proċess li tkun adottat l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni biex tissodisfa l-obbligu tagħha li twettaq valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza:

(a) deskrizzjoni tal-proċess imwettaq mill-impriża biex tissodisfa l-obbligu tagħha li tagħmel valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza bħala parti mis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tagħha inkluż kif il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza hija integrata fl-istruttura organizzazzjonali u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża;

(b) dikjarazzjoni li tispjeġa fid-dettall kemm-il darba l-valutazzjoni tar-riskju u s-solvenza tagħha tiġi riveduta u approvata mill-korp amministrattiv, maniġerjali u superviżorju tal-impriża;

(c) dikjarazzjoni li tispjega kif l-impriża ddeterminat il-ħtiġijiet ta' solvenza tagħha stess skont il-profil tar-riskju tagħha u kif l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kapital tagħha u s-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tagħha jinteraġixxu flimkien.

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja dwar is-sistema ta' kontroll intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

▼B

(a) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tal-impriża;

(b) deskrizzjoni ta' kif tiġi implimentata l-funzjoni ta' konformità.

6. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-uffiċċju tal-awditjar intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' kif inhu implimentat l-uffiċċju tal-awditjar intern tal-impriża;

(b) deskrizzjoni ta' kif l-uffiċċju tal-awditjar intern tal-impriża jżomm l-indipendenza u l-oġġettività tiegħu mill-attivitajiet li jivverifika.

7. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni ta' kif inhi implimentata l-funzjoni attwarja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

8. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni tal-politika ta' esternalizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, li l-esternalizzazzjoni tal-impriża ta' kwalunkwe funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti u l-ġuriżdizzjoni li jinsabu fiha l-fornituri tas-servizz tat-tali funzjoni jew attività.

9. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tas-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tagħha.

10. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 295

Profil tar-riskju

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, skont il-paragrafi 2 sa 7, separatament għall-kategoriji ta' riskju li ġejjin:

(a) riskju tas-sottoskrizzjoni;

(b) riskju tas-suq;

(c) riskju ta' kreditu;

(d) riskju tal-likwidità;

(e) riskju operazzjonali;

(f) riskji materjali oħrajn.

▼B

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni li ġejja rigward l-iskopertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, inkluża l-iskopertura li tirriżulta minn pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali u t-trasferiment tar-riskju għal veikoli bi skop speċjali:

(a) deskrizzjoni tal-miżuri użati biex jiġu vvalutati dawn ir-riskji fl-impriża, inkluża kwalunkwe bidla materjali matul il-perjodu tar-rapportar;

(b) deskrizzjoni tar-riskji materjali li l-impriża hija skoperta għalihom, inkluża kwalunkwe bidla materjali matul il-perjodu tar-rapportar.

(c) deskrizzjoni ta' kif l-assi ġew investiti skont il-"prinċipju tal-persuna prudenti" stabbilit fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE sabiex ir-riskji msemmijin f'dak l-Artikolu u l-ġestjoni tajba tagħhom jiġu indirizzati f'dik id-deskrizzjoni.

3. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tar-riskju, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni ta' kif il-konċentrazzjonijiet tar-riskju materjali li hija esposta għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

4. Fir-rigward tal-mitigazzjoni tar-riskju, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni tat-tekniki użati għall-mitigazzjoni tar-riskji, u l-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività ssoktata ta' dawn it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.

5. Fir-rigward tar-riskju tal-likwidità, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-ammont totali tal-profitt mistenni inkluż fil-primjums futuri kif ikkalkulati skont l-Artikolu 260(2).

6. Fir-rigward tas-sensittività għar-riskju, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni tal-metodi użati, is-suppożizzjonijiet magħmula u r-riżultat tat-tests tal-istress u analiżi tas-sensittività għal riskji u eventi materjali.

7. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 296

Valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valutazzjoni tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal finijiet tas-solvenza:

(a) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' assi, il-valur tal-assi, kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni għal finijiet tas-solvenza;

▼B

(b) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' assi, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħha f'dikjarazzjonijiet finanzjarji.

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal finijiet ta' solvenza:

(a) b'mod separat għal kull linja operatorja materjali, il-valur tal-provvedimenti tekniċi, inkluż l-ammont tal-aħjar stima u l-marġni ta' riskju, kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħha għal finijiet ta' solvenza;

(b) deskrizzjoni tal-livell ta' inċertezza assoċjat mal-valur tal-provvedimenti tekniċi;

(c) b'mod separat għal kull linja operatorja materjali, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'rapporti finanzjarji;

(d) meta jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, deskrizzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza u tal-portafoll tal-obbligi u l-assi assenjati li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza, kif ukoll kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament ta' korrispondenza fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' dik l-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) dikjarazzjoni dwar jekk l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex użat mill-impriża u l-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament tal-volatilità fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' dik l-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(f) dikjarazzjoni dwar jekk l-istruttura tranżitorja tat-terminu rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE hijiex applikata u kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżura ta' tranżizzjoni fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

▼B

(g) dikjarazzjoni dwar jekk it-tnaqqis tranżitorju msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex applikat u kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżura tat-tnaqqis fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

(h) deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin:

(i) ir-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) kwalunkwe bidla materjali fis-suppożizzjonijiet rilevanti li saru fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar ta' qabel.

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja rigward il-valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet l-oħra tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għall-finijiet ta' solvenza:

(a) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, il-valur ta' obbligazzjonijiet oħrajn kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħhom għal skopijiet ta' solvenza;

(b) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali fil-bażijiet ta' valutazzjoni, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati mill-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'rapporti finanzjarji.

▼M1

4. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi informazzjoni dwar l-oqsma stipulati fl-Artikolu 263 f'konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif stipulat fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet għall-finijiet ta' solvenza.

Artikolu 297

Ġestjoni tal-Kapital

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar l-objettivi, il-politiki u l-proċessi użati mill-impriża għall-ġestjoni tal-fondi proprji tagħha, inkluża informazzjoni dwar il-medda ta' żmien użata għall-ippjanar tan-negozju u dwar kwalunkwe bidla materjali matul il-perjodu tar-rapportar;

▼B

(b) b'mod separat għal kull livell, informazzjoni dwar l-istruttura, l-ammont u l-kwalità tal-fondi proprji fi tmiem il-perjodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu tar-rapportar ta' qabel, inkluża analiżi tal-bidliet sinifikanti f'kull livell matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikklassifikat skont il-livelli;

(d) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji bażiċi biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu, ikklassifikat skont il-livelli;

(e) spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn ekwità kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża u l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet kif ikkalkulat għall-finijiet ta' solvenza;

(f) għal kull entrata ta' fondi proprji bażiċi li hija suġġetta għall-arranġamenti tranżitorji msemmija fl-Artikoli 308b(9) u 308b(10) tad-Direttiva 2009/138/KE, deskrizzjoni tal-għamla tal-entrata u l-ammont tagħha;

(g) għal kull entrata materjali ta' fondi proprji anċillari, deskrizzjoni tal-entrata, l-ammont tal-entrata ta' fondi proprji anċillari u, meta jkun ġie approvat metodu li bih jinħareġ l-ammont tal-entrata ta' fondi proprji anċillari, dak il-metodu kif ukoll l-għamla u l-ismijiet tal-kontroparti jew il-grupp ta' kontrapartijiet għall-entrati msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(h) deskrizzjoni ta' kwalunkwe element imnaqqas mill-fondi proprji u deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe restrizzjoni sinifikanti li taffettwa d-disponibbiltà u t-trasferibbiltà tal-fondi proprji fl-impriża;

▼M6

(i) informazzjoni dwar taxxi differiti li għandu jkun fiha bħala minimu dan kollu li ġej:

(i) deskrizzjoni tal-ammont ikkalkulat ta' assi ta' taxxi differiti mingħajr ma jiġi vvalutat l-użu probabbli tagħhom, u l-punt sa fejn dawk l-assi tat-taxxi differiti ġew rikonoxxuti;

(ii) għal assi tat-taxxi differiti li ġew rikonoxxuti, deskrizzjoni tal-assi li aktarx se jintużaw b'referenza għal profitt taxxabbli futur probabbli u b'referenza għar-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti relatati ma' taxxi tad-dħul imposti mill-istess awtorità tat-tassazzjoni;

(iii) fir-rigward ta' assi ta' taxxi differiti netti kkalkulati bħala d-differenza bejn l-ammont tal-assi tat-taxxi differiti li ġie rikonoxxut u l-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti, l-informazzjoni kollha li ġejja:

— konferma li dawk l-assi ta' taxxi differiti netti huma disponibbli bħala entrati ta' fondi proprji bażiċi klassifikati bħala tal-Grad 3 f'konformità mal-Artikolu 76 (a)(iii);

▼M6

— deskrizzjoni tal-ammont ta' dawk l-assi ta' taxxi differiti netti li huma rikonoxxuti bħala fondi proprji eleġibbli, li japplikaw il-limiti tal-eliġibbilità mniżżla fl-Artikolu 82;

— meta l-ammont tal-assi tat-taxxi differiti jkun materjali, deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti użati għall-projezzjoni ta' profit taxxabbli futur probabbli għall-finijiet tal-Artikolu 15.

▼B

Għall-finijiet tal-paragrafu (g), l-ismijiet tal-kontropartijiet ma jiġux żvelati meta t-tali divulgazzjoni ma tkunx legalment possibbli jew ikun imprattikabbli jew meta l-kontropartijiet ikkonċernati ma jkunux materjali.

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżiti Kapitali Minimu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) l-ammonti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża fi tmiem il-perjodu tar-rapportar u, fejn applikabbli, dawn ikunu pprovduti flimkien ma' indikazzjoni li l-ammont finali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għadu soġġett għal valutazzjoni superviżorja;

(b) l-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża maqsum skont il-moduli tar-riskju meta dik l-impriża tapplika l-formula standard, u skont il-kategoriji tar-riskju meta l-impriża tapplika mudell intern;

(c) informazzjoni dwar jekk u għal liema moduli u submoduli tar-riskju tal-formula standard dik l-impriża tkun qiegħda tuża kalkoli ssimplifikati;

(d) informazzjoni dwar jekk u għal liema parametri tal-formula standard dik l-impriża tkun qed tuża parametri speċifiċi għall-impriża skont l-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) meta tkun applikabbli, dikjarazzjoni li l-Istat Membru tal-impriża għamel użu mill-opzjoni stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) sakemm l-Istat Membru tal-impriża ma jkunx uża l-opzjoni stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impatt ta' kwalunkwe parametru speċifiku għall-impriża li dik l-impriża hija meħtieġa tuża skont l-Artikolu 110 ta' dik id-Direttiva u l-ammont ta' kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali applikata għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, flimkien ma' informazzjoni konċiża dwar il-ġustifikazzjoni tagħha mill-awtorità superviżorja kkonċernata;

▼B

(g) informazzjoni dwar l-inputs użati mill-impriża biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(h) kwalunkwe bidla materjali fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu matul il-perjodu tar-rapportar, u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla bħal din;

▼M6

(i) l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf ta' taxxi differiti għandu jkun fiha bħala minimu dawn kollha li ġejjin:

(i) l-ammont li bih ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ġie aġġustat għall-kapaċità ta' assorbiment ta' telf ta' taxxi differiti, u deskrizzjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti, trasferiment lura u profitt taxxabbli futur probabbli użat biex juri użu probabbli;

(ii) meta l-ammont tal-assi tat-taxxi differiti jkun materjali, deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti użati għall-projezzjoni ta' profitt taxxabbli futur probabbli għall-finijiet tal-Artikolu 207.

▼B

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-opzjoni stabbilita fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) indikazzjoni li dik l-impriża qed tuża s-submodulu tar-riskju tal-ekwità msejjes fuq id-durata stipulat f'dak l-Artikolu għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha, wara approvazzjoni mill-awtorità superviżorja tagħha;

(b) l-ammont tar-rekwiżit kapitali għas-sottomodulu tar-riskju tal-ekwità msejjes fuq id-durata li jirriżulta mit-tali użu.

4. Meta jintuża mudell intern biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-iskopijiet differenti li għalihom dik l-impriża qed tuża l-mudell intern tagħha;

(b) deskrizzjoni tal-ambitu tal-mudell intern f'termini ta' unitajiet tan-negozju u kategoriji tar-riskju;

(c) meta jintuża mudell intern parzjali, deskrizzjoni tat-teknika li ntużat biex jiġi integrat kwalunkwe mudell parzjali intern fil-formula standard, inkluża, meta tkun rilevanti, deskrizzjoni tat-tekniki alternattivi użati;

▼B

(d) deskrizzjoni tal-metodi użati fil-mudell intern biex jiġu kkalkulati l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) spjegazzjoni, skont il-modulu tar-riskju, tad-differenzi ewlenin fil-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fil-formula standard u fil-mudell intern;

(f) il-kejl tar-riskju u l-perjodu ta' żmien użati fil-mudell intern, u meta dawn ma jkunux l-istess għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, spjegazzjoni dwar għaliex ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat permezz tal-mudell intern jipprovdi lid-detenturi ta' polza u lill-benefiċjarji livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Artikolu 101 ta' dik id-Direttiva;

(g) deskrizzjoni tal-għamla u l-adegwatezza tad-dejta użata fil-mudell intern.

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħhom jew nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu ta' dik l-impriża: il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità tul il-perjodu tar-rapportar, spjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tiegħu, kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif stabbilit fl-Artikolu 51(1)(e)(v) tad-Direttiva 2009/138/KE u spjegazzjoni tal-effetti tat-tali miżura ta' rimedju;

(b) meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża ma jkunx ġie solvut iktar tard: l-ammont tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar;

(c) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar: il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità sinifikanti u, barra minn hekk, l-ispjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tiegħu kif ukoll kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif stabbilit fl-Artikolu 51(1)(e)(v) tad-Direttiva 2009/138/KE u spjegazzjoni tal-effetti tat-tali miżura ta' rimedju;

(d) meta nuqqas ta' konformità sinifikanti mar- Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża ma jkunx ġie solvut iktar tard: l-ammont tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar.

6. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

▼B

Artikolu 298

Informazzjoni volontarja addizzjonali

Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw pubblikament, skont l-Artikolu 54(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni relatata mal-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom li d-divulgazzjoni pubblika tagħha ma tkunx meħtieġa legalment, dawn l-impriżi jaraw li t-tali informazzjoni addizzjonali tkun konsistenti ma' kwalunkwe informazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 35 ta' dik id-Direttiva.

TAQSIMA 2

Rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza: nondivulgazzjoni ta' informazzjoni

Artikolu 299

1. Meta l-awtoritajiet superviżorji jippermettu lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, skont l-Artikolu 53(1) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, biex ma jiżvelawx ċerta informazzjoni, it-tali permess jibqa' validu biss sakemm tibqa' teżisti r-raġuni għannuqqas ta' divulgazzjoni.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji malli ma tibqax teżisti r-raġuni għal kwalunkwe nuqqas ta' divulgazzjoni permessa.

TAQSIMA 3

Rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza: skadenzi, mezzi ta' divulgazzjoni u aġġornamenti

Artikolu 300

Skadenzi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 308b(6) tad-Direttiva 2009/138/KE u, wara li jgħaddi l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu, mhux iktar tard minn 14-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-impriża.

2. Malli r-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza, kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport, jiġi żvelat mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, dan jiġi sottomess lill-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 301

Mezzi ta' divulgazzjoni

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom u jmantnu sit elettroniku relatat man-negozju tagħhom, ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom jiġi żvelat fuq dak is-sit elettroniku.

▼B

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jkollhomx u ma jmantnux sit elettroniku iżda jkunu membru ta' korp kummerċjali li jkollu u jmantni sit elettroniku, ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza jiġi żvelat fuq is-sit elettroniku ta' dak il-korp, meta t-tali korp kummerċjali jippermetti li jsir hekk.

3. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom fuq sit elettroniku skont il-paragrafu 1 jew 2, dak ir-rapport għandu jibqa' disponibbli fuq dak is-sit elettroniku għal mill-inqas ħames snin mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1).

4. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jiżvelawx ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom fuq sit elettroniku skont il-paragrafi 1 u 2, jibagħtu kopja elettronika tar-rapport tagħhom lil kwalunkwe persuna li, fi żmien ħames snin mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1), titlob ir-rapport. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jibagħtu r-rapport fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn dik it-talba.

5. Irrispettivament minn jekk ir-rapport tal-impriża tqegħidx għaddispożizzjoni fuq sit elettroniku skont il-paragrafu 1 jew 2, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jibagħtu, lil kwalunkwe persuna li titlob hekk fi żmien sentejn mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1), kopja stampata tar-rapport tagħhom fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta ssir dik it-talba.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu lill-awtoritajiet superviżorji ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, u kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport, f'forma elettronika.

Artikolu 302

Aġġornamenti

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom jiżvelaw pubblikament, skont l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, informazzjoni xierqa dwar l-għamla u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp qawwi li jaffettwa b'mod sinifikanti r-rilevanza tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, l-impriża tippubblika verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Artikoli 290 sa 299 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe divulgazzjoni li ssir immedjatament mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tiġi żvelata kemm jista' jkun malajr wara l-iżvilupp qawwi msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 301 ta' dan ir-Regolament.

▼B

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, għall-finijiet tal-Artikolu 301(5), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiddeċiedu li jiżvelaw l-informazzjoni xierqa dwar l-għamla u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp qawwi li jaffettwa b'mod sinifikanti ir-rilevanza tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom permezz ta' emendi li jissupplimentaw ir-rapport inizjali.

Artikolu 303

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Meta jkun meħtieġ paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar preċedenti skont dan il-Kapitolu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkonformaw mat-tali rekwiżit biss meta l-perjodu tar-rapportar ta' qabel ikun ikopri perjodu wara d-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE.

KAPITOLU XIII

RAPPORTAR SUPERVIŻORJU REGOLARI

TAQSIMA 1

Elementi u kontenut

Artikolu 304

Elementi tar-rapportar superviżorju regolatorju

1. L-informazzjoni li l-awtoritajiet superviżorji jeħtieġu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu f'perjodi definiti minn qabel skont l-Artikolu 35(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE tinkludi dan li ġej:

(a) ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza żvelat mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 300 ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni ekwivalenti żvelata pubblikament b'mod konformi ma' rekwiżiti legali jew regolatorji oħrajn li jirreferi għalihom ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport żvelata skont l-Artikolu 302 ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-rapport superviżorju regolari li jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 307 sa 311 ta' dan ir-Regolament. Dan jippreżenta wkoll kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 293 sa 297 ta' dan ir-Regolament li l-awtoritajiet superviżorji taw permess lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, sabiex ma jiżvelawx ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. Ir-rapport superviżorju regolari jsegwi l-istess struttura bħal dik stabbilita fl-Anness XX għar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza;

▼B

(c) ir-rapport superviżorju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza (“ir-rapport superviżorju ORSA”) li jinkludi r-riżultati ta' kull valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza regolari mwettqa mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, kull meta ssir valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza skont l-Artikolu 45(5) ta' dik id-Direttiva;

(d) mudelli kwantitattivi annwali u trimestrali li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza u fir-rapport superviżorju regolari, b'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet u l-eżenzjonijiet possibbli b'konformità mal-Artikolu 35(6) u (7) tad-Direttiva 2009/138/KE. Sa fejn l-impriżi jkunu eżentati mill-obbligi tar-rapportar trimestrali skont l-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, dawn jissottomettu mudelli kwantitattivi annwali biss. L-obbligi ta' rapportar annwali ma jinkludux rapportar abbażi ta' entrata entrata meta l-impriżi jkunu eżentati minnhom skont l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih sommarju li b'mod partikolari jixħet dawl fuq kwalunkwe bidla materjali li seħħet fil-prestazzjoni u n-negozju, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u l-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tul il-perjodu tar-rapportar, u jipprovdi spjegazzjoni fil-qosor tal-kawżi u l-effetti tat-tali bidliet. Is-sommarju jinkludi informazzjoni fuq il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza għall-finijiet tal-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-ambitu tal-mudelli kwantitattivi trimestrali jkun iktar ristrett minn dak tal-mudelli kwantitattivi annwali.

4. Il-paragrafu 1 ikun mingħajr ħsara għas-setgħa tal-awtoritajiet superviżorji li jeħtieġu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkomunikaw fuq bażi regolari kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa taħt ir-responsabbiltà ta' — jew fuq talba ta' — il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' dawk l-impriżi.

Artikolu 305

Materjalità

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-informazzjoni sottomessa lis-superviżuri titqies bħala materjali meta l-ommissjoni tagħha jew dikjarazzjoni skorretta fiha tkun tista' tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 306

Rapport superviżorju dwar il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza

Ir-rapport superviżorju tal-ORSA jippreżenta dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-riżultati kwalitattivi u kwantitattivi tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza u l-konklużjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni siltet minn dawk ir-riżultati;

▼B

(b) il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tagħhom;

(c) informazzjoni dwar il-ħtiġijiet globali tas-solvenza tal-impriża u paragun bejn dawk il-ħtiġijiet ta' solvenza, ir-rekwiżiti kapitali regolatorji u l-fondi proprji tal-impriża;

(d) informazzjoni kwalitattiva fuq, u fejn ikunu ġew identifikati devjazzjonijiet sinifikanti kwantifikazzjoni ta' kemm ir-riskji kwantifikabbli tal-impriżi mhumiex riflessi fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

Artikolu 307

Negozju u prestazzjoni

1. Ir-rapport superviżorju regolari jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar in-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) ix-xejriet ewlenin u l-fatturi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha inkluża l-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża u kwalunkwe kwistjoni legali jew regolatorja sinifikanti;

(b) a description of the business objectives of the undertaking, including the relevant strategies and time frames.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva segwenti dwar il-prestazzjoni ta' sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja materjali tan-negozju u ż-żoni ġeografiċi materjali fejn twettaq in-negozju matul il-perjodu tar-rappurtar, paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapurtata fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali;

(b) analiżi tal-prestazzjoni kumplessiva tas-sottoskrizzjoni tal-impriża matul il-perjodu tar-rappurtar;

(c) deskrizzjoni tal-għanijiet tan-negozju tal-impriża, inklużi l-istrateġiji u l-perjodi ta' żmien rilevanti.

(d) proġettazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-impriża dwar is-sottoskrizzjoni, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw tali prestazzjoni dwar is-sottoskrizzjoni, matul il-perjodu ta' ppjanar tan-negozju.

(e) information on any material risk mitigation techniques purchased or entered into during the reporting period.

▼B

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva segwenti dwar il-prestazzjoni tal-investimenti tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja operatorja materjali u ż-żoni ġeografiċi materjali meta twettaq in-negozju matul il-perjodu tar-rapportar, paragun tal-informazzjoni ma' dik fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali;

(b) analiżi tal-prestazzjoni globali tas-sottoskrizzjoni tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja operatorja matul il-perjodu tar-rapportar kontra projezzjonijiet, u fatturi sinifikanti li jaffettwaw devjazzjonijiet minn dawn il-projezzjonijiet;

(d) projezzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw it-tali prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha;

(e) (b) analiżi tal-prestazzjoni globali tal-investiment tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar kif ukoll skont il-klassi ta' assi rilevanti; (c) projezzjonijiet tal-prestazzjoni mistennija tal-investiment tal-impriża, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw it-tali prestazzjoni tal-investiment, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha; (d) is-suppożizzjonijiet ewlenin li tagħmel l-impriża fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħha fir-rigward taċ-ċaqliq ta' rati tal-imgħax, ir-rati tal-kambju, u parametri tas-suq rilevanti oħrajn, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha; (e)

4. informazzjoni dwar kwalunkwe investiment f'titolizzazzjoni, u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża fir-rigward tat-tali titoli jew strumenti. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe dħul u spejjeż materjali, ħlief dħul u spejjeż marbutin ma' sottoskrizzjoni jew investiment, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tal-impriża.

5. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward in-negozju u l-prestazzjoni tagħhom.

Artikolu 308

Sistema ta' governanza

1. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jiksbu fehim tajjeb tas-sistema ta' governanza fl-impriża, u jivvalutaw kemm hi xierqa għall-istrateġija u l-operazzjonijiet tan-negozju tal-impriża;

(b) informazzjoni marbuta mad-delegazzjoni tar-responsabbiltajiet, il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet tal-impriża;

(c) l-intitolamenti ta' remunerazzjoni tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, matul il-perjodu tar-rapportar u paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali.

▼B

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità:

(a) skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE, lista tal-persuni fl-impriża li huma responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin;

(b) informazzjoni dwar il-politiki u l-proċessi stabbiliti mill-impriża biex tiżgura li dawk il-persuni huma kompetenti u idonei.

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar l-istrateġiji tal-mmaniġġjar tar-riskju, l-objettivi, proċessi u l-proċeduri ta' rapportar tal-impriża għal kull kategorija ta' riskju;

(b) informazzjoni dwar riskji sinifikanti li l-impriża hija skoperta għalihom matul il-ħajja tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħha, u kif dawn ġew koperti fil-ħtiġijiet ġenerali tas-solvenza tagħha;

(c) informazzjoni dwar kwalunkwe riskju materjali li l-impriża identifikat u li mhuwiex totalment inkluż fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif stabbilit fl-Artikolu 101(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) informazzjoni dwar kif l-impriża tissodisfa l-obbligu tagħha li tinvesti l-assi kollha tagħha skont il-"prinċipju tal-persuna prudenti" stabbilit fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) informazzjoni dwar kif l-impriża tivverifika l-adegwatezza tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu inkluż kif u sa liema punt il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jintużaw minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu.

(f) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet rigward l-estrapolazzjoni tar-rata mingħajr riskju, l-aġġustament ta' korrispondenza u l-aġġustament tal-volatilità, kif imsemmi fl-Artikolu 44 (2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-valutazzjonijiet interni tar-riskju u s-solvenza li saru matul il-perjodu tar-rapportar mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' kif issir il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza, kif tiġi dokumentata u vverifikata internament;

(b) deskrizzjoni ta' kif il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza hi integrata fil-proċess ta' ġestjoni u fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża.

▼B

5. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' kontroll intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar il-proċeduri ewlenin li tinkludi s-sistema ta' kontroll intern;

(b) informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2009/138/KE matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) informazzjoni dwar il-politika ta' konformità tal-impriża mħejjija skont l-Artikolu 270 ta' dan ir-Regolament, il-proċess għar-rieżami ta' dik il-politika, il-frekwenza tar-rieżami u kwalunkwe bidla sinifikanti f'dik il-politika matul il-perjodu tar-rapportar.

6. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-uffiċċju tal-awditjar intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-awditjar intern imwettaq matul il-perjodu tar-rapportar, b'sommarju tas-sejbiet materjali u r-rakkomandazzjonijiet rrapportati lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża, u kwalunkwe azzjoni meħuda fir-rigward ta' dawn is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet;

(b) deskrizzjoni tal-politika tal-impriża dwar l-awditjar intern, il-proċess għar-rieżami ta' dik il-politika, il-frekwenza tar-rieżami u kwalunkwe bidla sinifikanti f'dik il-politika matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) deskrizzjoni tal-pjan tal-awditu tal-impriża, inkluż awditjar intern fil-ġejjieni u l-ħsieb wara dak l-awditjar tal-ġejjieni:

(d) meta l-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern jassumu funzjonijiet importanti oħrajn skont l-Artikolu 271(2), valutazzjoni, f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, tal-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 271(2).

7. Fir-rigward tal-funzjoni attwarja, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa mill-funzjoni attwarja f'kull wieħed mill-oqsma tar-responsabbilità tagħha matul il-perjodu tar-rapportar, u fih tiddeskrivi kif il-funzjoni attwarja tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża.

8. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-esternalizzazzjoni:

(a) meta l-impriża testernalizza xi funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti, il-ħsieb wara l-esternalizzazzjoni u evidenza li hemm fis-seħħ is-sorveljanza u s-salvagwardji xierqa;

▼B

(b) informazzjoni dwar il-forniturі tas-servizz li lilhom ġiet esternalizzata xi funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti u dwar kif l-impriża tiżgura li l-forniturі tas-servizzi jikkonformaw mal-Artikolu 274(3)(a).

(c) lista tal-persuni responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin esternalizzati fil-fornitur tas-servizz.

9. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 309

Profil tar-riskju

Artikolu 299 japplika għal nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji mħallta parteċipanti.

Artikolu 362

Skadenzi

L-Artikolu 300 japplika għad-divulgazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 300 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat.

Artikolu 363

Aġġornamenti

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti, ikollhom jiddivulgaw pubblikament, informazzjoni xierqa dwar in-natura u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp ewlieni li jaffettwaw materjalment ir-rilevanza tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp, huma jipprovdu verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport. L-Artikoli 359, 360 u 361 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni immedjata stabbilita fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp tiġi divulgata malajr kemm jista' jkun wara l-iżvilupp ewlieni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 364

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Artikolu 303 japplika għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni komparattiva minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti.

TAQSIMA 2

Rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja

Artikolu 365

Struttura u kontenut

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jipprovdu rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jippreżenta separatament l-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata fil-livell ta' grupp b'konformità mal-Artikolu 256(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u l-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata b'konformità mal-Artikoli 51, 53, 54 u 55 ta' dik id-Direttiva għal kwalunkwe sussidjarja koperta b'dan ir-rapport.

3. L-informazzjoni fil-livell ta' grupp u l-informazzjoni għal kwalunkwe sussidjarja koperta b'dak ir-rapport it-tnejn isegwu l-istruttura stabbilita fl-Anness XX. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, meta jipprovdu kwalunkwe parti tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata għal sussidjarja koperta, li jirreferu għal informazzjoni fil-livell ta' grupp, meta dik l-informazzjoni hija ekwivalenti kemm fin-natura kif ukoll fl-ambitu.

Artikolu 366

Lingwi

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jiddivulgaw ir-rapport uniku tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fil-lingwa jew lingwi determinati mis-superviżur tal-grupp.

2. Meta l-kulleġġ ta' superviżuri jinkludi awtoritajiet superviżorji minn iktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżur tal-grupp jista', wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp stess, jirrikjedi lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti biex jiddivulgaw ukoll ir-rapport imsemmi fil-paragarfu 1 f'lingwa oħra li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ ta' superviżuri.

▼B

3. Meta kwalunkwe mis-sussidjarji koperti mir-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru li l-lingwa jew lingwi uffiċjali tiegħu huma differenti mil-lingwa jew lingwi li bihom huwa divulgat dak ir-rapport skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista', wara li tikkonsulta lis-superviżur tal-grupp u lill-grupp stess, tirrikjedi lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti biex jinkludu f'dak ir-rapport traduzzjoni tal-informazzjoni relatata ma' dik is-sussidjarja f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jiddivulgaw traduzzjoni fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru tal-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) is-sommarju tal-informazzjoni minn dak ir-rapport relatat mal-grupp;

(b) l-informazzjoni minn dak ir-rapport relatata ma' dik is-sussidjarja, sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni mill-awtorità superviżorja kkonċernata.

Artikolu 367

Nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. L-Artikolu 361 japplika rigward l-informazzjoni fil-livell tal-grupp.

2. L-Artikolu 299 japplika rigward l-informazzjoni dwar kwalunkwe sussidjarja fil-grupp.

Artikolu 368

Skadenzi

L-Artikolu 300 ta' dan ir-Regolament japplika għall-iskadenzi għad-divulgazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 300 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat biss matul perjodu ta' mhux iktar minn erba' snin mill-1 ta' Jannar 2016.

Artikolu 369

Aġġornamenti

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jkollhom jiddivulgaw pubblikament informazzjoni dwar in-natura u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp ewlieni li jaffettwaw materjalment ir-rilevanza tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom, huma jipprovdu verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport. L-Artikoli 365, 366 u 367 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni immedjata stabbiliti fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tiġi divulgata malajr kemm jista' jkun wara l-iżviluppi ewlenin imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 370

Referenza

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jipprovdu rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fir-rigward ta' xi wħud mis-sussidjarji tagħhom biss, japplikaw l-obbligi kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni l-oħra li huma sussidjarji ta' dik l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni u l-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti jinkludu fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom referenza għar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja ddivulgat.

(b) ir-rapporti uniċi dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja divulgati skont l-Artikolu 256(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludu b'mod ugwali referenza għar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja ta' dawk l-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni oħrajn.

2. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti ma jipprovdux rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma sussidjarji ta' dik l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni u l-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti, jinkludu fir-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja referenza għar-rapporti dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja divulgata, b'konformità mal-Artikolu 256(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 371

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Artikolu 303 japplika għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni komparattiva minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti.

▼B

KAPITOLU VI

RAPPURTAR SUPERVIŻORJU TAL-GRUPP

TAQSIMA 1

Rappurtar regolari

Artikolu 372

Elementi u kontenut

1. L-Artikoli 304 sa 311 ta' dan ir-Regolament japplikaw għall-informazzjoni li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti huma rikjesti li jissottomettu lis-superviżur tal-grupp. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha fil-grupp huma eżentati minn obbligi ta' rappurtar kull tliet xhur f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp jinkludi mudelli kwantitattivi annwali biss. Obbligi ta' rappurtar annwali ma jinkludux rappurtar abbażi ta' punt b'punt fejn l-impriżi kollha fil-grupp huma eżentati minn b'konformità mal-Artikolu 35 (7) ta' dik id-Direttiva.

2. Ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp jinkludi l-informazzjoni kollha addizzjonali segwenti:

(a) rigward in-negozju u l-prestazzjoni tal-grupp:

(i) lista tas-sussidjarji, impriżi u fergħat relatati;

(ii) deskrizzjoni ta' attivitajiet u sorsi ta' qligħ jew telf għal kull impriża materjali relatata skont it-tifsira tal-Artikolu 256a tad-Direttiva 2009/138/KE u għal kull fergħa sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 354(1) ta' dan ir-Regolament;

(iii) deskrizzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kull sussidjarja għall-kisba tal-istrateġija tal-grupp;

(iv) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar tranżazzjonijiet sinifikanti intragrupp minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mal-grupp u l-ammont tat-tranzazzjonijiet fuq il-perjodu tar-rappurtar u l-bilanċi pendenti tagħhom fl-aħħar tal-perjodu tar-rappurtar;

(b) rigward is-sistema ta' governanza tal-grupp:

(i) deskrizzjoni ta' kif il-mekkaniżmu ta' kontroll intern tal-grupp jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 246(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) meta applikabbli, informazzjoni dwar is-sussidjarji inkluża fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 246(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(iii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar riskji speċifiċi materjali fil-livell ta' grupp;

(c) rigward l-immaniġġjar kapitali tal-grupp:

(i) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fondi proprji għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-grupp, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fondi proprji għal kull kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni intermedjarja, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta intermedjarja u impriża tas-servizzi anċillari fil-grupp, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(iii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżiti tas-solvenza u fondi proprji għal kull impriża relatata li hija istituzzjoni ta' kreditu, ditta ta' investiment, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija ta' mmaniġġjar tal-UCITS, maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi jew istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali sakemm tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(iv) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza nozzjonali u fondi proprji għal kull impriża relatata li hija impriża mhux regolata li twettaq attivitajiet finanzjarji, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(v) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatata, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp; meta jintuża l-metodu 2 skont it-tifsira tal-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE fil-każ ta' impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatata li għandha l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz li r-reġim ta' solvenza tiegħu huwa meqjus li huwa ekwivalenti skont l-Artikolu 227 ta' dik id-Direttiva, il-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat dak ir-rekwiżit kif stabbilit mill-pajjiż terz ikkonċernat jiġi identifikat separatament;

(vi) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji għal kull impriża relatata oħra sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(vii) deskrizzjoni ta' veikolu bi skop speċjali fil-grupp li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(viii) deskrizzjoni ta' veikoli bi skop speċjali fil-grupp, li huma regolati minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, għall-finijiet tal-inklużjoni ta' deskrizzjoni tal-verifika mwettqa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jekk ir-rekwiżiti li għalihom huma suġġetti dawn il-veikoli bi skop speċjali fil-pajjiż terz humiex ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ix) deskrizzjoni ta' kull entità bi skop speċjali fil-grupp minbarra dawk riferuti fil-punti (vii) u (viii) flimkien ma' informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji ta' dawn l-entitajiet, sakemm dawn jiġu inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(x) fejn rilevanti, għall-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni relatati kollha li huma inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kif l-impriża tikkonforma mal-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(xi) fejn rilevanti, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-punti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 222(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li ma tistax issir disponibbli effettivament biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti li għalihom tiġi kkalkulata s-solvenza tal-grupp, inkluża deskrizzjoni dwar kif sar l-aġġustament tal-fondi proprji tal-grupp;

(xii) fejn rilevanti, informazzjoni kwalitattiva dwar il-motivi għall-klassifikazzjoni ta' punti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikoli 332 u 333 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 373

Skadenzi

L-Artikolu 312 ta' dan ir-Regolament japplika għas-sottomissjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport superviżorju regolari tal-grupp tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 312 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat, minbarra għar-rapport superviżorju tal-ORSA.

Artikolu 374

Lingwi

Meta l-kulleġġ ta' superviżuri jinkludi awtoritajiet superviżorji minn iktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżur tal-grupp jista' wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp stess jirrikjedi li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti

▼B

jirrapportaw ir-rappurtar superviżorju regolari tal-grupp b'lingwa li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ tas-superviżuri.

Artikolu 375

Informazzjoni tranżizzjonali addizzjonali dwar il-gruppi

1. Minbarra l-obbligi tar-rappurtar tal-grupp superviżorju ta' dan il-kapitolu, fir-rigward tal-ewwel sena tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE kif imsemmija fl-Artikolu 311(3) ta' dik id-Direttiva, l-Artikolu 314(1) ta' dan ir-Regolament japplika għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 314(1) tiġi sottomessa lis-superviżur tal-grupp.

▼M1

2. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti għandhom jissottomettu lis-superviżur tal-grupp l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn 26 ġimgħa wara d-data ta' referenza tad-dikjarazzjoni finanzjarja tal-bidu kif imsemmi fl-Artikolu 314(1)(a).

▼B

TAQSIMA 2

Rappurtar dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju u tranżazzjonijiet bejn il-gruppi

Artikolu 376

Konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju (definizzjoni, identifikazzjoni u limiti massimi)

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw konċentrazzjonijiet tar-riskju li jistgħu jheddu s-solvenza jew il-pożizzjoni ta' likwidità tal-grupp bħala konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju, li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tal-anqas jikkunsidraw esponimenti diretti u indiretti tal-impriżi fil-grupp lil dawn kollha li ġejjin:

(a) kontrapartijiet individwali;

(b) gruppi ta' individwi iżda kontrapartijiet interkonnessi, pereżempju impriżi fl-istess grupp korporattiv;

(c) żoni ġeografiċi speċifiċi jew setturi tal-industrija;

(d) diżastri jew katastrofi naturali.

▼B

3. Meta jiġu determinati limiti massimi xierqa fi grupp partikolari għal konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju li għandhom jiġu rapportati, is-superviżur tal-grupp jikkunsidra l-elementi li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-grupp;

(b) il-kumplessità tal-istruttura tal-grupp;

(c) l-importanza ta' entitajiet regolati minn setturi finanzjarji oħra jew entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji;

(d) id-diversifikazzjoni tal-portafoll ta' investiment tal-grupp;

(e) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-grupp, f'termini ta' oqsma ġeografiċi jew linji ta' negozju.

Artikolu 377

Tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti (definizzjoni, identifikazzjoni)

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw bħala tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, it-tranżazzjonijiet intragrupp li jinfluwenzaw materjalment il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-grupp jew ta' waħda mill-impriżi involuti f'dawn it-tranżazzjonijiet.

2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw dawn kollha li ġejjin:

(a) investimenti;

(b) bilanċi interkumpaniji, inklużi selfiet, riċevibbli u arranġamenti sabiex jiġi ċentralizzat l-immaniġġjar tal-assi jew il-flus;

(c) garanziji u impenji bħall-ittri ta' kreditu;

(d) tranżazzjonijiet derivattivi;

(e) dividendi, kupuni, u pagamenti ta' interessi oħra;

(f) operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni;

(g) provvediment ta' servizzi jew ftehimiet għall-qsim tal-ispejjeż;

(h) xiri, bejgħ jew lokazzjoni ta' assi.

▼B

TITOLU III

EKWIVALENZA TA' PAJJIŻ TERZ U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU I

IMPRIŻI LI JWETTQU ATTIVITAJIET TA' RIASSIGURAZZJONI LI GĦANDHOM L-UFFIĊĊJU PRINĊIPALI TAGĦHOM F'PAJJIŻ TERZ

Artikolu 378

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk ir-reġim ta' solvenza ta' pajjiż terz li japplika għall-attivitajiet ta' riassigurazzjoni ta' impriżi li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'dak il-pajjiż terz humiex ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu I tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz għandhomx is-setgħa, bis-saħħa ta' liġi jew regolament, li b'mod effettiv jissupervizjonaw impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni jew impriżi ta' riassigurazzjoni u jimponu sanzjonijiet jew jieħdu azzjoni ta' infurzar fejn neċessarju;

(b) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz għandhomx il-mezzi neċessarji, il-ħiliet esperti rilevanti, il-kapaċitajiet inklużi riżorsi finanzjarji u umani, u l-mandat li jipproteġu b'mod effettiv detenturi tal-poloz u benefiċjarji irrispettivament min-nazzjonalità jew post ta' residenza tagħhom;

(c) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, fl-eżerċitar tal-obbligi ġenerali tagħhom, jikkunsidrawx kif xieraq l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji globali, b'mod partikolari matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien;

(d) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jikkunsidrawx l-effetti proċikliċi potenzjali tal-azzjonijiet tagħhom meta jokkorru movimenti eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji;

(e) jekk il-bidu tan-negozju tar-riassigurazzjoni f'dak il-pajjiż terz huwiex soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel kundizzjonali għal sett ta' standards bil-miktub li jkunu ċari, oġġettivi u disponibbli pubblikament;

(f) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li jkollhom stabbilita sistema ta' governanza effettiva li tipprevedi immaniġġjar sod u prudenti tan-negozju u li jippreskrivi s-segwenti:

(i) l-eżistenza ta' struttura organizzazzjonali adegwata u trasparenti b'allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet,

▼B

(ii) rekwiżiti li jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża huma idonei, li huma ekwivalenti għall-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE,

(iii) l-eżistenza ta' proċessi effettivi li jiżguraw it-trażmissjoni f'waqtha kemm fl-impriża kif ukoll lill-impriżi superviżorji rilevanti;

(iv) rekwiżiti li jiżguraw li funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati jiġu ssorveljati b'mod effettiv;

(g) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li jkollhom stabbilita sistema tal-immaniġġjartar-riskju effettiva li tinkludi dawn li ġejjin:

(i) strateġiji, proċessi u proċeduri ta' rappurtar neċessarji għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, l-immaniġġjar u r-rappurtar ta' riskji, li għalihom l-impriża hija jew tista' tkun esposta, f'livell individwali jew aggregat u fuq bażi kontinwa, u l-interdipendenzi tagħhom;

(ii) sistema ta' kontroll interna effettiva;

(h) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni jistabbilixxu u jżommu funzjonijiet effettivi tal-immaniġġjar tar-riskju, konformità, awditjar intern u attwarju;

(i) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiżi terz jirrikjedix impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet tar-riassigurazzjoni biex:

(i) jipprovdu lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bi kwalunkwe informazzjoni neċessarja għall-finijiet tas-superviżjoni;

(ii) jiddivulgaw pubblikament, tal-anqas fuq bażi annwali, rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom ekwivalenti għal dak speċifikat fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(j) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li bidliet proposti għall-politika tan-negozju jew l-immaniġġjar tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jew parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fit-tali impriżi, humiex konsistenti maż-żamma tal-immaniġġjarsod u prudenti ta' dawk l-impriżi;

(k) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk ir-rekwiżiti ta' solvenza humiex ibbażati fuq il-valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

▼B

(l) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni, ikollhom riżorsi finanzjarji adegwati inklużi r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) rekwiżit li dawk l-impriżi jistabbilixxu dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi ta' riassigurazzjoni kollha tagħhom lejn id-detenturi tal-poloz u benefiċjarji tal-kuntratti ta' riassigurazzjoni,

(ii) rekwiżit li l-assi miżmuma biex jiġu koperti dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji kollha b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan ta' polza divulgat,

(iii) rekwiżit li dawk l-impriżi jinvestu biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq,

(iv) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti f'livell ekwivalenti għal dak imsemmi fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fl-eventwalità ta' telfiet sinifikanti, id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji jkunu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti,

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi jżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod awtomatiku intervent superviżorju,

(vi) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali msemmija fil-punti (iv) u (v) mal-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

(m) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u li meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġi indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(n) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (l)(iv) ma jiġix issodisfat;

▼B

(o) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(p) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(q) jekk ir-reġim ta' solvenza tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta kumpanija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali;

(r) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju tar-riassigurazzjoni, is-sistema ta' governanza u d-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza,

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet,

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji,

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(s) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

▼B

KAPITOLU II

IMPRIŻI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAR-RIASSIGURAZZJONI TA' PAJJIŻ TERZ RELATATI

Artikolu 379

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk reġim ta' solvenza ta' pajjiż terz li japplika għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'dak il-pajjiż terz hux ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu I, Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk ir-rekwiżiti ta' solvenza humiex ibbażati fuq valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

(b) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati inklużi s-segwenti kollha:

(i) rekwiżit li dawk l-impriżi jistabbilixxu dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kollha tagħhom lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji ta' kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni,

(ii) rekwiżit li l-assi miżmuma biex jiġu koperti dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji kollha b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan ta' polza divulgat,

(iii) rekwiżit li dawk l-impriżi jinvestu biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq,

(iv) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti fil-livell ekwivalenti għal dak miksub mill-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fil-każ ta' telfiet sinifikanti detenturi ta' poloz u benefiċjarji jiġu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti,

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi jżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod awtomatiku intervent superviżorju,

(vi) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali msemmija fil-punti (iv) u (v) mal-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

▼B

(c) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġi indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(d) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (b)(iv) ma jiġix issodisfat;

(e) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(f) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(g) jekk ir-reġim ta' solvenza tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta kumpanija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali;

(h) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju tar-riassigurazzjoni, is-sistema ta' governanza u s-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza,

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet,

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji,

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(i) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik

▼B

l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

KAPITOLU III

IMPRIŻI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAR-RIASSIGURAZZJONI LI GĦANDHOM L-IMPRIŻI PRINĊIPALI BARRA MILL-UNJONI

Artikolu 380

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk ir-reġim prudenzjali f'pajjiż terz għas-superviżjoni tal-gruppi hux ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu III tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz għandhomx il-mezzi neċessarji, il-ħila esperta rilevanti, il-kapaċitajiet inklużi r-riżorsi finanzjarji u umani, u l-mandat li jipproteġu b'mod effettiv detenturi ta' poloz u benefiċjarji, irrispettivament min-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom;

(b) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz għandhomx is-setgħa bis-saħħa tal-liġi jew ta' Regolament biex:

(i) jiddeterminaw liema impriżi jaqgħu fl-ambitu tas-superviżjoni fil-livell ta' grupp,

(ii) jagħmlu superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti minn grupp,

(iii) jimponu sanzjonijiet jew jieħdu azzjoni ta' infurzar fejn neċessarju;

(c) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz humiex kapaċi jivvalutaw b'mod effettiv il-profil tar-riskju u l-pożizzjoni ta' solvenza u finanzjarja tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti ta' grupp kif ukoll l-istrateġija tan-negozju ta' dak il-grupp;

(d) jekk l-ambitu tas-superviżjoni fil-livell ta' grupp tal-anqas tinkludi l-impriżi kollha li fuqhom, impriża parteċipanti, kif definita fl-Artikolu 212(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE, teżerċita influwenza dominanti jew sinifikanti meta dan ma jkunx xieraq għall-għanijiet tas-superviżjoni tal-grupp;

(e) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz, fl-eżerċitar tal-obbligi ġenerali, jikkunsidraw kif xieraq l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-istabbiltà ta' sistemi finanzjarji dinjija, b'mod partikolari matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien;

▼B

(f) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jikkunsidrawx l-effetti proċikliċi potenzjali tal-azzjonijiet tagħhom meta jokkorru movimenti eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji;

(g) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix sistema ta' governanza fil-livell ta' grupp li tipprevedi immaniġġjar sod u prudenti tan-negozju u li tippreskrivi dawn li ġejjin:

(i) l-eżistenza ta' struttura organizzazzjonali adegwata u trasparenti b'allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet,

(ii) rekwiżiti li jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża huma idonei, li huma ekwivalenti għall-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) l-eżistenza ta' proċessi effettivi li jiżguraw it-trażmissjoni f'waqtha kemm fl-impriża kif ukoll lill-impriżi superviżorji rilevanti;

(iv) rekwiżiti li jiżguraw li funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati jiġu ssorveljati b'mod effettiv;

(h) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li tkun stabbilita sistema effettiva tal-immaniġġjar tar-riskju fil-livell tal-grupp li tal-anqas tinkludi dawn li ġejjin:

(i) strateġiji, proċessi u proċeduri ta' rappurtar interni neċessarji għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, l-immaniġġjar u r-rappurtar ta' riskji, fuq bażi kontinwa, li l-grupp huwa jew jista' jkun espost għalihom u l-interdipendenzi tagħhom;

(ii) sistema ta' kontroll interna effettiva;

(i) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp ikollu proċeduri ta' rrappurtar u ta' kontabbiltà sodi sabiex jiġu mmonitorjati u mmaniġġjati t-tranżazzjonijiet intragrupp u l-konċentrazzjonijiet tar-riskju;

(j) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li jkunu stabbiliti u miżmuma funzjonijiet effettivi tal-immaniġġjar tar-riskju, il-konformità, tal-awditjar intern u attwarju mill-grupp;

(k) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp jagħmel dawn kollha li ġejjin:

(i) jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bi kwalunkwe informazzjoni neċessarja għall-finijiet tas-superviżjoni;

(ii) jirrapporta konċentrazzjoni sinifikanti tar-riskju fil-livell tal-grupp u tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, fuq bażi annwali;

▼B

(ii) jiddivulga pubblikament, tal-anqas fuq bażi annwali, rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom ekwivalenti għal dak speċifikat fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(l) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-bidliet proposti għall-politika tan-negozju u l-immaniġġjar tal-grupp, jew għal kumpaniji kwalifikanti fil-grupp, ikunu konsistenti mal-immaniġġjar sod u prudenti tal-grupp;

(m) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk il-valutazzjoni tas-solvenza hix ibbażata fuq il-valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

(n) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp ikollu riżorsi finanzjarji adegwati inklużi dawn li ġejjin kollha:

(i) rekwiżit li dak il-grupp jistabbilixxi dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni kollha tiegħu lejn id-detenturi tal-poloz u benefiċjarji ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar- riassigurazzjoni li huma parti mill-grupp;

(ii) rekwiżit li assi miżmuma biex ikopru dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi kollha tal-poloz u l-benefiċjarji b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan divulgat tal-poloz;

(iii) rekwiżit li dak il-grupp jinvesti biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq;

(iv) rekwiżit mill-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz li l-grupp jissodisfa r-rekwiżiti kapitali stabbiliti f'livell ekwivalenti għal dak miksub mill-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fl-eventwalità ta' telfiet sinifikanti, id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji ikunu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti;

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti mill-grupp iżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod aħħari intervent superviżorju;

(vi) rekwiżit li r-rekwiżit tal-kapital tal-grupp jiġi ssodisfat mill-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

▼B

(o) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġix indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(p) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (n)(iv) ma jiġix issodisfat;

(q) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jillimitawx l-użu tal-punti tal-fondi proprji ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatat meta jqisu li ma jistgħux isiru disponibbli b'mod effettiv sabiex ikopru r-rekwiżit kapitali tal-impriża parteċipanti li għalih is-solvenza tal-grupp hija kkalkulata;

(r) jekk il-kalkolu tas-solvenza tal-grupp fir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipproduċix riżultat li huwa tal-anqas ekwivalenti għar-riżultat miksub minn kwalunkwemetodu stabbilit fl-Artikoli 230 u 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew taħlita tagħhom, u li l-kalkolu jiżgura li ma hemmx użu doppju ta' fondi proprji sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit kapitali tal-grupp u li t-twaqqif ta' intragrupp ta' kapital permezz ta' finanzjament reċiproku jiġi eliminat;

(s) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(t) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(u) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali;

▼B

(v) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji oħra, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju, is-sistema ta' governanza u d-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza;

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet;

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji;

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(w) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 381

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

LINJI TA' NEGOZJU

A. **Obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja**

(1) *Assigurazzjoni tal-ispiża medika*

Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ispiża medika fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja, minbarra obbligi inklużi fil-linja ta' negozju 3.

(2) *Assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-introjtu*

Obbligi tal-assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-introjtu fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja, minbarra obbligi inklużi fil-linja ta' negozju 3.

(3) *Assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema*

Obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa relatati ma' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti industrijali u mard marbut max-xogħol u fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja.

(4) *Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ta' vetturi bil-mutur*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi bil-mutur li joperaw fuq l-art (inkluża l-obbligazzjoni tat-trasportatur).

(5) *Assigurazzjoni ta' vetturi oħrajn*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha lil vetturi tal-art jew it-telf tagħhom (inkluż materjal ferrovjarju fuq ir-roti).

(6) *Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha fuq bastimenti tal-baħar, tal-lagi, tax-xmajjar u tal-kanali, inġenji tal-ajru jew it-telf tagħhom, u l-ħsarat lil merkanzija fi tranżitu jew bagalji, jew it-telf tagħhom, irrispettivament mill-forma ta' trasport. Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-użu ta' inġenji tal-ajru, bastimenti jew dgħajjes fuq il-baħar, il-lagi, ix-xmajjar jew il-kanali (inkluża l-obbligazzjoni tat-trasportatur).

(7) *Assigurazzjoni kontra l-ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha lil propjetà jew it-telf tagħha minbarra dawk inklużi fil-linji ta' negozju 5 u 6 minħabba nar, splużjonijiet, forzi naturali inklużi maltempati, silġ jew ġlata, enerġija nukleari, kollass tal-art u kwalunkwe avveniment bħas-serq.

(8) *Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ġenerali*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru r-responsabbiltajiet kollha minbarra dawk fil-linji ta' negozju 4 u 6.

(9) *Assigurazzjoni dwar kreditu u garanzija*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-insolvenza, il-kreditu tal-esportazzjoni, il-krediti ta' ħlas bin-nifs, il-kreditu agrikolu u garanzija diretta u indiretta.

(10) *Assigurazzjoni ta' spejjeż legali*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru spejjeż legali u spejjeż ta' litigazzjoni.

(11) *Assistenza*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru assistenza lil persuni li jsibu ruħhom f'diffikultà huma u jivvjaġġaw, meta jkunu bogħod minn darhom jew meta jkunu mbiegħda mir-residenza permanenti tagħhom.

▼B

(12) *Telf finanzjarju mixxellanju*

